Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B **REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1580/2007**

tal-21 ta' Diċembru 2007

li jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2201/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex

(ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 292/2008 ta' l-1 ta' April 2008	L 90	3	2.4.2008
►M2	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 352/2008 tat-18 ta' April 2008	L 109	9	19.4.2008
►M3	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 498/2008 ta' l-4 ta' Ġunju 2008	L 146	7	5.6.2008
►M4	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 514/2008 tad-9 ta' Ġunju 2008	L 150	7	10.6.2008
►M5	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 590/2008 tat-23 ta' Ġunju 2008	L 163	24	24.6.2008
►M6	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 853/2008 tat-18 ta' Awwissu 2008	L 232	3	30.8.2008
►M7	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1050/2008 ta' l-24 ta' Ottubru 2008	L 282	10	25.10.2008
►M8	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1221/2008 5 ta' Diċembru 2008	L 336	1	13.12.2008
►M9	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1277/2008 tas-17 ta' Diċembru 2008	L 339	76	18.12.2008
►M10	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1327/2008 tad-19 ta' Diċembru 2008	L 345	24	23.12.2008
►M11	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 313/2009 tas-16 ta' April 2009	L 98	24	17.4.2009
►M12	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 434/2009 tas-26 ta' Mejju 2009	L 128	10	27.5.2009
►M13	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 441/2009 tas-27 ta' Mejju 2009	L 129	10	28.5.2009
►M14	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 635/2009 tal-14 ta' Lulju 2009	L 191	3	23.7.2009
►M15	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 771/2009 tal-25 ta' Awwissu 2009	L 223	3	26.8.2009
►M16	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 772/2009 tal-25 ta' Awwissu 2009	L 223	20	26.8.2009
►M17	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1031/2009 tad-29 ta' Ottubru 2009	L 283	47	30.10.2009
►M18	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1256/2009 tal-15 ta' Diċembru 2009	L 338	20	19.12.2009
►M19	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 74/2010 tas-26 ta' Jannar 2010	L 23	28	27.1.2010
►M20	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 331/2010 tat-22 ta' April 2010	L 102	8	23.4.2010
►M21	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 460/2010 tas-27 ta' Mejju 2010	L 129	50	28.5.2010
►M22	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2010 tad-29 ta' Lulju 2010	L 198	5	30.7.2010
►M23	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 687/2010 tat-30 ta' Lulju 2010	L 199	12	31.7.2010
►M24	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 816/2010 tas-16 ta' Settembru 2010	L 245	14	17.9.2010

▼B

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1580/2007

tal-21 ta' Diċembru 2007

li jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2201/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex

Il-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96 tat-28 ta' Ottubru 1996 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-frott u l-ħxejjex ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/96 tat-28 ta' Ottubru 1996 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq tal-prodotti tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1182/2007 tas-26 ta' Settembru 2007 li jistabbilixxi regoli speċifiċi fir-rigward tas-settur tal-frott u l-ħxejjex li jemenda d-Direttivi 2001/112/KE u 2001/113/KE u r-Regolamenti (KEE) Nru 827/68, (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2201/96, (KE) Nru 2826/2000, (KE) Nru 1782/2003 u (KE) Nru 318/2006 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2202/96 ([3]), u b'mod partikolari l-Artikolu 42 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1182/2007 immodifika r-reġim preċedenti tas-settur tal-frott u l-ħxejjex kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 2200/96, ir-Regolament (KE) Nru 2201/96 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2202/96 tat-28 ta' Ottubru 1996 introduċa skema ta' għajnuna Komunitarja għal produtturi ta' ċerti frott taċ-ċitru ([4]).

(2) Ir-regoli ta' implimentazzjoni eżistenti li jkopru s-settur tal-frott u l-ħxejjex huma inklużi f'numru kbir ta' regolamenti, li ħafna minnhom kienu emendati diversi drabi. Dawk ir-regoli ta' implimentazzjoni għandhom ikunu mibdula minħabba modifikazzjonijiet magħmula lir-reġim tal-frott u l-ħxejjex mir-Regolament (KE) Nru 1182/2007, kif ukoll fid-dawl ta' l-esperjenza. Il-firxa tal-bidliet toħloq il-bżonn, biex kollox ikun ċar, li dawn ir-regoli ta' implimentazzjoni jkunu kollha inkorporati f'Regolament ġdid u separat.

(3) Ir-Regolamenti tal-Kummissjoni li ġejjin għandhom għalhekk ikunu abrogati:

— Regolament (KE) Nru 3223/94 tal-21 ta' Diċembru dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-arranġamenti dwar l-importazzjoni tal-frott u ħxejjex ([5]),

([1]) ĠU L 297, 21.11.1996, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament Kunsill (KE) Nru 6/2005 (ĠU L 2, 5.1.2005, p. 3).
([2]) ĠU L 297, 21.11.1996, p. 29. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bl-Att ta' Adeżjoni 2003.
([3]) ĠU L 273, 17.10.2007, p. 1.
([4]) ĠU L 297, 21.11.1996, p. 49. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bl-Att ta' Adeżjoni 2003.
([5]) ĠU L 337, 24.12.1994, p. 66. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 756/2007 (ĠU L 172, 30.6.2007, p. 41).

▼B

— Regolament (KE) Nru 1555/96 tat-30 ta' Lulju 1996 dwar regoli ta' applikazzjoni għal dazji addizzjonali ta' importazzjoni fuq frott u ħxejjex ([1]),

— Regolament (KE) Nru 961/1999 tas-6 ta' Mejju 1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati ta' implimentazzjoni li għandhom x'jaqsmu ma' l-estensjoni tar-regoli maħruġa minn organizzazzjonijiet produtturi fis-settur tal-frott u l-ħaxix ta' l-ikel ([2]),

— Regolament (KE) Nru 544/2001 ta' l-20 ta' Marzu 2001 li jistabbilixxi r-regoli sabiex jiġi applikat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96 rigward l-għajnuna finanzjarja addizzjonali għall-fondi operazzjonali ([3]),

— Regolament (KE) Nru 1148/2001 tat-12 ta' Ġunju 2001 fuq kontrolli ta' konformità ma' l-istandards tal-marketing fis-settur tal-frott u l-ħaxix frisk ([4]),

— Regolament (KE) Nru 2590/2001 tal-21 ta' Diċembru 2001 li japprova l-kundizzjonijiet għall-verifiki ta' konformità tal-istandards tal-marketing applikabbli għall-frott frisk u ħxejjex esegwiti fl-Iżvizzera qabel l-importazzjoni fil-Komunità Ewropea ([5]),

— Regolament (KE) Nru 1791/2002 tad-9 ta' Ottubru 2002 li japprova operazzjonijiet ta' kontroll tal-konformità ma' l-istandards ta' marketing applikabbli għall-frott u ħaxix frisk li jsiru fil-Marokk qabel l-importazzjoni fil-Komunità Ewropea ([6]),

— Regolament (KE) Nru 2103/2002 tat-28 ta' Novembru 2002 li japprova operazzjonijiet ta' spezzjoni tal-konformità għall-istandards tal-marketing applikabbli għall-frott u ħaxix frisk imwettqin fl-Afrika ta' Isfel qabel l-importazzjoni għal ġol-Komunità Ewropea ([7]),

— Regolament (KE) Nru 48/2003 ta' l-10 ta' Jannar 2003 iniżżel ir-regoli li japplikaw għal taħlitiet ta' tipi differenti ta' frott u ħaxix frisk fl-istess pakkett ta' bejgħ ([8]),

— Regolament (KE) Nru 606/2003 tat-2 ta' April 2003 li japprova operazzjonijiet tal-verifika tal-konformità ma' l-istandards tal-marketing li japplikaw għall-frott frisk u l-ħxejjex imwettqa fl-Iżrael qabel l-importazzjoni tagħhom fil-Komunità ([9]),

([1]) ĠU L 193, 3.8.1996, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 977/2007 (ĠU L 217, 22.8.2007, p. 9).
([2]) ĠU L 119, 7.5.1999, p. 23.
([3]) ĠU L 81, 21.3.2001, p. 20.
([4]) ĠU L 156, 13.6.2001, p. 9. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 408/2003 (ĠU L 62, 6.3.2003, p. 8).
([5]) ĠU L 345, 29.12.2001, p. 20.
([6]) ĠU L 272, 10.10.2002, p. 7.
([7]) ĠU L 324, 29.11.2002, p. 11.
([8]) ĠU L 7, 11.1.2003, p. 65.
([9]) ĠU L 86, 3.4.2003, p. 15.

▼B

— Regolament (KE) Nru 761/2003 tat-30 ta' April 2003 li japprova l-operazzjonijiet biex jivverifikaw il-konformità ma' l-istandards tal-marketing għall-frott frisk u l-ħxejjex imwettqa fl-Indja qabel l-importazzjoni fil-Komunità ([1]),

— Regolament (KE) Nru 1432/2003 tal-11 ta' Awwissu 2003 li jistabbilixxi r-regoli dettaljati sabiex jiġi applikat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96 li jirrigwarda l-kundizzjonijiet għall-għarfien ta' l-organizzazzjonijiet tal-produtturi u l-għarfien preliminari tal-gruppi tal-produtturi ([2]),

— Regolament (KE) Nru 1433/2003 tal-11 ta' Awwissu 2003 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96 dwar il-fondi operattivi, programmi operazzjonali u għajnuna finanzjarja ([3]),

— Regolament (KE) Nru 1943/2003 tat-3 ta' Novembru 2003 li jistabbilixxi r-regoli sabiex jiġi applikat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96 rigward l-għajnuna lill-gruppi tal-produtturi li huma konċessi l-għarfien preliminari ([4]),

— Regolament (KE) Nru 103/2004 tal-21 ta' Jannar 2004 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96 f'dak li jirrigwardja l-arranġamenti ta' l-intervent u t-tneħħija mis-suq tas-settur tal-frott u l-ħxejjex ([5]),

— Regolament (KE) Nru 1557/2004 ta' l-1 ta' Settembru 2004 li japprova l-operazzjonijiet li jivverfikaw il-konformità ma' l-istandards għall-kummerċjalizzazzjoni applikabbli għal ċertu frott frisk li jsiru fi New Zealand qabel l-importazzjoni fil-Komunità ([6]),

— Regolament (KE) Nru 179/2006 ta' l-1 ta' Frar 2006 li jintroduċi sistema ta' liċenzji ta' importazzjoni għal tuffieħ importat minn pajjiżi terzi ([7]),

— Regolament (KE) Nru 430/2006 tal-15 ta' Marzu 2006 li japprova operazzjonijiet għall-verifika tal-konformità ma' l-istandards tal-marketing applikabbli għall-frott frisk u ħxejjex imwettqa fis-Senegal qabel ma jkunu importati fil-Komunità ([8]),

— Regolament (KE) Nru 431/2006 tal-15 ta' Marzu 2006 li japprova l-operazzjonijiet għall-verifika tal-konformità ma' l-istandards tal-marketing applikabbli għall-frott frisk u ħxejjex imwettqa fil-Kenya qabel ma jkunu importati fil-Komunità ([9]),

([1]) ĠU L 109, 1.5.2003, p. 7.
([2]) ĠU L 203, 12.8.2003, p. 18.
([3]) ĠU L 203, 12.8.2003, p. 25. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 576/2006 (ĠU L 100, 8.4.2006, p. 4).
([4]) ĠU L 286, 4.11.2003, p. 5. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 222/2005 (ĠU L 39, 11.2.2005, p. 17).
([5]) ĠU L 16, 23.1.2004, p. 3.
([6]) ĠU L 283, 2.9.2004, p. 3.
([7]) ĠU L 29, 2.2.2006, p. 26.
([8]) ĠU L 79, 16.3.2006, p. 7.
([9]) ĠU L 79, 16.3.2006, p. 9.

▼B

— Regolament (KE) Nru 1790/2006 tal-5 ta' Diċembru 2006 li japprova operazzjonijiet għall-verifika tal-konformità ma' l-istandards tal-marketing applikabbli għall-frott frisk u ħxejjex imwettqa fit-Turkija qabel ma jkunu importati fil-Komunità ([1]).

(4) Għandhom ikunu adottati regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007.

(5) Għandhom ikunu stabbiliti snin ta' marketing għal prodotti ta' frott u ħxejjex. Billi m'hemmx aktar skemi ta' għajnuna fis-settur li jsegwu ċ-ċiklu tal-ħsad tal-prodotti kkonċernati, is-snin tas-suq kollha jistgħu jkunu armonizzati sabiex jidħlu fis-sena kalendarja.

(6) Ir-Regolament (KE) Nru 1182/2007 jawtorizza lill-Kummissjoni sabiex tipprovdi għal standards tal-marketing ta' prodotti ta' frott u ħxejjex u l-Artikolu 2(7) tiegħu jipprovdi li r-regolamenti individwali eżistenti li jipprovdu għal dawn l-istandards għandhom jibqgħu japplikaw sa meta jiġu adottati standards ġodda.

(7) Għandhom isiru eċċezzjonijiet u eżenzjonijiet mill-applikazzjoni ta' standards tal-marketing fil-każ ta' ċertu operazzjonijiet li huma jew marġinali u/jew speċifiċi ħafna, jew li jseħħu fil-bidu tal-katina tad-distribuzzjoni, jew fil-każ ta' prodotti maħsuba għall-ipproċessar.

(8) Id-dettalji ta' l-informazzjoni meħtieġa skond l-istandards tal-marketing għandhom ikunu murija b'mod ċar fuq il-pakkett/tikketta.

(9) Pakketti li fihom tipi differenti ta' frott u ħxejjex friski qed isiru iktar komuni fis-suq b'reazzjoni għad-domanda minn ċerti konsumaturi. Il-kummerċ ġust jirrikjedi li l-frott u l-ħxejjex friski mibjugħa fl-istess pakkett huma ta' kwalità uniformi. Għal prodotti li għalihom ma kinux adottati standards Komunitarji dan jista' jkun assigurat permezz ta' rikors għal dispożizzjonijiet ġenerali. Ir-rekwiżiti tat-tikkettjar għandhom ikunu stabbiliti għal taħlit ta' tipi differenti ta' frott u ħxejjex fl-istess pakkett. Dawn għandhom ikunu inqas stretti minn dawk stabbiliti mill-istandards tal-marketing sabiex ikun ikkunsidrat, b'mod partikolari, l-ispazju disponibbli fuq it-tikketta.

(10) Kull Stat Membru għandu jindika l-korpi ta' spezzjoni responsabbli għat-twettiq ta' verifiki tal-konformità f'kull stadju tal-marketing. Wieħed minn dawk il-korpi għandu jkun responsabbli għal kuntatti u l-koordinazzjoni bejn il-korpi maħtura kollha.

(11) Billi l-għarfien tan-negozjanti u l-karatteristiċi ewlenin tagħhom huwa għodda indispensabbli fl-analiżi ta' l-Istati Membri, jeħtieġ li titwaqqaf dejtabejż dwar in-negozjanti tal-frott u l-ħaxix frisk f'kull Stat Membru.

([1]) ĠU L 339, 6.12.2006, p. 8.

▼B

(12) Il-verifiki tal-konformità għandhom isiru billi jittieħdu kampjuni u għandhom jikkonċentraw fuq negozjanti li aktarx ikollhom oġġetti li ma jikkonformawx ma' l-istandards. Filwaqt li jikkunsidraw il-karatteristiċi tas-swieq nazzjonali tagħhom, l-Istati Membri għandhom jipprovdu regoli li jagħtu prijorità lill-verifiki fuq kategoriji partikolari ta' negozjanti. Biex tkun żgurata t-trasparenza, dawn ir-regoli għandhom ikunu nnotifikati lill-Kummissjoni.

(13) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-esportazzjoni ta' frott u ħxejjex lejn pajjiżi terzi għandha tkun konformi ma' l-istandards tal-marketing u għandhom jiċċertifikaw il-konformità, skond il-Protokoll ta' Ġinevra fuq l-istandardizzazzjoni tal-frott u l-ħaxix frisk u l-frott niexef u mnixxef konkluż fi ħdan il-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti u l-iskema ta' l-OECD għall-applikazzjoni ta' standards internazzjonali fuq frott u ħaxix.

(14) L-importazzjonijiet ta' frott frisk u ħaxix għandhom iħarsu l-istandards ta' marketing jew standards li huma ta' l-inqas ekwivalenti għalihom. Għandhom għalhekk jitwettqu verifiki dwar il-konformità qabel dawn l-oġġetti jidħlu fit-territorju doganali tal-Komunità, ħlief fil-każ ta' lottijiet żgħar li l-awtoritajiet/korpi ta' l-ispezzjoni jikkunsidraw bħala ta' riskju żgħir. F'ċerti pajjiżi terzi li jipprovdu garanziji ta' konformità sodisfaċenti, jistgħu jsiru verifiki mill-korpi ta' spezzjoni ta' dawn il-pajjiżi terzi. Meta ssir din l-għażla, l-Istati Membri għandhom jivverifikaw regolarment l-effettività/kwalità tal-verifiki mwettqa qabel l-esportazzjoni mill-korpi ta' spezzjoni ta' pajjiżi terzi u jinfurmaw lill-Kummissjoni bir-riżultati ta' dawn il-verifiki.

(15) Mhux meħtieġ li l-prodotti maħsuba għall-ipproċessar jikkonformaw ma' l-istandards tal-marketing, għalhekk għandu jkun żgurat li ma jinbigħux fis-suq bħala prodotti friski. Dawn il-prodotti għandhom ikunu ttikkettjati kif xieraq u, f'ċertu każijiet/meta jkun possibbli, akkompanjati b'ċertifikat ta' pproċessar li jindika l-użu aħħari tal-prodott li jippermetti li jsiru verifiki.

(16) Il-frott u l-ħxejjexivverifikati għall-konformità ma' l-istandards tal-marketing għandhom ikunu suġġetti għall-istess tip ta' verifika fl-istadji kollha tal-marketing. Għal dan il-għan għandhom ikunu applikati l-linji gwida dwar l-ispezzjonijiet irrakkomandati mill-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti, skond ir-rakkomandazzjonijiet rilevanti ta' l-OECD. Iżda għandhom ikunu stabbiliti arranġamenti speċifiċi għal verifiki fl-istadju tal-bejgħ.

(17) Għandhom isiru dispożizzjonijiet għar-rikonoxximent ta' l-organizzazzjonijiet tal-produtturi għall-prodotti li jitolbu. Meta dan ir-rikonoxximent ikun mitlub għal prodotti għall-ipproċessar biss, għandu jkun żgurat li jkunu fil-fatt ikkonsenjati għall-ipproċessar.

▼B

(18) Sabiex tingħata spinta lill-kisba ta' l-għanijiet tar-reġim tal-frott u l-ħxejjex u sabiex ikun assigurat li l-organizzazzjonijiet tal-produtturi iwettqu xogħolhom b'mod sustenibbli u effettiv, għandu jkun hemm l-iktar stabbilità possibbli fost l-organizzazzjonijiet tal-produtturi. Is-sħubija ta' produttur fl-organizzazzjoni tal-produtturi għandha għalhekk tkun għal perjodu minimu. Għandu jkun f'idejn l-Istati Membri sabiex jistabbilixxu l-perjodi ta' notifika u d-dati li fihom ir-riżenja mis-sħubija għandha tidħol fis-seħħ.

(19) L-attivitajiet ewlenin u essenzjali ta' organizzazzjoni tal-produtturi għandhom jirrigwardaw il-konċentrazzjoni tal-provvista u l-marketing. Madankollu, l-organizzazzjonijiet tal-produtturi għandhom jitħallew jidħlu f'attivitajiet oħra, anke jekk mhux ta' natura kummerċjali. Il-kooperazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet tal-produtturi għandha tkun inkoraġġuta billi jkun permess il-bejgħ ta' frott u ħxejjex mixtrija esklussivament minn organizzazzjoni ta' produtturi rikonoxxuta oħra sabiex titħalla barra mill-kalkoli kemm għall-finijiet ta' l-attività ewlenija u għal attivitajiet oħrajn. Fir-rigward tal-provvista ta' mezzi tekniċi huwa xieraq li jkun imwessa' l-ambitu ta' kif dan jista' jsir sabiex tkun inkluża l-provvista permezz ta' membri ta' organizzazzjoni tal-produtturi.

(20) L-organizzazzjonijiet tal-produtturi jista' jkollhom ishma f'sussidjarji li jgħinu sabiex iżidu l-valur miżjud tal-produzzjoni tal-membri tagħhom. Għandhom ikunu stabbiliti regoli għall-kalkolazzjoni tal-valur ta' din il-produzzjoni mibjugħa. L-attivitajiet ewlenin ta' dawn is-sussidjarji għandhom ikunu l-istess bħal dawk ta' l-organizzazzjoni tal-produtturi, wara li jitħalla żmien għal perjodu transizzjonali ta' adattament.

(21) Għandhom ikunu stabbiliti regoli dettaljati dwar ir-rikonoxximent u l-funzjonament ta' l-assoċjazzjonijiet ta' l-organizzazzjonijiet tal-produtturi, organizzazzjonijiet tal-produtturi transnazzjonali u assoċjazzjonijiet transnazzjonali ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi regolati mir-Regolament (KE) Nru 1182/2007. Sabiex ikun hemm konsistenza, dawn għandhom sa fejn hu possibbli jirriflettu r-regoli stabbiliti għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi.

(22) Sabiex tkun iffaċilitata l-konċentrazzjoni tal-provvista, l-għaqda ta' l-organizzazzjonijiet tal-produtturi eżistenti għandha tkun inkoraġġuta billi jkunu pprovduti regoli għall-għaqda ta' programmi ta' operazzjoni ta' l-organizzazzjonijiet magħquda.

(23) Filwaqt li jkunu rispettati l-prinċipji fejn organizzazzjoni tal-produtturi għandha tkun iffurmata fuq l-inizzjativa tal-produtturi infushom u skrutinizzata mill-produtturi, għandu jitħalla f'idejn l-Istati Membri sabiex jipprovdu l-kundizzjonijiet fejn persuni oħra naturali jew ġuridiċi jkunu aċċettati bħala membri ta' organizzazzjoni tal-produtturi u/jew assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi.

(24) Sabiex ikun assigurat li l-organizzazzjonijiet tal-produtturi jirrappreżentaw ġenwinament numru minimu ta' produtturi, l-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri sabiex jiżguraw li minoranza ta' membri li jistgħu jikkostitwixxu l-biċċa l-kbira tal-produzzjoni fl-organizzazzjoni tal-produtturi ma jiddominawx il-ġestjoni u l-operazzjoni tagħha iktar milli suppost.

▼B

(25) Sabiex ikunu kkunsidrati ċirkustanzi ta' produzzjoni u ta' marketing differenti fil-Komunità, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu ċerti kundizzjonijiet għall-għoti ta' rikonoxximent preliminari lil gruppi ta' produtturi li jissottomettu pjan ta' rikonoxximent.

(26) Sabiex ikun promoss l-istabbiliment ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi stabbli b'kapaċità li jagħmlu kontribuzzjoni li sservi għall-kisba ta' l-għanijiet tar-reġim tal-frott u l-ħaxix, għandu jkun mogħti rikonoxximent preliminari biss lil gruppi ta' produtturi li jistgħu juru l-kapaċità tagħhom li jilħqu r-rekwiżiti kollha għar-rikonoxximent f'limitu ta' żmien speċifiku.

(27) Għandha tkun stabbilita l-informazzjoni li l-gruppi ta' produtturi għandhom jipprovdu fil-pjan tar-rikonoxximent. Jeħtieġ li jkunu awtorizzati bidliet fil-pjanijiet ta' rikonoxximent sabiex il-gruppi tal-produtturi jkunu jistgħu jilħqu aħjar il-kundizzjonijiet ta' rikonoxximent,. Għal dak l-għan, għandhom isiru dispożizzjonijiet li jippermettu lill-Istati Membri sabiex jirrikjedu mill-organizzazzjoni tal-produtturi sabiex tieħu azzjoni korrettiva sabiex tiżgura li l-pjan tagħhom ikun implimentat.

(28) Il-grupp ta' produtturi jista' jissodisfa l-kundizzjonijiet għar-rikonoxximent qabel ma l-pjan ta' rikonoxximent ikun komplut. Għandha ssir dispożizzjoni sabiex dawn l-gruppi jkunu jistgħu jissottomettu applikazzjonijiet għal rikonoxximent flimkien ma' abbozz ta' programmi ta' operazzjoni. Għall-finijiet tal-konsistenza, l-għoti ta' dan ir-rikonoxximent lil grupp tal-produtturi għandu jfisser it-tmiem tal-pjan ta' rikonoxximent tagħha, u l-għajnuna pprovduta ma għandhiex titkompla. Madankollu, sabiex ikun kkunsidrat l-iffinanzjar multiannwali ta' investimenti, investimenti li jikkwalifikaw għall-għajnuna għall-investiment għandhom ikunu jistgħu jinġarru fi programmi ta' operazzjoni.

(29) Sabiex tkun iffaċilitata l-applikazzjoni korretta tas-sistema ta' għajnuna sabiex tkopri l-ispejjeż ta' formazzjoni u operazzjoni amministrativa ta' gruppi ta' produzzjoni, dik l-għajnuna għandha tkun mogħtija b'rata fissa. Dik l-għajnuna b'rata fissa għandha tkun suġġetta għal limitu sabiex timxi skond ir-regoli tal-baġit. Barra minn hekk, fil-kunsiderazzjoni tal-bżonnijiet finanzjarji ta' gruppi ta' produzzjoni ta' daqsijiet differenti, dak il-limitu għandu jkun aġġustat skond il-valur tal-produzzjoni mqiegħda fis-suq tal-gruppi ta' produtturi.

(30) Għall-iskop ta' konsistenza u transizzjoni faċli lejn il-kwalità ta' grupp ta' produtturi rikonoxxut, l-istess regoli dwar attivitajiet ewlenin ta' organizzazzjonijiet tal- produtturi u l-valur tagħhom ta' produzzjoni mqiegħda fis-suq għandhom japplikaw għal gruppi ta' produtturi.

(31) Fil-każ ta' għaqdiet, għandha tingħata l-possibilità sabiex l-għajnuna tkun mogħtija lil gruppi ta' produtturi li jirriżultaw mill-għaqda, sabiex jittieħed kont tal-bżonnijiet finanzjarji tal-gruppi ta' produtturi ġodda u tkun żgurata l-applikazzjoni korretta ta' l-iskema ta' għajnuna.

▼B

(32) Sabiex ikun iffaċilitat l-użu ta' l-iskema ta' appoġġ lil programmi ta' operazzjoni, il-produzzjoni mqiegħda fis-suq ta' organizzazzjoni tal-produtturi għandha tkun definita b'mod ċar, inkluża l-ispeċifikazzjoni ta' liema prodotti għandhom ikunu kkunsidrati u l-istadju ta' marketing li fuqu l-valur ta' produzzjoni għandu jkun ikkalkulat. Għandhom ikun jistgħu isiru wkoll metodi addizzjonali ta' kalkolazzjoni tal-produzzjoni mqiegħda fis-suq fil-każ ta' varjazzjonijiet annwali jew dejta mhux suffiċjenti. Sabiex ma jkunx permess l-użu ħażin ta' l-iskema, l-organizzazzjonijiet tal-produtturi ġeneralment ma għandhomx ikunu permessi li jbiddlu l-perjodi ta' referenza matul il-programm.

(33) Sabiex ikun żgurat l-użu korrett ta' l-għajnuna, għandhom ikunu stabbiliti regoli għall-immaniġġjar ta' fondi ta' operazzjoni u kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-membri, li jippermettu flessibiltà kemm jista' jkun sakemm il-produtturi kollha jkunu jistgħu japprofittaw mill-fond operazzjonali u jkunu jistgħu jipparteċipaw demokratikament fid-deċiżjonijiet dwar l-użu tiegħu.

(34) Għandhom ikunu stabbiliti dispożizzjonijiet li jistabbilixxu l-iskop u l-istruttura ta' l-istrateġija nazzjonali għal programmi ta' operazzjoni sustenibbli u l-kwadru nazzjonali għal azzjonijiet ta' l-ambjent. L-għan tagħha huwa li ttejjeb l-allokazzjoni ta' riżorsi finanzjarji u li ttejjeb il-kwalità ta' l-istrateġija.

(35) Fl-interessi ta' amministrazzjoni adattata, għandhom ikunu stabbiliti l-proċeduri għall-preżentazzjoni u l-approvazzjoni ta' programmi ta' operazzjoni, inklużi l-limiti ta' żmien, sabiex tkun permessa evalwazzjoni xierqa ta' l-informazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti, u l-miżuri u l-attivitajiet li għandhom ikunu nklużi fil-, jew esklużi mill-, programmi. Peress li l-programmi huma immaniġġjati fuq bażi annwali, għandu jkun ipprovdut li programmi li ma jkunux approvati qabel data partikolari jiġu posposti għal sena.

(36) Għandu jkun hemm proċedura għall-emenda annwali ta' programmi ta' operazzjoni għas-sena ta' wara, sabiex ikunu jistgħu jkunu aġġustati sabiex jikkunsidraw kwalunkwe kundizzjonijiet ġodda li ma setgħux ikunu mbassra meta kienu ppreżentati inizjalment. Barra minn hekk, għandu jkun possibbli li l-miżuri u l-ammonti tal-fond ta' operazzjoni jkunu mibdula matul kull sena ta' eżekuzzjoni ta' programm. Dawn il-bidliet kollha għandhom ikunu suġġetti għal ċertu limiti u kundizzjonijiet, li għandhom ikunu definiti minn Stati Membri, inkluża notifika obbligatorja ta' bidliet lill-awtoritajiet kompetenti, sabiex jiżguraw li l-programmi approvati jżommu l-għanijiet ġenerali tagħhom.

(37) Għal skopijiet ta' sigurtà finanzjarja u ċertezza legali, għandha titħejja lista ta' operazzjonijiet u nfiq li ma jistgħux ikunu koperti minn programmi ta' operazzjoni.

(38) Fil-każ ta' investimenti f'azzjonijiet individwali, sabiex ikun evitat l-arrikkiment mhux ġustifikat ta' persuna privata li tkun qatgħet il-konnessjonijiet ma' l-organizzazzjoni matul il-ħajja utli ta' l-investiment, għandhom isiru dispożizzjonijiet li jippermettu li l-organizzazzjoni tirkupra l-valur residwu ta' l-investiment, sew jekk investiment bħal dan jappartjeni lil membru sew lill-organizzazzjoni.

▼B

(39) Sabiex tkun żgurata l-applikazzjoni ta' l-iskema, għandhom ikunu stabbiliti l-informazzjoni li għandha tkun inkluża f'applikazzjonijiet għall-għajnuna kif ukoll il-proċeduri għall-pagament ta' għajnuna. Sabiex ikunu evitati diffikultajiet ta' *cash-flow*, sistema ta' pagamenti bil-quddiem akkompanjata minn garanziji xierqa għandha tkun disponibbli għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi. Għal raġunijiet simili, għandha tkun disponibbli sistema alternattiva għar-rimbors, f'perjodi matul is-sena, ta' nefqa li tkun diġà saret.

(40) Għandhom ikunu stabbiliti dispożizzjonijiet dettaljati dwar l-ambitu u l-applikazzjoni tal-miżuri ta' prevenzjoni u l-maniġġjar ta' kriżijiet. Sa fejn huwa possibbli dawn ir-regoli għandhom jipprovdu għal flessibilità u għall-applikazzjoni rapida fi kriżijiet u għalhekk għandhom jippermettu li d-deċiżjonijiet ikunu meħuda mill-Istati Membri u l-organizzazzjonijiet tal-produtturi nfushom. Madankollu ir-regoli għandhon jimpedixxu abbużi u jipprovdu għal limiti fuq l-użu ta' ċertu miżuri, fosthom f'termini finanzjarji. Għandhom jiżguraw ukoll li r-rekwiżiti fitosanitarji u ambjentali jkunu rispettati kif jixraq.

(41) Fir-rigward ta' l-irtirar mis-suq, għandhom jiġu adottati regoli dettaljati skond l-importanza potenzjali ta' dik il-miżura. B'mod partikolari, għandhom jitħejjew regoli li jikkonċernaw is-sistema ta' appoġġ miżjud għall-frott u l-ħxejjex mneħħija mis-suq li jkunu mqassma b'xejn bħala għajnuna umanitarja minn organizzazzjonijiet tal-karità u ċertu stabbilimenti u istituzzjonijiet oħra. Barra minn hekk, għandhom ikunu stabbiliti livelli massimi ta' appoġġ għal tneħħija mis-suq sabiex jiżguraw li ma jsirux punt ta' ħruġ alternattiv permanenti għal prodotti meta mqabbla mat-tqegħid tagħhom fis-suq. F'dan il-kuntest, rigward dawk il-prodotti li għalihom livelli massimi ta' kumpens ta' l-irtirar Komunitarju kienu stabbiliti fl-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 2200/96, huwa xieraq li dawk il-livelli jibqgħu jintużaw, suġġett għal ċertu livell ta' żieda sabiex jirrifletti l-fatt li dan l-irtirar huwa issa ko-finanzjat. Rigward prodotti oħra, fejn l-esperjenza għadha ma urietx riskju ta' irtirar eċċessiv, huwa xierag li Stati Membri jkunu permessi li jistabbilixxu livelli massimi ta' appoġġ. Fil-każijiet kollha, madankollu, għal raġunijiet simili, huwa xieraq li jkun stabbilit limitu kwantitattiv ta' irtirar għal kull prodott għal kull organizzazzjoni ta' produtturi.

(42) Għandhom ikunu adottati regoli dettaljati li jikkonċernaw l-assistenza finanzjarja nazzjonali li l-Istati Membri jistgħu jagħtu f'reġjuni tal-Komunità meta l-livell ta' organizzazzjoni tal-produtturi ikun partikolarment baxx, inkluża definizzjoni ta' dak il-livell baxx ta' organizzazzjonijiet. Għandhom ikunu stabbilti proċeduri għall-approvazzjoni ta' din l-għajnuna nazzjonali kif ukoll għall-approvazzjoni u l-ammont ta' rimbors tal-Komunità ta' l-għajnuna, kif ukoll għall-proporzjon tar-rimbors li għandu jirrifletti dawk attwalment applikabbli.

(43) Għandhom ikunu adottati regoli dettaljati, b'mod partikolari dispożizzjonijiet proċedurali, li jikkonċernaw il-kundizzjonijiet skond liema r-regoli maħruġa mill-organizzazzjonijiet ta' produtturi jew assoċjazzjonijiet ta' dawn l-organizzazzjonijiet fis-settur tal-frott u l-ħaxix ikunu jistgħu jiġu estiżi għall-produtturi kollha stabbiliti f'qasam ekonomiku speċifiku. Barra minn hekk, meta prodott ikun mibjugħ fuq is-siġra, għandu jkun ċar liema regoli għandhom ikunu estiżi lill-produtturi u l-bejjiegħa rispettivament.

▼B

(44) Il-produtturi tat-tuffieħ fil-Komunità reċentement sabu lilhom infushom f'sitwazzjoni diffiċli, minħabba, fost affarijiet oħra, żieda sinifikanti fl-importazzjonijiet tat-tuffieħ minn ċerti pajjiżi terzi ta' l-emisferu tan-Nofsinhar. Għandu għalhekk ikun imtejjeb il-monitoraġġ ta' l-importazzjoni tat-tuffieħ. L-istument adattat sabiex ikun milħuq dak l-għan huwa mekkaniżmu bbażat fuq il-ħruġ ta' liċenzji ta' l-importazzjoni suġġetti għall-għoti ta' garanzija sabiex ikun żgurat li l-operazzjonijiet li tapplika għalihom il-liċenzja ta' importazzjoni ikunu fil-fatt imwettqa. Għandhom japplikaw ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1291/2000 li jistabbilixxi regoli dettaljati komuni għall-applikazzjoni tas-sistema ta' liċenzji ta' importazzjoni u esportazzjoni u ta' ċertifikati ta' iffissar bil-quddiem għal prodotti agrikoli ([1]) u (KEE) Nru 2220/85 li jistabbilixxi regoli komuni dettaljati sabiex tiġi applikata s-sistema tal-garanziji għall-prodotti agrikoli ([2]).

(45) Għandhom ikunu adottati regoli dettaljati li jikkonċernaw is-sistema ta' prezz ta' dħul għal frott u ħxejjex. Peress li ħafna mill-frott u ħxejjex li jistgħu jitħassru kkonċernati huma fornuti mal-kunsinna, dan joħloq diffikultajiet speċjali sabiex ikun determinat il-valur tagħhom. Għandhom ikunu stabbiliti l-metodi possibbli għall-kalkolu tal-prezz tad-dħul li fuq il-bażi tiegħu il-prodotti importati jkunu kklassifikati fit-Tariffa Doganali Komuni. B'mod partikolari, għandhom ikunu stabbiliti valuri ta' l-importazzjoni fissi fuq il-bażi ta' medja ggradata tal-prezzijiet medji għall-prodotti u għandha tkun magħmula dispożizzjoni speċjali għal każijiet fejn ma jkunx hemm prezzijiet disponibbli għal prodotti ta' oriġini magħrufa. Għandu jkun hemm dispożizzjoni għall-għoti ta' garanzija f'ċerti ċirkostanzi sabiex ikun żgurat li s-sistema tkun applikata korrettament.

(46) Għandhom ikunu adottati regoli dettaljati li jikkonċernaw id-dazju ta' importazzjoni li jista' jkun impost fuq ċertu prodotti minbarra dak ipprovdut fit-Tariffi Doganali Komuni. It-taxxa addizzjonali tista' tkun imposta jekk il-volumi ta' importazzjoni tal-prodotti kkonċernati jmorru oltre l-livelli ta' limitu determinati għall-prodott u l-perjodu ta' applikazzjoni. L-oġġetti fi triqthom lejn il-Komunità huma eżenti mit-taxxa addizzjonali u, għalhekk, għandhom ikunu adottati dispożizzjonijiet speċifiċi għal dawn l-oġġetti.

(47) Għandha ssir dispożizzjoni għal monitoraġġ u evalwazzjoni xierqa ta' programmi u skemi li għadhom għaddejjin sabiex tkun ivvalutata l-effettività u l-effiċjenza tagħhom kemm minn organizzazzjonijiet ta' produtturi u kif ukoll minn Stati Membri.

(48) Għandhom ikunu stabbiliti miżuri/dispożizzjonijiet li jikkonċernaw it-tip, format u mezz ta' komunikazzjonijiet li huma neċessarji sabiex jimplimentaw dan ir-Regolament. Dawn għandhom jinkludu komunikazzjonijiet minn produtturi u organizzazzjonijiet tal-produtturi lill-Istati Membri u mill-Istati Membri lill-Kummissjoni, kif ukoll il-konsegwenzi li jirriżultaw minn komunikazzjonijiet magħmula tard jew mhux preċiżi.

([1]) ĠU L 152, 24.6.2000, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1913/2006 (ĠU L 365, 21.12.2006, p. 52).

([2]) ĠU L 205, 3.8.1985, p. 5. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1913/2006 (ĠU L 365, 21.12.2006, p. 52).

▼B

(49) Għandhom ikunu stabbiliti miżuri dwar il-verifiki neċessarji sabiex tkun żgurata l-applikazzjoni xierqa ta' dan ir-Regolament u r-Regolament (KE) Nru 1182/2007, u s-sanzjonijiet xierqa applikabbli għall-irregolaritajiet misjuba. Dawk il-miżuri għandhom jinvolvu kemm verifiki u sanzjonijiet speċifiċi stipulati fuq il-livell Komunitarju kif ukoll verifiki u sanzjonijiet nazzjonali addizzjonali. Il-verifiki u s-sanzjonijiet għandhom ikunu dissważivi, effettivi u proporzjonali. Għandhom ikunu pprovduti regoli li jipprovdu għar-riżoluzzjoni ta' każijiet ta' żball evidenti u *force majeure* u ċirkustanzi eċċezzjonali oħra sabiex jiżguraw it-trattament ugwali tal-produtturi. Regoli għal sitwazzjonijiet maħluqa artifiċjalment għandhom ikunu pprovduti sabiex ikun evitat kwalunkwe benefiċċju li ġej minn sitwazzjonijiet bħal dawn.

(50) Għandhom ikunu magħmula dispożizzjonijiet għal bidla mingħajr xkiel mis-sistema ta' qabel għas-sistema l-ġdida stabbilita f'dan ir-Regolament u l-implimentazzjoni kif suppost tad-dispożizzjonijiet transizzjonali stipulati fl-Artikolu 55 tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007.

(51) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Frott u l-Ħxejjex friski,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

TITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET INTRODUTTORJI

Artikolu 1

Ambitu u użu tat-termini

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni għar-Regolament (KE) Nru 2200/96, ir-Regolament (KE) Nru 2201/96 u r-Regolament (KE) Nru 1182/2007.

2. It-termini użati fir-Regolamenti msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikollhom l-istess tifsira meta wżati f'dan ir-Regolament sakemm dan ir-Regolament ma jipprovdix mod ieħor.

Artikolu 2

Snin ta' marketing

Is-snin ta' marketing għall-prodotti mniżżla fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE) Nru 2200/96 u fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE) Nru 2201/96 għandhom jibdew mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru.

▼B

TITOLU II

KLASSIFIKAZZJONI TA' PRODOTTI

KAPITOLU I

Regoli ġenerali

▼M8

Artikolu 2a

Standards ta' kummerċjalizzazzjoni: proprjetarji

1. Ir-rekwiżiti tal-Artikolu 113a(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 għandhom ikunu magħrufa bħala standard ġenerali tal-kummerċjalizzazzjoni. Id-dettalji tal-istandard ġenerali tal-kummerċjalizzazzjoni huma stipulati fil-Parti A tal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Il-frott u l-ħxejjex mhux koperti bi standard speċifiku tal-kummerċjalizzazzjoni għandhom jikkonformaw mal-istandard ġenerali tal-kummerċjalizzazzjoni. Madankollu, fejn il-proprjetarju jkun f'qagħda li juri li dawn huma konformi mal-istandards applikabbli adottati mill-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa (UNECE), il-prodott għandu jitqies konformi mal-istandard ġenerali tal-kummerċjalizzazzjoni.

2. L-istandards speċifiċi tal-kummerċjalizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 113(1)(b) u (c) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 huma stipulati fil-Parti B tal-Anness I għal dan ir-Regolament fir-rigward tal-prodotti li ġejjin:

(a) tuffieħ,

(b) frott taċ-ċitru,

(c) frott tal-kiwi,

(d) ħass, indivja bil-weraq mibrum u bil-weraq wiesa',

(e) ħawħ u nuċiprisk,

(f) langas,

(g) frawli,

(h) bżar ħelu,

(i) għeneb tal-mejda,

(j) tadam.

3. Għall-finijiet tal-Artikolu 113a(3) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, proprjetarju għandu jkun kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li jkollha l-pussess tal-prodotti konċernati.

▼B

Artikolu 3

Eċċezzjonijiet u eżenzjonijiet mill-applikazzjoni ta' l-istandards tal-marketing

1. ►M8 Permezz ta' deroga mill-Artikolu 113a(3) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, dawn li ġejjin mhumiex meħtieġa li jikkonformaw mal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni:

(a) sakemm ma jkunux immarkati b'mod ċar bil-kliem 'intiżi għall-ipproċessar' jew 'għall-għalf tal-bhejjem' jew kwalunkwe fraži ekwivalenti, prodotti:

(i) intiżi għall-ipproċessar industrijali, jew

▼B

(ii) intiżi għall-għalf tal-bhejjem jew użu ieħor mhux għall-ikel; ◄

(b) prodotti ttrasferiti mill-produttur fir-raba' tiegħu lill-konsumaturi għall-użu personali tagħhom;

(c) fuq Deċiżjoni tal-Kummissjoni meħuda fuq it-talba ta' Stat Membru li juża l-proċedura imsemmija fl-Artikolu 46 tar-Regolament (KE) Nru 2200/96 għal prodotti ta' reġjun partikolari li jkunu mibjugħa minn negozju bl-imnut tar-reġjun għall-konsum lokali tradizzjonali stabbilit sew; u

▼M8

(d) prodotti li sarilhom żbir jew qtugħ biex jagħmilhom 'lesti għall-ikel' jew 'lesti għall-kċina'.

▼B

2. ►M8 Permezz ta' deroga mill-Artikolu 113a(3) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, dawn li ġejjin mhumiex meħtieġa li jikkonformaw mal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni f'qasam tal-produzzjoni partikolari: ◄

(a) prodotti mibjugħa jew ikkonsenjati minn min ikabbarhom għal stazzjonijiet tal-preparazzjoni jew ta' l-ippakkjar jew faċilitajiet tal-ħażna, jew ittrasportati bil-baħar mir-raba' tiegħu lejn dawn l-istazzjonijiet; u

(b) prodotti ttrasportati bil-baħar minn faċilitajiet ta' ħażna għal stazzjonijiet tal-preparazzjoni u ta' l-ippakkjar.

▼M8

3. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 113a(3) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, l-Istati Membri jistgħu jeżentaw mill-istandards speċifiċi tal-kummerċjalizzazzjoni prodotti ppreżentati għall-bejgħ bl-imnut lill-konsumaturi għall-użu personali u ttikkettati 'prodott intiż għall-ipproċessar' jew bi kwalunkwe fraži ekwivalenti oħra u intiżi għal proċessar ieħor barra dawk imsemmija fil-punt (a)(i) tal-paragrafu 1.

3a. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 113a(3) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tal-istandards speċifiċi tal-kummerċjalizzazzjoni, il-frott u l-ħxejjex friski mhux fil-Klassi Extra, fi stadji ta' wara t-tluq, jistgħu juru tnaqqis żgħir fil-freskezza u fid-dehra u ftit deterjorament minħabba l-iżvilupp tagħhom u t-tendenza tagħhom li jispiċċaw.

3b. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 113a(3) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, il-prodotti li ġejjin mhumiex meħtieġa li jikkonformaw mal-istandards ġenerali tal-kummerċjalizzazzjoni:

▼M15

(a) faqqiegħ mhux ikkultivat bil-kodiċi NM 0709 59,

▼M8

(b) kappar skont il-kodiċi CN 0709 90 40,

(c) lewż morr skont il-kodiċi CN 0802 11 10,

▼M8

(d) lewż bil-qoxra skont il-kodiċi CN 0802 12,

(e) ġellewż bil-qoxra skont il-kodiċi CN 0802 22,

(f) ġewż bil-qoxra skont il-kodiċi CN 0802 32,

(g) ġewż tal-arżnu skont il-kodiċi CN 0802 90 50, u

(h) żagħfran skont il-kodiċi CN 0910 20.

▼B

4. Għandha tkun ipprovduta evidenza lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru li l-prodotti koperti mill-paragrafi 1(a) u 2 jissodisfaw il-kundizzjonijiet stipulati, b'mod partikolari rigward l-użu maħsub għalihom.

Artikolu 4

Dettalji ta' informazzjoni

▼M8

1. Id-dettalji ta' informazzjoni meħtieġa skont dan il-Kapitolu għandhom jidhru b'mod leġġibbli u f'pożizzjoni ovvja fuq il-ġenb tal-pakkettar, jew stampati b'mod li ma jitħassarx direttament fuq il-pakkett jew fuq tikketta li tkun parti integrali minnu jew imwaħħla sewwa miegħu.

▼B

2. Għal oġġetti ttrasportati bil-baħar bil-bulk u mgħobbija direttament fuq mezz tat-trasport, id-dettalji ta' informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu mogħtija f'dokument li jakkompanja l-oġġetti jew murija fuq nota mpoġġija f'pożizzjoni ovvja ġewwa l-mezz tat-trasport.

▼M8

3. Fil-każ ta' kuntratti mill-bogħod skont it-tifsira tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1], il-konformità mal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni teħtieġ li d-dettalji ta' informazzjoni jkunu disponibbli qabel ma jiġi konkluż ix-xiri.

4. Fatturi u dokumenti ta' akkumpanjament, eskluži l-irċevuti għall-konsumaturi, għandhom jindikaw l-isem u l-pajjiż tal-oriġini tal-prodotti u, fejn xieraq, il-klassi, il-varjetà jew it-tip kummerċjali fejn meħtieġ minn standard speċifiku tal-kummerċjalizzazjoni, jew il-fatt li jkunu intiżi għall-ipproċessar.

Artikolu 5

Dettalji ta' informazzjoni fl-istadju tal-bejgħ bl-imnut

Fl-istadju tal-bejgħ bl-imnut, id-dettalji ta' informazzjoni meħtieġa minn dan il-Kapitolu għandhom ikunu leġġibbli u jidhru sew. Il-prodotti jistgħu jiġu ppreżentati għall-bejgħ sakemm il-bejjiegħ bl-imnut juri bi prominenza, ħdejn il-prodotti u b'mod leġġibbli, id-dettalji ta' informazzjoni dwar il-pajjiż tal-oriġini kif ukoll, fejn xieraq, il-klassi u l-varjetà jew it-tip kummerċjali b'tali mod li ma jiżgwidax lill-konsumatur.

[1] ĠU L 144, 4.6.1997, p. 19.

▼M8

Għal prodotti ppakkjati minn qabel kif imsemmija fid-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), il-piż nett għandu jkun indikat, minbarra l-informazzjoni kollha prevista fl-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni. Madankollu, fil-każ ta' prodotti mibjugħa skont l-għadd, ir-rekwiżit li jkun indikat il-piż nett ma japplikax jekk l-għadd ta' oġġetti jista' jidher b'mod ċar u jkun jista' jingħadd minn barra, jew jekk l-għadd ikun indikat fuq it-tikketta.

Artikolu 6

Taħlitiet

1. Il-kummerċjalizzazzjoni ta' pakketti b'piż nett ta' 5 kg jew anqas li jkun fihom taħlitiet ta' tipi differenti ta' frott u ħxejjex għandhom ikunu permessi sakemm:

(a) il-prodotti jkunu ta' kwalità uniformi u kull prodott konċernat jikkonforma mal-istandards speċifiċi rilevanti tal-kummerċjalizzazzjoni, jew, fejn ma jkunx hemm standard speċifiku tal-kummerċjalizzazzjoni għal prodott partikolari, l-istandard ġenerali tal-kummerċjalizzazzjoni.

(b) il-pakkett ikun tikkettat kif suppost, skont dan il-Kapitolu, u

(c) it-taħlita ma tkunx waħda li tiżgwida lill-konsumatur.

2. Ir-rekwiżiti tal-punt (a) tal-paragrafu 1 ma għandhomx japplikaw għall-prodotti inklużi f'taħlita li ma jkunux prodotti mis-settur tal-frott u l-ħxejjex kif definit fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

3. Jekk il-frott u l-ħxejjex f'taħlita joriġinaw f'aktar minn Stat Membru jew pajjiż terz wieħed, l-ismijiet sħaħ tal-pajjiżi tal-oriġini jistgħu jiġu sostitwiti b'wieħed mis-segwenti, kif xieraq:

(a) 'taħlita ta' frott u ħxejjex mill-KE',

(b) 'taħlita ta' frott u ħxejjex mhux mill-KE',

(c) 'taħlita ta' frott u ħxejjex mill-KE u mhux mill-KE'.

▼B

KAPITOLU II

Verifiki dwar il-konformità ma' l-istandards tal-marketing

Taqsima 1

Dispożizzjonijiet ġenerali

▼M8

Artikolu 7

Ambitu

Dan il-Kapitolu jistabbilixxi r-regoli dwar il-verifiki ta' konformità, li għandhom ifissru l-verifiki li jitwettqu fuq il-frott u l-ħxejjex fl-istadji kollha tal-kummerċjalizzazzjoni skont dan il-Kapitolu, sabiex jiġi vverifikat li jikkonformaw mal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni u dispożizzjonijiet oħra ta' dan it-Titolu u l-Artikoli 113 u 113a tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

([1]) ĠU L 109, 6.5.2000, p. 29.

▼B

Artikolu 8

Korpi kompetenti

1. Kull Stat Membru għandu jinnomina:

(a) awtorità kompetenti unika responsabbli għall-koordinazzjoni u l-kuntatti fiż-żoni koperti minn dan il-Kapitolu, minn issa 'l quddiem imsejħa "l-awtorità li tikoordina", u

▼M8

(b) korp' jew organu ta' spezzjoni responsabbli għall-applikazzjoni tal-Artikolu 113a(4) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, hawn taħt imsejħa 'il-organu ta' spezzjoni'.

L-awtoritajiet kordinaturi u l-organu ta' spezzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu jistgħu jkunu pubbliċi jew privati. Madankollu l-Istati Membri f'kull każ għandhom ikunu responsabbli minnhom.

▼B

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni:

(a) l-isem u l-indirizz postali u dak elettroniku ta' l-awtorità li tikkoordina li jkunu innominaw skond il-paragrafu 1,

(b) l-isem u l-indirizz postali u dak elettroniku tal-korpi ta' spezzjoni li jkunu innominaw skond il-paragrafu 1, u

(c) id-deskrizzjoni eżatta ta' l-isferi rispettivi ta' attività tal-korpi ta' spezzjoni li jkunu nnominaw.

3. L-awtorità li tikkoordina tista' tkun il-korp ta' spezzjoni jew wieħed mill-korpi ta' spezzjoni jew kwalunkwe korp ieħor innominat skond il-paragrafu 1.

4. Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-lista ta' l-awtoritajiet li jikkoordinaw indikati mill-Istati Membri bil-mod li tikkunsidra xieraq.

Artikolu 9

Dejtabejż ta' negozjanti

1. L-Istati Membri se jistabbilixxu dejtabejż ta' negozjanti tal-frott u ħxejjex, li se telenka, skond il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu, in-negozjanti nvoluti fil-marketing ta' frott u ħxejjex friski li għalihom kienu stabbiliti standards skond l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007.

▼M8

Stati Membri jistgħu jużaw għal dan l-iskop kwalunkwe bażi dejta jew bażijietdejta oħra diġà stabbiliti għal skopijiet oħra.

'Negozjant' tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika:

(a) li jkollha frott u ħxejjex soġġetti għall-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni bil-ħsieb li:

(i) turihom u toffrihom għall-bejgħ,

▼M8

(ii) tbigħhom, jew

(iii) tikkummerċjalizzahom bi kwalunkwe mod ieħor, jew

(b) li realment twettaq kwalunkwe mill-attivitajiet imsemmija fil-punti (i), (ii) u (iii) tal-punt (a) fir-rigward tal-frott u l-ħxejjex soġġetti għall-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni.

L-attivitajiet imsemmija fil-punti (i), (ii) u (iii) tal-punt (a) tat-tielet subparagrafu għandhom ikopru:

(a) bejgħ mill-bogħod kemm bl-internet jew xorta oħra,

(b) tali attivitajiet imwettqa minn persuna fiżika jew ġuridika għaliha nnifisha jew f'isem ta' parti terza, u

(c) tali attivitajiet imwettqa fil-Komunità u/jew permezz ta' esportazzjoni lejn pajjiżi terzi u/jew importazzjoni minn pajjiżi terzi.

▼B

2. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw il-kundizzjonijiet skond liema in-negozjanti li ġejjin għandhom ikunu nklużi jew le fid-dejtabejż:

(a) negozjanti li l-attivitajiet tagħhom huma eżenti mill-obbligazzjoni li jimxu skond l-istandards tal-marketing skond l-Artikolu 3, u

▼M8

(b) persuni fiżiċi jew ġuridiċi li l-attivitajiet tagħhom fis-settur tal-frott u l-ħxejjex huma limitati jew għat-trasport ta' provvisti, jew għall-bejgħ fl-istadju tal-bejgħ bl-imnut.

3. Fejn il-bażi dejta tkun magħmula minn diversi elementi distinti, l-awtorità koordinatriċi għandha tiżgura li l-bażi dejta, l-elementi tagħha u l-aġġornament tagħhom ikunu uniformi. L-aġġornament għandu jsir partikolarment bl-użu tal-informazzjoni miġbura matul il-verifiki ta' konformità.

4. Din il-bażi dejta għandha tinkludi, għal kull negozjant, in-numru tar-reġistrazzjoni, l-isem, l-indirizz, l-informazzjoni meħtieġa għall-klassifikazzjoni tagħha f'waħda mill-kategoriji msemmija fl-Artikolu 10(2), partikolarment il-pożizzjoni fil-katina tal-kummerċjalizzazzjoni, informazzjoni dwar l-importanza tad-ditta, informazzjoni dwar ir-riżultati miksuba matul verifiki ta' qabel ta' kull negozjant, kif ukoll kull informazzjoni oħra meqjusa neċessarja għall-verifiki, bħall-informazzjoni dwar l-eżistenza ta' sistema ta' garanzija ta' kwalità jew sistema ta' awtoverifika marbuta mal-konformità mal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni. L-aġġornament għandu jitwettaq partikolarment bl-użu tal-informazzjoni miġbura matul il-verifiki ta' konformità.

▼B

5. In-negozjanti għandhom jipprovdu l-informazzjoni li l-Istati Membri jqisu meħtieġa biex jistabbilixxu u jaġġornaw id-dejtabejż. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw il-kundizzjonijiet taħt liema n-negozjanti mhux stabbiliti fit-territorju tagħhom imma li jagħmlu negozju fih għandhom ikunu elenkati fid-dejtabejż tagħhom.

▼**M8**

Taqsima 2

Verifiki tal-konformità mwettqa mill-Istati Membri

Artikolu 10

Verifika tal-konformità

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-verifiki tal-konformità jitwettqu b'mod selettiv, abbażi ta' analiżi tar-riskju, u bi frekwenza xierqa, sabiex tiġi żgurata konformità xierqa mal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni u dispożizzjonijiet oħra ta' dan it-Titolu u l-Artikoli 113 u 113a tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

Il-kriterji tal-valutazzjoni tar-riskju għandhom jinkludu l-eżistenza taċ-ċertifikat tal-konformità msemmi fl-Artikolu 12a maħruġ mill-awtorità kompetenti ta' pajjiż terz li l-verifiki tiegħu tal-konformità ġew approvati skont l-Artikolu 13. L-eżistenza ta' tali ċertifikat għandha titqies bħala fattur li jnaqqas ir-riskju tan-nuqqas ta' konformità.

Il-kriterji biex jiġi vvalutat ir-riskju jistgħu jinkludu:

(a) in-natura tal-prodott, il-perjodu tal-produzzjoni, il-prezz tal-prodott, it-temp, l-operazzjonijiet tal-ippakkjar u l-maniġġ, il-kundizzjonijiet tal-ħżin, il-pajjiż tal-oriġini, il-mezz tat-trasport jew il-volum tal-lott;

(b) id-daqs tan-negozjanti, il-pożizzjoni tagħhom fil-katina tal-kummerċjalizzazzjoni, il-volum jew il-valur kummerċjalizzat minnhom, il-firxa tal-prodotti tagħhom, iż-żona tad-distribuzzjoni jew it-tip ta' negozju mwettaq bħal ħżin, issortjar, ippakkjar u bejgħ;

(c) sejbiet li saru waqt verifiki preċedenti inklużi l-għadd u t-tip ta' difetti misjuba, il-kwalità tal-prodotti kkummerċjalizzati, u l-livell ta' tagħmir tekniku użat;

(d) l-affiddabbiltà tas-sistemi tal-garanzija ta' kwalità jew is-sistemi tal-awtoverifika tan-negozjanti marbuta mal-konformità tal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni;

(e) il-post fejn titwettaq il-verifika partikolarment jekk il-punt tal-ewwel dħul fil-Komunità, jew il-post fejn il-prodotti jiġu ppakkjati u mgħobbija;

(f) kwalunkwe informazzjoni oħra li tista' tindika riskju ta' nuqqas ta' konformità.

2. L-analiżi tar-riskju għandha tissejjes fuq l-informazzjoni inkluża fil-bażi dejta tan-negozjanti msemmija fl-Artikolu 9 u għandha tikklassifika n-negozjanti f'kategoriji tar-riskju.

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu minn qabel:

(a) il-kriterji biex jiġi vvalutat ir-riskju tan-nuqqas ta' konformità tal-lottijiet;

(b) abbażi tal-analiżi tar-riskju għal kull kategorija tar-riskju, il-proporzjonijiet minimi tan-negozjanti jew lottijiet u/jew kwantitajiet li se jkunu soġġetti għall-verifika tal-konformità.

▼M8

L-Istati Membri jistgħu jagħżlu li ma jwettqux verifiki selettivi fuq il-prodotti li ma jkunux soġġetti għall-istandards speċifiċi tal-kummerċjalizzazzjoni, abbażi ta' analiżi tar-riskju.

3. Fejn il-verifiki juru irregolaritajiet sinifikanti, l-Istati Membri għandhom iżidu l-frekwenza tal-verifiki b'rabta man-negozjanti, prodotti, oriġini, jew parametri oħra.

4. In-negozjanti għandhom jipprovdu lill-organu ta' spezzjoni bl-informazzjoni kollha li dawk il-korpi jqisu neċessarja għall-organizzazzjoni u t-twettiq tal-verifiki tal-konformità.

Artikolu 11

Negozjanti approvati

1. L-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw negozjanti kklassifikati fil-kategorija tal-ibaxx riskju u li jipprovdu garanzija speċjali dwar il-konformità mal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni sabiex jużaw ix-xempju fl-Anness II fit-tikketta ta' kull pakkett fl-istadju ta' meta jintbagħat u/jew biex jiffirmaw ċertifikat ta' konformità kif imsemmi fl-Artikolu 12a.

2. L-awtorizzazzjoni għandha tinħareġ għal perjodu ta' tliet snin.

3. Negozjanti li jibbenefikaw minn din il-possibbiltà:

(a) għandu jkollhom persunal ta' spezzjoni li jkun irċieva taħriġ approvat mill-Istat Membru;

(b) għandu jkollhom tagħmir xieraq għall-preparazzjoni u l-ippakkjar tal-prodotti;

(c) għandhom jintrabtu li jipproċedu għall-verifika tal-konformità tal-merkanzija li jibagħtu u għandhom iżommu reġistru tal-operazzjonijiet kollha ta' verifiki mwettqa.

4. Meta negozjant awtorizzat ma jikkonformax aktar mar-rekwiżiti għall-awtorizzazzjoni, l-Istat Membru għandu jirtira l-awtorizzazzjoni.

5. Minkejja l-paragrafu 1, negozjanti awtorizzati jistgħu jkomplu jużaw ix-xempji li jikkonformaw mar-Regolament tat-30 ta' Ġunju 2009 sakemm l-inventarji jiġu eżawriti.

Awtorizzazzjonijiet mogħtija lil negozjanti qabel l-1 ta' Lulju 2009 għandhom jibqgħu japplikaw għall-perjodu li għalih kienu nħarġu.

Artikolu 12

Aċċettazzjoni tad-dikjarazzjonijiet mid-dwana

1. Id-dwana tista' taċċetta biss dikjarazzjonijiet tal-esportazzjoni u/jew dikarazzjonijiet għall-ħruġ għaċ-ċirkolazzjoni libera tal-prodotti soġġetti għall-istandards speċifiċi tal-kummerċjalizzazzjoni jekk:

(a) il-merkanzija tkun akkumpanjata minn ċertifikat ta' konformità, jew

(b) il-korp kompetenti ta' spezzjoni jkun informa lill-awtorità doganali li l-lottijiet ikkonċernati nħarġulhom ċertifikat ta' konformità, jew

(c) il-korp kompetenti ta' spezzjoni jkun informa lill-awtoritajiet doganali li hu ma ħariġx ċertifikat ta' konformità għal-lottijiet ikkonċernati għaliex dawn ma jkunux jeħtieġu li jiġu vverifikati fid-dawl tal-valutazzjoni tar-riskju msemmija fl-Artikolu 10(1).

▼M8

Dan għandu jsir mingħajr ħsara għal kwalunkwe verifika tal-konformità li l-Istat Membru jista' jwettaq skont l-Artikolu 10.

2. Il-paragrafu 1 għandu japplika wkoll għall-prodotti soġġetti għall-istandard ġenerali tal-kummerċjalizzazzjoni stipulat fl-Anness I u l-prodotti msemmija fl-Artikolu 3(1)(a) jekk l-Istat Membru konċernat iqisu neċessarju fid-dawl tal-analiżi tar-riskju msemmija fl-Artikolu 10(1).

Artikolu 12a

Iċ-ċertifikati ta' konformità

1. Iċ-ċertifikati jistgħu jinħarġu minn awtorità kompetenti biex jikkonfermaw li l-prodotti kkonċernati jikkonformaw mal-istandards rilevanti tal-kummerċjalizzazzjoni. Iċ-ċertifikat għall-użu mill-awtoritajiet kompetenti fil-Komunità huwa stabbilit fl-Anness III.

Il-pajjiżi terzi msemmija fl-Artikolu 13(4) minflok jistgħu jużaw iċ-ċertifikat tagħhom stess sakemm il-Kummissjoni tqis li dan jinkludi tal-anqas informazzjoni ekwivalenti għaċ-ċertifikat Komunitarju. Il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli, bil-mezzi li hi tqis xierqa, xempji ta' tali ċertifikati ta' pajjiżi terzi.

2. Dawn iċ-ċertifikati jistgħu jinħarġu kemm f'format fuq karta b'firma oriġinali jew b'format verifikat b'firma elettronika.

3. Kull ċertifikat għandu jkun stampat mill-awtorità kompetenti u ffirmat mill-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa li jagħmlu dan.

4. Iċ-ċertifikati għandhom jinħarġu f'tal-anqas waħda mill-lingwi uffiċjali tal-Komunità.

5. Kull ċertifikat għandu jkollu numru tas-serje, li permezz tiegħu jista' jkun identifikat, u kopja ta' kull ċertifikat maħruġ tinżamm mill-awtorità kompetenti.

6. Minkejja l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jkomplu jużaw iċ-ċertifikati ta' konformità li kkonformaw ma' dan ir-Regolament fil-30 ta' Ġunju 2009 sakemm l-inventarji jiġu eżawriti.

▼B

Taqsima 3

Verifiki mwettqa minn pajjiżi terzi

Artikolu 13

Approvazzjoni ta' l-operazzjonijiet ta' verifika mwettqa minn pajjiżi terzi qabel l-importazzjoni fil-Komunità

▼M8

1. Fuq talba ta' pajjiż terz, il-Kummissjoni tista' tapprova, skont il-proċedura stipulata fl-Artikolu 195(2) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, il-verifika tal-konformità mal-istandards speċifiċi tal-kummerċjalizzazzjoni mwettqa minn dan il-pajjiż terz qabel l-importazzjoni fil-Komunità.

▼B

2. L-approvazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 tista' tingħata lill-pajjiżi terzi li hekk jitolbu u li fit-territorju tagħhom l-istandards tal-marketing tal-Komunità, jew għall-inqas standards ekwivalenti, jintlaħqu rigward prodotti esportati lejn il-Komunità.

L-approvazzjoni tispeċifika l-awtorità uffiċjali f'pajjiż terz li taħt ir-responsabbiltà tagħha jitwettqu l-operazzjonijiet ta' verifika msemmija fil-paragrafu 1. L-awtorità għandha tkun responsabbli għall-kuntatti mal-Komunità. L-approvazzjoni tispeċifika wkoll il-korpi ta' spezzjoni li jagħmlu l-verifiki xierqa, minn hawn 'il quddiem msejħa "il-korpi ta' spezzjoni tal-pajjiż terz".

L-approvazzjoni għandha tapplika biss għall-prodotti li joriġinaw fil-pajjiż terz ikkonċernat u tista' tkun limitata għal ċerti prodotti.

3. Il-korpi ta' spezzjoni tal-pajjiż terz għandhom ikunu korpi uffiċjali jew uffiċjalment rikonoxxuti mill-awtorità msemmija fil-paragrafu 2 li jipprovdu garanziji sodisfaċenti u li jiddisponu mill-persunal, tagħmir u faċilitajiet meħtieġa biex iwettqu l-verifiki skond il-metodi msemmija fl-Artikolu 20(1) jew metodi ekwivalenti.

▼M8

4. Il-lista ta' pajjiżi li l-verifiki tagħhom dwar il-konformità ġew approvati skont dan l-Artikolu, u l-prodotti konċernati, huma stabbiliti fl-Anness IV.

Il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli, bil-mezzi li hi tqis xierqa, id-dettalji tal-awtoritajiet uffiċjali u l-organu ta' spezzjoni konċernati.

_____

Artikolu 15

Sospensjoni tal-approvazzjoni

Il-Kummissjoni tista' tissospendi l-approvazzjoni jekk jinstab li, f'għadd sinifikanti ta' lottijiet u/jew kwantitajiet, il-merkanzija ma tikkorrispondux għall-informazzjoni fiċ-ċertifikati ta' konformità maħruġa mill-organu ta' spezzjoni ta' pajjiż terz.

_____

_____

▼B

Taqsima 5

Prodotti maħsuba għall-ipproċessar

Artikolu 20

Metodi ta' spezzjoni

1. Il-verifiki tal-konformità pprovduti f'dan il-Kapitolu, bl-eċċezzjoni ta' dawk fil-punt tal-bejgħ bl-imnut għall-konsumatur aħħari, għandhom jitwettqu skond il-metodi stabbiliti fl-Anness VI, ħlief jekk ikun ipprovdut mod ieħor taħt dan ir-Regolament.

L-Istati Membri għandhom jiffissaw arranġamenti speċifiċi għall-verifika tal-konformità fil-punt tal-bejgħ bl-imnut lill-konsumatur aħħari.

▼M8

2. Meta l-ispetturi jsibu li l-merkanzija tikkonforma mal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni, il-organu ta' spezzjoni jista' joħroġ ċertifikat ta' konformità kif stabbilit fl-Anness III.

▼B

3. Fejn l-oġġetti ma jikkonformawx ma' l-istandards, il-korp ta' spezzjoni għandu joħrog riżultat ta' nuqqas ta' konformità lin-negozjanti jew ir-rapprezentanti tagħhom. L-oġġetti li għalihom ikun ħareġ riżultat ta' nuqqas ta' konformità ma jistgħux jiċċaqalqu mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-korp ta' spezzjoni li jkun ħareġ dak ir-riżultat. Din l-awtorizzazzjoni tista' tkun suġġetta għat-tħaris tad-dispożizzjonijiet ipprovduti mill-korp ta' spezzjoni.

In-negozjanti jistgħu jiddeċiedu li jġibu l-oġġetti kollha jew uħud minnhom konformi. L-oġġetti miġjuba konformi ma' jistgħux jinbiegħu qabel ma l-korp ta' spezzjoni kompetenti jkun żgura bil-mezzi kollha xierqa li l-oġġetti jkunu fil-fatt inġabu konformi. Għandu joħroġ, fejn applikabbli, ċertifikat ta' konformità kif ipprovdut fl-Anness III għal-lott jew parti minnu biss ladarba l-oġġetti jkunu saru konformi.

▼M8

Jekk organu ta' spezzjoni jaċċetta xewqa ta' negozjant li jagħmel il-merkanzija konformi fi Stat Membru ieħor minbarra dak fejn tkun saret il-verifika li wasslet għar-riżultat ta' nuqqas ta' konformità, in-negozjant għandu jinnotifika b'dan lill-korp kompetenti ta' spezzjoni tal-Istat Membru destinatarju tal-lott mhux konformi. L-Istat Membru li joħroġ ir-riżultat tan-nuqqas ta' konformità għandu jibgħat kopja ta' dan ir-riżultat lill-Istati Membri l-oħra konċernati, inkluż l-Istat Membru destinatarju tal-lott mhux konformi.

▼B

Meta l-provvisti la jkunu jistgħu jsiru konformi u lanqas jintbagħtu bħala għalf għall-annimali, għall-ipproċessar industrijali jew kwalunkwe użu ieħor mhux għall-ikel, il-korp ta' spezzjoni jista', jekk ikun hemm bżonn, jitlob lin-negozjanti jieħdu miżuri xierqa sabiex jiżguraw li l-prodotti kkonċernati ma jitqiegħdux fis-suq.

In-negozjanti għandhom jipprovdu l-informazzjoni kollha li jikkunsidraw neċessarja mill-Istati Membri għall-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu.

▼M8

_____

Taqsima 6

Komunikazzjonijiet

Artikolu 20a

Komunikazzjonijiet

1. Stat Membru li fit-territorju tiegħu tinstab konsenja minn Stat Membru ieħor li ma tikkonformax mal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni minħabba difetti jew deterjorament li setgħu nkixfu fil-ħin tal-ippakkjar għandhom jinnotifikaw minnufih lill-Kummissjoni u l-Istati Membri li x'aktarx ikunu kkonċernati.

▼M8

2. Stat Membru li fit-territorju tiegħu lott ta' merkanzija minn pajjiż terz jiġi rifjutat milli jiġi rilaxxat għaċ-ċirkolazzjoni libera minħabba nuqqas ta' konformità mal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni għandu jinnotifika minnufih lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri li x'aktarx ikunu kkonċernati u lill-pajjiż terz konċernat u mniżżel fl-Anness IV.

3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni d-dispożizzjonijiet tas-sistemi tagħhom tal-ispezzjoni u l-analiżi tar-riskju. Għandhom jinformaw minnufih lill-Kummissjoni b'kull emenda sussegwenti għal dawk is-sistemi.

4. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni u l-Istati Membri sinteżi tar-riżultati tal-ispezzjonijiet fl-istadji kollha tal-kummerċjalizzazzjoni f'sena partikolari sat-30 ta' Ġunju tas-sena segwenti.

5. Il-komunikazzjoni għandha ssir bil-mezz speċifikat mill-Kummissjoni.

▼B

TITOLU III

ORGANIZZAZZJONIJIET TAL-PRODUTTURI

KAPITOLU I

Rekwiżiti u rikonoxximent

Taqsima 1

Definizzjonijiet

Artikolu 21

Definizzjonijiet

1. Għall-finijiet ta' dan it-Titolu:

(a) "produttur" tfisser bidwi kif imsemmi fl-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007;

(b) "sussidjarja" tfisser kumpanija li fiha jkunu ttieħdu ishma minn organizzazzjoni tal-produtturi waħda jew iktar jew assoċjazzjonijiet ta' dawn u li tikkontribwixxi għall-għanijiet ta' l-organizzazzjoni tal-produtturi jew l-assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi;

(c) "organizzazzjoni tal-produtturi transnazzjonali" tfisser kwalunkwe organizzazzjoni fejn mill-inqas waħda mill-azjendi tal-produtturi tkun tinsab fi Stat Membru li mhuwiex fejn l-organizzazzjoni jkollha l-uffiċċju ewlieni;

(d) "assoċjazzjoni transnazzjonali ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi" tfisser kwalunkwe assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi li jkun fiha mill-inqas waħda mill-organizzazzjonijiet assoċjati li tkun tinsab fi Stat Membru li mhux dak fejn l-assoċjazzjoni jkollha l-uffiċċju ewlieni;

(e) "L-Għan ta' Konverġenza": l-għan ta' l-azzjoni għall-Istati Membri u reġjuni l-inqas żviluppati skond il-leġiżlazzjoni tal-Komunità li tirregola l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni għall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2013;

▼B

(f) “miżura” tfisser waħda minn dawn li ġejjin:

(i) azzjonijiet immirati lejn l-ippjanar tal-produzzjoni, inkluż l-akkwist ta’ assi fissi,

(ii) azzjonijiet immirati lejn it-titjib u ż-żamma tal-kwalità tal-prodott, inkluż l-akkwist ta’ assi fissi,

(iii) azzjonijiet immirati lejn it-titjib tal-marketing, inkluż l-akkwist ta’ assi fissi, kif ukoll attivitajiet ta’ promozzjoni u komunikazzjoni, li mhumiex attivitajiet ta’ promozzjoni u komunikazzjoni li jaqgħu taħt il-punt (vi),

(iv) riċerka u l-produzzjoni sperimentali, inkluż l-akkwist ta’ assi fissi,

(v) azzjonijiet ta’ taħriġ, minbarra taħriġ li jaqa‘ taħt il-punt (vi), u azzjonijiet immirati lejn il-promozzjoni ta’ l-aċċess għal servizzi ta’ konsulenza,

(vi) kull wieħed mis-sitt strumenti ta’ prevenzjoni u ġestjoni tal-kriżijiet elenkati fil-punti (a) sa (f) ta’ l-ewwel subparagrafu ta’ l-Artikolu 9(2) tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007,

(vii) azzjonijiet ambjentali kif imsemmija fl-Artikolu 9(3) tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007, inkluż l-akkwist ta’ assi fissi,

(viii) azzjonijiet oħra, inkluż akkwisti ta’ assi fissi minbarra dawk li jaqgħu taħt il-punti (i), (ii), (iii), (iv) u (vii) li jissodisfaw wieħed jew iktar mill-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007.

(g) “azzjoni” tfisser attività jew strument speċifiku immirati sabiex jinkiseb għan ta’ operazzjoni partikolari li jikkontribwixxi għal wieħed jew iktar mill-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007;

▼M23

(h) “prodott sekondarju” tfisser prodott li jirriżulta mill-preparazzjoni ta’ prodott tal-frott jew il-ħxejjex li għandu valur ekonomiku posittiv iżda li mhuwiex ir-riżultat ewlieni intenzjonat;

(i) “preparazzjoni” tfisser attivitajiet preparatorji bħal ħasil, it-tqattigħ, it-tqaxxir, it-tirqim u t-tnixxif tal-frott u l-ħxejjex, mingħajr ma jiġu ttrasformati fi frott u ħxejjex ipproċessati;

▼B

(j) “bażi interprofessjonali” kif imsemmija fl-Artikolu 10(3)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007, tfisser waħda jew iżjed mill-attivitajiet imniżżla fl-Artikolu 20(c) tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007 approvata mill-Istat Membru u ġestita b’mod konġunt minn organizzazzjoni tal-produtturi jew assoċjazzjoni ta’ organizzazzjonijiet ta’ produtturi jew mill-inqas attur wieħed ieħor fl-ipproċessar ta’ l-ikel u/jew tal-katina tad-distribuzzjoni;

(k) “indikatur tal-linja bażi” tfisser kull indikatur li jirrifletti stat jew xejra eżistenti fil-bidu ta’ perjodu ta’ ipprogrammar li jista’ jipprovdi informazzjoni bżonnjuża:

(i) fl-analiżi tas-sitwazzjoni inizjali sabiex tkun stabbilita strateġija nazzjonali għal programmi ta’ operazzjoni sostenibbli jew programm ta’ operazzjoni,

▼B

(ii) bħala referenza li kontra tagħha jkunu jistgħu jiġu evalwati r-riżultati u l-impatt ta' strateġija nazzjonali jew programm ta' operazzjoni, u/jew

(iii) fl-interpretazzjoni tar-riżultati u impatt ta' strateġija nazzjonali jew programm ta' operazzjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu l-entitajiet legali kkonċernati fit-territorju tagħhom għall-finijiet ta' l-Artikoli 3(1) u 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007 fid-dawl ta' l-istrutturi nazzjonali legali u amministrattivi tagħhom. Huma għandhom, jekk ikun xieraq, jistabbilixxu wkoll dispożizzjonijiet dwar id-definizzjoni ċara ta' partijiet ta' entitajiet legali għall-applikazzjoni ta' dawk l-Artikoli.

Taqsima 2

Rekwiżiti speċifiċi applikabbli għal organizzazzjonijiet ta' produtturi

Artikolu 22

Kopertura tal-prodott

1. L-Istati Membri għandhom jirrikonoxxu l-organizzazzjonijiet tal-produtturi skond l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007 fir-rigward tal-prodott jew tal-grupp ta' prodotti speċifikati fl-applikazzjoni għar-rikonoxximent, suġġetti għal kwalunkwe deċiżjoni meħuda skond l-Artikolu 4(1)(c) ta' dak ir-Regolament.

2. L-Istati Membri għandhom jirrikonoxxu biss organizzazzjonijiet tal-produtturi fir-rigward ta' prodotti maħsuba biss għall-ipproċessar fejn ikunu kapaċi jiżguraw li dawk il-prodotti jkunu kkonsenjati għall-ipproċessar, kemm jekk permezz ta' sistema ta' kuntratti ta' provvista jew le.

Artikolu 23

Numru minimu ta' membri

Meta jitsabbilixxu n-numru minimu ta' membri ta' organizzazzjoni tal-produtturi skond l-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu li fejn applikant għar-rikonoxximent ikun totalment jew parzjalment magħmul minn membri li huma minnhom infushom entitajiet legali jew partijiet definiti b'mod ċar ta' entitajiet legali magħmulin minn produtturi, in-numru minimu ta' produtturi jista' jkun ikkalkulat fuq il-bażi tan-numru ta' produtturi assoċjati ma' kull waħda mill-entitajiet legali jew partijiet definiti b'mod ċar ta' entitajiet legali.

Artikolu 24

Żmien minimu ta' sħubija

1. Il-perjodu minimu ta' sħubija ta' produttur għandu jkun mhux inqas minn sena.

2. Ir-riżenja mis-sħubija għandha tkun innotifikata lill-organizzazzjoni bil-miktub. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-perjodi ta' notifika, li ma għandhomx ikunu ta' iktar minn sitt xhur, u l-ġranet li fihom isseħħ ir-riżenja.

▼B

Artikolu 25

Strutturi u attivitajiet ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-organizzazzjonijiet tal-produtturi jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom il-persunal, l-infrastruttura u t-tagħmir neċessarju sabiex iwettqu r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007 u jiżguraw il-funzjonament essenzjali tagħhom, partikolarment rigward:

(a) il-konoxxenza tal-produzzjoni tal-membri tagħhom,

(b) il-ġbir, għażla, ħażna u ppakkjar tal-produzzjoni tal-membri tagħhom,

(c) il-ġestjoni kummerċjali u tal-baġit, u

(d) iż-żamma ta' kotba b'mod ċentralizzat u sistema ta' fatturazzjoni.

Artikolu 26

Valur jew volum ta' produzzjoni li tista' tiġi kummerċjalizzata

Għall-finijiet ta' l-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007, il-valur jew volum ta' produzzjoni li tista' tiġi kkumerċjalizzata għandu jkun ikkalkulat fuq l-istess bażi bħall-valur tal-produzzjoni mqiegħda fis-suq stabbilit fl-Artikoli 52 u 53 ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 27

Provvista ta' mezzi tekniċi

Għall-finijiet ta' l-Artikolu 4(1)(e) tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007, organizzazzjoni tal-produtturi li tkun rikonoxxuta għal prodott li għalih il-provvista ta' mezzi tekniċi tkun neċessarja għandha tkun ikkunsidrata li tissodisfa l-obbligazzjoni tagħha meta hija nnifisha jew permezz tal-membri tagħha, jew permezz ta' sussidjarji jew permezz ta' esternalizzazzjoni (outsourcing), tipprovdi livell adegwat ta' mezzi tekniċi.

Artikolu 28

L-attivitajiet ewlenin ta' l-organizzazzjonijiet tal-produtturi

1. L-attività ewlenija ta' organizzazzjoni tal-produtturi għandha tirrigwarda l-konċentrazzjoni tal-provvista u t-tqegħid fis-suq tal-prodotti tal-membri tagħha li għaliha tkun rikonoxxuta.

2. Il-valur tal-produzzjoni mqiegħda fis-suq tal-membri ta' l-organizzazzjoni tal-produtturi nfisha u tal-membri ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi li tbiegħ, għandu jkun iktar mill-valur tal-produzzjoni mqiegħed fis-suq l-oħra kollha li tbiegħ.

Dan il-kalkolu għandu jkun ibbażat biss fuq prodotti li għalihom tkun rikonoxxuta l-organizzazzjoni tal-produtturi.

3. Fejn l-Artikolu 52(7) japplika, il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandu japplika *mutatis mutandis* għas-sussidjarji kkonċernati mill-1 ta' Jannar 2012.

▼B

Artikolu 29

Esternalizzazzjoni

L-esternalizzazzjoni ta' attività ta' organizzazzjoni tal-produtturi għandha tfisser li organizzazzjoni tal-produtturi tidħol f'arranġament kummerċjali ma' entità oħra, inkluż waħda mill-membri tagħha jew sussidjarja, għall-provvista ta' l-attività kkonċernata. L-organizzazzjoni tal-produtturi għandha madankollu tibqa' responsabbli sabiex tiżgura t-twettiq ta' dik l-attività, u l-kontroll tal-ġestjoni ġenerali u s-superviżjoni ta' l-arranġament kummerċjali għall-provvista ta' l-attività.

L-ewwel paragrafu għandu japplika *mutatis mutandis* fejn assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi testernalizza attività.

Artikolu 30

Organizzazzjonijiet ta' produtturi transnazzjonali

1. L-uffiċċju ewlieni ta' organizzazzjoni tal-produtturi transnazzjonali għandu jkun stabbilit fl-Istat Membru fejn l-organizzazzjoni għandha interessi sinjifikanti jew numru sinjifikanti ta' membri u/jew tikseb livell importanti ta' produzzjoni mqiegħda fis-suq.

2. L-Istat Membru li fih l-uffiċċju ewlieni ta' organizzazzjoni tal-produtturi transnazzjonali ikun allokat għandu jkun responsabbli għal dan li ġej:

(a) ir-rikonoxximent ta' l-organizzazzjoni tal-produtturi transnazzjonali,

(b) l-approvazzjoni tal-programm ta' operazzjoni ta' l-organizzazzjoni tal-produtturi transnazzjonali,

(c) l-istabbiliment tal-kollaborazzjoni amministrattiva neċessarja ma' l-Istati Membri l-oħra li fihom il-membri jkunu allokati fir-rigward tal-konformità mat-termini ta' rikonoxximent u s-sistema ta' verifiki u sanzjonijiet. Dawk l-Istati Membri l-oħra għandhom ikunu obbligati li jagħtu l-assistenza necessarja kollha lill-Istat Membru li fih huwa allokat l-uffiċċju ewlieni, u

(d) jipprovdi, fuq talba ta' Stati Membri oħra, id-dokumentazzjoni relevanti kollha, inkluż kwalunkwe leġiżlazzjoni applikabbli disponibbli għall-Istati Membri l-oħra li fihom il-membri jkunu allokati, tradotti f'lingwa ufficjali ta' dawk l-Istati Membri li jagħmlu t-talba.

Artikolu 31

Għaqdiet ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi

1. Fejn organizzazzjonijiet tal-produtturi li qabel kellhom programmi ta' operazzjoni preċedenti differenti jkunu ingħaqdu, dawn jistgħu joperaw il-programmi b'mod parallel u separatament sa l-1 ta' Jannar tas-sena ta' wara l-għaqda. F'dawk il-każijiet, l-organizzazzjonijiet tal-produtturi kkonċernati għandhom jitolbu l-għaqda tal-programmi ta' operazzjoni permezz ta' emenda, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 66. Inkella, l-organizzazzjonijiet tal-produtturi kkonċernati għandhom jitolbu minnufih l-għaqda ta' programmi ta' operazzjoni permezz ta' emenda, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 67.

▼B

2. Permezz ta’ deroga mill-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-organizzazzjonijiet tal-produtturi li jitolbuhom dan, għal raġunijiet sustanzjati kif xieraq, sabiex jimplimentaw programmi ta’ operazzjoni separati b’mod parallel sakemm jilħqu l-konklużjoni naturali tagħhom.

Artikolu 32

Membri li mhumiex produtturi

1. L-Istati Membri jistgħu jiddeterminaw jekk u skond liema kundizzjonijiet kwalunkwe individwu jew persuna ġuridika li mhuwiex produttur jista’ jkun aċċettat bħala membru ta’ organizzazzjoni tal-produtturi.

2. Meta jistabbilixxu l-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jiżguraw, partikolarment, il-konformità mal-paragrafi 1(a) u 4(c) ta’ l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007.

3. Il-persuni naturali jew ġuridiċi msemmija fil-paragrafu 1 ma għandhomx:

(a) ikunu kkunsidrati għal kriterji ta’ rikonxximent,

(b) jibbenefikaw direttament mill-miżuri ffinanzjati mill-Komunità.

L-Istati Membri jistgħu jirrestrinġu jew jipprojbixxu d-dritt tagħhom sabiex jivvotaw fuq deċiżjonijiet li jirrigwardaw fondi ta’ operazzjoni, skond il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2.

Artikolu 33

Kontabilità demokratika ta’ l-organizzazzjonijiet tal-produtturi

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha li jikkunsidraw li huma neċessarji sabiex jevitaw kwalunkwe abbuż ta’ poter jew influwenza minn wieħed jew iktar membri dwar l-immaniġġjar u l-operazzjoni ta’ organizzazzjoni tal-produtturi, li għandhom jinkludu d-drittijiet tal-vot.

▼M10

L-Istati Membri jistgħu jadottaw miżuri sabies jirrestrinġu jew jipprojbixxu l-poteri ta' entità legali li timmodifika, tapprova jew tirrifjuta d-deċiżjonijiet ta' organizzazzjoni tal-produtturi fejn hija parti definita b'mod ċar ta' dik l-entità legali.

▼B

Taqsima 3

Assoċjazzjonijiet ta’ organizzazzjonijiet tal-produtturi

Artikolu 34

Rikonoxximent ta’ assoċjazzjonijiet ta’ organizzazzjonijiet tal-produtturi

1. L-Istati Membri jistgħu jirrikonoxxu biss assoċjazzjonijiet ta’ organizzazzjonijiet tal-produtturi skond l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007 fir-rigward ta’ l-attivitajiet li jikkonċernaw il-prodott jew prodotti speċifikati fl-applikazzjoni għar-rikonoxximent.

▼B

2. Assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijet tal-produtturi tista' tkun rikonoxxuta skond l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007 u għalhekk twettaq kull waħda mill-attivitajiet ta' organizzazzjoni tal-produttur, anke meta t-tqegħid fis-suq tal-prodott kkonċernat ikompli jkun imwettaq mill-membri tagħha.

Artikolu 35

Assoċjazzjonijiet ta' l-attivitajiet ewlenin ta' l-organizzazzjonijiet tal-produtturi

Artikolu 28(2) u (3) għandu japplika *mutatis mutandis* għal assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi.

Artikolu 36

Membri ta' assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi li mhumiex organizzazzjonijiet tal-produtturi

1. L-Istati Membri jistgħu jiddeterminaw jekk u skond liema kundizzjonijiet kull individwu jew persuna ġuridika li ma tkunx organizzazzjoni tal-produtturi rikonoxxuta tista' tkun aċċettata bħala membru ta' assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi.

2. Membri ta' assoċjazzjoni rikonoxxuta ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi li ma jkunux organizzazzjonijiet tal-produtturi rikonoxxuti ma għandhomx:

(a) ikunu kkunsidrati għall-kriterji ta' rikonoxximent,

▼M10

_____

▼B

(c) jibbenefikaw direttament mill-miżuri ffinanzjati mill-Komunità.

▼M10

L-Istati Membi jistgħu jippermettu, jirrestrinġu jew jipprojbixxu d-dritt tagħhom li jivvutaw fuq deċiżjonijiet li jirrigwardaw il-programmi operattivi.

▼B

Artikolu 37

Assoċjazzjoni transnazzjonali ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi

1. L-uffiċċju ewlieni ta' l-assoċjazzjoni transnazzjonali ta'organizzazzjonijiet tal-produtturi għandu jkun stabbilit fi Stat Membru li fih din l-assoċjazzjoni jkollha numru sinjifikanti ta' organizzazzjonjiet membri u/jew l-organizzazzjonijiet membri jiksbu livell importanti ta' produzzjoni mqiegħda fis-suq.

2. L-Istat Membru li fih ikun jinsab l-uffiċċju ewlieni ta' l-assoċjazzjoni transnazzjonali ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi għandu jkun responsabbli għal dan li ġej:

(a) li jirrikonoxxi l-assoċjazzjoni;

(b) li japprova, fejn neċessarju, il-programm ta' operazzjoni ta' l-assoċjazzjoni;

▼B

(c) jistabbilixxi il-kollaborazzjoni amministrattiva neċessarja ma' l-Istati Membri l-oħra li fihom l-organizzazzjonijiet assoċjati jkunu jinsabu fir-rigward tal-konformità mat-termini tar-rikonoxximent u s-sistema ta' verifiki u sanzjonijiet. Dawk l-Istati Membri l-oħra għandhom ikunu obbligati li jagħtu l-assistenza neċessarja kollha lill-Istat Membru li fih ikun allokat l-uffiċċju ewlieni; u

(d) jipprovdi, meta jkun mitlub minn Stati Membri oħra, id-dokumentazzjoni relevanti kollha, inkluża kwalunkwe leġiżlazzjoni applikabbli disponibbli għall-Istati Membri l-oħra li fihom ikunu jinsabu l-membri, tradotti f'lingwa uffiċjali ta' dawk l-Istati Membri li jagħmlu t-talba.

Taqsima 4

Gruppi ta' produzzjoni

Artikolu 38

Sottomissjoni ta' pjanijiet ta' rikonoxximent

1. Entità legali jew parti definita b'mod ċar ta' entità legali għandha tissottometti l-pjan ta' rikonoxximent imsemmi fl-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007 lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru li fih l-entità jkollha l-uffiċċju ewlieni tagħha.

2. Stati Membri għandhom jistabbilixxu:

(a) il-kriterji minimi li l-entità legali jew parti definita b'mod ċar ta' entità legali għandha tilħaq sabiex tkun tista' tissottometti pjan ta' rikonoxximent,

(b) ir-regoli għall-abbozzar, il-kontenut u l-implimentazzjoni ta' pjanijiet ta' rikonoxximent,

(c) il-perjodu li matulu membru preċedenti ta' organizzazzjoni tal-produtturi għandu jkun ipprojbit milli jidħol fi grupp ta' produtturi wara li jkun telaq minn organizzazzjoni tal-produtturi fir-rigward tal-prodotti li għalihom l-organizzazzjoni tal-produtturi tkun ġiet rikonoxxuta, u

(d) il-proċeduri amministrattivi għall-approvazzjoni, monitoraġġ u twettiq ta' pjanijiet ta' rikonoxximent.

Artikolu 39

Il-kontenut tal-pjanijiet ta' rikonoxximent

Abbozz ta' pjan ta' rikonoxximent għandu jkopri mill-inqas dan li ġej:

(a) deskrizzjoni tas-sitwazzjoni inizjali, partikolarment fir-rigward tan-numru ta' membri ta' produtturi, li tagħti d-dettalji kollha tal-membri, produzzjoni, inkluż il-valur ta' produzzjoni mqiegħda fis-suq, marketing u infrastruttura, inkluża l-infrastruttura li tappartjeni lil membri individwali tal-grupp ta' produtturi jekk għandha tkun użata mill-grupp ta' produtturi nnifsu;

▼B

(b) id-data proposta għall-bidu ta' l-implimentazzjoni tal-pjan u t-tul tiegħu, li ma għandux ikun ta' iktar minn ħames snin; u

(c) l-attivitajiet li għandhom ikunu implimentati sabiex ikun akkwistat rikonoxximent.

Artikolu 40

Approvazzjoni tal-pjanijiet ta' rikonoxximent

1. L-awtorità nazzjonali kompetenti għandha tiddeċiedi rigward abbozz ta' pjan ta' rikonoxximent fi żmien tliet xhur mill-irċevuta tal-pjan akkompanjat mid-dokumenti kollha ta' appoġġ.

2. Wara l-verifiki msemmija fl-Artikolu 113, l-awtorità nazzjonali kompetenti għandha, kif xieraq:

(a) taċċetta l-pjan u tagħti rikonoxximent preliminari;

(b) tirrikjedi bidliet fil-pjan;

(c) tiċħad il-pjan.

Dan ikun aċċettazzjoni, fejn ikun hemm bżonn, biss jekk il-bidliet mitluba skond il-punt (b) jkunu inkorporati fil-pjan.

Hija għandha tinnotifika l-entità legali jew parti definita b'mod ċar ta' entità legali bid-deċiżjoni tagħha.

Artikolu 41

Implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' rikonoxximent

1. Il-pjan ta' rikonoxximent għandu jkun implimentat f'partijiet annwali li jibdew fl-1 ta' Jannar. L-Istati Membri jistgħu jippermettu li gruppi ta' produtturi jaqsmu dawn il-partijiet annwali f'perjodi semestrali.

Il-pjan ta' rikonoxximent għandu jibda, skond id-data proposta skond l-Artikolu 39(b):

(a) fl-1 ta' Jannar wara d-data ta' l-aċċettazzjoni tiegħu mill-awtorità nazzjonali kompetenti, jew

(b) immedjatament wara d-data ta' l-aċċettazzjoni tiegħu.

2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-kundizzjonijiet li fuqhom il-gruppi ta' produtturi jistgħu jitolbu bidliet għall-pjanijiet matul l-implimentazzjoni tagħhom. Dawn it-talbiet għandhom ikunu akkompanjati mid-dokumenti neċessarji kollha li jsaħħuhom.

3. L-awtorità nazzjonali kompetenti għandha tiddeċiedi rigward bidliet fil-pjanijiet fi żmien tliet xhur li tkun irċevuta t-talba għal bidla, wara li tikkunsidra l-evidenza pprovduta. Meta ebda deċiżjoni ma tkun meħuda fir-rigward ta' bidla f'dak il-perjodu, it-talba titqies li kienet miċħuda.

▼B

Artikolu 42

Applikazzjonijiet għal rikonoxximent bħala organizzazzjoni tal-produtturi

Gruppi ta' produtturi li jimplimentaw pjan ta' rikonoxximent jistgħu, fi kwalunkwe ħin, jissottomettu applikazzjoni għal rikonoxximent skond l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007. Dawn l-applikazzjonijiet għandhom fi kwalunkwe każ ikunu sottomessi qabel l-aħħar tal-perjodu transizzjonali msemmi fl-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007.

Mid-data li fiha din l-applikazzjoni tkun magħmula, il-grupp in kwistjoni jista' jissottometti abozz ta' programm ta' operazzjoni skond l-Artikolu 64.

Artikolu 43

L-attivitajiet ewlenin ta' gruppi ta' produtturi

L-Artikolu 28 għandu japplika *mutatis mutandis* għal gruppi ta' produtturi.

Artikolu 44

Valur ta' produzzjoni mqiegħed fis-suq

1. L-Artikolu 52 għandu japplika *mutatis mutandis* għal gruppi ta' produtturi.

2. Fejn tnaqqis fil-valur ta' produzzjoni mqiegħed fis-suq ikun seħħ minħabba raġunijiet, ġustifikati kif jixraq għal Stat Membru, li jaqgħu barra mir-responsabbiltà u l-kontroll tal-grupp ta' produtturi, il-valur tal-produzzjoni mqiegħed fis-suq għandu jkun mhux inqas minn 65 % tal-valur iddikjarat fl-applikazzjoni jew applikazzjonijiet preċedenti għall-għajnuna li jkopru l-iktar parti annwali riċenti, kif ivverifikat mill-Istat Membru, u fin-nuqqas ta' dan, tal-valur iddikjarat inizjalment fil-pjan ta' rikonoxximent approvat.

▼M15

3. Il-valur tal-produzzjoni kkummerċjalizzata għandu jiġi kkalkulat skont il-leġiżlazzjoni applikabbli fir-rigward tal-perjodu li għalih tintalab l-għajnuna.

▼B

Artikolu 45

L-iffinanzjar ta' pjanijiet ta' rikonoxximent

1. Ir-rati ta' għajnuna msemmija fl-Artikolu 7(5) tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007 għandhom ikunu mnaqqsa min-nofs fir-rigward ta' produzzjoni mqiegħda fis-suq li tkun iktar minn 1 000 000 EUR.

2. L-għajnuna msemmija fl-Artikolu 7(3)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007 għandha tkun suġġetta għal limitu għal kull grupp ta' produtturi ta' 100 000 EUR għal kull parti annwali.

3. Meta parti ta' implimentazzjoni ma tkomplix għal sena kalendarja sħiħa l-limiti msemmija fil-paragrafu 2 għandhom ikunu mnaqqsa proporzjonalment.

▼B

4. L-għajnuna msemmija fl-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007 għandha tkun imħallsa:

(a) f'partijiet annwali jew semestrali fl-aħħar ta' kull perjodu annwali jew semestrali għall-implimentazzjoni tal-pjan ta' rikonoxximent, jew

(b) f'partijiet li jkopru parti mill-perjodu annwali jekk il-pjan jibda matul il-perjodu annwali jew jekk ir-rikonoxximent iseħħ skond l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007 qabel it-tmiem ta' perjodu annwali.

Sabiex ikunu kkalkolati l-partijiet, l-Istati Membri jistgħu jużaw bħala bażi l-produzzjoni mqiegħda fis-suq li tikkorrispondi għal perjodu li ma jkunx dak li fir-rigward tiegħu l-partijiet ikunu mħallsa, meta l-verifiki hekk ikunu jeħtieġu. Id-differenza bejn il-perjodi għandha tkun inqas minn dak il-perjodu kkonċernat.

5. Ir-rata tal-kambju applikabbli għall-ammonti msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandha tkun ir-rata reċentement ippubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew qabel l-ewwel ġurnata tal-perjodu li fih l-għajnuna in kwistjoni tkun mogħtija.

Artikolu 46

Għajnuna għal investimenti meħtieġa għar-rikonoxximent

Fir-rigward ta' investimenti konnessi ma' l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' rikonoxximent imsemmija fl-Artikolu 39(c) ta' dan ir-Regolament li għalihom hija pprovduta għajnuna skond l-Artikolu 7(3)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007:

(a) l-investimenti li jistgħu jostakolaw il-kompetizzjoni f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-attivitajiet ekonomiċi l-oħra għandhom ikunu esklużi, u

(b) investimenti għall-benefiċċju dirett jew indirett ta' dawn il-miżuri għandhom ikunu ffinanzjati *pro rata* għall-użu tagħhom għas-setturi jew prodotti li għalihom ikun ingħata rikonoxximent preliminari.

Artikolu 47

Applikazzjoni għall-għajnuna

1. Grupp ta' produtturi għandu jissottometti applikazzjoni għall-għajnuna unika msemmija fl-Artikoli 7(3)(a) u (b) tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007 fi żmien tliet xhur ta' l-aħħar ta' kull perjodu annwali jew semestrali kif imsemmi fl-Artikolu 45(4) ta' dan ir-Regolament. L-applikazzjoni għandha tinkludi dikjarazzjoni tal-valur tal-produzzjoni mqiegħed fis-suq għall-perjodu li għalih l-għajnuna hija meħtieġa.

2. Applikazzjonijiet għall-għajnuna li jkopru perjodi semestrali jistgħu jkunu sottomessi biss jekk il-pjan ta' rikonoxximent ikun maqsum f'perjodi semestrali kif imsemmija fl-Artikolu 41(1). L-applikazzjonijiet kollha għall-għajnuna għandhom ikunu akkompanjati minn dikjarazzjoni bil-miktub mill-produttur b'tali mod li dan ta' l-aħħar:

(a) jimxi u se jimxi skond ir-Regolament (KE) Nru 1182/2007 u ma' dan ir-Regolament; u

▼B

(b) ma jkunx ibbenefika, mhux qed jibbenefika u mhux se jibbenefika la direttament u lanqas indirettament minn finanzjar doppju Komunitarju jew nazzjonali għal azzjonijiet implimentati skond il-pjan ta' rikonoxximent tiegħu li għalih il-finanzjament tal-Komunità ikun mogħti skond dan ir-Regolament.

3. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-iskadenza għall-ħlas ta' l-għajnuna li fi kwalunkwe każ ma għandhiex tkun iktar tard minn sitt xhur wara l-irċevuta ta' l-applikazzjoni.

Artikolu 48

Eliġibilità

L-Istati Membri għandhom jevalwaw l-eliġibilità ta' gruppi ta' produtturi għall-għajnuna skond dan ir-Regolament sabiex jistabbilixxu li l-għajnuna tkun ġustifikata kif xieraq, skond il-kundizzjonijiet u d-data li fiha kull għajnuna pubblika preċedenti kienet mogħtija lil organizzazzjonijiet tal-produtturi jew gruppi li minnhom membri tal-grupp ta' produtturi in kwistjoni oriġinaw u għal kull ċaqliq ta' membri bejn organizzazzjonijiet tal-produtturi u gruppi ta' produtturi.

Artikolu 49

Il-kontribuzzjoni Komunitarja

1. Il-kontribuzzjoni Komunitarja lejn l-għajnuna kif imsemmija fl-Artikolu 7(3)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007 għandha tammonta għal:

▼M10

(a) 75 % fir-reġjunijiet eliġibbli skont l-Għan ta' Konverġenza, u

(b) 50 % fir-reġjuni l-oħra.

L-għajnuna li tifdal se titħallas bħala pagament b'rata fissa mill-Istati Membri. L-applikazzjoni tal-għajnuna mhux se jkun jeħtiġilha tinkludi l-evidenza dwar l-użu tal-għajnuna.

▼B

2. Il-kontribuzzjoni Komunitarja lejn l-għajnuna kif imsemmija fl-Artikolu 7(3)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007, espressa f'termini ta' għotja kapitali jew ekwivalenti ta' għotja kapitali, ma għandhiex tkun ta' iktar minn, bħala persentaġġ ta' spejjeż ta' investiment eliġibbli:

(a) 50 % fir-reġjunijiet eliġibbli skond l-Għan ta' Konverġenza, u

(b) 30 % f'reġjunijiet oħra.

L-Istati Membri kkonċernati għandhom jobbligaw ruħhom li jikkontribwixxu mill-inqas 5 % ta' l-ispejjeż ta' investiment eliġibbli.

Il-benefiċjarji ta' għajnuna lejn spejjeż ta' investiment eliġibbli għandhom iħallsu mill-inqas:

(a) 25 % fir-reġjunijiet eliġibbli skond l-Għan ta' Konverġenza, u

(b) 45 % f'reġjunijiet oħra.

▼B

Artikolu 50

Għaqdiet

1. L-għajnuna kif ipprovdut fl-Artikoli 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007 tista' tingħata, jew tista' tkompli tingħata, lil gruppi ta' produtturi li jkunu ingħataw rikonoxximent preliminari u li jirriżultaw mill-għaqda ta' bejn żewġ gruppi ta' produtturi jew aktar li jkunu ingħataw rikonoxximent preliminari.

2. Għall-finijiet tal-kalkolazzjoni ta' l-għajnuna pagabbli skond il-paragrafu 1, il-grupp ta' produtturi li jirriżulta mill-għaqda għandu jieħu post il-gruppi li jingħaqdu.

3. Meta tnejn jew iżjed gruppi ta' produtturi jingħaqdu, l-entità ġdida għandha tassumi d-drittijiet u obbligazzjonijiet tal-grupp ta' produtturi li l-ewwel ikun ingħata status qabel ir-rikonoxximent.

4. Meta grupp ta' produtturi li jkun ingħata rikonoxximent preliminari jingħaqad ma' organizzazzjoni tal-produtturi rikonoxxuta, l-entità li tirriżulta ma tibqax eliġibbli għal rikonoxximent preliminari bħala grupp ta' produtturi, u lanqas għall-għajnuna msemmija fl-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007. L-entità li tirriżulta għandha tkompli tkun ittrattata bħala organizzazzjoni tal-produtturi rikonoxxuta, sakemm tirrispetta r-rekwiżiti applikabbli. Jekk ikun hemm bżonn, l-organizzazzjoni tal-produtturi għandha titlob bidla fil-programm ta' operazzjoni tagħha, u għal dan l-għan l-Artikolu 31 għandu japplika *mutatis mutandis*.

Madankollu, azzjonijiet imwettqa minn gruppi ta' produtturi qabel din l-għaqda għandhom ikomplu jkunu eliġibbli skond il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-pjan ta' rikonoxximent.

Artikolu 51

IL-konsegwenzi tar-rikonoxximent

1. L-għajnuna kif ipprovduta fl-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007 għandha tieqaf ladarba jingħata r-rikonoxximent.

2. Meta programm ta' operazzjoni jkun sottomess skond dan ir-Regolament, l-Istat Membru kkonċernat għandu jiżgura li ma jkunx hemm finanzjament doppju tal-miżuri stabbiliti fil-pjan ta' rikonoxximent.

3. Investimenti li jikkwalifikaw għall-għajnuna jew l-ispejjeż imsemmija fl-Artikolu 7(3)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007 jistgħu jkunu meħuda fi programmi ta' operazzjoni sakemm ikunu konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.

4. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-perjodu, li jibda wara l-implimentazzjoni tal-pjan ta' rikonoxximent, li fih il-grupp ta' produtturi għandu jkun obbligat li jkun rikonoxxut bħala organizzazzjoni tal-produtturi. Dan il-perjodu ma għandux ikun ta' iktar minn erba' xhur.

▼B

KAPITOLU II

Fondi ta' operazzjoni u programmi ta' operazzjoni

Taqsima 1

Valur ta' produzzjoni mqiegħed fis-suq

Artikolu 52

Bażi għall-kalkolazzjoni

1. Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, il-valur tal-produzzjoni mqiegħda fis-suq għal organizzazzjoni tal-produtturi għandu jkun ikkalkulat fuq il-bazi tal-produzzjoni ta' membri ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi, li għaliha l-organizzazzjoni tal-produtturi hija rikonoxxuta.

2. Il-valur tal-produzzjoni mqiegħda fis-suq għandu jinkludi l-produzzjoni ta' membri li jitilqu jew jingħaqdu ma' l-organizzazzjoni tal-produtturi. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw il-kundizzjonijiet sabiex ikun evitat għadd doppju.

▼M23

2a. Il-valur tal-produzzjoni kummerċjalizzata ma għandux jinkludi l-valur tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati jew ta' kwalunkwe prodott ieħor li mhuwiex prodott tas-settur tal-frott u l-ħxejjex.

Madankollu, il-valur tal-produzzjoni kummerċjalizzata tal-frott u l-ħxejjex intenzjonati għall-ipproċessar, li jkunu ġew ittrasformati f'wieħed mill-frott jew ħxejjex proċessati elenkati fil-Parti X tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jew kwalunkwe prodott agrikolu msemmi f'dan l-Artikolu u deskritt aktar fl-Anness VIa għal dan ir-Regolament, minn organizzazzjoni tal-produtturi jew assoċjazzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi jew il-membri tagħhom, li jkunu produtturi jew il-kooperattivi tagħhom, jew sussidjarji kif imsemmi fil-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu, sew jekk huma stess jew permezz tal-esternalizzazzjoni, għandhom jiġu kkalkolati bħala rata fissa fil-perċentwali applikata lill-valur iffatturat ta' dawn il-prodotti pproċessati.

Dik ir-rata fissa għandha tkun:

(a) 53 % għall-meraq tal-frott;

(b) 73 % għall-meraq konċentrat tal-frott;

(c) 77 % għall-kunserva tat-tadam;

(d) 62 % għall-frott u l-ħxejjex friżati;

(e) 48 % għall-frott u l-ħxejjex tal-bott;

(f) 70 % għall-faqqiegħ tal-bott tal-ġenus *Agaricus*;

(g) 81 % għall-frott proviżorjament priżervat fis-salmura;

(h) 81 % għall-frott imnixxef;

(i) 27 % għal frott u ħxejjex oħra proċessati;

(j) 12 % għall-ħwawar aromatiċi proċessati;

(k) 41 % għat-trab tal-paprika.

▼B

3. L-Istati Membri jistgħu jippermettu organizzazzjonijiet tal-produtturi sabiex jinkludu l-valur ta' prodotti sekondarji fil-valur ta' produzzjoni mqiegħda fis-suq.

4. Il-valur tal-produzzjoni mqiegħda fis-suq għandu jinkludi l-valur ta' prodotti irtirati mis-suq mormija kif ipprovdut fil-punti (a) u (b) ta' l-Artikolu 10(4) tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007, stmat bil-prezz medju ta' dawk il-prodotti mqiegħda fis-suq mill-organizzazzjoni tal-produtturi fis-sena ta' qabel.

▼M10

5. Biss il-produzzjoni tal-membri tal-organizzazzjoni tal-produtturi mqiegħda fis-suq mill-organizzazzjoni tal-produtturi nnifisha għandha tgħodd fil-valur tal-produzzjoni mqiegħda fis-suq. Il-produzzjoni tal-membri tal-organizzazzjoni tal-produtturi mqiegħda fis-suq minn organizzazzjoni tal-produtturi oħra ddeżinjata mill-organizzazzjoni proprja tagħhom, skont l-Artikoli 125a(2)(b) u (c) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 ([1]) għandha tgħodd fil-valur tal-produzzjoni mqiegħda fis-suq tat-tieni organizzazzjoni ta' produtturi.

▼M23

6. Il-produzzjoni kummerċjalizzata tal-frott u l-ħxejjex għandha tkun iffatturata fl-istadju ta' 'qabel l-ispejjeż assoċjati mal-organizzazzjoni tal-produtturi' fejn applikabbli, bħala prodott elenkat fil-Parti IX tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 li hija ppreparata u ppakkjata u bl-esklużjoni ta':

(a) il-VAT;

(b) l-ispejjeż tat-trasport intern, fejn id-distanza bejn il-ġbir ċentralizzat jew punti tal-ippakkjar tal-organizzazzjoni tal-produtturi u l-punt tad-distribuzzjoni tal-organizzazzjoni tal-produtturi tkun sinifikanti.

Għall-finijiet tal-punt (b) tal-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri għandhom jipprovdu għal tnaqqis li għandu jkun applikat għall-valur fatturat għall-prodotti fatturati fi stadji differenti tal-kunsinna jew tat-trasport.

▼B

7. Il-valur tal-produzzjoni mqiegħda fis-suq jista' wkoll ikun ikkalkulat fl-istadju ex-sussidjarju, fuq l-istess bażi kif stabbilit fil-paragrafu 6, sakemm mill-inqas 90 % tal-kapital tas-sussidjarju jappartjeni:

(a) lill-organizzazzjonijiet tal-produtturi jew assoċjazzjoni ta' l-organizzazzjonijiet tal-produtturi, jew

(b) suġġett għal approvazzjoni ta' Stat Membru, lil membri, li huma kooperattivi, ta' l-organizzazzjonijiet tal-produtturi jew assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi jekk dan il-fatt jikkontribwixxi għall-għanijiet imniżżla fl-Artikolu 3(1)(b) u (c) tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007.

8. Fejn iseħħ tnaqqis fil-produzzjoni minħabba avveniment klimatiku jew mard tal-pjanti jew annimali jew infestazzjonijiet ta' annimali jew insetti li jagħmlu l-ħsara, allura kwalunkwe assigurazzjoni ta' indemnifikazzjoni rċevuta fir-rigward ta' miżuri ta' assigurazzjoni ta' ħsad koperti mit-Taqsima 6 tal-Kapitolu III, jew miżuri ekwivalenti ġestiti mill-organizzazzjoni tal-produtturi, minħabba dawn il-kawżi jistgħu jkunu nklużi fil-valur tal-produzzjoni mqiegħda fis-suq.

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

▼B

Artikolu 53

Perjodu ta' referenza

1. Il-limitu annwali fuq l-għajnuna imsemmi fl-Artikolu 10(2) tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007 għandu jkun ikkalkulat kull sena fuq il-bażi tal-valur ta' produzzjoni mqiegħed fis-suq matul perjodu ta' referenza ta' 12-il xahar li għandu jkun determinat mill-Istati Membri.

2. Il-perjodu ta' referenza għandu jkun stabbilit mill-Istati Membri għal kull organizzazzjoni tal-produtturi bħala:

(a) perjodu ta' tnax-il xahar, li ma jibdiex qabel l-1 ta' Jannar tliet snin qabel is-sena li fiha l-programm ta' operazzjoni jkun implimentat u jispiċċa mhux iktar tard mill-1 ta' Awwissu ta' l-istess sena, jew

(b) il-valur medju tat-tliet perjodi ta' 12-il xahar sussegwenti li ma jibdewx qabel l-1 ta' Jannar ħames snin qabel is-sena li fiha l-programm ta' operazzjoni kien implimentat u ma jispiċċawx iktar tard mill-1 ta' Awwissu ta' l-istess sena.

3. Il-perjodu ta' 12-il xahar għandu jkun il-perjodu ta' kontabilità ta' l-organizzazzjoni tal-produtturi kkonċernata.

Il-perjodu ta' referenza ma għandux ivarja matul programm ta' operazzjoni ħlief f'sitwazzjonijiet iġġustifikati kif jixraq.

4. Fejn iseħħ tnaqqis fil-valur ta' prodott minħabba raġunijiet, iġġustifikati kif xieraq għas-sodisfazzjon ta' Stat Membru, li jaqgħu barra mir-responsabbiltà u l-kontroll ta' l-organizzazzjoni tal-produtturi, il-valur tal-produzzjoni mqiegħda fis-suq imsemmi fil-paragrafu 1 ma għandux ikun inqas minn 65 % tal-valur tal-prodott ikkonċernat fil-perjodu ta' referenza preċedenti.

Ir-raġunijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom ikunu ġġustifikati kif suppost.

▼M13

5. Fejn organizzazzjonijiet tal-produtturi rikonoxxuti reċentament ma jkollhomx informazzjoni storika biżżejjed dwar il-produzzjoni mqiegħda fis-suq għall-applikazzjoni tal-paragrafu 2 il-valur tal-produzzjoni mqiegħda fis-suq jista' jkun ikkunsidrat bħala l-valur tal-produzzjoni li hi tajba biex titqiegħed fis-suq ipprovdut mill-organizzazzjoni tal-produtturi għall-finijiet ta' rikonoxximent. Dan għandu jkun ikkalkulat bħala l-valur medju tal-produzzjoni mqiegħda fis-suq għall-perjodu matul dawk it-tliet snin li fihom il-produtturi li huma membri tal-organizzazzjoni tal-produtturi meta għaliha tkun sottomessal-applikazzjoni għar-rikonoxximent kienu effettivament qed jipproduċu.

▼B

6. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiġbru l-informazzjoni dwar il-valur tal-produzzjoni mqiegħda fis-suq ta' l-organizzazzjonijiet tal-produtturi li ma jkunux issottomettew programmi ta' operazzjoni.

7. Permezz ta' deroga mill-paragrafi 1 sa 6, il-valur ta' produzzjoni mqiegħda fis-suq għall-perjodu ta' referenza ta' qabel id-data ta' l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandu jkun kif ikkalkulat skond il-leġiżlazzjoni applikabbli f'dan il-perjodu ta' referenza.

▼M23

Madankollu, għall-programmi operazzjonali approvati fl-20 ta' Jannar 2010, il-valur tal-produzzjoni kummerċjalizzata għas-sena 2007 u qabel għandu jkun ikkalkolat abbażi tal-leġiżlazzjoni applikabbli fil-perjodu ta' referenza, filwaqt li l-valur tal-produzzjoni kummerċjalizzata għas-snin 2008 u wara għandu jiġi kkalkolat abbażi tal-leġiżlazzjoni applikabbli fl-2008.

Għall-programmi operazzjonali approvati wara l-20 ta' Jannar 2010, il-valur tal-produzzjoni kummerċjalizzata għas-snin 2008 u wara għandu jkun ikkalkolat abbażi tal-leġiżlazzjoni applikabbli fi żmien meta ġie approvat il-programm operazzjonali.

▼B

Taqsima 2

Fondi ta' Operazzjoni

Artkolu 54

Ġestjoni

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-fondi ta' operazzjoni jkunu ġestiti b'tali mod li awdituri esterni jkunu jistgħu annwalment jidentifikaw, jivverfikaw u jiċċertifikaw in-nefqa u d-dħul tagħhom.

Artikolu 55

Finanzjament ta' fondi ta' operazzjoni

Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-fond ta' operazzjoni msemmija fl-Artikolu 8(1) tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007 għandhom ikunu determinati mill-organizzazzjoni tal-produtturi.

Il-produtturi kollha għandu jkollhom l-opportunità li jibbenefikaw mill-fond ta' operazzjoni, u l-produtturi kollha għandhom ikollhom l-opportunità li jipparteċipaw demokratikament f'deċiżjonijiet li jikkonċernaw l-użu ta' fondi ta' l-organizzazzjoni tal-produtturi u l-kontribuzzjonijiet finanzjarji lill-fondi ta' operazzjoni.

Artikolu 56

Komunikazzjoni ta' ammont stimat

Organizzazzjonijiet tal-produtturi għandhom jikkomunikaw l-ammonti stmati ta' kontribuzzjoni Komunitarja, u l-kontribuzzjoni tal-membri tagħha u ta' l-organizzazzjoni tal-produtturi innifisha lil fondi ta' operazzjoni għas-sena ta' wara lill-Istat Membru sal-15 ta' Settembru bħala l-aħħar ċans, flimkien mal-programmi ta' operazzjoni jew talbiet għall-approvazzjoni ta' l-emendi tagħhom.

L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu data iktar tard mill-15 ta' Settembru.

Il-kalkolu ta' l-ammont stmat tal-fondi ta' operazzjoni għandu jkun ibbażat fuq il-programmi ta' operazzjoni u l-valur ta' produzzjoni mqiegħda fis-suq. Il-kalkolu għandu jkun maqsum bejn nefqa għal miżuri ta' prevenzjoni u ġestjoni ta' kriżijiet u miżuri oħra.

▼B

Taqsima 3

Programmi ta' Operazzjoni

Artikolu 57

L-istrateġija Nazzjonali

1. L-istruttura ġenerali u l-kontenut ta' l-istrateġija nazzjonali msemmija fl-Artikolu 12(2) tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007 għandha, mill-1 ta' Jannar 2009, tkun stabbilita skond il-linji gwida mwettqa fl-Anness VII. Qabel dik id-data, l-Istati Membri għandhom jiddeterminaw l-istruttura ġenerali u l-kontenut tagħha. Tista' tkun magħmula minn elementi reġjonali.

L-istrateġija nazzjonali għandha tintegra d-deċiżjonijiet kollha meħuda u d-dispożizzjonijiet adottati mill-Istat Membru fl-applikazzjoni tat-Titolu III tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007 u dan it-Titolu.

2. L-istrateġija nazzjonali, inkluż l-integrazzjoni tal-kwadru nazzjonali msemmi fl-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007, għandha tkun stabbilita qabel ma jkunu sottomessi l-abozzi ta' programmi ta' operazzjoni fi kwalunkwe sena partikolari. Il-kwadru nazzjonali għandu jkun integrat wara li kien sottomess lill-Kummissjoni u jekk xieraq, wara li kien emendat skond it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007.

3. Analiżi tas-sitwazzjoni inizjali għandha tifforma parti mill-proċess ta' formazzjoni ta' l-istrateġija nazzjonali u tkun imwettqa taħt ir-responsabbiltà ta' l-Istat Membru. Għandha tidentifika u tivvaluta l-bżonnijiet li għandhom ikunu milħuqa, il-gradazzjoni tal-bżonnijiet f'termini ta' prijoritajiet, l-għanijiet li għandhom ikunu akkwistati permezz tal-programmi ta' operazzjoni sabiex jintlaħqu dawk il-bzonnijiet ta' prijorità, ir-riżultati mistennija u l-għanijiet kwantifikati li għandhom ikunu akkwistati fir-rigward tas-sitwazzjoni inizjali, u tistabbilixxi l-iktar strumenti u azzjonijiet xierqa sabiex ikunu milħuqa dawk l-għanijiet.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni ta' l-istrateġija nazzjonali u l-implimentazzjoni permezz ta' programmi ta' operazzjoni.

L-istrateġija nazzjonali tista' tkun emendata, partikolarment skond monitoraġġ u evalwazzjoni. Dawn l-emendi għandhom ikunu magħmula qabel is-sottomissjoni ta' programmi ta' operazzjoni fi kwalunkwe sena partikolari.

5. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu fl-istrateġija nazzjonali il-persentaġġi massimi tal-fond li jista' jintefaq fuq kwalunkwe miżura individwali u/jew tip ta' azzjoni u/jew spiża sabiex ikun żgurat bilanċ xieraq bejn miżuri differenti.

Artikolu 58

Kwadru nazzjonali għal azzjonijiet ambjentali

1 Minbarra n-notifikazzjoni mbassra skond l-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007 l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw ukoll lill-Kummissjoni bi kwalunkwe emendi lill-kwadru nazzjonali li għandhom ikunu suġġetti għall-proċedura stabbilita fit-tieni sub-paragrafu ta' l-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007. Il-Kummissjoni għandha tagħmel il-kwadru disponibbli għal Stati Membri oħra permezz tal-mezzi li tikkunsidra xierqa.

▼B

2. Il-kwadru għandu jistabbilixxi l-lista mhux eżawrjenti ta' azzjonijiet ambjentali u l-kundizzjonijiet għalhekk applikabbli fl-Istat Membru għall-finijiet ta' l-Artikolu 9(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1182/2007 u, għal kull azzjoni ambjentali magħżula, għandu jindika:

(a) l-obbligazzjoni jew obbligazzjonijiet speċifiċi mitluba, u

(b) il-ġustifikazzjoni ta' l-azzjoni bbażata fuq l-impatt ambjentali mistenni fir-rigward tal-bżonnijiet u prijoritajiet ambjentali.

Artikolu 59

Regoli komplementari ta' Stati Membri

L-Istati Membri jistgħu jadottaw regoli li jikkumplimentaw ir-Regolament (KE) Nru 1182/2007 u dan ir-Regolament jikkonċerna l-eliġibiltà ta' miżuri, azzjonijiet jew spejjeż skond il-programmi ta' operazzjoni.

Artikolu 60

Relazzjoni ma' programmi ta' żvilupp rurali

1. Ebda appoġġ skond il-programm jew programmi ta' żvilupp rurali ta' Stati Membri approvat skond ir-Regolament (KE) Nru 1698/2005, ma għandu jkun mogħti lil azzjonijiet li huma koperti minn miżuri stabbiliti minn dan ir-Regolament, bla ħsara għall-paragrafu 2.

2. Fejn kien mogħti appoġġ b'mod eċċezzjonali skond ir-Regolament (KE) Nru 1698/2005 skond l-Artikolu 5(6) ta' dak ir-Regolament, għal miżuri li kienu jkunu potenzjalment eliġibbli skond dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-benefiċjarju jista' jirċievi appoġġ għal azzjoni mogħtija biss taħt skema waħda.

Għal dak il-għan, meta l-Istati Membri, jinkludu miżuri li jinkludu dawn l-eċċezzjonijiet fil-programmi ta' żvilupp rurali tagħhom, huma għandhom jiżguraw li l-istrateġija nazzjonali kif imsemmija fl-Artikolu 57 ta' dan ir-Regolament tistabbilixxi l-kriterji u regoli amministrattivi li għandhom japplikaw fil-programmi ta' żvilupp rurali.

▼M10

Fejn ikun rilevanti, u mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 103a(3), 103d(1) u (3) u 103e tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 u l-Artikolu 49 ta' dan ir-Regolament, il-livell ta' appoġġ għal miżuri koperti minn dan ir-Regolament ma għandhomx jeċċedu dak applikabbli għall-miżuri skont il-programm ta' żvilupp rurali.

▼B

Appoġġ għal azzjonijiet ambjentali, minbarra akkwist ta' assi fissi, għandu jkun limitat għall-ammonti massimi stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005 għal pagamenti agri-ambjentali. Dawn l-ammonti jistgħu jkunu miżjuda f'każijiet eċċezzjonali skond iċ-ċirkostanzi speċifiċi li għandhom ikunu ġġustifikati fl-istrateġija nazzjonali kif imsemmija fl-Artikolu 57 ta' dan ir-Regolament.

▼M10

Ir-raba' subparagrafu ma għandux japplika għal azzjonijiet ambejntali li ma jirrelatawx direttament jew indirettament ma' pakkett partikulari.

▼B

Artikolu 61

Kontenuti ta' programmi ta' operazzjoni u spejjeż eliġibbli

1. Il-programmi ta' operazzjoni għandhom jinkludu dan li ġej:

(a) deskrizzjoni tas-sitwazzjoni inizjali, bbażata, fejn ikun relevanti, fuq l-indikaturi bażiċi imniżżla fl-Anness XIV;

(b) l-għanijiet tal-programm, skond il-perspettiva tal-produzzjoni u l-punti ta' ħruġ, u spjegazzjoni ta' kif il-programm jikkontribwixxi għall-istrateġija nazzjonali u konferma li huwa konsistenti ma' l-istrateġija nazzjonali, inkluż fil-bilanċ tiegħu bejn attivitajiet. Id-deskrizzjoni ta' l-għanijiet għandha tirreferi għall-għanijiet definiti fl-istrateġija nazzjonali u tindika għanijiet sabiex jiffaċilitaw il-monitoraġġ ta' żvilupp magħmul gradwalment fl-implimentazzjoni tal-programm;

(c) deskrizzjoni dettaljata tal-miżuri, inklużi dawk tal-prevenzjoni u l-maniġġjar ta' kriżijiet, li tinkludi azzjonijiet separati, li għandhom jittieħdu u l-mezzi sabiex ikunu akkwistati dawk l-għanijiet f'kull sena ta' implimentazzjoni tal-programm. Id-deskrizzjoni għandha tindika safejn il-miżuri differenti proposti:

(i) jikkumplimentaw u huma konsistenti ma' miżuri oħra, inklużi miżuri ffinanzjati jew eliġibbli għal appoġġ minn fondi oħra tal-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari appoġġ għall-iżvilupp rurali. F'dan ir-rigward, għandha ssir ukoll referenza speċifika, jekk ikun xieraq, għal miżuri mwettqa skond programmi ta' operazzjoni preċedenti;

(ii) ma jinkludu ebda riskju ta' ffinanzjar doppju mill-fondi tal-Komunità Ewropea;

(d) it-tul tal-programm; u

(e) l-aspetti finanzjarji, jiġifieri:

(i) il-metodu ta' kalkolu u l-livell ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji;

(ii) il-proċedura għall-iffinanzjar tal-fond ta' operazzjoni;

(iii) l-informazzjoni neċessarja sabiex tiġġustifika livelli differenti ta' kontribuzzjoni u;

(iv) l-baġit u skeda sabiex jittieħdu operazzjonijiet għal kull sena ta' implimentazzjoni tal-programm.

2. Diversi azzjonijiet ambjentali jistgħu jkunu magħquda sakemm huma komplementari u kumpatibbli.

Meta azzjonijiet ambjentali huma magħquda, il-livell ta' appoġġ għandu jikkunsidra d-dħul speċifiku predeterminat u spejjeż addizzjonali li jirriżultaw mill-għaqda.

▼B

3. Investimenti, inklużi dawk taħt kuntratti ta' kiri, li l-perjodu ta' ħlas lura tagħhom huwa ikbar minn dak tat-tul tal-programm ta' operazzjoni jistgħu jiġu ttrasferiti fi programm ta' operazzjoni sussegwenti fuq raġunijiet ekonomiċi ġġustifikati kif suppost, u b'mod partikolari f'każijiet fejn il-perjodu fiskali ta' deprezzament ikun itwal minn ħames snin.

Meta investimenti jkunu mibdula, il-valur residwu ta' l-investiment mibdul għandu jkun:

(a) miżjud fil-fond ta' operazzjoni ta' l-organizzazzjoni tal-produtturi, jew

(b) imnaqqas mill-kost tas-sostituzzjoni

L-investimenti jew azzjonijiet jistgħu jkunu implimentati fuq azzjonijiet individwali ta' membri ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi, sakemm jikkontribwixxu għall-għanijiet tal-programm ta' operazzjoni. Jekk il-membru jitlaq mill-organizzazzjoni tal-produtturi, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-investiment jew il-valur residwu tiegħu ikun irkuprat, sakemm l-Istat Membru ma jipprovdix mod ieħor.

4. Il-programmi ta' operazzjoni ma għandhomx jinkludu l-azzjonijiet jew l-ispejjeż imsemmija fil-lista stabbilita fl-Anness VIII.

5. In-nefqa taħt il-programmi ta' operazzjoni eliġibbli għal għajnuna għandha tkun ristretta għall-ispejjeż li fil-fatt ikunu saru. Madankollu, minflok dan, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu rati fissi standard minn qabel u b'mod iġġustifikat kif suppost fil-każijiet li ġejjin:

(a) fejn dawn ir-rati fissi huma msemmija fl-Anness VIII,

(b) għal spejjeż addizzjonali għal kull kilometru ta' trasport estern, meta mqabbel ma' l-ispejjeż ta' trasport ta' merkanzija bit-toroq, imġarrba meta jintuża trasport bil-ferrovija u/jew bil-baħar bħala parti minn miżura sabiex ikun rispettat l-ambjent, u

(c) għal spejjeż addizzjonali u dħul predeterminat li jirriżulta minn azzjonijiet ambjentali, meqjusa konformi ma' l-Artikolu 53(2) tar-Regolament (KE) Nru 1974/2006.

L-Istati Membri għandhom jirrevedu dawn ir-rati mill-inqas kull ħames snin.

6. Sabiex azzjoni tkun eliġibbli, iktar minn 50 % tal-valur tal-prodotti kkonċernati minnha għandhom ikunu dawk li għalihom l-organizzazzjoni tal-produtturi hija rikonoxxuta. Sabiex jingħaddu fil-50 %, il-prodotti għandhom joriġinaw mill-membri ta' l-organizzazzjoni tal-produtturi jew mill-membri ta' organizzazzjoni tal-produtturi oħra. Ir-regoli xierqa fl-Artikolu 52 għandhom japplikaw għall-kalkolu tal-valur.

Artikolu 62

Dokumenti li għandhom ikunu sottomessi

Il-programmi ta' operazzjoni għandhom ikunu akkompanjati, b'mod partikolari minn:

(a) evidenza tat-twaqqif ta' fond ta' operazzjoni;

▼B

(b) obbligazzjoni bil-miktub mill-organizzazzjoni tal-produtturi li timxi skond ir-Regolament (KE) Nru 1182/2007 u dan ir-Regolament; u

(c) obbligazzjoni bil-miktub mill-organizzazzjoni tal-produtturi li la għandha u mhix se tirċievi, direttament jew indirettament, kwalunkwe fond ieħor Komunitarju jew nazzjonali fir-rigward ta' azzjonijiet li jikkwalifikaw bħala għajnuna skond dan ir-Regolament.

Artikolu 63

Programmi ta' operazzjoni parzjali

1. Skond l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007 Stat Membru jista' jawtorizza assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi sabiex tippreżenta programm ta' operazzjoni parzjali tagħhu stess, li għandu jikkonsisti minn azzjonijiet identifikati, iżda mhux implimentati minn żewġ organizzazzjonijiet tal-produtturi jew iktar fil-programmi ta' operazzjoni tagħhom.

2. L-istess regoli għandhom japplikaw għal programmi ta' operazzjoni parzjali kif ukoll għal programmi ta' operazzjoni oħra u għandhom ikunu kkunsidrati flimkien mal-programmi ta' operazzjoni tal-membri ta' l-organizzazzjoniet ta' produtturi.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li:

▼M10

(a) l-azzjonijiet huma ffinanzjati kompletament mill-kontribuzzjonijiet tal-membri tal-assoċjazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi li huma organizzazzjonijiet tal-produtturi, imħallsa mill-fondi operattivi ta' dawk l-organizzazzjonijiet tal-produtturi. Madankollu, l-azzjonijiet jistgħu jkunu ffinanzjati b'ammont proporzjonali għall-kontribuzzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi membri, mill-membri ta' assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjoniet tal-produtturi li mhumiex organizzazzjonijiet tal-produtturi skont l-Artikolu 36, bil-kundizzjoni li dawn il-membri jkunu produtturi jew il-kooperattivi tagħhom;

▼B

(b) l-azzjonijiet u l-parteċipazzjoni finanzjarja korrispondenti ikunu mniżżla fil-programm ta' operazzjoni ta' kull organizzazzjoni tal-produtturi li tipparteċipa; u

(c) ma jkunx hemmx riskju ta' għajnuna doppja u li l-Artikolu 60 ikun applikat *mutatis mutandis*.

Artikolu 64

Limitu ta' żmien għas-sottomissjoni

Il-programmi ta' operazzjoni għandhom ikunu sottomessi għal approvazzjoni mill-organizzazzjoni tal-produtturi lill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru li fih l-organizzazzjoni tal-produtturi jkollha l-kwartieri ġenerali tagħha sal-15 ta' Settembru bħala l-aħħar ċans tas-sena ta' qabel dik li fiha għandhom ikunu implimentati. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jippostponu dik id-data.

Meta entità legali jew parti definita b'mod ċar ta' entità legali, inkluż grupp tal-produtturi, tissottometti applikazzjoni għal rikonoxximent bħala organizzazzjoni tal-produtturi tista' fl-istess ħin tissottometti l-programm ta' operazzjoni msemmi fl-ewwel paragrafu għal approvazzjoni. Approvazzjoni tal-programm għandha tkun suġġetta għall-kisba ta' rikonoxximent mhux iktar tard mid-data finali stabbilita fl-Artikolu 65(2).

▼B

Artikolu 65

Deċiżjoni

1. L-awtorità nazzjonali kompetenti għandha, kif xieraq:

(a) tapprova ammonti ta' fondi u programmi li jilħqu r-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007 u dawk ta' dan il-Kapitolu;

(b) tapprova l-programmi, fuq il-kundizzjoni li ċertu emendi jkunu aċċettati mill-organizzazzjoni tal-produtturi; jew

(c) tiċħad il-programmi jew parti mill-programmi.

2. L-awtorità nazzjonali kompetenti għandha tieħu deċiżjonijiet dwar programmi u fondi sal-15 ta' Diċembru bħala l-aħħar ċans tas-sena li fiha kienu sottomessi.

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-organizzazzjonijiet tal-produtturi b'dawk id-deċiżjonijiet sal-15 ta' Diċembru bħala l-aħħar ċans.

Madankollu, għal-raġunijiet iġġustifikati kif xieraq, l-awtorità nazzjonali kompetenti tista' tieħu deċiżjoni fuq programmi u fondi ta' operazzjoni sa l-20 ta' Jannar bħala l-aħħar ċans wara d-data ta' l-applikazzjoni. Id-deċiżjoni ta' approvazzjoni tista' tistipula li n-nefqa tkun eliġibbli mill-1 ta' Jannar tas-sena ta' wara l-applikazzjoni.

Artikolu 66

Emendi għal programmi ta' operazzjoni għas-snin ta' wara

1. L-organizzazzjonijiet tal-produtturi jistgħu jitolbu emendi għall-programmi ta' operazzjoni inkluż jekk neċessarju estensjoni tat-tul tiegħu sa tul ta' total ta' ħames snin sal-15 ta' Settembru bħala l-aħħar ċans biex ikunu applikati mill-1 ta' Jannar tas-sena ta' wara.

Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jippostponu d-data għas-sottomissjoni tar-rikjesti.

2. It-talbiet għal emendi għandhom ikunu akkompanjati minn dokumenti ta' appoġġ li jagħtu r-raġuni, n-natura u implikazzjonijiet tat-tibdiliet.

3. L-awtorità kompetenti għandha tieħu deċiżjonijiet dwar talbiet għal emendi ta' programmi ta' operazzjoni sal-15 ta' Diċembru bħala l-aħħar ċans.

Madankollu, għal raġunijiet iġġustifikati kif xieraq, l-Istati Membri jistgħu jieħdu deċiżjoni dwar l-emendi għall-programmi ta' operazzjoni mhux iktar tard mill-20 ta' Jannar wara d-data ta' l-applikazzjoni. Id-deċiżjoni ta' approvazzjoni tista' tistipula li n-nefqa tkun eliġibbli mill-1 ta' Jannar tas-sena ta' wara l-applikazzjoni.

Artikolu 67

Emendi għal programmi ta' operazzjoni matul is-sena

1. Stati Membri jistgħu jawtorizzaw emendi tal-programmi ta' operazzjoni matul is-sena, skond kundizzjonijiet li għandhom ikunu determinati minnhom.

▼B

2. Organizzazzjonijiet tal-produtturi jistgħu jkunu awtorizzati mill-awtorità nazzjonali kompetenti, matul is-sena sabiex:

(a) jimplimentaw il-programmi ta' operazzjoni parzjalment biss;

(b) jibdlu l-kontenut tal-programm ta' operazzjoni, inkluż jekk neċessarju l-estensjoni tad-dewmien tiegħu sa dewmien totali ta' ħames snin;

▼M5

(ċ) iżidu l-ammont tal-fond ta' operazzjoni b'massimu ta' 25 %, u jnaqqsuh b'persentaġġ li għandu jkun stabbilit mill-Istati Membri, ta' l-ammont inizjalment approvat sakemm l-għanijiet ġenerali tal-progamm ta' operazzjoni huma miżmuma. Stati Membri jistgħu jżidu dan il-persentaġġ f'każ ta' għaqdiet ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi kif imsemmija fl-Artikolu 31(1) u f'każ ta' applikazzjoni ta' l-Artikolu 94a.

▼B

3. Stati Membri għandhom jiddeterminaw il-kundizzjonijiet skond liema programmi ta' operazzjoni jistgħu jkunu emendati matul is-sena mingħajr approvazzjoni minn qabel ta' l-awtorità nazzjonali kompetenti. Dawn il-bidliet huma eliġibbli biss għal għajnuna jekk ikunu kkomunikati mill-organizzazzjoni tal-produtturi lill-awtorità kompetenti mingħajr dewmien.

Artikolu 68

Il-format ta' progammi ta' operazzjoni

1. Il-programmi ta' operazzjoni għandhom ikunu implimentati f'perjodi annwali li jibdew mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru.

2. Il-programmi ta' operazzjoni approvati mhux aktar tard mill-15 ta' Diċembru għandhom jibdew ikunu implimentati mill-1 ta' Jannar tas-sena ta' wara.

L-implimentazzjoni ta' programmi approvati wara l-15 ta' Diċembru għandha tkun posposta għal sena.

Permezz ta' deroga mill-ewwel u t-tieni subparagrafi ta' dan il-paragrafu, meta t-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 65(2) jew it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 66(3) japplikaw, l-implimentazzjoni ta' programmi ta' operazzjoni approvati skond dawk id-dispożizzjonijiet għandhom jibdew mhux iktar tard mill-31 ta' Jannar wara l-approvazzjoni tagħhom.

Taqsima 4

Għajnuna

Artikolu 69

L-ammont ta' għajnuna approvat

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw l-organizzazzjonijiet u assoċjazzjonijiet tal-produtturi bl-ammont ta' għajnuna approvat, kif mitlub mill-Artikolu 13(3) tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007, sal-15 ta' Diċembru bħala l-aħħar ċans.

▼B

Meta t-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 65(2) jew it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 66(3) ta' dan ir-Regolament japplikaw, l-Istati Membru għandhom jagħtu notifika ta' l-ammont approvat ta' għajnuna mhux iktar tard mill-20 ta' Jannar.

Artikolu 70

Applikazzjonijiet

1. L-organizzazzjonijiet tal-produtturi għandhom jissottomettu applikazzjoni għal għajnuna jew bilanċ ta' dan lill-awtorità kompetenti għal kull programm ta' operazzjoni li għalih hija mitluba għajnuna fil-15 ta' Frar bħala l-aħħar ċans tas-sena ta' wara li għalih għajnuna tkun mitluba.

2. L-applikazzjonijiet għandhom ikunu akkompanjati mid-dokumenti ta' appoġġ li juru:

(a) l-għajnuna mitluba;

(b) il-valur ta' produzzjoni mqiegħda fis-suq;

(c) il-kontribuzzjonijiet finanzjarji imposti fuq il-membri tagħha u dawk ta' l-organizzazzjoni tal-produtturi nnifisha;

(d) l-ispejjeż imġarrba fir-rigward tal-programm ta' operazzjoni;

(e) l-ispejjeż li jikkonċernaw il-prevenzjoni u l-immaniġġjar ta' kriżijiet maqsuma minn azzjonijiet;

(f) il-proporzjon tal-fond ta' operazzjoni minfuq fuq prevenzjoni u mmaniġġjar ta' kriżijiet maqsuma minn azzjonijiet;

(g) il-konformità ma' l-Artikolu 9(2) u l-Artikolu 9(3)(a) jew (b) u l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007;

(h) dikjarazzjoni bil-miktub li ma tkunx ircieviet fondi Komunitarji jew nazzjonali doppji fir-rigward ta' miżuri u/jew azzjonijiet li jikkwalifikaw bħala għajnuna skond dan ir-Regolament; u

(i) fil-każ ta' applikazzjoni għal pagament ibbażat fuq rata fissa kif imsemmija fl-Artikolu 61(4), prova ta' l-implimentazzjoni ta' l-azzjoni kkonċernata.

3. L-applikazzjonijiet jistgħu jkopru spejjeż ipprogrammati iżda li ma jkunux saru jekk dawn l-elementi li ġejjin ikunu ppruvati:

(a) l-operazzjonijiet ikkonċernati ma setgħux jitwettqu sal-31 ta' Diċembru bħala l-aħħar ċans tas-sena ta' implimentazzjoni tal-programm ta' operazzjoni għal raġunijiet li mhumiex fil-kontroll ta' l-organizzazzjoni tal-produtturi kkonċernata;

(b) dawk l-operazzjonijiet jistgħu jitwettqu sa mhux aktar tard mit-30 ta' April bħala l-aħħar ċans tas-sena ta' wara bħala l-aħħar ċans; u

(c) kontribuzzjoni ekwivalenti mill-organizzazzjoni tal-produtturi tibqa' fil-fond ta' operazzjoni.

▼B

L-għajnuna għandha tkun imħallsa u l-garanzija magħmula skond l-Artikolu 72(3) għandha tkun rilaxxata biss fuq il-kundizzjoni li prova ta' implimentazzjoni tan-nefqa pprogrammata msemmija fil-punt (b) ta' l-ewwel subparagrafu tkun ipprovduta sat-30 ta' April bħala l-aħħar ċans tas-sena ta' wara dik li fiha l-ispejjeż in kwistjoni kienu pprogrammati, u fuq il-bażi ta' l-intitolament għall-għajnuna attwalment stabbilita.

4. Fejn l-applikazzjonijiet ikunu sottomessi wara d-data pprovduta fil-paragrafu 1, l-għajnuna għandha tkun imnaqqsa b'1 % għal kull ġurnata ta' dewmien.

F'każijiet eċċezzjonali u ġġustifikati kif xieraq, l-awtorità kompetenti tista' taċċetta applikazzjonijiet wara d-data pprovduta fil-paragrafu 1, jekk ikunu konformi mal-verifiki neċessarji u mal-limitu ta' żmien għall-pagament imsemmi fl-Artikolu 71.

Artikolu 71

Il-ħlas ta' l-għajnuna

L-Istati Membri għandhom iħallsu l-għajnuna sal-15 ta' Ottubru bħala l-aħħar ċans tas-sena ta' wara s-sena ta' implimentazzjoni tal-programm.

Artikolu 72

Ħlas bil-quddiem

1. L-Istati Membri jistgħu jippermettu l-organizzazzjonijiet tal-produtturi sabiex japplikaw għall-pagament bil-quddiem tal-parti ta' l-għajnuna li tikkorrispondi għall-ispejjeż prevedibbli li jirriżultaw mill-programm ta' operazzjoni matul il-perjodu ta' tliet jew erba' xhur li jibda fix-xahar li fih l-applikazzjoni tkun sottomessa.

2. L-applikazzjonijiet għal ħlas bil-quddiem għandhom ikunu sottomessi kif jiddeċiedi l-Istat Membru, jew fuq il-bażi ta' tliet xhur f'Jannar, April, Lulju u Ottubru jew fuq il-bażi ta' erba' xhur f'Jannar, Mejju u Settembru.

Il-ħlasijiet bil-quddiem kollha magħmula għal sena partikolari ma jistgħux jeċċedu 80 % ta' l-ammont ta' għajnuna inizjalment approvata għall-programm ta' operazzjoni.

3. Il-pagamenti għandhom jitħallsu bla ħsara għall-għoti ta' garanzija ekwivalenti għal 110 % tagħhom skond ir-Regolament Nru 2220/85.

Għandhom isiru kundizzjonijiet mill-Istati Membri sabiex jassiguraw li l-kontibuzzjonijiet finanzjarji għall-fond ta' operazzjoni jkunu imposti skond l-Artikolu 54 u l-Artikolu 55 ta' dan ir-Regolament u l-ħlasijiet bil-quddiem preċedenti jkunu fil-fatt intefqu.

4. L-applikazzjonijiet għar-rilaxx ta' garanziji jistgħu jkunu sottomessi matul is-sena tal-programm attwali u għandhom ikunu akkompanjati mid-dokumenti ta' appoġġ relevanti.

Il-garanziji għandhom ikunu rilaxxati fir-rigward ta' sa 80 % tal-ħlasijiet magħmula.

5. Ir-rekwiżit primarju skond it-tifsira ta' l-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 2220/85 għandu jkopri l-eżekuzzjoni ta' l-operazzjonijiet stabbiliti fil-programmi ta' operazzjoni suġġetti għal impriżi msemmija fl-Artikolu 62(b) u (c) ta' dan ir-Regolament.

▼B

Fil-każ ta' nuqqas ta' twettiq tar-rekwiżit primarju jew ta' nuqqas serju li jintlaħqu l-obbligazzjonijiet ipprovduti fl-Artikolu 62(b) u (c) il-garanzija għandha tkun imnehħija, mingħajr preġudizzju għal penalitajiet oħra li għandhom ikunu applikati skond it-Taqsima 3 tal-Kapitolu V.

Fil-każ ta' nuqqas ta' twettiq ta' rekwiżiti oħra, il-garanzija għandha tkun imnehħija proporzjonaliment mal-gravità ta' l-irregularità li kienet stabbilita.

6. L-Istati Membru jistgħu jistabbilixxu ammont minimu u l-iskadenzi rigward il-pagamenti bil-quddiem.

Artikolu 73

Ħlasijiet parzjali

L-Istati Membri jistgħu jippermettu li l-organizzazzjonijiet tal-produtturi japplikaw għall-ħlas tal-parti ta' l-għajnuna korrispondenti għall-ispejjeż li jirriżultaw mill-programm ta' operazzjoni.

L-applikazzjonijiet jistgħu jkunu sottomessi f'kull ħin, iżda mhux iktar minn tliet darbiet f'sena partikolari. Għandhom ikunu akkompanjati minn dokumenti li jappoġġjawhom kif xieraq.

Il-pagamenti kollha fir-rigward ta' applikazzjonijiet għal partijiet ta' l-għajnuna ma jistgħux jeċċedu 80 % ta' l-ammont ta' għajnuna inizjalment approvat għall-programm ta' operazzjoni jew tan-nefqa reali, skond liema waħda tkun l-inqas.

L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu l-ammont minimu u l-iskadenzi għall-ħlasijiet parzjali.

KAPITOLU III

Miżuri għall-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kriżijiet

Taqsima 1

Dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 74

Għażla ta' miżuri għall-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kriżijiet

L-Istati Membri jistgħu jipprovdu li waħda jew iktar mill-miżuri mniżżla fl-Artikolu 9(2) tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007 ma għandhiex tapplika fit-territorju tagħhom.

Artikolu 75

Self għall-iffinanzjar ta' miżuri għall-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kriżijiet

Self meħud minn miżuri għall-prevenzjoni u l-ġestjoni ta' kriżijiet skond it-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 9(2) tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007 li l-perjodu tal-ħlas tagħhom ikun itwal mill-programm ta' operazzjoni jista' jkun meħud fi programm ta' operazzjoni sussegwenti skond raġunijiet ekonomiċi debitament iġġustifikati.

▼B

Taqsima 2

Irtirar mis-suq

Artikolu 76

Definizzjoni

Din it-Taqsima tistabbilixxi regoli li jikkonċernaw l-irtirar mis-suq kif imsemmija fl-Artikolu 9(2)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007. Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, "prodotti rtirati mis-suq", "prodotti rtirati" u "prodotti mhux impoġġija għall-bejgħ" ifissru prodotti li huma irtirati mis-suq.

Artikolu 77

Standards tal-marketing

1. Fejn l-istandards tal-marketing kif imsemmi fil-paragrafi 2 u 7 ta' l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007 jeżisti għal prodott partikolari, dan il-prodott irtirat mis-suq għandu jimxi skond dawk l-istandards, minbarra d-dispożizzjonijiet dwar il-preżentazzjoni u mmarkar ta' prodotti. Il-prodotti jistgħu jkunu rtirati bil-bulk, id-daqsijiet kollha flimkien, sakemm jikkonformaw mar-rekwiżiti minimi għal klassi II, b'mod partikolari fir-rigward tal-kwalità u d-daqs.

Madankollu, il-prodotti żgħar kif definit fl-istandards relevanti għandhom jikkonformaw ma' l-istandards tal-marketing applikabbli, fosthom id-dispożizzjonijiet dwar il-preżentazzjoni u l-immarkar tal-prodotti.

2. Jekk ebda minn dawn l-istandards tal-marketing ma jeżistu għal prodott partikolari, ir-rekwiżiti minimi stabbiliti fl-Anness IX għandhom ikunu milħuqa minn prodotti rtirati mis-suq. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu regoli addizzjonali li jissupplimentaw dawk ir-rekwiżiti minimi.

Artikolu 78

Medja ta' tliet snin għal irtirar mis-suq għal distribuzzjoni ħielsa

Il-limitu ta' 5 % tal-volum tal-produzzjoni mqiegħda fis-suq imsemmi fl-Artikolu 10(4) tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007 għandu jkun ikkalkulat fuq il-bażi ta' medja aritmetika tal-volumi ġenerali ta' prodotti li għalihom l-organizzazzjoni tal-produtturi tkun rikonoxxuta u jkunu mwiegħda fis-suq permezz ta' organizzazzjoni tal-produtturi matul it-tliet snin preċedenti.

Riward organizzazzjonijiet tal-produtturi riċentament rikonoxxuti, id-dejta għas-snin tal-marketing qabel ir-rikonoxximent għandha tkun:

(a) fejn l-organizzazzjoni kienet grupp ta' produtturi, id-dejta ekwivalenti għal dak il-grupp ta' produtturi, fejn applikabbli, jew

(b) il-volum applikabbli għall-applikazzjoni għar-rikonoxximent.

▼B

Artikolu 79

Notifikazzjoni minn qabel ta' operazzjonijiet ta' rtirar

1. L-organizzazzjonijiet tal-produtturi u l-assoċjazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi għandhom jinnotifikaw minn qabel l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, permezz ta' telekomunikazzjoni bil-miktub jew messaġġ elettroniku, b'kull operazzjoni ta' rtirar li għandhom intenzjoni li jagħmlu. Din in-notifika għandha tispeċifika, b'mod partikolari, il-lista ta' prodotti li ttieħdu f'intervent u l-karatteristiċi prinċipali tagħhom skond l-istandards ta' marketing relevanti, il-kwantità stmata ta' kull prodott ikkonċernat, id-destinazzjoni intenzjonata tagħhom u l-post fejn il-prodotti rtirati jistgħu jkunu spezzjonati kif ipprovdut mill-Artikolu 110. In-notifikazzjonijiet għandhom jinkludu ċertifikat li jivverifika li l-prodotti rtirati jikkonformaw ma' l-istandards tal-marketing applikabbli jew ir-rekwiżiti minimi msemmija fl-Artikolu 77.

2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli dettaljati għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi rigward notifikazzjonijiet sabiex jagħmlu n-notifikazzjoni pprovduta fil-paragrafu 1, partikolarment fir-rigward tal-limiti ta' żmien.

3. Fil-limiti ta' żmien imsemmija fil-paragrafu 2, l-Istati Membri għandhom:

(a) jew iwettqu il-verifika kif imsemmi fl-Artikolu 110(1), li warajha, jekk ebda irregolaritajiet ma jkunu osservati, għandhom jawtorizzaw l-operazzjoni ta' rtirar kif innutat fil-verifika; jew,

(b) fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 110(3), ma jwettqux il-verifika imsemmija fl-Artikolu 110, f'liema każ għandhom jinformaw lill-organizzazzjoni tal-produtturi b'dan permezz ta' telekomunikazzjoni bil-miktub jew messaġġ elettroniku u jawtorizzaw l-operazzjoni ta' rtirar kif innotifikat.

Artikolu 80

Appoġġ

1. L-appoġġ, li jinkludi kemm il-kontribuzzjoni Komunitarja kif ukoll il-kontribuzzjoni ta' l-organizzazzjoni tal-produtturi, għall-irtirar mis-suq għandu jkun mhux iktar mill-ammonti stabbiliti fl-Anness X għall-prodotti msemmija f'dak l-Anness. Rigward prodotti oħra, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu ammonti massimi ta' appoġġ.

▼M1

2. L-irtirar mis-suq ma għandux jeċċedi 5 % bħala proporzjon tal-volum tal-produzzjoni mqiegħda fis-suq ta' kwalunkwe prodott fi kwalunkwe organizzazzjoni ta' produtturi. Madankollu, l-ammonti li jitqassmu skond wieħed mill-modi msemmija fil-punti (a) u (b) ta' l-Artikolu 10(4) tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007, jew bi kwalunkwe mod ieħor approvat mill-Istati Membri skond l-Artikolu 81(2), ma għandhomx jitqiesu f'dak il-proporzjon.

▼B

Il-volum tal-produzzjoni imqiegħda fis-suq għandu jkun ikkalkolat bħala medja tal-volum tal-produzzjoni mqegħda fis-suq fit-tliet snin reċenti. Jekk din l-informazzjoni mhix disponibbli, għandu jintuża l-volum ta' produzzjoni mqiegħda fis-suq li għaliha l-organizzazzjoni tal-produtturi kienet rikonoxxuta.

▼M23

Il-perċentwali msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom ikunu l-medji annwali fuq perjodu ta' tliet snin, b'marġni annwali ta' qbiż tal-limitu ta' 5 punti perċentwali.

▼B

Artikolu 81

Destinazzjonijiet tal-prodotti rtirati

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu d-destinazzjonijiet tal-prodotti suġġetti għal irtirar mis-suq. Għandhom jadottaw dispożizzjonijiet sabiex jiżguraw li ebda impatt negattiv fuq l-ambjent jew kwalunkwe konsegwenzi negattivi fitosanitarji ma jistgħu jirriżultaw mill-irtirar jew id-destinazzjoni tagħhom. Spejjeż imġarrba mill-organizzazzjonijiet tal-produtturi minħabba konformità ma' dawn id-dispożizzjonijiet għandhom ikunu eliġibbli bħala parti mill-appoġġ għal irtirar mis-suq skond il-programm ta' operazzjoni.

2. Id-destinazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jinkludu distribuzzjoni libera li għandha tfisser dawk imsemmija fil-punti (a) u (b) ta' l-Artikolu 10(4) tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007 u kwalunkwe destinazzjonijiet oħra ekwivalenti approvati mill-Istati Membri.

▼M23

L-Istati Membri jistgħu jippermettu lill-organizzazzjonijiet u l-istituzzjonijiet tal-karità msemmija fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 103d(4) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jitolbu kontribuzzjoni simbolika mingħand ir-riċevituri finali tal-prodotti li jkunu ġew irtirati mis-suq, f'każ li dawn il-prodotti jkunu ġew ipproċessati.

▼B

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi neċessarji kollha sabiex jiffaċilitaw kuntatti u kooperazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet tal-produtturi u r-riċevituri li jkunu approvaw, fuq talba, għal distibuzzjoni b'xejn.

3. Ir-rimi ta' prodotti għall-industrija ta' l-ipproċessar għandu jkun possibbli biss bil-kundizzjoni li ma jirriżultax f'ostakolu fil-kompetizzjoni għall-industriji kkonċernati fil-Komunità jew għall-prodotti importati.

Artikolu 82

Spejjeż tat-trasport

1. L-ispejjeż tat-trasport għad-distribuzzjoni b'xejn tal-prodotti kollha rtirati mis-suq għandhom ikunu eliġibbli skond il-programm ta' operazzjoni fuq il-bażi ta' ammonti ta' rata fissa stabbiliti skond id-distanza bejn il-punt ta' rtirar u l-post ta' kunsinna stabbilit fl-Anness XI.

Fil-każ ta' trasport bil-baħar, il-Kummissjoni għandha tiddetermina l-ispejjeż tat-trasport li jistgħu jiġu milħuqa fuq il-bażi ta' l-ispejjeż tat-trasport reali u d-distanza. Il-kumpens hekk iddeterminat ma jistax ikun ta' iktar mill-ispejjeż tat-trasport bl-art fuq l-iqsar distanza bejn il-post fejn ikunu mgħobbija u l-punt tal-ħruġ teoretiku. Għandu jkun applikat koeffiċjent korrettiv ta' 0,6 għall-ammonti kif stabbilit fl-Anness XI.

▼B

2. L-ispejjeż tat-trasport għandhom ikunu mħallsa lill-parti li attwalment tħallas l-ispejjeż finanzjarji ta' l-operazzjoni tat-trasport in kwistjoni.

Il-pagament għandu jkun suġġett għall-preżentazzjoni tad-dokumenti ta' appoġġ li jiċċertifikaw partikolarment:

(a) l-ismijiet ta' l-organizzazzjonijiet benefiċjarji;

(b) il-kwantità tal-prodotti kkonċernati;

(c) l-aċċettazzjoni mill-organizzazzjonijiet benefiċjarji u l-mezzi ta' trasport użati; u

▼M5

(d) id-distanza bejn il-pajjiż ta' rtirar u l-post ta' kunsinna.

▼B

Artikolu 83

Spejjeż tad-distribuzzjoni u l-ippakkjar

▼M23

1. L-ispejjeż tal-għażla u l-ippakkjar tal-frott u l-ħxejjex friski rtirati mis-suq għad-distribuzzjoni bla ħlas għandhom ikunu eliġibbli skont il-programmi operazzjonali fil-każ ta' prodotti mqiegħda f'pakketti ta' anqas minn 25 kilogramma piż nett bl-ammonti tar-rata fissa stipulata fil-Parti A tal-Anness XII.

2. Il-pakketti tal-prodotti għad-distribuzzjoni bla ħlas għandhom juru l-emblema tal-Ewropea, flimkien ma' waħda jew aktar mir-referenza stabbiliti fil-Parti B tal-Anness XII.

▼B

3. L-ispejjeż ta' distribuzzjoni u ppakkjar għandhom ikunu mħallsa lill-organizzazzjonijiet ta' produzzjoni li wettqu dawk l-operazzjonijiet.

Il-pagament għandu jkun suġġett għall-preżentazzjoni ta' dokumenti ta' appoġġ li jiċċertifikaw b'mod partikolari:

(a) l-ismijiet ta' l-organizzazzjonijiet benefiċjarji;

(b) il-kwantità tal-prodotti kkoncernati; u

(c) aċċettazzjoni mill-organizzazzjonijiet benefiċjarji, li tispeċifika l-preżentazzjoni.

Artikolu 84

Kundizzjonijiet għar-riċevituri ta' prodotti rtirati

1. Ir-riċevituri ta' prodotti rtirati msemmija fil-punti (a) u (b) ta' l-Artikolu 10(4) tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007 għandhom jobbligaw ruħhom li:

(a) jimxu skond dan ir-Regolament;

(b) iżommu rekord tal-ħażniet u kontijiet finanzjarji separati għall-operazzjonijiet in kwistjoni;

(c) jaċċettaw il-verfiki pprovduti mir-regoli tal-Komunità; u

▼B

(d) jipprovdu d-dokumenti ta' appoġġ dwar l-aħħar destinazzjoni ta' kull wieħed mill-prodotti kkonċernati, fil-forma ta' ċertifikat ta' kontroll (jew dokument ekwivalenti) li jivverifika li l-prodotti rtirati kienu meħuda minn terza persuna minħabba d-distribuzzjoni b'xejn tagħhom.

Madankollu, Stati Membri jistgħu jiddeċiedu li r-riċevituri ma għandhomx iżommu rekords jew kontijiet imsemmija fil-punt (b) ta' l-ewwel subparagrafu, jekk jirċievu biss kwantitajiet iżgħar u fejn huma jikkunsidraw li r-riskju huwa baxx. Dik id-deċiżjoni u l-ġustifikazzjoni tagħha għandha tkun irreġistrata.

2. Ir-riċevituri ta' prodotti rtirati għal destinazzjonijiet oħra għandhom jobbligaw ruħhom li:

(a) jimxu skond dan ir-Regolament;

(b) iżommu rekord tal-ħażniet u kontijiet finanzjarji separati għall-operazzjonijiet in kwistjoni jekk l-Istati Membri jikkunsidraw li huwa xieraq minkejja l-fatt li l-prodott kien imħassar qabel il-kunsinna;

(c) jaċċettaw l-verifiki pprovduti skond ir-regoli tal-Komunità; u

(d) ma jitolbux għajnuna addizzjonali għall-alkoħol prodott mill-prodotti kkonċernati fil-każ ta' prodotti rtirati intenzjonati għad-distillazzjoni.

Taqsima 3

Ħsad bikri u l-ebda ħsad

Artikolu 85

Definizzjonijiet ta' ħsad bikri u l-ebda ħsad

1. Il-ħsad bikri għandu jfisser il-ħsad totali ta' prodotti mhux mqiegħda fis-suq f'zona partikolari mwettaq qabel il-bidu tal-ħsad normali. Il-prodotti kkonċernati ma għandhomx ikunu diġà bil-ħsara qabel il-ħsad bikri, kemm minħabba raġunijiet klimatiċi jew mard jew affarijiet oħra.

2. L-ebda ħsad huwa fejn ebda produzzjoni kummerċjali ma tkun meħuda minn zona kkonċernata matul iċ-ċiklu ta' produzzjoni normali. Madankollu il-qerda ta' prodotti minħabba avveniment klimatiku jew mard ma għandux ikun ikkunsidrat bħala ebda ħsad.

3. Il-ħsad bikri u l-ebda ħsad għandu jkun addizjonali għal u differenti mill-prattiċi ta' kultivazzjoni normali.

Artikolu 86

Kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-ħsad bikri u l-ebda ħsad

1. Fir-rigward tal-miżuri ta' ħsad bikri u l-ebda ħsad, l-Istati Membri għandhom:

(a) jadottaw dispożizzjonijiet dettaljati dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri, inkluż fuq notifikazzjonijiet minn qabel ta' ebda ħsad u ħsad bikri, l-kontenut u l-iskadenzi tagħhom, fuq l-ammont ta' kumpens li għandu jkun imħallas u fuq l-applikazzjoni tal-miżuri, kif ukoll il-lista ta' prodotti eliġibbli skond il-miżuri,

▼B

(b) jadottaw dispożizzjonijiet sabiex jiżguraw li ebda impatt negattiv fuq l-ambjent jew konsegwenzi negattivi fitosanitarji ma jirriżultaw mill-applikazzjoni tagħhom,

(c) jiżguraw li jkun possibbli li jkun ivverifikat li l-miżuri jkunu mwettqa korrettament, u ma japprovawx l-applikazzjoni tal-miżuri fejn dan ma jkunx il-każ,

(d) japplikaw dawk il-verifiki li jiżguraw li l-miżuri jkunu mwettqa korrettament, inkluż fir-rigward tad-dispożizzjonijiet imsemmija fil-punti (a) u (b).

2. L-organizzazzjonijiet tal-produtturi u l-assoċjazzjonijiet tagħhom għandhom jinnotifikaw minn qabel l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, permezz ta' telekomunikazzjoni bil-miktub jew messaġġ elettroniku, b'kull operazzjoni ta' ħsad bikri jew ebda ħsad li għandhom intenzjoni li jagħmlu.

Huma għandhom jinkludu fl-ewwel notifika ta' kwalunkwe sena partikolari jew għal kwalunkwe prodott partikolari, analiżi bbażata fuq is-sitwazzjoni tas-suq mistennija li tiġġustifika ħsad bikri bħala miżura għall-prevenzjoni tal-kriżijiet minn qabel.

3. Il-ħsad bikri u l-ebda ħsad ma għandhomx ikunu applikati t-tnejn għall-istess prodott u fl-istess zona partikolari fi kwalunkwe sena partikolari, jew fi kwalunkwe sentejn konsekuttivi.

4. Ammonti ta' kumpens, li jinkludu kemm il-kontribuzzjoni tal-Komunità u l-kontribuzzjoni ta' l-organizzazzjoni tal-produtturi, għal ħsad bikri u ebda ħsad għandhom ikunu pagamenti għal kull ettaru, stabbiliti mill-Istat Membru skond il-paragrafu 1(a):

(a) fuq il-livell li jkopri biss l-ispejjeż addizzjonali ġenerati mill-applikazzjoni tal-miżura, skond il-ġestjoni ambjentali u fitosanitarja neċessarja sabiex jimxi skond id-dispożizzjonijiet adottati skond il-paragrafu 1(b), jew

(b) fuq livell li jkopri mhux iktar minn 90 % tal-livell ta' appoġġ massimu għal irtirar mis-suq kif imsemmi fl-Artikolu 80.

Taqsima 4

Promozzjoni u kommunikazzjoni

Artikolu 87

Implimentazzjoni ta' miżuri ta' promozzjoni u komunikazzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw dispożizzjonijiet dettaljati dwar l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' promozzjoni u komunikazzjoni. Dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jippermettu l-applikazzjoni rapida tal-miżuri meta din tkun mitluba.

▼B

2. L-azzjonijiet taħt miżuri ta' promozzjoni u komunikazzjoni għandhom ikunu addizzjonali għal kwalunkwe azzjonijiet ta' promozzjoni u komunikazzjoni applikati kontinwi li jkunu applikati mill-organizzazzjoni tal-produtturi kkonċernata.

Taqsima 5

Taħriġ

Artikolu 88

Implimentazzjoni ta' miżuri ta' taħriġ

Fir-rigward ta' miżuri ta' taħriġ, l-Istati Membri għandhom jadottaw dispożizzjonijiet dettaljati dwar l-implimentazzjoni ta' dawk il-miżuri.

Taqsima 6

Assigurazzjoni tal-ħsad

Artikolu 89

L-għan ta' miżuri dwar l-assigurazzjoni tal-ħsad

L-azzjonijiet dwar l-assigurazzjoni tal-ħsad għandhom ikunu ġestiti minn organizzazzjoni tal-produtturi li għandha tikkontribwixxi għall-ħarsien tad-dħul tal-produtturi u li jkopru telf tas-suq imġarrab mill-organizzazzjoni tal-produtturi u/jew il-membri tagħha, meta dawn ikunu affettwati minn diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi u, fejn xieraq, mard jew infestazzjonijiet ta' annimali jew insetti li jagħmlu l-ħsara.

Artikolu 90

Implimentazzjoni ta' miżuri ta' assigurazzjoni ta' ħsad

1. Fir-rigward tal-miżuri dwar l-assigurazzjoni tal-ħsad, l-Istati Membri għandhom jadottaw dispożizzjonijiet dettaljati dwar l-implimentazzjoni ta' dawk il-miżuri, inklużi dawk neċessarjji sabiex jiżguraw li l-miżuri dwar l-assigurazzjoni tal-ħsad ma jostakolawx il-kompetizzjoni fis-suq ta' l-assigurazzjoni.

2. L-Istati Membri jistgħu jikkontribwixxu finanzjar nazzjonali addizzjonali sabiex jappoġġjaw miżuri dwar l-assigurazzjoni tal-ħsad li qed jibbenefikaw mill-fond ta' operazzjoni. Madankollu, l-appoġġ pubbliku totali għall-assigurazzjoni tal-ħsad ma jistax ikun ta' iktar minn:

(a) 80 % ta' l-ispiża tal-premji ta' l-assigurazzjoni imħallsa mill-produtturi għall-assigurazzjoni kontra telf bħala riżultat ta' avvenimenti klimatiċi li jistgħu jkunu assimilati f'diżastri naturali;

(b) 50 % ta' l-ispiża tal-premji ta' l-assigurazzjoni imħallsa mill-produtturi għall-assigurazzjoni kontra:

(i) t-telf imsemmi fil-punt (a) u kontra telf ieħor ikkawżat minn avvenimenti klimatiċi avversi; u

(ii) t-telf ikkawżat minn mard ta' annimali jew pjanti jew infestazzjonijiet ta' annimali jew insetti li jagħmlu l-ħsara.

▼B

Il-limitu stabbilit fil-punt (b) ta' l-ewwel subparagrafu għandu japplika anke fil-każijiet fejn il-fond ta' operazzjoni huwa eliġibbli b'mod ieħor għal 60 % ta' assistenza finanzjarja Komunitarja skond l-Artikolu 10(3) tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007.

3. Il-miżuri dwar l-assigurazzjoni tal-ħsad ma għandhomx ikopru pagamenti ta' assigurazzjoni li jikkompensaw il-produtturi għal iktar minn 100 % tat-telf tad-dħul sofrut, meta jittieħed kont ta' kull kumpens li l-produtturi jakkwistaw minn skemi ta' appoġġ oħra fir-rigward tar-riskju assigurat.

4. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "avveniment klimatiku avvers li jista' jkun assimilat f'diżastru naturali" għandu jkollu l-istess tifsira bħal fl-Artikolu 2(8) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 ([1]).

Taqsima 7

Appoġġ għan-nefqa amministrattiva tat-twaqqif ta' fondi ta' l-investiment

Artikolu 91

Kundizzjonijiet għall-appoġġ għan-nefqa amministrattiva tat-twaqqif ta' fondi ta' l-investiment

1. Fir-rigward ta' appoġġ għan-nefqa amministrattiva tat-twaqqif ta' fondi ta' l-investiment, l-Istati Membri għandhom jadottaw dispożizzjonijiet dettaljati għall-implimentazzjoni ta' dik il-miżura.

2. L-appoġġ għan-nefqa amministrattiva tat-twaqqif ta' fondi ta' l-investiment għandu jkun, fl-ewwel, fit-tieni u fit-tielet sena ta' operazzjoni tal-fond ta' l-investiment rispettivament, il-proporzjoni li ġejja tal-kontribuzzjoni ta' l-organizzazzjoni tal-produtturi għall-fond ta' l-investiment fl-ewwel, fit-tieni u fit-tielet sena ta' l-operazzjoni tiegħu:

(a) 10 %, 8 % u 4 % fl-Istati Membri li aderew ma' l-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Mejju 2004 jew wara,

(b) 5 %, 4 % u 2 % fi Stati Membri oħra.

3. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu limiti għall-ammonti li jistgħu jkunu rċevuti minn organizzazzjoni tal-produtturi bħala appoġġ għall-ħlas amministrattiv ta' l-istabbiliment ta' fondi ta' l-investiment.

Taqsima 8

Għajnuniet mill-Istat għal miżuri ta' prevenzjoni u ġestjoni tal-kriżijiet

Artikolu 92

Dispożizzjonijiet dettaljati fl-istrateġiji nazzjonali

L-Istati Membri li jħallsu għajnuniet mill-Istat skond il-punt (c) tat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 43 tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007 għandhom jistabbilixxu dispożizzjonijiet dettaljati għall-implimentazzjoni ta' dik id-dispożizzjoni fl-istrateġiji nazzjonali tagħhom.

([1]) ĠU L 358, 16.12.2006, p. 3.

▼B

KAPITOLU IV

Assistenza Finanzjarja Nazzjonali

▼M13

Artikolu 93

Il-livell ta' organizzazzjoni tal-produtturi

Għall-finijiet tal-Artikolu 103e(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, il-livell tal-organizzazzjoni tal-produtturi f'reġjun ta' Stat Membru għandu jkun ikkunsidrat bħala partikolarment baxx fejn l-organizzazzjonijiet tal-produtturi, l-assoċjazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi u tal-gruppi tal-produtturi jkunu qiegħdu fis-suq inqas minn 20 % tal-valur medju ta' produzzjoni tal-frott u l-ħxejjex li nkiseb f'dak ir-reġjun matul l-aħħar tliet snin li għalihom id-dejta hija disponibbli.

Il-produzzjoni tal-frott u l-ħxejjex li hija ġenerata fir-reġjun riferit fl-ewwel paragrafu biss tista' tibbenefika minn għajnuna finanzjarja nazzjonali.

▼B

Artikolu 94

Awtorizzazzjoni li titħallas assistenza finanzjarja nazzjonali

1. ►M5 L-Istati Membri għandhom jippreżentaw talba lill-Kummissjoni għal awtorizzazzjoni li jħallsu assistenza finanzjarja nazzjonali skond l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 11(1) tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007 għal programmi ta' operazzjoni implimentati fi kwalunkwe sena kalendarja partikolari sal-31 ta' Jannar ta' dik is-sena. ◄

▼M13

It-talba għandha tkun akkompanjata minn evidenza li turi li l-livell ta' organizzazzjoni tal-produtturi fir-reġjun ikkonċernat huwa partikolarment baxx, kif definit fl-Artikolu 93 ta' dan ir-Regolament, li l-prodotti tas-settur tal-frott u l-ħxejjex prodotti b'dak ir-reġjun biss se jibbenefikaw mill-għajnuna, kif ukoll id-dettalji tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi kkonċernati, l-ammont ta' għajnuna kkonċernata u l-proporzjon ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji magħmula skont l-Artikolu 103b tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

▼B

2. Il-Kummissjoni għandha tapprova jew tiċħad ir-rikjesta fi żmien tliet xhur mis-sottomissjoni tagħha. Jekk il-Kummissjoni ma tirrispondix matul dan il-perjodu it-talba għandha tkun meqjusa li kienet approvata.

▼M5

Artikolu 94a

Emendi għall-programm ta' operazzjoni

Organizzazzjoni tal-produtturi li tixtieq tapplika għal assistenza finanzjarja nazzjonali għandha, jekk hu neċessarju, temenda l-programm ta' operazzjoni tagħha skond l-Artikolu 67.

▼B

Artikolu 95

Applikazzjoni għal u pagament ta' assistenza finanzjarja nazzjonali

L-organizzazzjonijiet tal-produtturi għandhom japplikaw għal assistenza finanzjarja nazzjonali, u l-Istati Membri għandhom iħallsu l-għajnuna, skond l-Artikoli 70 sa 73.

Artikolu 96

Proporzjon massimu ta' rimbors Komunitarju ta' l-assistenza finanzjarja nazzjonali

Il-proporzjon ta' rimbors Komunitarju ta' l-assistenza finanzjarja nazzjonali għandu jkun ta' 60 % ta' l-assistenza finanzjarja nazzjonali mogħtija lill-organizzazzjoni tal-produtturi.

Artikolu 97

Rimbors Komunitarju ta' l-assistenza finanzjarja nazzjonali

▼M5

1. L-Istati Membri għandhom jitolbu rimbors Komunitarju ta' l-assistenza finanzjarja nazzjonali approvata li fil-fatt tkun imħallsa lill-organizzazzjonijiet tal-produtturi, qabel l-1 ta' Jannar tat-tieni sena wara s-sena ta' l-implimentazzjoni tal-programm ta' operazzjoni.

It-talba għandha tkun akkompanjata minn evidenza li turi li l-kundizzjonijiet stabbiliti fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 11(1) tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007 kienu milħuqa fi tlett snin ta' l-erba' snin ta' qabel, kif ukoll id-dettalji ta' l-organizzazzjonijiet tal-produtturi konċernati, l-ammont ta' assistenza attwalment imħallsa u spjegazzjoni tal-fond ta' operazzjoni maqsum bejn l-ammont totali, il-kontribuzzjonijiet mill-Komunità, l-Istat Membru (assistenza finanzjarja nazzjonali) u l-organizzazzjonijiet tal-produtturi u l-membri.

▼B

2. Il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni sabiex tapprova jew tiċħad it-talba.

3. Fejn ir-rimbors Komunitarju ta' l-assistenza ikun ġie approvat, in-nefqa eliġibbli għandha tkun iddikjarata lill-Kummissjoni skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 883/2006 ([1]).

KAPITOLU V

Dispożizzjonijiet Ġenerali

Taqsima 1

Komunikazzjonijiet

Artikolu 98

Rapporti ta' l-organizzazzjonijiet tal-produtturi

1. L-organizzazzjonijiet tal-produtturi għandhom jissottomettu rapporti annwali, li jakkompanjaw l-applikazzjonijiet għall-għajnuna, dwar l-implimentazzjoni tal-programmi ta' operazzjoni.

([1]) ĠU L 171, 23.6.2006, p. 1.

▼B

Dawk ir-rapporti għandhom jikkonċernaw dan li ġej:

(a) programmi ta' operazzjoni implimentati matul is-sena preċedenti;

(b) emendi ewelenin lill-programmi ta' operazzjoni; u

(c) varjazzjonijiet bejn l-għajnuna stimata u l-għajnuna li tkun saret applikazzjoni għaliha.

2. Għal kull programm ta' operazzjoni implimentat, ir-rapport annwali għandu jindika:

(a) il-kisbiet u riżultati tal-programm ta' operazzjoni, ibbażat fuq, fejn relevanti, l-indikaturi tal-produzzjoni u tar-riżultat komuni stabbiliti fl-Anness XIV u, fejn xieraq, l-indikaturi tal-produzzjoni u tar-riżultati addizzjonali stabbiliti fl-istrateġija nazzjonali; u

(b) sommarju tal-problemi ewlenin li jkunu instabu fil-ġestjoni tal-programm u kwalunkwe miżuri meħuda sabiex jiżguraw il-kwalità u l-effettività tal-programm ta' implimentazzjoni.

Fejn relevanti, ir-rapport annwali għandu jispeċifika x'salvagwardji effettivi huma magħmula, skond l-istrateġija nazzjonali u fl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 9(5) tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007, għall-protezzjoni ta' l-ambjent minn pressjonijiet miżjuda possibbli li joriġinaw minn investimenti appoġġjati mill-programm ta' operazzjoni.

3. Għall-aħħar sena ta' applikazzjoni ta' programm ta' operazzjoni, ir-rapport annwali msemmi fil-paragrafu 1 għandu jibdel b'rapport finali.

Ir-rapporti finali għandhom juru sa fejn l-għanijiet tal-programmi ikunu inkisbu. Għandhom jispjegaw il-bidliet lill-azzjonijiet u/jew metodi u jidentifikaw fatturi li kkontribwixxew għas-suċċess jew falliment ta' l-implimentazzjoni tal-programm, li kienu jew ser ikunu kkunsidrati meta programmi sussegwenti ta' operazzjoni huma magħmula, jew meta programmi ta' operazzjoni eżistenti huma emendati.

4. Mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet speċifiċi f'dan ir-Regolament, meta organizzazzjoni tal-produtturi tonqos milli tagħmel komunikazzjoni lill-Istat Membru kif mitlub skond dan ir-Regolament jew ir-Regolament (KE) Nru 1182/2007 jew jekk il-komunikazzjoni tidher inkorretta fid-dawl tal-fatti objettivi fil-pussess ta' l-Istat Membru, l-Istat Membru għandu jissospendi l-approvazzjoni għall-programm ta' operazzjoni relevanti għas-sena ta' wara sa meta l-komunikazzjoni tkun magħmula korrettament.

L-Istat Membru għandu jinkludi fir-rapport annwali imsemmi fl-Artikolu 99(3) id-dettalji ta' dawn il-każijiet.

Artikolu 99

Il-komunikazzjonijiet mitluba mill-Istati Membri

1. L-Istati Membri għandhom jindikaw awtorità waħda kompetenti responsabbli għal komunikazzjonijiet bejn il-Kummissjoni u l-Istat Membru li jikkonċernaw l-organizzazzjonijiet tal-produtturi. Għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'din il-ħatra u d-dettalji tal-kuntatt ta' l-awtorità.

▼B

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni mhux iktar tard mill-31 ta' Jannar l-ammont totali tal-fond ta' operazzjoni approvat dik is-sena għall-programmi ta' operazzjoni kollha. Din il-komunikazzjoni għandha tagħmel ċar kemm l-ammont totali tal-fond ta' operazzjoni u kif ukoll l-ammont totali ta' finanzjar Komunitarju ta' dak il-fond ta' operazzjoni. Dawn il-figuri għandhom jerġgħu jinqasmu bejn ammonti għal miżuri tal-prevenzjoni u l-ġestjoni ta' kriżijiet u miżuri oħra.

3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni mhux iktar tard mill-15 ta' Novembru fi kwalunkwe sena partikolari rapport annwali dwar l-organizzazzjonijiet tal-produtturi u gruppi ta' produtturi u fondi ta' operazzjoni, programmi ta' operazzjoni u pjanijiet ta' rikonoxximent li jseħħu fis-sena preċedenti. Ir-rapport annwali għandu jinkludi l-informazzjoni stabbilita fl-Anness XIII.

Taqsima 2

Verifiki

Artikolu 100

Sistema ta' identifikazzjoni unika

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tapplika sistema ta' identifikazzjoni unika fir-rigward ta' l-applikazzjonijiet kollha sottomessi mill-istess organizzazzjoni tal-produtturi jew grupp ta' produtturi. Din l-identifikazzjoni għandha tkun kompatibbli mas-sistema li tirreġistra l-identità msemmija fl-Artikolu 18(1)(f) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 ([1]).

Artikolu 101

Applikazzjonijiet għall-għajnuna

Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet speċifiċi ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jipprovdu għal proċeduri xierqa għas-sottomissjoni ta' applikazzjonijiet għal appoġġ, għal talbiet għar-rikonoxximent jew approvazzjoni ta' programm ta' operazzjoni, kif ukoll talbiet għal ħlas.

Artikolu 102

Teħid ta' kampjuni

Fejn ikun xierqa li jitwettqu verifiki permezz ta' kampjuni, l-Istati Membri għandhom jiżguraw, permezz tan-natura u l-frekwenza tagħhom u fuq il-bażi ta' analiżi ta' riskju, li l-verifiki jkunu xierqa għall-miżura kkonċernata.

Artikolu 103

Verifiki amministrattivi

Għandhom isiru verifiki amministrattivi fuq l-applikazzjonijiet għal appoġġ kollha jew talbiet għal ħlas, u għandhom ikopru l-elementi kollha li huma possibbli u xierqa għall-verifika permezz ta' mezzi amministrattivi. Il-proċeduri għandhom jirrikjedu reġistrazzjoni ta' operazzjonijiet magħmula, ir-riżultati tal-verifiki u l-miżuri meħuda fir-rigward ta' diskrepanzi.

([1]) ĠU L 270, 21.10.2003, p. 1.

▼B

Artikolu 104

Verifiki fuq il-post

1. Kull verifika fuq il-post għandha tkun suġġetta għal rapport ta' monitorġġ sabiex jagħmel possibbli r-reviżjoni tad-dettalji tal-verifiki mwettqa. Ir-rapport għandu jinkludi partikolarment:

(a) l-iskema ta' għajnuna u l-applikazzjoni vverifikata;

(b) il-persuni preżenti;

(c) l-azzjonijiet, il-miżuri u d-dokumenti vverifikati;

(d) ir-riżultati tal-verifika.

2. Il-benefiċjarju jista' jkun mogħti l-opportunità li jiffirma r-rapport sabiex jivverifika l-preżenza tiegħu fil-verifika u jżid osservazzjonijiet. Fejn jinstabu irregolaritajiet il-benefiċjarju jista' jirċievi kopja tar-rapport ta' monitoraġġ.

3. Jistgħu jingħata avviż minn qabel dwar verifiki fuq il-post, sakemm l-iskop tal-verifika ma jkunx ipperikolat. L-avviż minn qabel għandha tkun limitata għall-minimu neċessarju.

4. Fejn ikun possibbli, il-verifiki fuq il-post kif jistabbilixxi dan ir-Regolament u verifiki oħra stabbiliti skond ir-regoli tal-Komunità rigward is-sussidji agrikoli għandhom ikunu mwettqa fl-istess ħin. Madankollu, fl-2008, fejn neċessarju, il-verifiki fuq il-post jistgħu jkunu mwettqa minn korpi differenti f'ħinijiet differenti.

Artikolu 105

Approvazzjoni għal talbiet ta' rikonoxximent u approvazzjoni ta' programmi ta' operazzjoni

1. Qabel ma tkun rikonoxxuta organizzazzjoni tal-produtturi skond l-Artikolu 4(2)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007, l-Istati Membri għandhom iwettqu żjara fuq il-post lill-organizzazzjoni tal-produtturi qabel l-għotja ta' rikonoxximent sabiex tkun ivverifikata konformità mal-kundizzjonijiet għal rikonoxximent.

2. Qabel l-approvazzjoni ta' programm ta' operazzjoni skond l-Artikolu 65, l-awtorità nazzjonali kompetetni għandha tivverifika permezz tal-mezzi xierqa kollha, inkluż verifiki fuq il-post, il-programm ta' operazzjoni sottomess għal approvazzjoni u, jekk applikabbli, it-talba għal modifikazzjoni. Dawn il-verifiki għandhom partikolarment jikkonċernaw:

(a) il-preċiżjoni ta' l-informazzjoni pprovduta skond l-Artikolu 61(1)(a), (b) u (e);

(b) il-konformità tal-programmi ma' l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007 kif ukoll mal-kwadru nazzjonali u l-istrateġija nazzjonali;

(c) l-eliġibilità ta' l-azzjonijiet u l-eliġibilità ta' l-ispiża proposta;

(d) il-konsistenza u l-kwalità teknika ta' programmi, il-korrettezza ta' l-istimi u l-pjan ta' għajnuna, u l-ippjanar ta' l-implimentazzjoni tagħhom. Verifiki għandhom jivverifikaw jekk kinux stabbiliti miri li jistgħu jitkejlu, sabiex il-kisba tagħhom tkun tista' tiġi immonitorata, u jekk l-għanijiet stabbiliti jistgħux jinkisbu permezz ta' l-implimentazzjoni ta' l-azzjonijiet proposti; u

▼B

(e) il-konformità ta' l-operazzjonijiet li għalihom huwa mitlub appoġġ skond ir-regoli nazzjonali u Komunitarji applikabbli, partikolarment, u fejn rilevanti, l-akkwist pubbliku, l-għajnuna mill-Istat u l-istandards xierqa obbligatorji l-oħra stabbiliti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali jew stabbiliti fil-kwadru nazzjonali jew l-istrateġija nazzjonali.

Artikolu 106

Verifiki dwar applikazzjonijiet għal għajnuna għal programmi ta' operazzjoni

Qabel ma jingħata l-pagament, l-Istati Membri għandhom iwettqu verifiki amministrattivi fuq l-applikazzjonijiet kollha għal għajunua kif ukoll verifiki fuq il-post permezz ta' kampjuni.

Artikolu 107

Verifiki amministrattivi dwar applikazzjonijiet għall-għajnuna għal programmi ta' operazzjoni

1. Il-verifiki amministrattivi għal applikazzjonijiet għall-għajnuna għandhom jinkludu partikolarment, u sa fejn dan huwa xierqa għad-domanda magħmula, verifika ta':

(a) ir-rapport annwali jew, fejn applikabbli, dak finali trażmess flimkien ma' l-applikazzjoni dwar l-eżekuzzjoni tal-programm ta' operazzjoni;

(b) il-valur ta' produzzjoni mqiegħda fis-suq, il-kontribuzzjonijiet għall-fond ta' operazzjoni u n-nefqa mġarrba;

(c) il-kunsinna tal-prodotti u servizzi u ġenwinità ta' nefqa mitluba;

(d) il-konformità ta' l-azzjonijiet eżegwiti ma' dawk inklużi fil-programm ta' operazzjoni kif approvat; u

(e) il-ħarsien ta' limiti finanzjarji jew oħrajn u limiti imposti.

2. Il-ħlasijiet iffinanzjati skond il-programm ta' operazzjoni għandhom ikunu appoġġjati minn fatturi u dokumenti li jagħtu prova li l-pagament ikun sar. Meta dan ma jistax isir, il-ħlasijiet għandhom ikunu appoġġjati permezz ta' dokumenti li jkollhom valur ta' prova ekwivalenti. Il-fatturi użati għandhom ikunu stabbiliti f'isem ta' l-organizzazzjoni tal-produtturi, l-assoċjazzjoni ta' l-organizzazzjoni tal-produtturi, il-grupp tal-produtturi jew sussidjarja kif previst fl-Artikolu 52(7) jew, suġġett għall-approvazzjoni ta' Stat Membru, f'isem wieħed jew iktar mill-membri tagħha.

Artikolu 108

Verifiki fuq il-post dwar applikazzjonijiet għal għajnuna għal programmi ta' operazzjoni

1. Fil-kuntest tal-verifikazzjoni ta' l-applikazzjoni għal għajnuna imsemmija fl-Artikolu 70(1), l-Istati Membri għandhom iwettqu verifiki fuq il-post rigward l-organizzazzjonijiet tal-produtturi sabiex jiżguraw konformità mal-kundizzjonijiet għal għoti ta' għajnuna jew il-bilanċ ta' din għas-sena in kwistjoni.

Dawn il-verifiki għandhom partikolarment jikkonċernaw:

(a) il-konformità mal-kriterji ta' rikonoxximent għas-sena in kwistjoni;

▼B

(b) l-użu tal-fond ta’ operazzjoni f’sena partikolari inkluż nefqa ddikjarata fit-talbiet għal pagamenti bil-quddiem jew pagamenti parzjali; u

(c) il-verifiki tat-tieni livell għall-ispejjeż ta’ rtirar mis-suq u ħsad bikri u l-ebda ħsad.

2. Il-verifiki msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jirrigwardaw kampjun sinjifikanti ta’ applikazzjonijiet kull sena. Il-kampjun għandu jirrappreżenta mill-inqas 30 % ta’ l-ammont ta’ għajnuna totali, fl-Istati Membri li għandhom iktar minn 10 organizzazzjonijiet tal-produtturi rikonoxxuti. F’każijiet oħra, kull organizzazzjoni tal-produtturi għandha tkun invistata mill-inqas darba kull tliet snin.

Għandha ssir mill-inqas verifika waħda fuq kull organizzzazzjoni ta’ produtturi qabel il-pagament ta’ l-għajnuna jew il-bilanċ ta’ din li jirrigwarda s-sena finali tal-programm ta’ operazzjoni tagħha.

3. Ir-riżultati tal-verifiki fuq il-post għandhom ikunu evalwati sabiex jistabbilixxu jekk kwalunkwe problemi li jinstabu humiex ta’ karattru sistemiku, li jinvolvu riskju għal azzjonijiet, benefiċjarji jew korpi simili. L-evalwazzjoni għandha tidentifika wkoll il-kawżi ta’ dawn is-sitwazzjonijiet, kwalunkwe eżaminazzjoni oħra li tista’ tkun mitlub u l-azzjoni neċessarja korrettiva jew preventiva.

Jekk il-verifiki jiżvelaw irregularitajiet sinjifikanti f’reġjun jew parti minn reġjun jew għal organizzazzjoni tal-produtturi speċifika, l-Istat Membru għandhu jwettaq verifiki addizjonali matul is-sena in kwistjoni u għandu jżid il-persentaġġ ta’ applikazzjonijiet korrispondenti li għandhom ikunu vverifikati fis-sena li jmiss.

4. L-Istat Membru għandu jiddetermina liema organizzazzjonijiet tal-produtturi jiċċekkja fuq il-bażi ta’ analiżi tar-riskju.

L-analiżi tar-riskju għandha partikolarment tikkunsidra:

(a) l-ammont ta’ għajnuna,

(b) ir-riżultati tal-verifiki fis-snin preċedenti,

(c) element każwali, u

(d) parametri oħra li għandhom ikunu determinati mill-Istati Membri, partikolarment jekk organizzazzjonijiet tal-produtturi jkunux involuti fi programm ta’ assigurazzjoni tal-kwalità uffiċjalment rikonoxxuta mill-Istati Membri jew minn korpi taċ-ċertifikazzjoni indipendenti.

Artikolu 109

Verifiki fuq il-post ta’ miżuri ta’ programmi ta’ operazzjoni

1. Permezz ta’ verifiki fuq il-post li jikkonċernaw il-miżuri ta’ programmi ta’ operazzjoni, l-Istati Membri għandhom jivverifikaw partikolarment dan li ġej:

(a) l-implimentazzjoni ta’ l-azzjonijiet kontenuti fil-programm ta’ operazzjoni;

(b) li l-implimentazzjoni jew l-implimentazzjoni maħsuba ta’ l-azzjoni tkun konsistenti ma’ l-użu deskritt fil-programm ta’ operazzjoni kif approvat;

▼B

(c) għal numru adegwat ta' oġġetti ta' nefqa, li n-natura u l-ħin tan-nefqa relevanti jimxu skond id-dispożizzjonijiet tal-Komunità u jikkorrispondu ma' l-ispeċifikazzjonijiet approvati;

(d) li n-nefqa mġarrba tista' tkun appoġġjata permezz ta' kontabilità jew dokumenti oħra; u

(e) il-valur ta' produzzjoni mqiegħda fis-suq.

2. Il-valur ta' produzzjoni mqiegħda fis-suq għandu jkun ivverifikat fuq il-bażi ta' dejta tas-sistema ta' kontabilità mitlub skond il-liġi nazzjonali.

Għal dak l-għan, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li d-dikarazzjoni tal-valur ta' produzzjoni mqiegħda fis-suq għandu jkun iċċertifikat bl-istess mod bħad-dejta ta' kontabilità mitlub skond il-liġi nazzjonali.

Il-verifika fuq id-dikjarazzjoni tal-valur ta' produzzjoni mqiegħda fis-suq tista' tkun imwettqa qabel ma' tintbagħat l-applikazzjoni għall-għajnuna relevanti.

3. Minbarra f'ċirkostanzi eċċezzjonali, il-verifika fuq il-post għandha tinkludi żjara lill-azzjoni jew, jekk l-azzjoni ma tkunx tanġibbli, lill-promotur ta' l-azzjoni. Azzjonijiet individwali partikolarment fuq azzjonijiet individwali koperti permezz tal-kampjun imsemmi fl-Artikolu 108(2) għandhom ikunu suġġetti ta' mill-inqas żjara waħda sabiex jivverifikaw l-eżekuzzjoni tagħhom.

Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma jwettqux dawn iż-żjarat għal operazzjonijiet iżgħar, jew fejn jikkunsidraw li r-riskju jkun baxx li l-kundizzjonijiet sabiex jirċievu l-għajnuna ma jkunux soddisfatti, jew li r-realtà ta' l-operazzjoni ma kinitx rispettata. Dik id-deċiżjoni u l-ġustifikazzjoni tagħha għandhom ikunu rreġistrati.

4. Il-verifika fuq il-post għandha tkopri l-impenji u l-obbligazzjonijiet ta' l-organizzazzjoni tal-produtturi jew il-membri tagħha li jistgħu jkunu vverifikati fiż-żmien taż-żjara.

5. Il-verifiki li jilħqu r-rekwiżiti ta' dan l-Artikolu kollha biss jistgħu jgħoddu lejn is-sodisfazzjon tar-rata ta' verifika stabbilita fl-Artikolu 108(2).

Artikolu 110

Verifiki ta' l-ewwel livell dwar l-operazzjonijiet ta' rtirar

1. L-Istati Membri għandhom jagħmlu verifiki ta' l-ewwel livell fuq operazzjonijiet ta' rtirar f'kull organizzazzjoni tal-produtturi, li jinkludu verifika dokumentarja u ta' l-identità u verifika fiżika, fejn xieraq permezz ta' kampjuni, tal-piż tal-prodotti rtirati mis-suq u verifika dwar il-konformità mar-regoli ta' l-Artikolu 77, skond il-proċeduri stabbiliti fil-Kapitolu II tat-Titolu II. Il-verifika għandha sseħħ wara l-irċevuta tan-notifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 79(1), matul l-iskadenzi pprovduti fl-Artikolu 79(2).

▼B

2. Il-verifiki ta' l-ewwel livell ipprovduti fil-paragrafu 1 għandhom ikopru 100 % tal-kwantità ta' prodotti rtirati mis-suq. Fl-aħħar ta' din il-verifika, il-prodotti rtirati minbarra dawk għal distribuzzjoni libera għandhom ikunu mibdula jew mormija fl-industrija ta' l-ipproċessar skond is-superviżjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti skond it-termini u kundizzjonijiet stabbiliti mill-Istat Membru skond l-Artikolu 81.

Madankollu, fejn il-prodotti jkunu għal distribuzzjoni libera, l-Istati Membri jistgħu jiċċekkjaw persentaġġ iżgħar minn dak stabbilit fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, sakemm mhuwiex inqas minn 10 % tal-kwantitajiet ikkonċernati matul is-sena tal-marketing. Il-verifika tista' sseħħ fl-organizzazzjoni tal-produtturi u/jew fil-postijiet tar-riċevituri tal-prodotti. F'każ li l-verifiki jiżvelaw irregolaritajiet sinjifikanti, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu verifiki addizzjonali.

Artikolu 111

Verifiki tat-tieni livell dwar operazzjonijiet ta' rtirar

1. Fil-kwadru tal-verifiki msemmija fl-Artikolu 108, l-Istati Membri għandhom jagħmlu verifiki tat-tieni livell.

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kriterji għall-analiżi u l-evalwazzjoni tar-riskju ta' kwalunkwe organizzazzjoni tal-produtturi li twettaq operazzjonijiet ta' rtirar li ma jikkonformawx. Dawn il-kriterji għandhom jirrigwardaw, fost affarijiet oħra, ir-riżultati ta' livelli preċedenti ta' l-ewwel u t-tieni livell, u jekk organizzazzjoni tal-produtturi għandhiex jew le xi forma ta' proċedura ta' assigurazzjoni tal-kwalità. Huma għandhom jużaw dawn il-kriterji sabiex jiddeterminaw il-frekwenza minima ta' verifiki tat-tieni livell għal kull organizzazzjoni tal-produtturi.

2. Il-verifiki msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu verifiki fuq il-post fil-proprjetà ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi u r-riċevituri ta' prodotti rtirati, sabiex jiżguraw li l-kundizzjonijiet mitluba għall-pagament ta' appoġġ Komunitarju kienu mwettqa. Dawn il-verifiki għandhom jinkludu:

(a) il-ħażna speċifika u reġistri tal-kontabilità li għandhom ikunu miżmuma mill-organizzazzjonijiet tal-produtturi kollha li jwettqu operazzjoni ta' rtirar waħda jew iktar matul is-sena ta' marketing ikkonċernata;

(b) verifika tal-kwantitajiet mqiegħda fis-suq kif iddikjarat fl-applikazzjonijiet għal għajnuna, verifikazzjoni partikolarment ta' ħażniet u reġistri ta' kontabilità, il-fatturi u, fejn neċessarju, il-veraċità tagħhom u jiżguraw li d-dikjarazzjonijiet jaqblu mal-kontabilità u/jew dejta tat-taxxa ta' l-organizzazzjonijiet tal-produtturi kkonċernati;

(c) verifiki li l-kontijiet huma korretti, b'mod partikolari l-veraċità ta' l-irċevuti netti minn organizzazzjonijiet tal-produtturi kif iddikjarat fl-applikazzjonijiet ta' pagament tagħhom, il-proporzjonalità ta' kwalunkwe spejjeż ta' rtirar, dak li jinkiteb fil-kontijiet rigward l-irċevuta ta' l-organizzazzjonijiet tal-produtturi ta' l-appoġġ Komunitarju u kwalunkwe ammonti tagħhom imħallsa lill-membri, li jiżguraw li dawn jaqblu; u

▼B

(d) verifiki fuq id-destinazzjoni tal-prodotti rtirati kif iddikjarat fl-applikazzjoni ta' pagament u verifiki fuq il-bdil xieraq sabiex ikun żgurat li l-organizzazzjonijiet tal-produtturi u riċevituri mxew skond dan ir-Regolament.

3. Il-verifiki msemmija fil-paragrafu 2 għandhom ikunu mwettqa fuq l-organizzazzjonijiet tal-produtturi kkonċernati u r-riċevituri assoċjati ma' dawk l-organizzazzjonijiet. Kull verifika għandha tinkludi kampjun li jirrappreżenta mill-inqas 5 % tal-kwantitajiet irtirati matul is-sena tal-marketing mill-organizzazzjoni ta' produzzjoni.

4. Ir-reġistri tal-ħażniet u kontabilità imsemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 2 għandhom juru, għal kull prodott irtirat, l-ammonti mibdula, expressi fil-volum, ta':

(a) il-produzzjoni kkonsenjata minn membri ta' l-organizzazzjoni tal-produtturi u minn membri ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi oħra skond l-Artikolu 3(3)(b) u (c) tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007;

(b) bejgħ mill-organizzazzjoni tal-produtturi, maqsuma minn prodotti ppreparati għas-suq frisk u tipi oħra ta' prodotti li jinkludu materja prima għall-ipproċessar; u

(c) prodotti rtirati mis-suq.

5. Il-verifiki fuq id-destinazzjoni tal-prodotti msemmija fil-punt (c) tal-paragrafu 4 għandhom jinkludu, b'mod partikolari:

(a) verifika ta' kampjun fuq il-kontijiet separati li għandhom ikunu miżmuma mir-riċevituri u, fejn neċessarju, verifikazzjoni li dawn jaqblu mal-kontijiet meħtieġa skond liġi nazzjonali; u

(b) verifiki fuq konformità mar-rekwiżiti relevanti ambjentali.

6. Jekk il-verifiki tat-tieni livell jiżvelaw irregolaritajiet sinjifikanti, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu verifiki tat-tieni livell iktar dettaljati għas-sena tal-marketing kkonċernata u għandhom iżidu l-frekwenza ta' verifiki tat-tieni livell fuq l-organizzazzjonijiet tal-produtturi jew l-assoċjazzjonijiet tagħhom matul is-sena ta' marketing ta' wara.

Artikolu 112

Ħsad bikri jew ebda ħsad

1. Qabel ma sseħħ operazzjoni ta' ħsad bikri, l-Istati Membri għandhom jivverifikaw permezz ta' verifika fuq il-post li l-prodotti kkonċernati mhumiex bil-ħsara u li l-plot kien miżmum sew. Wara l-ħsad bikri, l-Istati Membri għandhom jivverifikaw li ż-żona kkonċernata kellha ħsad komplut u li l-prodott li nħasad kien mibdul.

Wara t-tmiem tal-perjodu ta' ħsad, l-Istati Membri għandhom jivverifikaw il-kredibbiltà ta' l-analiżi bbażata fuq is-sitwazzjoni tas-suq mistennija imsemmija fl-Artikolu 86(2). Huma għandhom janaliżżaw ukoll kwalunkwe differenzi bejn is-sitwazzjoni tas-suq mistennija u s-sitwazzjoni tas-suq reali.

▼B

2. Qabel ma sseħħ operazzjoni ta' ebda ħsad, l-Istati Membri għandhom jivverifikaw permezz ta' verifika fuq il-post li ż-żona partikolari kienet miżmuma sew, li ma seħħx ħsad parzjali u li l-prodott huwa żviluppat sew u in ġenerali jkun korrett, ġust u ta' kwalità li tista' tiġi kummerċjalizzata.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-produzzjoni tkun mibdula. Jekk dan ma jkunx possibbli, għandhom jiżguraw, permezz ta' żjarat jew żjarat fuq il-post matul l-istaġun tal-ħsad, li ma jseħħ ebda ħsad.

3. Paragrafi 1, 2, 3 u 6 ta' l-Artikolu 111 għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.

Artikolu 113

Verifiki qabel l-approvazzjoni ta' pjanijiet ta' rikonoxximent ta' gruppi tal-produtturi

1. Qabel ma jkun approvat pjan ta' rikonoxximent ta' grupp ta' produtturi skond l-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007, l-Istati Membri għandhom iwettqu verifika fuq il-post fuq l-entità legali jew parti definita b'mod ċar ta' l-entità legali.

2. L-Istat Membru għandu jivverifika permezz tal-mezzi xierqa kollha, inkluż verifika fuq il-post:

(a) l-akkuratezza ta' l-informazzjoni pprovduta fil-pjan ta' rikonoxximent;

(b) il-konsistenza kummerċjali u l-kwalità teknika tal-pjan, il-korrettezza ta' l-istimi u l-ippjanar ta' l-implimentazzjoni tiegħu;

(c) l-eliġibilità ta' l-azzjonijiet u l-eliġibilità u r-raġonevolezza tan-nefqa proposta; u

(d) il-konformità ta' l-operazzjonijiet li għalihom appoġġ huwa meħtieġ skond ir-regoli Komunitarji u nazzjonali applikabbli u partikolarment, regoli dwar l-akkwist pubbliku, l-għajnuna mill-Istat u standards obbligatorji oħrajn xierqa stabbiliti mill-leġiżlazzjoni nazzjonali jew stabbiliti fil-kwadru nazzjonali jew l-istrateġija nazzjonali.

Artikolu 114

Verifiki fuq applikazzjonijiet għall-għajnuna ta' gruppi ta' produtturi

1. Qabel ma jingħata pagament, l-Istati Membri jwettqu verifiki amministrativi fuq l-applikazzjonijiet għal għajnuna kollha magħmula minn gruppi ta' produtturi, kif ukoll verfiki fuq il-post permezz ta' kampjuni.

2. Wara s-sottomissjoni ta' l-applikazzjoni għall-għajnuna msemmija fl-Artikolu 47, l-Istati Membri għandhom iwettqu verifiki fuq il-post fuq gruppi ta' produtturi sabiex jiżguraw konformità mal-kundizzjonijiet għal għoti ta' għajnuna għas-sena in kwistjoni.

Dawk il-verifiki għandhom partikolarment jikkonċernaw:

(a) konformità mal-kriterji ta' rikonoxximent għas-sena in kwistjoni; u

▼B

(b) il-valur tal-produzzjoni mqiegħed fis-suq kif ukoll l-implimentazzjoni tal-miżuri kontenuti fil-pjan ta' rikonoxximent u l-ispejjeż imġarrba.

3. Il-verifiki msemmija fil-paragrafu 2 għandhom jirrigwardaw kampjun sinjifikanti ta' applikazzjonijiet kull sena. Il-kampjun għandu jirrappreżenta mill-inqas 30 % ta' l-ammont totali ta' għajnuna.

Il-gruppi ta' produtturi kollha għandhom ikunu ivverfikati mill-inqas darba kull ħames snin.

4. L-Artikoli 107 u 109 għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.

Artikolu 115

Organizzazzjonijiet tal-produtturi transnazzjonali u assoċjazzjonijiet transnazzjonali ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi

1. L-Istat Membru li fih organizzazzjoni tal-produtturi jew assoċjazzjoni transnazzjonali ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi għandha l-uffiċju ewlieni tagħha għandu jkollu r-responsabbiltà ġenerali għall-organizzazzjoni ta' verifiki fuq dik l-organizzazzjoni jew assoċjazzjoni u għandu japplika sanzjonijiet fuqha fejn neċessarju.

2. L-Istati Membri l-oħra mitluba li jipprovdu l-kooperazzjoni amministrativa msemmija fl-Artikolu 30(2)(c) u l-Artikolu 37(2)(c) għandhom iwettqu dawk il-verifiki amministrattivi kif meħtieġa mill-Istat Membru msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, u jirrapportaw ir-riżultati lilhom. Huma għandhom jirrispettaw l-iskadenzi kollha stabbiliti mill-Istat Membru msemmi fil-paragrafu 1.

3. Ir-regoli applikabbli fl-Istat Membru msemmi fil-paragrafu 1 għandhom japplikaw fir-rigward ta' l-organizzazzjoni tal-produtturi u l-programm ta' operazzjoni u l-fond ta' operazzjoni. Madankollu fir-rigward ta' domandi ambjentali fitosanitarji, u fir-rigward tar-rimi ta' prodotti rtirati, ir-regoli ta' l-Istat Membru li fih il-produzzjoni sseħħ għandhom japplikaw.

Taqsima 3

Sanzjonijiet

Artikolu 116

Nuqqas ta' rispett tal-kriterji ta' rikonoxximent

1. L-Istati Membri għandhom jirtiraw ir-rikonoxximent ta' organizzazzjoni tal-produtturi jekk nuqqas ta' rispett tal-kriterji għal rikonoxximent ikun sostanzjali u jirriżulta mill-fatt li l-organizzazzjoni tal-produtturi tkun aġixxiet deliberatament jew permezz ta' negliġenza serja.

L-Istati Membri għandhom b'mod partikolari jirtiraw ir-rikonoxximent ta' organizzazzjoni tal-produtturi jekk nuqqas ta' rispett ta' kriterji ta' rikonoxximent jikkonċerna:

(a) ksur tar-rekwiżiti ta' l-Artikoli 23, 25, 28(1) u (2) jew 33, jew

(b) sitwazzjoni fejn il-valur ta' produzzjoni mqiegħed fis-suq jaqa', f'sentejn konsekuttivi, taħt il-limitu stabbilit mill-Istat Membru skond l-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007.

▼B

L-irtirar ta' rikonoxximent skond dan il-paragrafu għandu jseħħ mid-data li fiha l-kundizzjonijiet ta' rikonoxximent ma kinux imwettqa, suġġett għal kwalunkwe leġiżlazzjoni orizzontali applikabbli fuq livell nazzjonali rigward perjodi ta' limitazzjoni.

2. Fejn il-paragrafu 1 ma japplikax, l-Istati Membri għandhom jissospendu r-rikonoxximent għal organizzazzjoni tal-produtturi jekk nuqqas ta' rispett ta' kriterji għal rikonoxximent huwa sustanzjali iżda huwa biss temporanju.

Matul il-perjodu ta' sospensjoni, ebda għajnuna ma għandha tkun imħallsa. Is-sospensjoni għandha tidħol fis-seħħ mill-ġurnata fejn il-verifika seħħet u għandha tispiċċa fil-ġurnata tal-verifika li turi li l-kriterji kkonċernati kienu mwettqa.

Il-perjodu ta' sospensjoni ma għandux jeċċedi 12-il xahar. Jekk il-kriterji kkonċernati jibqgħu sussegwentement mhux imwettqa wara 12-il xahar, ir-rikonoxximent għandu jkun irtirat.

▼M5

L-Istati Membri jistgħu jagħmlu pagamenti wara l-iskadenza stabbilita fl-Artikolu 71 fejn dan huwa neċessarju sabiex dan il-paragrafu jkun applikat. Madankollu dawk il-pagamenti li jsiru tard ma jistgħux fi kwalunkwe każ isiru wara l-15 ta' Ottubru tat-tieni sena wara s-sena ta' l-implimentazzjoni tal-programm.

▼B

3. F'każijiet oħra ta' nuqqas ta' rispett tal-kriterji għal rikonoxximent, fejn il-paragrafi 1 u 2 ma japplikawx, l-Istati Membri għandhom jibagħtu ittra ta' avviż li tiddikjara l-miżuri korrettivi li għandhom jiġu meħuda. L-Istati Membri jistgħu jdewmu l-pagamenti ta' għajnuna sa meta l-miżuri korrettivi jkunu meħuda.

▼M5

L-Istati Membri jistgħu jagħmlu pagamenti wara l-iskadenza stabbilita fl-Artikolu 71 fejn dan huwa neċessarju sabiex dan il-paragrafu jkun applikat. Madankollu dawk il-pagamenti li jsiru tard ma jistgħux fi kwalunkwe każ isiru wara l-15 ta' Ottubru tat-tieni sena wara s-sena ta' l-implimentazzjoni tal-programm.

▼B

Nuqqas li jittieħdu l-miżuri korrettivi fi żmien 12-il xahar għandu jkun ikkunsidrat bħala falliment sostanzjali li jkunu rispettati l-kriterji u l-paragrafu 2 għandu sussegwentement ikun applikat.

Artikolu 117

Frodi

1. Mingħajr preġudizzju għal kwalukwe penalitajiet oħra applikabbli skond il-leġiżlazzjoni nazzjonali u Komunitarja, l-Istati Membri għandhom jirtiraw ir-rikonoxximent ta' organizzazzjoni tal-produtturi, assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi jew grupp ta' produtturi jekk jinstab li wettqet frodi fir-rigward ta' għajnuna koperta mir-Regolament (KE) Nru 1182/2007.

2. L-Istati Membri jistgħu jissospendu r-rikonoxximent ta' organizzazzjoni tal-produtturi, assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi jew gruppi ta' produtturi, jew jissospendu pagamenti lil dak il-korp jekk ikunu suspettati li wettqu frodi fir-rigward ta' għajnuna koperta mir-Regolament (KE) Nru 1182/2007.

▼B

Artikolu 118

Gruppi ta' produtturi

1. L-Istati Membri għandhom japplikaw, *mutatis mutandis*, is-sanzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 116 u/jew 119 tal-pjanijiet ta' rikonoxximent.

2. Minbarra l-paragrafu 1, jekk, wara t-tmiem tal-perjodu stabbilit mill-Istat Membru skond l-Artikolu 51(4), il-grupp ta' produtturi mhuwiex rikonoxxut bħala organizzazzjoni tal-produtturi, l-Istat Membru għandu jirkupra:

(a) 100 % mill-għajnuna mħallsa lill-grupp ta' produtturi jekk il-falliment li jkun akkwistat rikonoxximent kien minħabba l-grupp ta' produtturi li jaġixxi deliberatament jew permezz ta' negliġenza serja; jew

(b) 50 % ta' l-għajnuna mħallsa lill-grupp ta' produtturi fil-każijiet l-oħra kollha.

Artikolu 119

Programm ta' operazzjoni

1. Il-pagamenti għandhom ikunu kkalkulati fuq il-bażi ta' dak li jinstab eliġibbli.

2. L-Istat Membru għandu jeżamina l-applikazzjoni għal għajnuna rċevuta mill-benefiċjarju, u jistabbilixxi l-ammonti li huma eliġibbli għal appoġġ. Għandu jistabbilixxi:

(a) l-ammont li jkun pagabbli lill-benefiċjarju bbażat biss fuq l-applikazzjoni;

(b) l-ammont li huwa pagabbli lill-benefiċjarji wara l-eżaminazzjoni ta' l-eliġibiltà ta' l-applikazzjoni.

3. Jekk l-ammont stabbilit skond il-punt (a) tal-paragrafu 2 ikun ikbar mill-ammont stabbilit skond il-punt (b) tal-paragrafu 2 permezz ta' mhux iktar minn 3 %, tnaqqis għandu jkun applikat lill-ammont attwalment pagabbli lill-benefiċjarju. L-ammont tat-tnaqqis għandu jkun id-differenza bejn l-ammonti kkalkolati fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 2.

Madankollu, ebda tnaqqis ma għandu jkun applikat jekk l-organizzazzjoni tal-produtturi jew il-grupp ta' produtturi jkun kapaċi juri li mhuwiex responsabbli għall-inklużjoni ta' l-ammont ineliġibbli.

4. Paragrafi 2 u 3 għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għtal nefqa ineliġibbli identifikata matul verifiki fuq il-post.

5. Jekk il-valur ta' produzzjoni mqiegħed fis-suq huwa ddikjarat u vverifikat qabel l-applikazzjoni għal għajnuna, tnaqqis għandu jkun applikat lill-valur ta' produzzjoni mqiegħed fis-suq użat fil-kalkolazzjoni ta' ammonti skond il-paragrafi 2 u 3.

▼B

6. Jekk benefiċjarju jinstab li għamel intenzjonalment dikjarazzjoni falza l-operazzjoni in kwistjoni għandha tkun eskluża minn appoġġ tal-programm ta' operazzjoni jew pjan ta' rikonoxximent u kwalunkwe ammonti diġà mħallsa għal dik l-operazzjoni jkunu restitwiti. Barra minn hekk, il-benefiċjarju għandu jkun eskluż, għal dik l-operazzjoni, milli jirċievi appoġġ skond il-programm ta' operazzjoni in kwistjoni fis-sena ta' wara.

Artikolu 120

Sanzjonijiet wara verifiki ta' l-ewwel livell fuq operazzjonijiet ta' rtirar

Jekk, wara l-verifika msemmija fl-Artikolu 110, jinstabu irregolaritajiet fir-rigward ta' l-istandards tal-marketing jew ir-rekwiziti minimi msemmija fl-Artikolu 77, il-benefiċjarju għandu jkun mitlub:

(a) sabiex iħallas penali ta' l-ammont ta' ►**M10** kontribuzzjoni Komunitarja ◄, kkalkulat fuq il-bażi tal-kwantitajiet ta' prodotti rtirati mhux konformi ma' l-istandards tal-marketing jew rekwiżiti minimi, jekk dawk il-kwantitajiet huma inqas minn 10 % tal-kwantitajiet innotifikati skond l-Artikolu 79 għall-operazzjoni ta' rtirar in kwistjoni;

(b) sabiex iħallas penali ta' l-ammont doppju ►**M10** kontribuzzjoni Komunitarja ◄, jekk dawk il-kwantitajiet huma bejn 10 % u 25 % tal-kwantitajiet innotifikati; jew

(c) li jħallas penali ta' l-ammont ta' ►**M10** kontribuzzjoni Komunitarja ◄ għall-kwantità kollha nnotifikata skond l-Artikolu 79, fejn dawk il-kwantitajiet huma ta' iktar minn 25 % tal-kwantità nnotifikata.

Artikolu 121

Sanzjonijiet oħra applikabbli lil organizzazzjonijiet tal-produtturi fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' rtirar

1. Is-sanzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 119 għandhom ikopru għajnuna applikata fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' rtirar bħala partijiet integrati ta' spiża ta' programm ta' operazzjoni.

2. In-nefqa għal operazzjoni ta' rtirar għandha tkun ikkunsidrata mhux eliġibbli jekk il-prodotti li ma jitpoġġewx għall-bejgħ ma jkunux mormija kif ipprovdut mill-Istat Membru skond l-Artikolu 81(1) jew li l-irtirar jew id-destinazzjoni tiegħu jkollu impatt negattiv fuq l-ambjent jew kwalunkwe konsegwenzi fitosanitarji negattivi b'kontravenzjoni tad-dispożizzjonijiet adottati skond l-Artikolu 81(1).

Artikolu 122

Sanzjonijiet applikabbli għal riċevituri ta' prodotti rtirati

Fejn irregolaritajiet li jistgħu jkunu attribwiti lir-riċevituri ta' prodotti rtirati jkunu osservati matul verifiki magħmula skond l-Artikoli 110 u 111, għandhom japplikaw is-sanzjonijiet li ġejjin:

(a) ir-riċevituri għandhom jieqfu milli jkunu eliġibbli li jirċievu rtirar, u

▼B

(b) ir-riċevituri ta' prodotti rtirati mis-suq għandhom ikunu obbligati li jħallsu lura l-valur tal-prodotti li rċevew kif ukoll l-ispejjeż relatati ta' distribuzzjoni, ppakkjar u ta' trasport skond ir-regoli stabbiliti mill-Istati Membri. ►M5 ———— ◄

Is-sanzjoni pprovduta fil-punt (a) għandha sseħħ immedjatament u tkompli għal mill-inqas sena tal-marketing, u tista' tkun estiża skond is-serjetà ta' l-irregularità.

Artikolu 123

Ħsad tal-ħxejjex u n-nuqqas tal-ħsad

1. Fir-rigward tal-ħsad tal-ħxejjex, jekk jinstab li l-organizzazzjoni tal-produtturi ma wettqitx l-obbligazzjonijiet tagħha l-organizzazzjoni tal-produtturi għandha tħallas bħala penali l-ammont tal-kumpens li jirrigwarda l-oqsma li fihom l-obbligazzjoni ma kinitx rispettata. Nuqqas li jitwettqu l-obbligazzjonijiet għandhom jinkludu każijiet fejn:

(a) Stat Membru isib, matul il-verifika imsemmija fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 112(1), li l-miżura tal-ħsad bikri ma kinitx iġġustifikata fuq il-bażi ta' l-analiżi tas-sitwazzjoni tas-suq mistennija eżistenti dak iż-żmien,

(b) iż-żona nnotifikata għall-ħsad bikri mhix eliġibbli għal ħsad tal-ħaxix, jew

(c) ma kienx hemm ħsad totali fiż-żona jew il-produzzjoni ma kinitx mibdula.

2. Fir-rigward ta' l-ebda ħsad, jekk jinstab li l-organizzazzjoni tal-produtturi ma wettqitx l-obbligazzjonijiet tagħha l-organizzzazzjoni ta' produtturi għandha tħallas bħala penali l-ammont tal-kumpens li jirrigwarda l-oqsma li għalihom l-obbligazzjoni ma kinitx rispettata. Nuqqas li twettaq l-obbligazzjonijiet għandu jinkludi każijiet fejn:

(a) iż-żona nnotifikata għal nuqqas ta' ħsad mhijiex eliġibbli għal nuqqas ta' ħsad,

(b) ħsad jew ħsad parzjali madankollu kien imwettaq, jew

(c) kien hemm impatt negattiv fuq l-ambjent jew kwalunkwe konsegwenzi fitosanitarji negattivi li għalihom l-organizzazzjoni tal-produtturi hija responsabbli.

3. Il-penalitajiet fil-paragrafi 1 u 2 għandhom japplikaw flimkien ma' kwalunkwe tnaqqis fil-pagamenti magħmula skond l-Artikolu 119.

Artikolu 124

Prevenzjoni ta' verifika fuq il-post

Applikazzjoni għal għajnuna għandha tkun miċħuda għall-parti tan-nefqa kkonċernata jekk l-organizzazzjoni tal-produtturi, il-membru jew ir-rappreżentant relevanti jimpedixxi verifika fuq il-post milli sseħħ.

▼B

Artikolu 125

Irkupru ta' l-għajnuna

Għajnuna mħallsa inkorrettament għandha tkun irkuprata, bl-interessi, mill-organizzazzjonijiet tal-produtturi, assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi, gruppi tal-produtturi jew operaturi oħra kkonċernati. Ir-regoli fissi fl-Artikolu 73 tar-Regolament (KE) Nru 796/2004 ([1]) għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.

Implimentazzjoni ta' sanzjonijiet amministrattivi u rkupru ta' ammonti imħallsa żejda, kif ipprovdut f'din it-taqsima, huma mingħajr preġudizzju għall-komunikazzjoni ta' irregolaritajiet lill-Kummissjoni skond ir-Regolament tal-Kummisjoni Nru 1848/2006 ([2]).

Taqsima 4

Monitoraġġ u evalwazzjoni ta' programmi ta' operazzjoni u ta' strateġiji nazzjonali

Artikolu 126

Sett komuni ta' indikaturi tal-prestazzjoni

1. Kemm l-istrateġiji nazzjonali kif ukoll il-programmi ta' operazzjoni għandhom ikunu suġġetti għall-monitoraġġ u evalwazzjoni mmirati lejn il-valutazzjoni tal-progress magħmul lejn il-ksib ta' għanijiet stabbiliti għal programmi ta' operazzjoni, kif ukoll ta' effiċjenza u effettività fir-rigward ta' dawk l-għanijiet.

2. Il-progress, l-effiċjenza u l-effettività għandhom ikunu valutati permezz ta' sett komuni ta' indikaturi tal-prestazzjoni li jirrigwardaw s-sitwazzjoni bażika kif ukoll għall-prestazzjoni finanzjarja, produzzjoni, riżultati u impatt tal-programmi ta' operazzjoni implimentati.

3. Is-sett komuni ta' indikaturi tal-produzzjoni tal-linja bażi, tal-produzzjoni, tar-riżultati u ta' impatt huma mniżżla fl-Anness XIV ta' dan ir-Regolament.

4. Fejn ikun ikkunsidrat xieraq minn Stat Membru, l-istrateġija nazzjonali għandha tispeċifika sett limitat ta' indikaturi addizzjonali speċifiċi għal dik l-istrateġija, li jirriflettu l-bżonnijiet nazzjonali u/jew reġjonali, kundizzjonijiet u għanijiet speċifiċi għall-programmi ta' operazzjoni implimentati mill-organizzazzjonijiet tal-produtturi. Fejn disponibbli, għandhom ikunu nklużi indikaturi addizzjonali li jikkonċernaw għanijiet ambjentali li mhumiex koperti minn indikaturi komuni tal-produzzjoni.

Artikolu 127

Proċeduri ta' monitoraġġ u evalwazzjoni fir-rigward ta' programmi ta' operazzjoni

1. L-organizzazzjonijiet tal-produtturi għandhom jiżguraw il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-programmi ta' operazzjoni tagħhom billi jagħmlu użu ta' l-indikaturi relevanti fost is-sett komuni ta' indikaturi tal-produzzjoni msemmija fl-Artikolu 126 u, fejn xieraq, ta' l-indikaturi addizzjonali speċifikati fl-istrateġija nazzjonali.

Għal dan l-għan huma għandhom jistabbilixxu sistema sabiex jiġbru, jirreġistraw u jżommu tagħrif bżonnjuż għall-kompilazzjoni ta' dawk l-indikaturi.

([1]) ĠU L 141, 30.4.2004, p. 18.
([2]) ĠU L 355, 15.12.2006, p. 56.

▼B

2. Il-monitoraġġ għandu jkun immirat lejn il-valutazzjoni tal-progress magħmul lejn il-kisba ta' għanijiet speċifiċi li kienu stabbiliti għall-programm ta' operazzjoni. Din għandha tkun imwettqa permezz ta' indikaturi finanzjarji ta' produzzjoni u ta' riżultat. Ir-riżultati ta' l-eżerċizzju huma intenzjonati li jservu:

(a) sabiex tkun ivverifikata l-kwalità ta' implimentazzjoni tal-programm;

(b) sabiex ikun identifikat kwalunkwe bżonn għal aġġustamenti jew reviżjoni tal-programm ta' operazzjoni maħsuba sabiex jinkisbu l-għanijiet stabbiliti għall-programm jew lejn it-titjib tal-ġestjoni tal-programm, inkluż l-ġestjoni finanzjarja tiegħu;

(c) sabiex jikkontribwixxi lejn it-twettiq ta' rekwiżiti ta' rapportaġġ li jikkonċernaw l-implimentazzjoni tal-programm ta' operazzjoni.

Informazzjoni li tikkonċerna r-riżultati ta' l-attivitajiet ta' monitoraġġ għandha tkun inkluża f'kull rapport annwali, kif imsemmi fl-Artikolu 98(1), li l-organizzazzjoni tal-produtturi hija mitluba li tittrasmetti lill-Awtorità Nazzjonali li tieħu ħsieb il-ġestjoni ta' l-istrateġija nazzjonali.

3. L-evalwazzjoni għandha tieħu l-forma ta' rapport ta' evalwazzjoni separat ta' nofs it-term.

L-eżerċizzju ta' evalwazzjoni ta' nofs it-term, li jista' jkun imwettaq bl-għajnuna ta' uffiċju ta' konsulenza speċjalizzat, għandu jkun immirat lejn l-eżaminazzjoni tal-livell ta' użu ta' riżorsi finanzjarji, l-effiċjenza u l-effettività tal-programm ta' operazzjoni, u l-valutazzjoni tal-progress magħmul fir-rigward ta' l-għanijiet ġenerali tal-programm. Għal dan l-għan, għandu jsir użu ta' l-indikaturi komuni li jirrigwardaw is-sitwazzjoni bażika, riżultati u, fejn xieraq, impatti.

Fejn relevanti, l-eżerċizzju ta' evalwazzjoni ta' nofs it-term għandu jinkludi valutazzjoni kwalitattiva tar-riżultati u l-impatt ta' l-azzjonijiet ambjentali mmirati lejn:

(a) il-prevenzjoni ta' tgħawwir tal-ħamrija;

(b) tnaqqis fl-użu ta' u/jew ġestjoni aħjar ta' prodotti ta' protezzjoni tal-pjanti;

(c) il-protezzjoni ta' ambjenti naturali u/jew biodiversità; jew

(d) il-konservazzjoni tal-pajsaġġ.

Ir-riżultati ta' l-eżerċizzju għandhom ikunu użati:

(a) sabiex itejbu l-kwalità tal-programmi ta' operazzjoni mmaniġġjati mill-organizzazzjoni tal-produtturi;

(b) sabiex jidentifikaw kwalunkwe bżonn għal bidla sustantiva fil-programm ta' operazzjoni;

▼B

(c) sabiex jikkontribwixxu għat-twettiq ta' rekwiżiti ta' rapportaġġ li jikkonċernaw l-implimentazzjoni tal-programmi ta' operazzjoni; u

(d) sabiex joħorġu lezzjonijiet utli rigward it-titjib tal-kwalità, effiċjenza u effettività ta' programmi ta' operazzjoni futuri ġestiti mill-organizzazzjoni tal-produtturi.

L-eżerċizzju ta' evalwazzjoni ta' nofs it-term għandu jkun imwettaq matul l-implimentazzjoni tal-programm ta' operazzjoni, fil-ħin li jkunu permessi r-riżultati ta' l-evalwazzjoni li għandha tkun ikkunsidrata fil-preparazzjoni ta' programm ta' operazzjoni sussegwenti.

Ir-rapport ta' evalwazzjoni ta' nofs it-term għandu jkun anness mar-rapport annwali korrispondenti msemmi fl-Artikolu 98(1).

Artikolu 128

Proċeduri ta' monitoragg u evalwazzjoni fir-rigward ta' l-istrateġija nazzjonali

1. Il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni ta' l-istrateġija nazzjonali għandhom ikunu mwettqa permezz ta' l-użu ta' l-indikaturi relevanti fost is-sett komuni ta' indikaturi ta' eżekuzzjoni msemmija fl-Artikolu 126 u, fejn xieraq, indikaturi addizzjonali speċifikati fl-istrateġija nazzjonali.

2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistema sabiex jiġbru, jirrekordjaw u jżommu informazzjoni f'forma kompjuterizzata adegwata għall-iskop tal-kumpilazzjoni ta' l-indikaturi msemmija fl-Artikolu 126. Għal dan l-għan, għandhom jibnu fuq l-informazzjoni trasmessa mill-organizzazzjoni tal-produtturi fir-rigward tal-monitoraġġ u evalwazzjoni tal-programmi ta' operaturi tagħhom.

3. Il-monitoraġġ għandu jkun kontinwu u mmirat lejn il-valutazzjoni tal-progress magħmul lejn il-ksib ta' l-għanijiet u l-għanijiet stabbiliti għall-programmi ta' operazzjoni. Għandu jkun imwettaq permezz ta' indikaturi finanzjarji ta' output u ta' riżultat. Għal dan l-għan, użu għandu jkun magħmul mill-informazzjoni pprovduta fir-rapporti ta' progress annwali trasmessi mill-organizzazzjoni tal-produtturi li jikkonċernaw il-programmi ta' operazzjoni tagħhom. Ir-riżultati ta' l-eżerċizzji tal-monitoraġġ għandhom ikunu użati:

(a) sabiex jivverifikaw il-kwalità ta' l-implimentazzjoni tal-programmi ta' operazzjoni;

(b) sabiex jidentifikaw kwalunkwe bżonn għal aġġustamenti jew reviżjoni ta' l-istrateġija nazzjonali mmirata sabiex tikseb l-għanijiet stabbiliti għall-istrateġija jew sabiex tkun imtejba l-ġestjoni ta' l-implimentazzjoni ta' strateġija, inkluża l-ġestjoni finanzjarja tal-programmi ta' operazzjoni; u

(c) sabiex jikkontribwixxu lejn it-twettiq ta' rekwiżiti ta' rappurtaġġ li jikkonċernaw l-implimentazzjoni ta' l-istrateġija nazzjonali.

▼B

4. L-evalwazzjoni għandha tkun immirata lejn il-valutazzjoni tal-progress magħmul rigward l-għanijiet ġenerali ta' l-istrateġija. Għandha tkun imwettqa permezz ta' indikaturi li jirrigwardaw is-sitwazzajoni bażika, riżultati u, fejn xieraq, impatt. Għal dan l-għan, għandu jsir użu mir-riżultati tal-monitorġġ u evalwazzjoni mid-term tal-programmi ta' operazzjoni kif indikat fir-rapporti ta' progress annwali u rapporti finali trasmessi mill-organizzazzjonijiet tal-produtturi. Ir-riżultati ta' l-eżerċizzji ta' evalwazzjoni għandhom ikunu użati:

(a) sabiex itejbu l-kwalità ta' l-istrateġija;

(b) sabiex jidentifikaw kwalunkwe bżonn għal bidla sostantiva ta' l-istrateġija; u

(c) sabiex jikkontribwixxu għat-twettiq ta' rekwiżiti ta' rapportaġġ li jikkonċernaw l-implimentazzjoni ta' l-istrateġija nazzjonali.

L-evalwazzjoni għandha tinkludi eżerċizzju ta' evalwazzjoni separat imwettaq fl-2012, iżda fil-ħin li tippermetti li r-riżultati tagħha jkunu nklużi f'rapport ta' evalwazzjoni separat li għandu jkun anness, fl-istess sena, mar-rapoort annwali nazzjonali imsemmi fl-Artikolu 99(3). Ir-rapport għandu jeżamina l-livell ta' utilizzazzjoni tar-riżorsi finanzjarji, l-effiċjenza u l-effettività tal-programmi ta' operazzjoni implimentati, u jivvalutaw l-effetti u impatt ta' dawk il-programmi, fir-rigward ta' l-għanijiet, miri u skopijiet stabbiliti mill-istrateġija u, fejn xieraq, l-għanijiet l-oħra stabbiliti fl-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007. Għandha tkun immirata sabiex tiġbed lezzjonijiet utli fit-titjib tal-kwalità ta' strateġiji nazzjonali futuri, u partikolarment sabiex tidentifika difetti possibbli fid-definizzjoni ta' għanijiet, miri jew miżuri eliġibbli għal appoġġ, jew bżonnijiet għad-definizzjoni ta' strumenti ġodda.

KAPITOLU VI

Estensjoni tar-regoli għall-produtturi ta' żona ekonomika

Artikolu 129

Notifika ta' lista ta' żoni ekonomiċi

In-notifika kif ipprovvduta fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 14(2) tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007 tal-lista ta' zoni ekonomiċi għandha tinkludi l-informazzjoni kollha bżonnjuża għall-valutazzjoni ta' jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 14(2) ta' dak ir-Regolament kinux konformi.

Artikolu 130

Notifika ta' regoli li jorbtu; rappreżentattività

1. Meta Stat Membru jinnotifika regoli li jkun għamel vinkolanti għal prodott partikolari u zona ekonomika skond l-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007, huwa għandu jinforma fl-istess ħin lill-Kummissjoni:

(a) bl-organizzazzjoni tal-produtturi jew assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet li talbet l-estensjoni tar-regoli;

▼B

(b) bin-numru ta' produtturi li jappartjenu lil dik l-organizzazzjoni jew assoċjazzjoni u n-numru totali ta' produtturi fiż-żona ekonomika kkonċernata; dik l-informazzjoni għandha tkun mogħtija fir-rigward tas-sitwazzjoni akkwistata fiż-żmien ta' meta l-applikazzjoni għal estensjoni hija magħmula;

(c) bil-produzzjoni totali taż-żona ekonomika u l-produzzjoni mqiegħda fis-suq mill-organizzazzjoni tal-produtturi jew assoċjazzjoni matul l-aħħar sena ta' marketing li għaliha l-figuri huma disponibbli;

(d) bid-data li minnha r-regoli għandhom ikunu estiżi kienu applikati lil organizzazzjoni tal-produtturi jew assoċjazzjoni kkonċernata; u

(e) bid-data li minnha l-estensjoni għandu jkollha effett u d-durazzjoni ta' l-applikazzjoni ta' estensjoni.

2. Għall-finijiet tad-determinazzjoni ta' rappreżentattività skond it-tifsira ta' l-Artikolu 14(3) tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli li jeskludu:

(a) il-produtturi li l-produzzjoni tagħhom tkun maħsuba essenzjalment għall-bejgħ dirett lil konsumaturi fl-ażjenda jew fiż-żona ta' produzzjoni;

(b) bejgħ dirett kif imsemmi fil-punt (a);

(c) prodott kkonsenjat għall-ipproċessar kif imsemmi fl-Artikolu 14(4) (b) tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007 minbarra fejn ir-regoli in kwistjoni japplikaw totalment jew parzjalment għal dan il-prodott.

Artikolu 131

Kontribuzzjonijiet finanzjarji

Fejn Stat Membru jiddeċiedi, skond l-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007, li produtturi li ma jappartjenux lil organizzazzjonijiet tal-produtturi huma responsabbli għal kontribuzzjoni finanzjarja, għandu jibgħat lill-Kummissjoni l-informazzjoni bżonnjuża għall-valutazzjoni ta' konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak l-Artikolu. Dik l-informazzjoni għandha tinkludi partikolarment il-bażi li fuqha l-kontribuzzjoni hija kkalkulata u l-ammont għal kull unità tagħha, il-benefiċjarju jew benefiċjarji u n-natura ta' l-ispejjeż varji msemmija fil-punti (a) u (b) ta' l-Artikolu 21.

Artikolu 132

Estensjonijiet oltre s-sena tal-marketing

Fejn huwa deċiż li tkun applikata estensjoni għal perjodu li jmur oltre s-sena tal-marketing, Il-Istati Membri għandhom jivverifikaw fir-rigward ta' kull sena tal-marketing li l-kundizzjonijiet fir-rigward ta' rappreżentattività stabbiliti fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007 ikomplu jkunu konformi matul il-perjodu ta' applikazzjoni ta' l-estensjoni. Jekk isibu li l-kundizzjonijiet mhumiex iktar konformi, għandhom immedjatament jirrevokaw l-estensjoni b'effett mill-bidu tas-sena tal-marketing ta' wara. Għandhom immedjatament jinfurmaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe revoka, li għandha tagħmel din l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku permezz ta' mezz li tikkunsidra li huwa xieraq.

▼B

Artikolu 133

Prodott mibjugħ fuq is-siġra; bejjiegħa

1. F'każijiet fejn produtturi li ma jappartjenux lil organizzazzjoni tal-produtturi jbiegħu l-prodott tagħhom fuq is-siġra, il-bejjiegħ għandu, għall-finijiet ta' konformità mar-regoli msemmija fil-punti 1(e), 1(f) u 3 ta' l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007, ikun ikkunsidrat bħala li pproduċa dak il-prodott.

2. L-Istat Membru kkonċernat jista' jiddeċiedi li regoli mniżżla fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007 li mhumiex dawk imsemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jkunu magħmula vinkolanti fuq il-bejjiegħa fejn huma responsabbli għall-ġestjoni tal-produzzjoni kkonċernata.

TITOLU IV

KUMMERĊ MA' PAJJIŻI TERZI

KAPITOLU I

Liċenzji ta' importazzjoni

Artikolu 134

Liċenzji ta' importazzjoni għal tuffieħ

▼M4

1. L-importazzjonijiet tat-tuffieħ li jaqgħu fi ħdan il-kodiċijiet tan-NM bin-numru 0808 10 80 li għalihom għandha tintwera liċenzja ta' l-importazzjoni huma mniżżlin fl-Artikolu 1(2)(a) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 376/2008. ([1])

▼M19

2. Ir-Regolament (KE) Nru 376/2008 għandu japplika għal liċenzji ta' importazzjoni maħruġa skont dan l-Artikolu.

▼B

3. Importaturi jistgħu jissottemettu applikazzjonijiet għal liċenzja ta' importazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti ta' kwalunkwe Stat Membru.

Huma għandhom jidħlu fil-pajjiż ta' oriġini f'kaxxa 8 ta' l-applikazzjonijiet għal liċenzja u jimmarkaw il-kelma "iva" b'salib.

▼M4

4. ma' l-applikazzjoni tagħhom, l-importaturi għandhom jagħtu garanzija f'konformità mat-Titolu III tar-Regolament (KEE) Nru 2220/85 li tiżgura l-konformità ma' l-impenn li jwettqu l-importazzjoni matul il-perjodu tal-validità tal-liċenzja ta' l-importazzjoni.

Ħlief f'każijiet ta' forza maġġuri, il-garanzija għandha titneħħa totalment jew parzjalment jekk, matul il-perjodu tal-validità tal-liċenzja ta' l-importazzjoni, l-importazzjoni ma titwettaqx jew titwettaq biss b'mod parzjali.

Il-perjodu tal-validità tal-liċenzja ta' l-importazzjoni u l-ammont tal-garanzija li għandha tingħata għandhom ikunu dawk stabbiliti fil-Parti I ta' l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 376/2008.

([1]) ĠU L 114, 26.4.2008, p. 3.

▼B

5. Liċenzji ta' importazzjoni għandhom ikunu maħruġa mingħajr dewmien lil kwalunkwe applikant, irrispettivament mill-post ta' stabbiliment tagħhom fil-Komunità.

Il-pajjiż ta' oriġini għandu jkun imniżżel fil-kaxxa 8 tal-liċenzja ta' importazzjoni u l-kelma "iva" għandha tkun immarkata b'salib.

▼M4

6. Il-liċenzji ta' l-importazzjoni għandhom ikunu validi għal importazzjonijiet li joriġinaw fil-pajjiż indikat biss.

▼M19

7. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni, mhux iktar tard minn 12:00 nofsinhar (ħin ta' Brussell) kull nhar ta' Erbgħa, il-kwantitajiet ta' tuffieħ li għalihom inħarġu liċenzji ta' importazzjoni, inklużi d-dikjarazzjonijiet żero, tul il-ġimgħa ta' qabel, maqsuma skont il-pajjiż terz tal-oriġini.

In-notifiki lill-Kummissjoni taħt dan il-paragrafu għandhom isiru skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 792/2009 ([1]).

▼B

KAPITOLU II

Dazji ta' importazzjoni u sistema ta' prezz tad-dħul

Taqsima 1

Sistema ta' prezz tad-dħul

Artikolu 135

Skop u definizzjonijiet

1. Din it-Taqsima tistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 34 tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007.

2. Għall-finijiet ta' din it-Taqsima:

(a) "lott" ifisser il-provvisti ppreżentati skond id-dikjarazzjoni ta' rilaxx għal ċirkolazzjoni libera li tkopri biss provvisti ta' l-istess oriġini li jaqa' f'kodiċi wieħed biss ta' nomenklatura magħquda; u

(b) "importatur" ifisser id-dikjarant skond it-tifsira ta' l-Artikolu 4(18) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 ([2]).

Artikolu 136

Rapportaġġ tal-prezzijiet

1. Għal kull prodott u għall-perjodi stabbiliti fil-Parti A ta' l-Anness XV, għal kull ġurnata ta' marketing u għal kull oriġini, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw mal-Kummissjoni, sa 12:00 nofsinhar (ħin ta' Brussell) il-ġurnata tax-xogħol li jmiss bħala l-aħħar ċans:

(a) il-prezzijiet rappreżentattivi medji tal-prodotti importati minn pajjiżi terzi mibjugħa fis-swieq ta' importazzjoni rappreżentattivi msemmija fl-Artikolu 137(1), u prezzijiet sinjifikanti rrekordjati fuq swieq oħra għal kwantitajiet kbar ta' prodotti importati, jew, fejn ebda prezzijiet għal swieq rappreżentattivi ma huma disponibbli, prezzijiet sinjifikanti għal prodotti importati fi swieq oħra; u

([1]) ĠU L 228, 1.9.2009, p. 3.
([2]) ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1.

▼B

(b) il-kwantitajiet totali li jirrigwardaw il-prezzijiet imsemmija fil-punt (a).

Fejn il-kwantitajiet totali msemmija fil-punt (b) huma inqas minn tunnellata, il-prezzijiet korrispondenti ma għandhomx ikunu kkomunikati lill-Kummissjoni.

2. Il-prezzijiet imsemmija fil-paragrafu 1(a) għandhom ikunu rrekordjati:

(a) għal kull wieħed mill-prodotti mniżżla fil-Parti A ta' l-Anness XV,

(b) għall-varjetajiet u daqsijiet kollha disponibbli, u

(c) fl-istadju ta' importatur/bejjiegħ bl-ingrossa jew l-istadju ta' bejjiegħ bl-ingrossa/bejjiegħ bl-imnut fejn ebda prezzijiet fl-istadju ta' importatur/bejjiegħ bl-ingrossa ma huma disponibbli.

Huma għandhom ikunu mnaqqsa permezz ta' dawn l-ammonti:

(a) marġini ta' marketing ta' 15 % taċ-ċentri ta' marketing ta' Londra, Milan u Rungis u ta' 8 % għal ċentri ta' marketing oħra, u

(b) spejjeż ta' trasport u assigurazzjoni fit-territorju Komunitarju tad-dwana.

Għall-ispejjeż ta' merkanzija u assigurazzjoni li għandhom ikunu mnaqqsa skond it-tieni subparagrafu, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu ammonti standard għal tnaqqis. Dawn l-ammonti standard u l-metodi sabiex ikunu kkalkolati għandhom jkunu nnotifikati lill-Kummissjoni mingħajr dewmien.

3. Il-prezzijiet irreġistrati skond il-paragrafu 2 għandhom, fejn ikunu stabbiliti fl-istadju ta' bejjiegħ bl-ingrossa/bejjiegħ bl-imnut, l-ewwel ikunu mnaqqsa b'ammont ta' 9 % sabiex ikun ikkunsidrat il-marġini tal-kummerċ ta' bejjiegħ bl-ingrossa, u mbagħad b'ammont ta' EUR 0,7245 għal kull 100 kilogramma sabiex ikunu kkunsidrati l-ispejjeż ta' tqandil manwali u taxxi u charges tas-suq.

4. Dawn li ġejjin għandhom ikunu kkunsidrati li huma rappreżentattivi:

(a) il-prezzijiet ta' prodotti tal-Klassi I, sakemm il-kwantitajiet f'dik il-klassi jgħoddu għal mill-inqas 50 % tal-kwantitajiet totali mqiegħda fis-suq,

(b) il-prezzijiet ta' prodotti tal-Klassi I kif ukoll, fejn prodotti f'dik il-klassi jgħoddu għal inqas minn 50 % tal-kwantitajiet totali, il-prezzijiet kif stabbilti ta' prodotti ta' Klassi II għal kwanititajiet li jippermettu li 50 % tal-kwantitajiet totali mqiegħda fis-suq ikunu koperti,

(c) il-prezzijiet kif stabbiliti għal prodotti tal-Klassi II, fejn prodotti tal-Klassi I ma jkunux disponibbli, sakemm ma jkunx deċiż li jkun applikat koeffiċjent ta' aġġustament lilhom jekk, bħala riżultat tal-kundizzjonijiet ta' produzzjoni għal prodotti ta' l-oriġini in kwistjoni, dawk il-prodotti mhumiex normalment u tradizzjonalment mqiegħda fis-suq fi Klassi I bħala riżultat tal-karatteristiċi ta' kwalità tagħhom.

Il-koeffiċjent ta' aġġustament imsemmi fil-punt (c) ta' l-ewwel subparagrafu għandu jkun applikat għal prezzijiet wara tnaqqis ta' l-ammonti msemmija fil-paragrafu 2.

▼B

Artikolu 137

Swieq rappreżentattivi

L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bil-ġranet tal-marketing stabbiliti għas-swieq imsemmija fl-Anness XVI li għandhom ikunu kkunsidrati bħala s-swieq rappreżentattivi.

Artikolu 138

Valuri ta' importazzjoni standard

1. Għal kull prodott u għall-perjodi stabbiliti fil-Parti A ta' l-Anness XV, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi, kull ġurnata tax-xogħol u għal kull oriġini, valur ta' importazzjoni standard daqs il-medja tal-prezzijiet rappreżentattivi msemmija fl-Artikolu 136, mingħajr ammont standard ta' EUR 5 għal kull 100 kg u d-dazji doganali *ad valorem*.

2. Fejn valur ta' importazzjoni standard ikun stabbilit għall-prodotti u għall-perjodi ta' applikazzjoni imniżżlin fil-Parti A ta' l-Anness XV, skond din it-Taqsima, il-prezz ta' unità kif imsemmi fl-Artikolu 152(1)(a) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 ([1]) ma għandux japplika. Dan għandu jkun mibdul permezz ta' valur ta' importazzjoni standard imsemmi fil-paragrafu 1.

3. Fejn ebda valur ta' importazzjoni standard ma jkun fis-seħħ għal prodott ta' oriġini partikolari, il-medja ta' valuri ta' importazzjoni standard fis-seħħ għal dak il-prodott għandu japplika.

4. Matul il-perjodi ta' applikazzjoni stabbiliti fil-Parti A ta' l-Anness XV, il-valuri ta' importazzjoni standard għandhom jibqgħu applikabbli sakemm ma jkunux mibdula. Huma ma għandhomx jibqgħu japplikaw, madankollu, fejn ebda prezz rappreżentattiv medju ma kien innotifikat lill-Kummissjoni għal sebat ijiem ta' suq konsekuttivi.

Fejn, skond l-ewwel subparagrafu, ebda valur ta' importazzjoni ma japplika lil prodott partikolari, il-valur ta' importazzjoni standard applikabbli għal dak il-prodott għandu jkun daqs l-aħħar valur ta' importazzjoni standard medju.

5. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1, fejn ma kienx possibbli li jkun ikkalkulat valur ta' importazzjoni standard, ebda valur ta' importazzjoni standard ma għandu jkun applikabbli mill-ewwel ġurnata tal-perjodi ta' applikazzjoni stabbiliti fil-Parti A ta' l-Anness XV.

6. Il-prezzijiet rappreżentattivi bl-ewro għandhom ikunu mibdula permezz tar-rata tas-suq rappreżentattiv ikkalkulat għall-ġurnata in kwistjoni.

7. Il-valuri ta' importazzjoni standard espressi bl-ewro għandhom ikunu magħmula disponibbli għall-pubbliku mill-Kummissjoni permezz ta' metodi li hija tikkunsidra xierqa.

([1]) ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1.

▼B

Artikolu 139

Bażi tal-prezz tad-dħul

1. Il-prezz tad-dħul li fuq il-bażi tiegħu l-prodotti mniżżla fil-Parti A ta' l-Anness XV huma kklassifikati fit-Tariffa Doganali tal-Komunitajiet Ewropej għandu jkun daqs, skond kif jagħżel l-importatur:

(a) il-prezz fob tal-prodotti fil-pajjiż tagħhom ta' oriġini kif ukoll l-ispejjeż ta' assigurazzjoni u merkanzija sal-fruntieri tat-territorju doganali Komunitarju, fejn dak il-prezz u dawk l-ispejjeż ikunu magħrufa fil-ħin li d-dikjarazzjoni ta' rilaxx tal-prodotti għal ċirkolazzjoni libera hija magħmula. Fejn l-imsemmija prezzijiet huma ogħla b'iktar minn 8 % allura l-valur standard applikabbli għall-prodott in kwistjoni fiż-żmien li d-dikarazzjoni tar-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera hija magħmula, l-importatur għandu jagħmel il-garanzija msemmija fl-Artikolu 248(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93. Għal dan l-iskop, l-ammont ta' dazju ta' importazzjoni li għalih il-prodotti jistgħu finalment ikunu suġġetti għandu jkun l-ammont ta' dazju li kieku kien iħallas jekk il-prodott in kwistjoni kien ikklassifikat fuq il-bażi tal-valur standard ikkonċernat; jew

(b) il-valur doganali kkalkulat skond l-Artikolu 30(2)(c) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 applikat biss għall-prodotti importati in kwistjoni. F'dak il-każ, id-dazju għandu jkun imnaqqas kif stabbilit skond l-Artikolu 138(1). F'dak il-każ l-importatur għandu jpoġġi l-garanzija msemmija fl-Artikolu 248(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93, daqs l-ammont ta' dazju li kieku kien iħallas jekk il-klassifikazzjoni ta' prodotti kienet magħmula fuq il-bażi tal-valur ta' importazzjoni standard applikabbli għall-lott in kwistjoni; jew

(c) il-valur ta' importazzjoni standard ikkalkulat skond l-Artikolu 138 ta' dan ir-Regolament.

2. Il-prezz tad-dħul li fuq il-bażi tiegħu l-prodotti mniżżla fil-parti B ta' l-Anness XV ikunu kklassifikati fit-tariffa doganali tal-Komunitajiet Ewropej għandu jkun daqs, skond kif jagħżel l-importatur:

(a) il-prezz fob tal-prodotti fil-pajjiż ta' l-oriġini tagħhom kif ukoll l-ispejjeż ta' l-assigruazzjoni u merkanzija sal-fruntieri tat-territorju doganali tal-Komunità, fejn dak il-prezz u dawk l-ispejjeż huma magħrufa fil-ħin fejn id-dikjarazzjoni doganali hija magħmula. Jekk l-awtoritajiet doganali jikkunsidraw li l-garanzija tkun mitluba skond l-Artikolu 248 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93, l-importatur għandu jagħti garanzija daqs l-ammont massimu ta' dazju applikabbli għall-prodott in kwistjoni; jew

(b) il-valur doganali kkalkulat skond l-Artikolu 30(2)(c) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 applikat biss lill-prodotti ta' importazzjoni in kwistjoni. F'dak il-każ, id-dazju għandu jkun imnaqqas kif ipprovdut fl-Artikolu 138(1). F'dak il-każ l-importatur għandu jagħmel il-garanzija msemmija f-Artikolu 248 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93, daqs l-ammont massimu ta' dazju applikabbli għall-prodott in kwistjoni.

▼B

3. Fejn il-prezz tad-dħul huwa kklakulat fuq il-bażi tal-prezz fob tal-prodotti fil-pajjiż ta' oriġini, il-valur doganali għandu jkun ikkalkulat fuq il-bażi tal-bejgħ relevanti ta' dak il-prezz.

Meta l-prezz ta' dħul huwa kkalkulat skond waħda mill-proċeduri pprovduti fil-paragrafu (b) jew (c) jew paragrafu 2(b), il-valur doganali għandu jkun ikkalkulat fuq l-istess bażi bħall-prezz tad-dħul.

4. L-importatur għandu jkollu xahar mill-bejgħ tal-prodotti in kwistjoni, soġġetti għal limitu ta' erbaʻ xhur mid-data ta' aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni ta' rilaxx għal ċirkolazzjoni libera, sabiex jagħti prova li l-lott kien mormi skond il-kundizzjonijiet li jikkonfermaw il-korrettezza tal-prezzijiet msemmija fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1(a) jew paragrafu 2(a), jew sabiex jiddetermina l-valur doganali msemmi fil-paragrafu 1(b) u paragrafu 2(a). Nuqqas li tintlaħaq waħda minn dawn l-iskadenzi għandu jinvolvi t-telf tal-garanzija mogħtija, mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-paragrafu 5.

Il-garanzija mogħtija għandha tkun rilaxxata sa l-estent li provi tal-kundizzjonijiet ta' rimi huma pprovduti għas-sodisfazzjon ta' l-awtoritajiet doganali.

Inkella l-garanzija għandha tkun imneħħija permezz ta' pagament tad-dazji ta' importazzjoni.

5. Il-limitu taż-żmien ta' erbaʻ xhur imsemmi fil-paragrafu 4 jista' jkun estiż mill-awtoritajiet kompetenti permezz ta' massimu ta' tliet xhur fuq talba ta' l-importatur, li għandu jkun debitament iġġustifikat.

6. Jekk fuq verifikazzjoni l-awtoritajiet kompetenti jistabbilixxu li r-rekwiżiti ta' dan l-Artikolu ma kinux milħuqa, huma għandhom jirkupraw id-dazju dovut skond l-Artikolu 220 tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92. L-ammont tad-dazju li għandu jkun irkuprat jew li jibqaʻ sabiex ikun irkuprat għandu jinkludi interess mid-data li fiha l-provvisti kienu rilaxxati għal ċirkolazzjoni libera sad-data ta' rkupru. Ir-rata ta' interess applikata għandha tkun dik fis-seħħ rigward operazzjonijiet ta' rkupru skond liġi nazzjonali.

Taqsima 2

Dazji ta' importazzjoni addizzjonali

Artikolu 140

Ambitu u definizzjonijiet

1. Id-dazju ta' importazzjoni addizzjonali kif imsemmi fl-Artikolu 35(1) tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007, minn issa 'l quddiem "dazju addizzjonali", jista' jkun applikat għal prodotti u matul il-perjodi mniżżla fl-Anness XVII fuq il-kundizzjonijiet stabbiliti f'din it-Taqsima.

2. Livelli li fihom jiskattaw id-dazji addizzjonali huma mniżżla fl-Anness XVII.

▼B

Artikolu 141

Rappurtaġġ ta' volumi

1. Għal kull wieħed mill-prodotti mniżżla fl-Anness XVII u matul il-perjodi indikati l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dettalji tal-volumi mpoġġija f'ċirkolazzjoni libera filwaqt li jużaw il-metodu għal sorveljanza ta' importazzjonijiet preferenzjali stabbiliti fl-Artikolu 308d tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93.

Din in-notifikazzjoni għandha sseħħ mhux iktar tard minn 12:00 nofsinhar ħin ta' Brussell kull nhar ta' Erbgħa għall-volumi mpoġġija f'ċirkolazzjoni libera matul il-ġimgħa preċedenti.

2. Dikjarazzjonijiet għal rilaxx għal ċirkolazzjoni libera ta' prodotti koperti minn din it-Taqsima li l-awtoritajiet doganali jistgħu jaċċettaw it-talba tad-dikjarant mingħajr ma jinkludu ċertu partikolaritajiet msemmija fl-Anness 37 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93 għandhom jinkludu, minbarra l-partikolaritajiet imsemmija fl-Artikolu 254 ta' dak ir-Regolament, indikazzjoni tal-piż nett(kg) tal-prodotti kkonċernati.

Fejn il-proċedura ta' dikjarazzjoni simplifikata msemmija fl-Artikolu 260 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93 hija użata sabiex il-prodotti koperti minn din it-Taqsima jkunu mpoġġija f'ċirkolazzjoni libera, id-dikjarazzjonijiet simplifikati għandhom jinkludu, minbarra rekwiżiti oħra, inikazzjoni tal-piż nett (kg) tal-prodotti kkonċernati.

Fejn il-proċedura lokali ta' kwittanza msemmija fl-Artikolu 263 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93 hija użata sabiex tpoġġi f'ċirkolazzjoni libera l-prodotti koperti minn din it-Taqsima, in-notifikazzjoni lill-awtoritajiet doganali msemmija fl-Artikolu 266(1) ta' dak ir-Regolament għandha tinkludi d-dejta neċessarja kollha għall-identifikazzjoni tal-provvisti, kif ukoll indikazzjoni tal-piż nett (kg) tal-prodotti kkonċernati.

Artikolu 266(2b) ma japplikax għal importazzjonijiet tal-prodotti koperti minn din it-Taqsima.

Artikolu 142

Ġbir ta' dazju addizzjonali

1. Meta jirriżulta li, għal wieħed mill-prodotti u wieħed mill-perjodi mniżżla fl-Anness XV, il-kwanitità li titpoġġa f'ċirkolazzjoni libera hija iktar mill-volum korrispondenti li jiskatta l-Kummissjoni għandha tiġbor dazju addizzjonali sakemm l-importazzjonijiet mhumiex probabbli li jiddisturbaw is-suq Komunitarju, jew l-effetti jkunu disproporzjonati għall-għan maħsub.

2. Id-dazju addizzjonali għandu jkun miġbur fuq kwantitajiet mpoġġija f'ċirkolazzjoni libera wara d-data ta' applikazzjoni ta' dak id-dazju, sakemm:

(a) il-klassifikazzjoni ta' tariffa tagħhom iddeterminata skond l-Artikolu 139 tinvolvi applikazzjoni tad-dazji l-iktar għoljin speċifiċi applikabbli għal importazzjonijiet ta' l-oriġini in kwistjoni,

▼B

(b) l-importazzjoni hija effettweta matul il-perjodu ta' applikazzjoni tad-dazju addizzjonali.

Artikolu 143

Ammont ta' dazju addizzjonali

Id-dazju addizzjonali impost skond l-Artikolu 142 għandu jkun ta' terz dak tad-dazju doganali applikabbli tal-prodott partikolari skond it-Tariffa Doganali Komuni.

Madankollu, għal importazzjonijiet li jibbenefikaw minn preferenza ta' tariffi rigward dazju *ad valorem* id-dazju addizzjonali għandu jkun terz tad-dazju speċifiku fuq il-prodott sa fejn japplika l-Artikolu 142(2).

Artikolu 144

Eżenzjonijiet minn dazju addizzjonali

1. Dawn li ġejjin huma eżenti minn dazju addizzjonali:

(a) oġġetti importati skond kwoti ta' tariffi mniżżla fl-Anness VII tan-nomenklatura mħallta;

(b) oġġetti fit-triq lejn il-Komunità kif iddefiniti fil-paragrafu 2.

2. Provvisti għandhom ikunu kkunsidrati li jkunu fit-triq lejn il-Komunità jekk huma:

(a) telqu mill-pajjiż ta' oriġini qabel id-deċiżjoni li jkun impost dazju addizzjonali, u

(b) qed ikunu ttrasportati skond dokument ta' trasport validu mill-post tat-tagħbija fil-pajjiż ta' oriġini għall-pajjiż ta' żbark fil-Komunità, magħmula qabel l-impożizzjoni ta' dazju addizzjonali.

3. Partijiet interessati għandhom jipprovdu evidenza għas-sodisfazzjon ta' l-awtoritajiet doganali li r-rekwiżiti tal-paragrafu 2 huma milħuqa.

Madankollu, dawn l-awtoritajiet jistgħu jikkunsidraw li provvisti telqu l-pajjiż ta' oriġini tagħhom qabel id-data ta' impożizzjoni ta' dazju addizzjonali jekk wieħed mid-dokumenti li ġejjin ikun ipprovdut:

(a) għal trasport bil-baħar, il-polza tat-tagħbija li juri li seħħet tagħbija qabel dik id-data,

▼B

(b) għal trasport bil-ferrovija, il-lista tal-pakki li turi d-destinazzjoni tagħhom aċċettata mill-awtoritajiet tal-ferrovija tal-pajjiż ta' oriġini qabel dik id-data,

(c) għal trasport bit-triq, il-kuntratt ta' trasport bit-triq (CMR) jew dokument ta' transitu ieħor magħmul fil-pajjiż ta' oriġini qabel dik id-data, jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti f'arranġamenti bilaterali jew multilaterali konklużi fil-kuntest ta' transitu Komunitarju jew transitu komuni huma osservati,

(d) għal trasport bl-ajru, il-polza ta' trasport bl-ajru li juri li l-linja ta' l-ajru aċċettat l-oġġetti qabel dik id-data.

TITOLU V

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI, TA' REVOKA, TRANSIZZJONALI U FINALI

Artikolu 145

Verifiki

Mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet speċifiċi ta' dan ir-Regolament jew leġiżlazzjoni oħra Komunitarja, l-Istati Membri għandhom jintroduċu verifiki u miżuri safejn ikunu neċessarji għall-applikazzjoni korretta tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007 u dan ir-Regolament. Dan għandu jkun effettiv, proporzjonat u dissważiv sabiex huma jipprovdu protezzjoni adegwata għall-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet.

Partikolarment, għandhom jiżguraw li:

(a) l-kriterji kollha ta' eliġibiltà stabbiliti mill-Komunità jew leġiżlazzjoni nazzjonali jew kwadru nazzjonali jew l-istrateġija nazzjonali jistgħu jkunu vverfikati;

(b) l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għat-twettiq ta' verifiki jkollhom numru suffiċjenti ta' persunal ikkwalifikat u esperjenzat kif xieraq sabiex iwettaq il-verifiki effettivament; u

(c) dispożizzjoni hija magħmula għal verifikazzjonijiet sabiex ikun evitat iffinanzjar doppju irregolari ta' miżuri skond dan ir-Regolament u skemi oħra nazzjonali jew Komunitarji.

Artikolu 146

Sanzjonijiet nazzjonali

Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe sanzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament jew Regolament (KE) Nru 1182/2007, l-Istati Membri għandhom jipprovdu għall-applikazzjoni ta' sanzjonijiet fuq il-livell nazzjonali fir-rigward ta' irregolaritajiet magħmula fir-rigward tar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u Regolament (KE) Nru 1182/2007 li huma effettivi, proporzjonali u dissważivi sabiex jipprovdu protezzjoni adegwata għall-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet.

▼B

Artikolu 147

Sitwazzjonijiet maħluqa artifiċjalment

Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe miżuri speċifiċi stabbilti f'dan ir-Regolament jew Regolament (KE) Nru 1182/2007, ebda pagament ma għandu jkun magħmul favur benefiċjarji li għalihom huwa stabbilit li huma kkrejaw atrifiċjalment il-kundizzjonijiet mitluba għall-kisba ta' dawn il-pagamenti bl-iskop li jakkwistaw vantaġġ kuntrarju ta' l-għanijiet ta' l-iskema ta' trasport ikkonċernata.

Artikolu 148

Komunikazzjonijiet

1. Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe dispożizzjonijiet speċifiċi ta' dan ir-Regolament, il-komunkazzjonijiet kollha li għandhom ikunu magħmula mill-Istati Membri lill-Kummissjoni skond dan ir-Regolament għandhom ikunu magħmula bil-mezzi u fil-format speċifikat mill-Kummissjoni.

Komunikazzjonijiet mhux magħmula b'mezzi oħra speċifikati jistgħu jkunu kkunsidrati bħallikieku ma kinux magħmula, mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 3.

2. Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe dispożizzjonijiet speċifiċi ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha neċessarji sabiex jiżguraw li huma kapaċi li jilħqu t-termini għal komunikazzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament.

3. Jekk Stat Membru jonqos milli jagħmel komunikazzjoni kif mitlub skond dan ir-Regolament jew Regolament (KE) Nru 1182/2007 jew jekk il-komunikazzjoni tidher inkorretta skond il-fatti objettivi fil-pussess tal-Kummissjoni, il-Kummissjoni tista' tissospendi parti jew il-pagamenti kollha tax-xahar imsemmija fl-Artikolu 14 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 ([1]) fir-rigward tas-settur tal-frott u ħxejjex sakemm il-komunikazzjoni hija magħmula korrettament.

Artikolu 149

Żbalji ovvji

Kwalunkwe komunikazzjoni, talba jew applikazzjoni magħmula lil Stat Membru skond dan ir-Regolament jew Regolament (KE) Nru 1182/2007, inkluż applikazzjoni għall-għajnuna, tista' tkun aġġustata fi kwalunkwe żmien wara s-sottomissjoni tagħha f'każijiet ta' żbalji ovvji rikonoxxuti mill-awtorità kompetenti.

Artikolu 150

***Force majeure* u ċirkustanzi eċċezzjonali**

Fejn, skond dan ir-Regolament jew Regolament (KE) Nru 1182/2007, għandha tkun imposta sanzjoni jew benefiċċju jew rikonoxximent għandu jkun irtirat, is-sanzjoni ma għandhiex tkun imposta jew l-irtirar magħmul f'każijiet ta' *force majeure* jew ċirkustanzi ta' eċċezzjoni skond it-tifsira ta' l-Artikolu 40(4) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003.

([1]) ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1.

▼B

Madankollu, il-każ ta' *force majeure* għandu jkun innotifikat, b'evidenza relevanti għas-sodisfazzjoni ta' l-awtorità kompetenti, lill-awtorità fi żmien għaxart ijiem tax-xogħol mid-data li fiha l-persuna kkonċernata hija f'pożizzjoni li tagħmel dan.

Artikolu 151

Revoki

Ir-Regolamenti (KE) Nru 3223/94, (KE) Nru 1555/96, (KE) Nru 961/1999, (KE) Nru 544/2001, (KE) Nru 1148/2001, (KE) Nru 2590/2001, (KE) Nru 1791/2002, (KE) Nru 2103/2002, (KE) Nru 48/2003, (KE) Nru 606/2003, (KE) Nru 761/2003, (KE) Nru 1432/2003, (KE) Nru 1433/2003, (KE) Nru 1943/2003, (KE) Nru 103/2004, (KE) Nru 1557/2004, (KE) Nru 179/2006, (KE) Nru 430/2006, (KE) Nru 431/2006, u (KE) Nru 1790/2006 huma hawnhekk irrevokati.

Madankollu, ir-Regolamenti rrevokati għandhom ikomplu japplikaw, fejn xieraq, għall-finijiet ta' l-Artikolu 55(1) tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007.

Artikolu 152

Dispożizzjonijiet tranżitorji

1. Minkejja l-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament, biss għal finijiet ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 55(1) tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007, id-definizzjonijiet tas-snin ta' marketing għall-prodotti mniżżla fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE) Nru 2201/96 eżistenti qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw.

2. Ir-regoli għall-approvazzjoni tal-programmi ta' operazzjoni kollha sottomessi fl-2007 għandhom ikunu dawk applikabbli immedjatament qabel id-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Programmi ta' operazzjoni li għalihom benefiċċju tal-punt (a) ta' l-Artikolu 55(3) tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007 jistgħu ikomplu japplikaw sat-tmiem tagħhom sakemm dawn jimxu skond ir-regoli applikabbli qabel id-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Permezz ta' deroga mill-Artikoli 66 u 67 ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jadottaw kwalunkwe dispożizzjonijiet neċessarji kollha sabiex jippermettu lil organizzazzjonijiet tal-produtturi sabiex jemendaw il-programmi ta' operazzjoni tagħhom malajr kemm jista' jkun wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament sabiex japplikaw punti (b) u (c) ta' l-Artikolu 55(3) tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007.

▼M1

L-Istati Membri jistgħu jistipulaw li l-infiq fuq miżura waħda jew aktar ta' prevenzjoni u ġestjoni ta' kriżijiet, relatati ma' l-irtirar mis-suq, il-promozzjoni, il-komunikazzjoni u t-taħriġ, li jsiru fl-2008 minn organizzazzjoni ta' produtturi, ikun eliġibbli anki jekk il-programm operattiv ma jkunx għadu ġie modifikat biex ikopri l-miżuri kkonċernati. Biex dan l-infiq ikun eliġibbli:

(a) l-Istat Membru għandu jiżgura li l-istrateġija nazzjonali tiegħu adottat fl-2008 skond dan ir-Regolament tkopri l-miżuri kkonċernati,

▼M1

(b) il-programm operattiv għandu jkun modifikat fl-2008 skond dan ir-Regolament, biex ikopri l-miżuri kkonċernati qabel ma ssir applikazzjoni għall-ħlas ta' l-għajnuna korrispondenti, u

(ċ) il-miżuri u kwalunkwe verifika li ssirilhom għandhom ikunu konformi ma' dan ir-Regolament.

L-Istati Membri jistgħu jistipulaw li modifika għal miżura fil-qafas ta' programm operattiv eżistenti, imwettqa skond il-punt (b) ta' l-Artikolu 55(3) tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007, tkopri l-infiq fuq l-operazzjonijiet li jsiru fl-2008 anki qabel ma ssir dik il-modifika, sakemm il-kundizzjoniiet tal-punti (a), (b) u (ċ) tar-raba' subparagrafu jkunu rispettati.

▼B

3. Għall-finijiet ta' l-Artikolu 55(6) tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007, ir-regoli dwar il-karatteristiċi minimi tal-materja prima pprovduti għall-ipproċessar u rekwiżiti ta' kwalità minima għal prodotti kompluti li għandhom jibqgħu applikabbli fir-rigward ta' materja prima miġbura fit-territorju ta' l-Istati Membri li jagħmlu użu ta' l-arranġament transizzjonali skond l-Artikolu 68b jew l-Artikolu 143bċ tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 għandhom ikunu, minbarra għal kwalunkwe standards ta' marketing rilevanti kif imsemmija fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007, dawk inklużi fir-Regolamenti tal-Kummissjoni mniżżla fl-Anness XVIII.

▼M5

4. B'deroga mill-Artikolu 47(2) ta' dan ir-Regolament, gruppi ta' produtturi li qed jimplimentaw pjanijiet rikonoxxuti [ta' għarfien] li għalihom japplika l-Artikolu 55(4) tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007 u li mhumiex maqsuma f'perjodi semestrali jistgħu jippreżentaw applikazzjonijiet għal għajnuna li jkopru l-perjodi semestrali. Dawn l-applikazzjonijiet jistgħu jkopru biss l-perjodi semestrali li jikkorrispondu għal tqassim annwali tas-sena li jaħbat qabel l-2008.

5. B'deroga mill-Artikolu 96, fir-rigward ta' programmi ta' operazzjoni implimentati fl-2007, assistenza finanzjarja addizzjonali għal fondi ta' operazzjoni għandha tkun iffinanzjata mill-FAEG f'livell ta' 50 % ta' l-assistenza finanzjarja mogħtija lill-organizzazzjoni tal-produtturi.

6. Il-pjanijiet ta' għarfien aċċettati taħt ir-Regolament (KE) Nru 2200/96 li għandhom ikomplu jibbenefikaw minn dik l-aċċettazzjoni skond l-Artikolu 55(4) tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007 għal gruppi ta' produtturi li mhumiex fl-Istati Membri li ssieħbu mal-Komunità fl-1 ta' Mejju 2004 jew wara dik id-data, u li mhumiex fir-reġjuni l-aktar l-bogħod [imbiegħda] tal-Komunità kif imsemmi fl-Artikolu 299(2) tat-Trattat jew fil-Gżejjer minuri ta' l-Eġew kif imsemmi fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1405/2006 għandhom jiġu ffinanzjati bir-rati stipulati fl-Artikolu 7(5)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007.

Pjanijiet ta' għarfien aċċettati skond ir-Regolament (KE) Nru 2200/96 li bbenefikaw mill-Artikolu 14(7) ta' dak ir-Regolament u għadhom jibbenefikaw minn għarfien skond l-Artikolu 55(4) tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007 għandhom ikunu ffinanzjati bir-rati stipulati fl-Artikolu 7(5)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007.

▼M5

7. Il-pagamenti għal kumpens ta' l-irtirar tal-Komunità u l-kontrolli relatati li jikkonċernaw l-irtirar fl-2007 iżda li kienu għadhom ma sarux sal-31 ta' Diċembru 2007 għaldaqstant jistgħu jsiru wara dik id-data skond it-Titolu IV tar-Regolament (KE) Nru 2200/96 hekk kif kien jeżisti f'dik id-data.

8. Meta, fir-rigward ta' applikazzjoni għal għajnuna magħmula għal programmi ta' operazzjoni implimentati fl-2007 jew qabel, u fir-rigward ta' azzjonijiet jew nuqqas tagħhom mwettqa f'dak il-perjodu, għandha tapplika sanzjoni skond it-Taqsima 3 tal-Kapitolu V tat-Titolu III iżda kienet tapplika sanzjoni anqas ħarxa jew ebda sanzjoni skond il-leġiżlazzjoni li tkun fis-seħħ dakinhar, għandha tapplika dik is-sanzjoni anqas ħarxa, jew skond il-każ, ebda sanzjoni.

▼M10

9. B'deroga mit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 65(2) ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri jistgħu, għal raġunijiet iġġustifikati kif jixraq, jieħdu deċiżjoni dwar l-operazzjoni tal-programmi u l-fondi fl-2009 sa mhux aktar tard mill-1 ta' Marzu 2009. Id-deċiżjoni ta' approvazzjoni tista' tistipula li n-nefqa tkun eliġibbli mill-1 ta' Jannar 2009 'il quddiem.

10. B'deroga mill-Artikolu 99(2) ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri, li pposponu d-deċiżjonijiet dwar il-programmi operattivi tal-2009, skont il-paragrafu preċedenti, għandhom jikkomunikaw mall-Kummissjoni sal-31 ta' Jannar 2009 stima tal-ammont tal-fondi operattivi għas-sena 2009 għall-programmi operattivi kollha. Din il-komunikazzjoni għandha tagħmel ċar kemm l-ammont totali tal-fond operattiv u kif ukoll l-ammont totali ta' ffinanzjar Komunitarju ta' dak il-fond operattiv. Dawn iċ-ċifri għandhom jerġgħu jkunu analizzati bejn ammonti għal miżuri tal-prevenzjoni u l-ġestjoni ta' kriżijiet u miżuri oħra.

L-Istati Membri li saret referenza għalihom fis-subparagrafu preċedenti għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-ammont approvat finali tal-fond operattiv għas-sena 2009 għall-programmi kollha operattivi li jinkludu l-analiżi kif indikat hawn fuq, sal-15 ta' Marzu 2009.

▼M13

11. B'deroga mill-Artikolu 44(1) ta' dan ir-Regolament, il-kalkolu tal-valur tal-produzzjoni mqiegħda fis-suq tal-gruppi tal-produtturi li għalihom jirreferi l-Artikolu 203a(4) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 għandu jinkludi l-għajnuniet riċevuti fuq il-bażi tar-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1621/1999 ([1]), (KE) Nru 1622/1999 ([2]), (KE) Nru 1535/2003 ([3]) u (KE) Nru 2111/2003 ([4]) għall-bejgħ magħmul fl-2007, 2008 u 2009.

Fir-rigward tal-gruppi tal-produtturi fl-Istati Membri li aderixxew mal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Mejju 2004 jew wara b'partijiet annwali tal-pjanijiet ta' rikonoxximent li bdew fl-2007 u spiċċaw fl-2008, l-appoġġ annwali li għalih jirreferi l-Artikolu 103a(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 huwa kkalkulat bħala s-somma tal-valur tal-bejgħ fatturat fil-parti rilevanti tal-2007 moltiplikata bir-rata rilevanti għall-parti annwali kkunsidrata u l-valur tal-bejgħ fatturat fl-2008 moltiplikat bir-rata l-ġdida rilevanti għall-parti annwali kkunsidrata.

([1]) ĠU L 192, 24.7.1999, p. 21.
([2]) ĠU L 192, 24.7.1999, p. 33.
([3]) ĠU L 218, 30.8.2003, p. 14.
([4]) ĠU L 317, 2.12.2003, p. 5.

▼**M13**

12. B'deroga mill-Artikolu 47(1) ta' dan ir-Regolament, il-gruppi tal-produtturi li għalihom jirreferi l-Artikolu 203a(4) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jistgħu jissottomettu applikazzjoni separata għall-għajnuna li għaliha jirreferi l-Artikolu 103a(1)(a) ta' dak ir-Regolament għall-għajnuniet tal-ipproċessar riċevuti fuq il-bażi tar-Regolamenti (KE) Nru 1621/1999, (KE) Nru 1622/1999, (KE) Nru 1535/2003 u (KE) Nru 2111/2003 għas-snin ta' bejgħ 2006/2007 u 2007/2008 jekk ma kinux ġew meqjusa f'applikazzjonijiet preċedenti.

13. B'deroga mill-Artikolu 53 ta' dan ir-Regolament, fejn l-organizzazzjonijiet tal-produtturi ipproduċew ħwawar tat-tisjir li huma mniżżla fil-Parti IX tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, l-aktar iż-żagħfran; is-sagħtar, frisk jew imkessaħ; il-ħabaq; il-melissa; in-nagħniegħ; l-*origanum vulgare* (l-origanu/il-merdqux selvaġġ); il-klin u s-salvja, friski jew imkessħin, fl-2008 u fl-2009, il-valur tal-produzzjoni mqiegħda fis-suq għal dawk il-prodotti għall-programmi operattivi implimentati f'dawk is-snin għandhom jiġu kkalkulati bħala l-valur attwali tal-produzzjoni mqiegħda fis-suq għall-perjodu ta' 12-il xahar li fih il-programm operattiv ġie implimentat.

▼**B**

Artikolu 153

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet ġurnata wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2008.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼M8

ANNESS I

L-ISTANDARDS TAL-KUMMERĊJALIZZAZZJONI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 2a

PARTI A

Standard Ġenerali tal-Kummerċjalizzazzjoni

1. **Rekwiżiti minimi ta' kwalità**

Bla ħsara għat-tolleranza permessa, il-prodotti għandhom ikunu:

— intatti,

— f'saħħithom; prodotti li qed jitħassru jew jiddeterjoraw b'mod li ma jibqgħux adattati għall-konsum huma esklużi,

— nodfa, prattikament ħielsa minn kwalunkwe materjal estranju viżibbli,

— prattikament ħielsa mill-pesti,

— prattikament ħielsa minn ħsarat ikkawżati mill-pesti li jaffettwaw il-laħam,

— ħielsa minn indewwa esterna annormali,

— ħielsa minn kwalunkwe riħa u/jew togħma estranja.

Il-kundizzjoni tal-prodotti trid tkun tali li tippermettilhom:

— jifilħu għat-trasport u l-maniġġ,

— jaslu f'kundizzjoni tajba fil-post tad-destinazzjoni.

2. **Rekwiżiti minimi ta' maturità**

Il-prodotti jrid ikunu żviluppati biżżejjed u juru sajran sodisfaċenti.

L-iżvilupp u l-istat ta' maturità tal-prodotti jrid ikunu tali li jippermettulhom ikomplu l-proċess tas-sajran u jilħqu livell sodisfaċenti ta' sajran.

3. **Tolleranza**

Tolleranza ta' 10 % fl-għadd jew fil-piż tal-prodott li ma jissodisfax ir-rekwiżiti minimi ta' kwalità għandha tiġi permessa f'kull lott. Madankollu, din it-tolleranza ma għandhiex tkopri l-prodott milqut minn taħsir jew kwalunkwe deterjorament ieħor li ma jħalluhx xieraq għal konsum.

4. **L-immarkar tal-oriġini tal-prodott**

L-isem sħiħ tal-pajjiż tal-oriġini. Għall-prodotti li joriġinaw fi Stat Membru, dan għandu jkun fil-lingwa tal-pajjiż tal-oriġini, jew fi kwalunkwe lingwa li tiftiehem mill-konsumaturi tal-pajjiż destinatarju. Għal prodotti oħrajn, dan għandu jkun fi kwalunkwe lingwa li tiftiehem mill-konsumaturi tal-pajjiż destinatarju.

PARTI B

L-ISTANDARDS SPEĊIFIĊI TAL-KUMMERĊJALIZZAZZJONI

PARTI 1: *L-ISTANDARDS TAL-KUMMERĊJALIZZAZZJONI GĦAT-TUFFIEĦ*

I. **DEFINIZZJONI TAL-PRODOTT**

Dan il-kriterju ta' klassifika jgħodd għat-tuffieħ ta' varjetajiet (insla mill-kultivazzjoni) li jkunu tkabbru mill-*Malus domestica Borkh.*, li għandhom jitfornew friski lill-konsumatur; it-tuffieħ għall-ipproċessar industrijali qed jiġi esklużi.

▼M8

II. **DISPOŻIZZJONIJIET RIGWARD IL-KWALITÀ**

L-għan tal-istandard huwa li jiddefinixxi r-rekwiżiti tal-kwalità tat-tuffieħ, wara t-tħejjija u l-ippakkjar tiegħu.

A. **Rekwiżiti minimi**

Fil-klassijiet kollha, u bla ħsara għad-dispożizzjonijiet speċjali għall kull klassi u t-tolleranzi permessi, it-tuffieħ għandu jkun:

— intatt,

— f'saħħtu, il-prodott ma jkunx affettwat mit-taħsir jew deterjorament b'tali mod li jkunx tajjeb għall-konsum,

— nadif, prattikament ħieles minn kwalunkwe materjal estranju viżibbli,

— prattikament ħieles mill-pesti,

— prattikament ħieles minn ħsara kkawżata mill-pesti,

— ħieles minn indewwa esterna annormali,

— ħieles minn kwalunkwe riħa u/jew togħma estranja.

Barra minn hekk, it-tuffieħ irid ikun inqata' bil-galbu.

L-iżvilupp u l-kundizzjoni tat-tuffieħ għandhom ikunu tali li jippermettulu:

— ikompli bil-proċess tiegħu ta' maturità u jilħaq il-livell ta' maturità meħtieġ b'rabta mal-karatteristiċi tal-varjetà ([1]) ([2]),

— jiflaħ għat-trasport u l-maniġġ, u

— jasal f'kundizzjoni sodisfaċenti fil-post tad-destinazzjoni.

B. **Klassifika**

It-tuffieħ huwa kklassifikat fi tliet klassijiet definiti hawn taħt.

(i) *Il-Klassi 'Extra'*

It-tuffieħ f'din il-klassi għandu jkun ta' kwalità superjuri. Fl-għamla, id-daqs u l-lewn, għandu jkollu l-karatteristiċi tal-varjetà ([3]) u z-zokk ewlieni ma jridx ikun mittiefes.

Il-laħam irid ikun kompletament f'saħħtu.

It-tuffieħ għandu jkun ħieles minn difetti bl-eċċezzjoni ta' difetti superfiċjali ħfief sakemm dawn ma jkunux jaffettwaw id-dehra ġenerali tal-prodott, il-kwalità, il-kwalità taż-żamma u l-preżentazzjoni fil-pakkett.

([1]) Minħabba l-karatterisitiċi varjetali tal-varjetà Fuji u l-varjanti tagħha marbuta mal-maturità fiż-żmien li din tinħasad, il-kapsula radjali tal-ilma hija awtorizzata sakemm din tkun fl-għoqod arterjali ta' kull frotta.

([2]) Għal dak il-għan, għandu juri kontenut tajjeb ta' solidi solubbli u l-grad ta' shuħija.

([3]) Il-kriterji għal-lewn u l-ħmura samranija qed jidhru fl-appendiċi għal dan il-kriterju ta' klassifika, kif ukoll lista mhix eżawrjenti tal-varjetajiet konċernati skont kull kriterju.

▼**M8**

(ii) *Il-Klassi I*

It-tuffieħ f'din il-klassi għandu jkun ta' kwalità tajba. Fil-forma, id-daqs u l-lewn, it-tuffieħ għandu jkun xempju tal-varejtà ([1]).

Il-laħam irid ikun kompletament f'saħħtu.

Madankollu, id-difetti żgħar li ġejjin jistgħu jiġu permessi sakemm ma jaffettwawx id-dehra ġenerali tal-prodott, il-kwalità, il-kwalità taż-żamma u l-preżentazzjoni fil-pakkett:

— difett żgħir fil-forma tagħhom,

— difett żgħir fl-iżvilupp,

— difett żgħir fit-tilwin,

— difetti żgħar fil-qoxra li m'għandhomx ikunu ta' aktar minn:

— 2 ċm fit-tul għal difetti ta' forma tawwalija,

— 1 ċm^2 tal-erja totali tal-wiċċ għal difetti oħra, ħlief għall-iskabbja (*Venturia inaequalis*), li ma għandhiex tkun ta' aktar minn 1 cm^2 tal-erja totali tal-wiċċ,

— dbabar ħfief li ma jkunux ta' aktar minn 1 ċm^2 tal-erja totali tal-wiċċ u li ma jkunux tilfu l-lewn.

Iz-zokk jista' jkun nieqes, sakemm il-qatgħa tkun nadifa u l-qoxra biswit ma tkunx bil-ħsara.

(iii) *Il-Klassi II*

Din il-klassi tinkludi t-tuffieħ li ma jikkwalifikax għall-inklużjoni fil-klassijiet ogħla, iżda li jissodisfa r-rekwiżiti minimi msemmija hawn fuq ([1]).

Il-laħam għandu jkun ħieles minn difetti kbar.

Id-difetti li ġejjin huma awtorizzati sakemm il-frott iżomm il-karatteristiċi essenzjali tiegħu fejn jidħlu l-kwalità, il-kwalità taż-żamma u l-preżentazzjoni:

— difetti fil-forma,

— difetti fl-iżvilupp,

— difetti fit-tilwin,

— id-difetti tal-qoxra m'għandhomx ikunu akbar minn:

— 4 ċm fit-tul għal difetti ta' forma tawwalija,

— 2,5 ċm^2 tal-erja totali tal-wiċċ għal difetti oħra, ħlief għall-iskabbja (*Venturia inaequalis*), li ma għandhiex tkun aktar minn 1 cm^2 tal-erja totali tal-wiċċ,

— dbabar ħfief li ma jkunux ta' aktar minn 1,5 cm^2 tal-wiċċ totali li jista' jkun tilef ħarira fil-lewn.

([1]) Il-kriterji għal-lewn u l-ħmura samranija qed jidhru fl-appendiċi għal dan il-kriterju ta' klassifika, kif ukoll lista mhix eżawrjenti tal-varjetajiet konċernati skont kull kriterju.

▼**M8**

III. **DISPOŻIZZJONIJIET RIGWARD ID-DAQS**

Id-daqs jiġi ddeterminat jew skont id-dijametru massimu tat-taqsima ekwatorjali jew inkella skont il-piż.

Għall-varjetajiet kollha u għall-klassijiet kollha d-daqs minimu huwa 60 mm, jekk imkejjel skont id-dijametru, jew 90 g, jekk jitkejjel skont il-piż. Frott ta' daqsijiet iżgħar jista' jkun aċċettat, jekk il-livell Brix tal-prodott huwa akbar minn jew indaqs għal 10,5º Brix u d-daqs mhuwiex iżgħar minn 50 mm jew 70 g.

Biex jiġi żgurat li jkun hemm uniformità ta' daqs fil-kaxxa tal-ippakkjar:

(a) għal frott li jkun tkejjel skont id-dijametru, id-differenza fid-dijametru bejn il-frott li jkun hemm fl-istess kaxxa għandha tkun limitata għal:

— 5 mm għall-frott tal-Klassi 'Extra' u għall-frott tal-Klassijiet I u II ippakkjat f'ringieli u f'safef. Madankollu, għat-tuffieħ tal-varjetajiet Bramley's Seedling (Bramley, Triomphe de Kiel) u Horneburger, id-differenza fid-dijametru tista' tkun sa 10 mm, u

— 10 mm għall-frott tal-Klassi I ippakkjat sfuż fil-pakkett jew f'pakketti għall-bejgħ. Madankollu, għat-tuffieħ tal-varjetajiet Bramley's Seedling (Bramley, Triomphe de Kiel) u Horneburger, id-differenza fid-dijametru tista' tkun sa 20 mm, jew

(b) għall-frott li jkun tkejjel skont il-piż, id-differenza fil-piż bejn il-frott fl-istess kaxxa għandha tkun limitata għal:

— 20 % tal-piż medju tal-frotta individwali fil-pakkett, għall-frott tal-Klassi 'Extra' u għall-frott tal-Klassi I u II li jkun ippakkjat f'ringieli u safef, u

— 25 % tal-piż medju tal-frotta individwali fil-pakkett għall-frott tal-Klassi I ippakkjat sfuż fil-pakketti jew fil-pakketti għall-bejgħ.

Ma hemmx rekwiżiti għal uniformità fid-daqs għal frott tal-Klassi II ippakkjat sfuż fil-pakkett jew f'pakketti għall-bejgħ.

IV. **DISPOŻIZZJONIJIET RIGWARD IT-TOLLERANZI**

Tolleranzi rigward il-kwalità u d-daqs għandhom jiġu permessi f'kull pakkett tal-prodott li ma jissodisfax ir-rekwiżiti tal-klassi indikata.

A. **Tolleranzi għall-kwalità**

(i) *Il-Klassi 'Extra'*

5 % fl-għadd jew fil-piż tat-tuffieħ li ma jkunx jissodisfa r-rekwiżiti tal-klassi, iżda li jkun jissodisfa dawk tal-Klassi I jew, eċċezzjonalment, dak li jkun fit-tolleranzi għal dik il-klassi.

(ii) *Il-Klassi I*

10 % fl-għadd jew fil-piż tat-tuffieħ li ma jkunx jissodisfa r-rekwiżiti tal-klassi, iżda li jkun jissodisfa dawk tal-Klassi II, jew eċċezzjonalment, dak li jkun fit-tolleranzi ta' dik il-klassi.

▼M8

(iii) *Il-Klassi II*

10 % fl-għadd jew fil-piż tat-tuffieħ li la jkun jissodisfa r-rekwiżiti tal-klassi u lanqas ir-rekwiżiti minimi, ħlief għall-prodotti affettwati mit-taħsir jew minn kull deterjorament ieħor li ma jagħmluhx tajjeb għall-konsum.

F'din it-tolleranza, qed ikun awtorizzat massimu ta' 2 % tal-għadd jew piż ta' frott li jkun juri dawn id-difetti li ġejjin:

— attakki serji ta' sufra (żerriegħa morra) jew il-kapsula tal-ilma,

— ħsara ħafifa jew xquq li ma ssewwewx,

— traċċi żgħar ħafna ta' taħsir,

— il-preżenza ta' pesti li jieklu mill-intern u/jew ħsara fil-laħam ikkawżata mill-pesti.

B. **Tolleranzi tad-daqs**

Għall-klassijiet kollha:

tolleranza totali ta' 10 % fl-għadd jew fil-piż tal-frott li ma jissodisfax ir-rekwiżiti fir-rigward tal-qisien permessi. Din it-tolleranza ma tistax tiġi estiża biex tinkludi prodotti b'qies ta':

— 5 mm jew aktar 'l isfel mid-dijametru minimu meta d-daqs jitkejjel skont id-dijametru,

— 10 g jew aktar 'l isfel mil-piż minimu meta d-daqs jitkejjel skont il-piż.

V. **DISPOŻIZZJONIJIET RIGWARD IL-PREŻENTAZZJONI**

A. **L-uniformità**

Il-kontenut ta' kull kaxxa tal-ippakkjar irid ikun uniformi u jkollu biss tuffieħ tal-istess oriġini, varjetà, kwalità u daqs (jekk ikun skont id-daqs) u l-istess grad ta' sajran.

Fil-każ tal-klassi 'Extra', l-uniformità tgħodd ukoll għal-lewn.

Il-pakketti għall-bejgħ ta' piż nett li ma jaqbiżx il-5 kg jista' jkun jkollhom fihom taħlita ta' tuffieħ ta' varjetajiet differenti, sakemm dawn ikunu uniformi fil-kwalità u, għal kull varjetà konċernata, fl-oriġini, fid-daqs (jekk ikun skont id-daqs) u fil-grad ta' maturità.

Il-parti viżibbli tal-kontenut tal-pakkett trid tirrappreżenta l-kontenut kollu.

B. **L-ippakkjar**

It-tuffieħ irid ikun ippakkjat b'tali mod li l-prodott ikun protett kif xieraq. L-aktar, il-pakketti għall-bejgħ li jkollhom piż nett ta' aktar minn 3 kg għandhom ikunu b'saħħithom biżżejjed biex il-prodott ikun protett sew.

Il-materjali użati ġewwa l-pakkett għandhom ikunu ġodda, nodfa u ta' tali kwalità li jevitaw li jikkawżaw kwalunkwe ħsara barra jew ġewwa l-prodott. L-użu ta' materjali, speċjalment karti jew timbri, li jkollhom l-ispeċifikazzjonijiet tad-ditta huwa permess biss jekk l-istampar u t-tikketta jsiru b'linka jew kolla li mhumiex tossiċi.

Il-pakketti ma jridx ikun fihom materjal estranju ieħor.

Stikers imwaħħla individwalment fuq il-prodott għandhom ikunu tali li, meta jitneħħew, la jħallu traċċi viżibbli ta' kolla u lanqas iwasslu għal difetti fil-qoxra.

▼M8

C. **Preżentazzjoni**

Għall-frott tal-klassi 'Extra'', il-frott irid ikun ippakkjat f'safef.

VI. **DISPOŻIZZJONIJIET RIGWARD L-IMMARKAR**

Kull pakkett għandu juri d-dettalji li ġejjin b'ittri miġbura fuq l-istess naħa, immarkati b'mod leġġibbli u li ma jitħassarx, u viżibbli minn barra.

A. **L-identifikazzjoni**

Isem u indirizz tal-pakkjatur u/jew tal-ispeditur.

Dan it-tagħrif jista' jinbidel:

— għall-pakketti kollha bl-eċċezzjoni ta' dawk ippakkjati minn qabel, bil-marka ta' kodiċi maħruġa u aċċettata uffiċjalment li tirrappreżenta lill-pakkjatur u/jew il-ispeditur, indikat b'rabta qariba mar-referenza 'Pakkjatur u/jew Speditur' (jew taqsiriet ekwivalenti);

— għal pakketti ppakkjati minn qabel biss, bl-isem u l-indirizz ta' bejjiegħ stabbilit fil-Komunità indikat b'rabta qariba mal-avviż 'Ippakkjat għal:' jew avviż ekwivalenti. jew referenza ekwivalenti. F'dan il-każ, it-tikkettjar għandu jinkludi wkoll kodiċi li jirrappreżenta lill-pakkjatur u/jew lill-ispeditur. Il-bejjiegħ għandu jagħti l-informazzjoni kollha li l-organu ta' spezzjoni jikkunsidra neċessarja rigward it-tifsira ta' dan il-kodiċi.

B. **Tip ta' prodott**

— 'Tuffieħ' jekk il-kontenut ma jkunx viżibbli minn barra

— Isem il-varjetà jew il-varjetajiet fejn xieraq.

— Fil-każ ta' pakketti għall-bejgħ li fihom ikun hemm taħlita ta' tuffieħ ta' varjetajiet differenti, l-isem ta' kull varjetà differenti li jkun hemm fil-pakkett.

C. **L-oriġini tal-prodott**

Il-pajjiż tal-oriġini u, b'mod fakultattiv, iż-żona fejn ikun tkabbar, jew isem il-post nazzjonali, reġjonali jew lokali,

— Fil-każ ta' pakketti għall-bejgħ li fihom ikun hemm taħlita ta' varjetajiet ta' tuffieħ ta' oriġini differenti, l-indikazzjoni ta' kull pajjiż tal-oriġini għandha tidher ħdejn l-isem tal-varjetà kkonċernata.

D. **L-ispeċifikazzjonijiet kummerċjali**

— Il-klassi

— Id-daqs jew, għall-frott ippakkjat f'safef, l-għadd tal-unitajiet.

Jekk l-identifikazzjoni hija skont id-daqs, din għandha tiġi espressa:

(a) għall-prodotti soġġetti għar-regoli tal-uniformità, bħala dijametri minimi u massimi jew piż minimu u massimu;

(b) għall-prodotti li ma jkunux soġġetti għar-regoli tal-uniformità, id-dijametru jew il-piż tal-iżgħar frotta fil-pakkett segwit minn 'u aktar' jew '+' jew denominazzjoni simili jew, fejn applikabbli, segwit mid-dijametru jew il-piż tal-akbar frotta.

▼**M8**

E. **Il-marka uffiċjali tal-kontroll (fakultattiv)**

Il-pakketti ma jeħtiġux li juru d-dettalji msemmija fl-ewwel subparagrafu, meta jkun fihom pakketti għall-bejgħ, ċarament viżibbli minn barra, u meta kollha jkunu juru dawn id-dettalji. Dawn il-pakketti għandhom ikunu ħielsa minn kwalunkwe indikazzjoni li tista' tisgwida. Meta dawn il-pakketti jkunu fuq pelits, id-dettalji għandhom jingħataw f'notifika mqiegħda f'pożizzjoni ovvja fuq tal-anqas żewġ naħat tal-pelit.

▼**M8**

Appendiċi

1. **Il-kriterji tat-tilwin, il-gruppi tal-ilwien u l-kodiċi**

Grupp tal-lewn	A (Varjetajiet ħomor)	B (Varjetajiet tal-lewn aħmar imħallat)	C (Varjetajiet imlewna ħafif bl-istrixxi)	D (Varjetajiet oħra)
	Erja totali tal-wiċċ b'lewn aħmar karatteristiku tal-varjetà	Erja totali tal-wiċċ b'lewn aħmar imħallat karatteristiku tal-varjetà	Erja totali tal-wiċċ imlewna ħafif ħamra, bi dwawar jew strixxi karatteristiki tal-varjetà	
Klassi 'Extra'	3/4	1/2	1/3	L-ebda rekwiżit fir-rigward tal-lewn aħmar
Klassi I	1/2	1/3	1/10	
Klassi II	1/4	1/10	—	

2. **Il-kriterji tal-ħmura samranija**

— *Grupp R:* Varjetajiet li għalihom il-ħmura samranija hija karatteristika tal-qoxra u mhux difett jekk din tkun tikkorrispondi għad-dehra tipika tal-varjetà.

— Għall-varjetajiet li mhumiex immarkati bl-ittra 'R' fil-lista ta' hawn taħt, il-ħmura samranija hija awtorizzata fil-limiti li ġejjin:

	Klassi 'Extra'	Klassi I	Klassi II	Tolleranza għall-Klassi II
(i) Irqajja' kannella	— mhux barra t-toqba taz-zokk	— tista' tidħol kemxejn aktar 'il ġewwa mit-toqba taz-zokk jew tal-pistill	— tista' tidħol aktar 'il ġewwa mit-toqba taz-zokk jew tal-pistill	— frotta li ma tvarjax ħafna mill-apparenza u l-kundizzjoni tal-pakkett
	— mhux raffa	— mhux raffa	— kemxejn raffa	
(ii) Ħmura samranija		Erja massima tal-wiċċ tal-frotta permessa		
— bħal xibka fina ta' ħmura (li ma tikkuntrastax bil-qawwi mal-lewn ġenerali tal-frotta)	— traċċi ħfief u iżolati ta' ħmura samranija li ma tbiddilx id-dehra ġenerali tal-frotta jew tal-pakkett	1/5	1/2	— frotta li ma tvarjax ħafna mill-apparenza u l-kundizzjoni tal-pakkett
— qawwija	— l-ebda	1/20	1/3	— frotta li ma tvarjax ħafna mill-apparenza u l-kundizzjoni tal-pakkett

▼**M8**

	Klassi 'Extra'	Klassi I	Klassi II	Tolleranza għall-Klassi II
— difetti kumulattivi (bl-eċċezzjoni ta' rqajja' kannella li huma esklużi minn dawn id-difetti kumulattivi). Fl-ebda każ ma jistgħu l-ħmura samranija ħafifa u l-ħmura samranija qawwija jaqbżu l-massimu ta':	—	1/5	1/2	— frotta li ma tvarjax ħafna mill-apparenza u l-kundizzjoni tal-pakkett

3. **Il-lista mhix eżawrjenti tal-varjetajiet ta' tuffieħ ikklassifikati skont il-kriterji tal-lewn u tal-ħmura samranija**

Il-frott ta' varjetajiet li ma jiffurmawx parti mil-lista għandhom ikunu kklassifikati skont il-karatteristiċi varjetali tagħhom.

Varjetajiet	Sinonimi	Grupp tal-lewn	Ħmura samranija
African Red		B	
Akane	Tohoku 3	B	
Alborz Seedling		C	
Aldas		B	
Alice		B	
Alkmene	Early Windsor	C	
Alwa		B	
Angold		C	
Apollo	Beauty of Blackmoor	C	
Arkcharm	Arkansas No 18, A 18	C	
Arlet		B	R
Aroma		C	
Mutanti ta' lewn aħmar ta' Aroma, pereżempju Aroma Amorosa		B	
Auksis		B	
Belfort	Pella	B	
Belle de Boskoop u mutanti		D	R
Belle fleur double		D	
Berlepsch	Freiherr von Berlepsch	C	
Berlepsch rouge Blushed Golden	Red Berlepsch, Roter Berlepsch	B	
Bohemia		B	
Boskoop rouge	Red Boskoop, Roter Boskoop	B	R
Braeburn		B	

▼**M8**

Varjetajiet	Sinonimi	Grupp tal-lewn	Ħmura samranija
Mutanti ta' lewn aħmar ta' Braeburn, pereżempju: Hidala Joburn Lochbuie Red Braeburn Mahana Red Mariri Red Redfield Royal Braeburn		A	
Bramley's Seedling	Bramley, Triomphe de Kiel	D	
Brettacher Sämling		D	
Calville (grupp ta'…)		D	
Cardinal		B	
Carola	Kalco	C	
Caudle		B	
Charden		D	
Charles Ross		D	
Civni		B	
Coromandel Red	Corodel	A	
Cortland		B	
Cox's orange pippin u mutanti	Cox Orange	C	R
Mutanti ta' lewn aħmar ta' Cox's Orange Pippin, pereżempju: Cherry Cox		B	R
Crimson Bramley		D	
Cripps Pink		C	
Cripps Red		C ([1])	
Dalinbel		B	
Delblush		D	
Delcorf u mutanti, pereżempju: Dalili Monidel		C	
Delgollune		B	
Delicious ordinaire	Ordinary Delicious	B	
Deljeni		D	
Delikates		B	
Delor		C	
Discovery		C	
Dunn's Seedling		D	R
Dykmanns Zoet		C	
Egremont Russet		D	R
Elan		D	
Elise	Red Delight	A	
Ellison's orange	Ellison	C	

▼**M8**

Varjetajiet	Sinonimi	Grupp tal-lewn	Ħmura samranija
Elstar u mutanti, pereżempju: Daliter Elshof Elstar Armhold Elstar Reinhardt		C	
Mutanti ta' lewn aħmar ta' Elstar, pereżempju: Bel-El Daliest Goedhof Red Elstar Valstar		B	
Empire		A	
Falstaff		C	
Fiesta	Red Pippin	C	
Florina		B	
Fortune		D	R
Fuji u mutanti		B	
Gala		C	
Mutanti ta' lewn aħmar ta' Gala, pereżempju: Annaglo Baigent Galaxy Mitchgla Obrogala Regala Regal Prince Tenroy		A	
Garcia		D	
Gloster		B	
Goldbohemia		D	
Golden Delicious u mutanti		D	
Golden Russet		D	R
Goldrush	Coop 38	D	
Goldstar		D	
Gradigold		D	
Granny Smith		D	
Gravenstein rouge	Red Gravenstein, Roter Gravensteiner	B	
Gravensteiner	Gravenstein	D	
Greensleeves		D	
Holsteiner Cox u mutanti	Holstein	D	R

▼**M8**

Varjetajiet	Sinonimi	Grupp tal-lewn	Ħmura samranija
Holstein rouge	Red Holstein, Roter Holsteiner Cox	C	R
Honeycrisp		C	
Honeygold		D	
Horneburger		D	
Howgate Wonder	Manga	D	
Idared		B	
Ingrid Marie		B	R
Isbranica	Izbranica	C	
Jacob Fisher		D	
Jacques Lebel		D	
Jamba		C	
James Grieve u mutanti		D	
James Grieve rouge	Red James Grieve	B	
Jarka		C	
Jerseymac		B	
Jester		D	
Jonagold ([2]) u mutanti, pereżempju:		C	
Crowngold			
Daligo			
Daliguy	Jonasty		
Dalijean	Jonamel		
Jonagold 2000	Excel		
Jonabel			
Jonabres			
King Jonagold			
New Jonagold	Fukushima		
Novajo	Veulemanns		
Schneica			
Wilmuta			
Jonagored u mutanti, pereżempju:		A	
Decosta			
Jomured	Van de Poel		
Jonagold Boerekamp			
Jomar			
Jonagored Supra			
Jonaveld			
Primo			
Romagold	Surkijn		
Rubinstar			
Red Jonaprince			
Jonalord		C	
Jonathan		B	
Julia		B	
Jupiter		D	
Karmijn de Sonnaville		C	R
Katy	Katja	B	

▼**M8**

Varjetajiet	Sinonimi	Grupp tal-lewn	Ħmura samranija
Kent		D	R
Kidd's orange red		C	R
Kim		B	
Koit		C	
Krameri Tuvioun		B	
Kukikovskoje		B	
Lady Williams		B	
Lane's Prince Albert		D	
Laxton's Superb	Laxtons Superb	C	R
Ligol		B	
Lobo		B	
Lodel		A	
Lord Lambourne		C	
Maigold		B	
Mc Intosh		B	
Meelis		B	
Melba		B	
Melodie		B	
Melrose		C	
Meridian		C	
Moonglo		C	
Morgenduft	Imperatore	B	
Mountain Cove		D	
Mutsu		D	
Normanda		C	
Nueva Europa		C	
Nueva Orleans		B	
Odin		B	
Ontario		B	
Orlovskoje Polosatoje		C	
Ozark Gold		D	
Paula Red		B	
Pero de Cirio		D	
Piglos		B	
Pikant		B	
Pikkolo		C	
Pilot		C	
Pimona		C	
Pinova		C	
Pirella		B	
Piros		C	
Rafzubex		A	
Rafzubin		C	
Rajka		B	
Rambour d'hiver		D	
Rambour Franc		B	
Reanda		B	
Rebella		C	

▼**M8**

Varjetajiet	Sinonimi	Grupp tal-lewn	Ħmura samranija
Red Delicious u mutanti, pereżempju:		A	
Campsur			
Erovan			
Evasni			
Flatrar			
Fortuna Delicious			
Otago			
Red King			
Red Spur			
Red York			
Richared			
Royal Red			
Sandidge			
Shotwell Delicious			
Stark Delicious			
Starking			
Starkrimson			
Starkspur			
Topred			
Trumdor			
Well Spur			
Red Dougherty		A	
Red Rome		A	
Redkroft		A	
Regal		A	
Regina		B	
Reglindis		C	
Reine des Reinettes	Goldparmäne, Gold Parmoné	C	
Reineta Encarnada		B	
Reinette Rouge du Canada		B	
Reinette d'Orléans		D	
Reinette Blanche du Canada	Reinette du Canada, Canada Blanc, Kanadarenette, Renetta del Canada	D	R
Reinette de France		D	
Reinette de Landsberg		D	
Reinette grise du Canada	Graue Kanadarenette	D	R
Relinda		C	
Remo		B	
Renora		B	
Resi		B	
Resista		D	
Retina		B	
Rewena		B	
Roja de Benejama	Verruga, Roja del Valle, Clavelina	A	
Rome Beauty	Belle de Rome, Rome	B	
Rosana	Berner Rosenapfel	B	
Royal Beaut		A	

▼**M8**

Varjetajiet	Sinonimi	Grupp tal-lewn	Ħmura samranija
Rubin		C	
Rubinola		B	
Sciearly		A	
Scifresh		B	
Sciglo		A	
Sciray	GS48	A	
Scired		A	R
Sciros		A	
Selena		B	
Shampion		B	
Sidrunkollane Talioun		D	
Sinap Orlovskij	Orlovski Sinap	D	
Snygold	Earlygold	D	
Sommerregent		C	
Spartan		A	
Splendour		A	
St. Edmunds Pippin		D	R
Stark's Earliest		C	
Štaris	Staris	A	
Sturmer Pippin		D	R
Sügisdessert		C	
Sügisjoonik		C	
Summerred		B	
Sunrise		A	
Sunset		D	R
Suntan		D	R
Sweet Caroline		C	
Talvenauding		B	
Tellisaare		B	
Tiina		B	
Topaz		B	
Tydeman's Early Worcester	Tydeman's Early	B	
Veteran		B	
Vista Bella	Bellavista	B	
Wealthy		B	
Worcester Pearmain		B	
York		B	
Zarja Alatau	Zarya Alatau	D	

([1]) Tal-anqas 20 % tal-Klassi I u l-Klassi II.
([2]) Madankollu, għall-varjetà Jonagold, tal-anqas wieħed minn għaxra tal-wiċċ tal-frott fil-Klassi II irid ikun bl-istrixxi ta' lewn aħmar.

▼**M8**

PARTI 2: *L-ISTANDARD TAL-KUMMERĊJALIZZAZZJONI GĦALL-FROTT TAĊ-ĊITRU*

I. **DEFINIZZJONI TAL-PRODOTT**

Dan l-istandard japplika għall-frott segwenti, ikklassifikati bħala 'frott taċ-ċitru', li għandu jitforna frisk lill-konsumatur, eskluż il-frott taċ-ċitru għall-ipproċessar industrijali.

— varjazzjonijiet ta' lumi (insla mill-kultivazzjoni) imkabbra mill-ispeċi tas-*Citrus limon* (L.) Burm. f.,

— varjazzjonijiet ta' mandarin (insla mill-kultivazzjoni) imkabbra mill-ispeċi tas-*Citrus reticulata* Blanco, inklużi satsumas (*Citrus unshiu* Marcow.), klementin (*Citrus clementina* Hort. ex Tan.), mandarin komuni (*Citrus deliciosa* Ten.) u tanġerin (*Citrus tangerina* Hort. ex Tan.) imkabbra minn din l-ispeċi u l-ibridi tagħha, hawn taħt imsejħa 'mandarin',

— varjazzjonijiet ta' larinġ (varjazzjonijiet ikkultivati) imkabbra mill-ispeċi tas-*Citrus sinensis* (L.) Osb.

II. **DISPOŻIZZJONIJIET RIGWARD IL-KWALITÀ**

L-għan tal-istandard huwa li jiddefinixxi r-rekwiżiti tal-kwalità tal-frott taċ-ċitru wara t-tħejjija u l-ippakkjar.

A. **Rekwiżiti minimi**

Fil-klassijiet kollha, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet speċjali għal kull klassi u t-tolleranzi permessi, il-frott taċ-ċitru jrid ikun:

— intatt,

— ħieles mid-dbabar u/jew fejqan estensiv tal-qtugħ,

— f'saħħtu; prodotti affettwati mit-taħsir jew minn deterjorament li minħabba f'hekk ma jkunux tajbin għall-ikel huma esklużi,

— prattikament nadif u mingħajr materjal estranju viżibbli,

— prattikament ħieles mill-pesti,

— prattikament ħieles minn ħsara kkawżata mill-pesti,

— mingħajr sinjali ta' tikmix intern,

— mingħajr ħsara kkawżata minn temperatura baxxa jew ġlata,

— mingħajr kull likwidu annormali estern,

— ħieles minn kwalunkwe riħa u/jew togħma estranja.

Il-frott taċ-ċitru jrid ikun inqata' bil-galbu u jkun laħaq grad xieraq ta' żvilupp u ta' sajran, b'kunsiderazzjoni għall-kriterji xierqa għall-varjetà, iż-żmien tal-qtugħ u l-post tat-tkabbir.

L-iżvilupp u l-istat tas-sajran tal-frott taċ-ċitru għandhom ikunu tali li jippermettulu:

— jiflaħ għat-trasport u l-maniġġ, u

— jasal f'kundizzjoni sodisfaċenti fil-post tad-destinazzjoni.

Frott taċ-ċitru li jilħaq ir-rekwiżiti tas-sajran ta' dan l-Anness jista' jitlaħħaq il-lewn karatteristiku tas-sajran xieraq (*degreened*). Dan it-trattament ikun permess biss jekk il-karatteristiċi organolettiċi l-oħra naturali ma jkunux tbiddlu.

▼**M8**

B. **Rekwiżiti tal-maturità**

Il-maturità taċ-ċitru hija definita mill-parametri segwenti speċifikati għal kull speċi hawn taħt:

1. Il-kontenut minimu ta' meraq

2. Tilwin

Il-grad tal-lewn għandu jkun tali li bi żvilupp normali, il-frott taċ-ċitru jilħaq il-lewn tipiku tal-varjetà fil-punt tad-destinazzjoni tiegħu.

(i) *Lumi*

— Il-kontenut minimu ta' meraq:

— lumi Verdelli u Primofiore:	20 %
— Lumi ieħor:	25 %

— Tilwin: għandha tkun tipika tal-varjetà. Għaldaqstant, il-frott b'lewn aħdar (iżda mhux aħdar skur) ikun permess sakemm jissodisfa r-rekwiżiti minimi tal-kontenut minimu ta' meraq.

(ii) *Mandarin*

— Il-kontenut minimu ta' meraq:

— Mandarin, eskluż il-klementin:	33 %
— Klementin:	40 %

— Tilwin: irid ikun tipiku tal-varjetà mill-anqas fuq terz tal-wiċċ tal-frotta.

(iii) *Laringė*

Il-tilwin irid ikun tipiku tal-varjetà. Frott b' lewn aħdar ċar huwa permess, sakemm ma jeċċedix wieħed fuq ħamsa tal-wiċċ totali tal-frott. Il-frott għandu juri l-kontenut minumu ta' meraq li ġej:

— Laringė tad-demm:	30 %
— Grupp Navels:	33 %
— Varjetajiet oħra:	35 %

Madankollu, laringė magħmul f'żoni b'temperaturi għolja u b'kundizzjonijiet ta' umdità relattivament għolja matul il-perjodu ta' żvilupp jista' jkun ta' lewn aħdar li jeċċedi wieħed fuq ħamsa mill-wiċċ totali, sakemm jissodisfa l-kontenut minimu ta' meraq li ġej:

— Varjetajiet Mosambi, Sathgudi u Pacitan:	33 %
— Varjetajiet oħra:	45 %

C. **Klassifikazzjoni**

Il-frott taċ-ċitru huwa klassifikat fi tlett klassijiet definiti hawn taħt:

(i) *Il-Klassi 'Extra'*

Il-frott taċ-ċitru f'din il-klassi jrid ikun ta' kwalità superjuri. Fil-forma, id-dehra ta' barra, l-iżvilupp u l-lewn irid jkunu karatteristiċi tal-varjetà u/jew tat-tip kummerċjali.

▼**M8**

Irid ikunu mingħajr difetti bl-eċċezzjoni ta' difetti superfiċjali tassew żgħar, sakemm dawn ma jaffetwawx id-dehra ġenerali tal-prodott, il-kwalità taż-żamma u l-preżentazzjoni fil-pakkett.

(ii) *Il-Klassi I*

Il-frott taċ-ċitru f'din il-klassi jrid ikun ta' kwalità tajba. Għandu jkun karatteristiku tat-tip ta' varjetà u/jew kummerċjali.

Id-difetti żgħar segwenti, madankollu, jistgħu jiġu permessi sakemm ma jaffettwawx id-dehra ġenerali tal-prodott, il-kwalità, il-kwalità taż-żamma u l-preżentazzjoni fil-pakkett:

— difett żgħir fil-forma,

— difett żgħir fit-tilwin,

— difett żgħir fil-qoxra li jsir matul it-tkabbir tal-frott, bħal ċertu tqaxxir ta' qoxra (*Helminthosporium solani*), tħammir ismar, eċċ.,

— difetti żgħar li jkunu tranġaw u li jkunu ġew ikkawżati mekkanikament bħal ħsara mis-silġ, mill-ħakk mal-frott l-ieħor, ħsara mill-maniġġ, eċċ.

(iii) *Il-Klassi II*

Din il-klassi tinkludi frott taċ-ċitru li ma jikkwalifikax għall-inklużjoni fil-klassijiet ogħla, iżda li jissodisfa r-rekwiżiti minimi msemmija hawn fuq.

Id-difetti segwenti huma permessi, kemm-il darba l-frott taċ-ċitru jżomm il-karatteristiċi essenzjali tiegħu f'dawk li huma kwalità, il-kwalità taż-żamma u l-preżentazzjoni:

— difett fil-forma,

— difett fil-lewn,

— qoxra raffa,

— difetti żgħar fil-qoxra li joħorġu matul il-formazzjoni tal-frotta, bħal ċertu tqaxxir ta' qoxra (*Helminthosporium solani*), tħammir ismar, eċċ.,

— difetti żgħar li jkunu tranġaw u li jkunu ġew ikkawżati mekkanikament bħall-ħsara mis-silġ, mill-ħakk bejn il-frott, ħsara mill-maniġġ, eċċ.,

— alterazzjonijiet superfiċjali fil-qoxra li jkunu tranġaw,

— distakkament parzjali u ħafif tan-naħa fil-perikarpju tal-larinġ (li hu permess għall-mandarin).

III. **DISPOŻIZZJONIJIET RIGWARD ID-DAQS**

Il-qies irid ikun kalkulat permezz tad-dijametru massimu tas-sezzjoni ekwatorjali tal-frotta.

A. **Daqs minimu**

Il-frott bil-qies li jkun iċken mill-qisien minimi segwenti huma eskluži:

Lumi:	45 mm
Mandarin, eskluż il-klementin:	45 mm
Klementin:	35 mm
Larinġ:	53 mm

▼M8

B. **Skali ta'qies**

L-iskali tal-qisien huma kif ġej:

Laringì		Lumi		Mandarin	
Kodiċi tad-daqs	Dijametru (mm)	Kodiċi tad-daqs	Dijametru (mm)	Kodiċi tad-daqs	Dijametru (mm)
0	92–110	0	79–90	1-XXX	78 u akbar
1	87–100	1	72–83	1-XX	67–78
2	84–96	2	68–78	1 jew 1-X	63–74
3	81–92	3	63–72	2	58–69
4	77–88	4	58–67	3	54–64
5	73–84	5	53–62	4	50–60
6	70–80	6	48–57	5	46–56
7	67–76	7	45–52	6 ([1])	43–52
8	64–73			7	41–48
9	62–70			8	39–46
10	60–68			9	37–44
11	58–66			10	35–42
12	56–63				
13	53–60				

([1]) Qisien taħt il-45 mm jirreferu biss għall-klementin.

Il-frott taċ-ċitru jista' jiġi ppakkjat bl-għadd. F'dan il-każ, sakemm titħares l-uniformità tal-qies rikjesta fil-punt C tat-Titolu III, il-firxa ta' daqsijiet fil-pakkett tista' taqa' barra minn kodiċi ta' daqs wieħed, iżda bejn żewġ kodiċi biswit xulxin.

C. **Uniformità**

L-uniformità fid-daqs tintlaħaq permezz tal-iskali ta' daqs imsemmija hawn fuq, sakemm ma jingħadx mod ieħor, kif ġej:

(i) għal frott imqiegħed f'safef regolari, f'pakketti jew pakketti ta' unità għall-konsumatur, id-differenza bejn l-iżgħar u l-akbar frotta fl-istess pakkett, fl-istess kodiċi ta' daqs jew, fil-każ tal-frott taċ-ċitru ppakkjati skont l-għadd, li jaqgħu taħt żewġ kodiċijiet biswit xulxin, ma għandhomx ikunu aktar mill-ammonti massimi li ġejjin:

	Kodiċi tad-daqs	Differenza massima bejn il-frott fl-istess pakkett (f'mm)
Lumi	0 sa 7	7
Mandarin	1-XXX-4 5 sa 6 7 sa 10	9 8 7
Laringì	0 sa 2 3 sa 6 7 sa 13	11 9 7

▼M8

(ii) għal frott mhux mqiegħed f'safef regolari, f'pakketti jew pakketti ta' unitajiet riġidi għall-konsumaturi, id-differenza bejn l-iżgħar u l-akbar frotta fl-istess pakkett ma għandhiex tkun aktar mill-varjetà ta' gradi ta' daqs adattat fl-iskala tad-daqs, jew, fil-każ tal-frott taċ-ċitru ppakkjat skont l-għadd, il-varjetà f'mm ta' wieħed jew tnejn mill-kodiċi biswit xulxin ikkonċernati;

(iii) għal frott fil-kontenituri bl-ingrossa u l-frott ġo pakketti ta' unità mhux riġidi għall-konsumaturi (basktijiet tax-xibka, basktijiet, eċċ.), id-differenza massima fid-daqs bejn l-iżgħar u l-akbar frotta fl-istess lott jew pakkett ma għandhiex tkun aktar mill-varjetà miksuba billi jingħabru tliet gruppi konsekuttivi ta' daqsijiet fl-istess skala ta' daqs.

IV. DISPOŻIZZJONIJIET RIGWARD IT-TOLLERANZI

Tolleranzi rigward il-kwalità u d-daqs għandhom jiġu permessi f'kull pakkett tal-prodott li ma jissodisfax ir-rekwiżiti tal-klassi indikata.

A. Tolleranzi għall-kwalità

(i) *Il-Klassi 'Extra'*

5 % fl-għadd jew fil-piż tal-frott taċ-ċitru illi ma jissodisfax ir-rekwiżiti tal-klassi, iżda li jilħaq dawk tal-Klassi I jew, eċċezzjonalment, li jkun fit-tolleranzi għal dik il-klassi.

(ii) *Il-Klassi I*

10 % fl-għadd jew fil-piż tal-frott taċ-ċitru li ma jissodisfax ir-rekwiżiti tal-klassi, iżda li jilħaq dawk tal-Klassi II jew, eċċezzjonalment, li jkun fit-tolleranzi għal dik il-klassi.

(iii) *Il-Klassi II*

10 % fl-għadd jew fil-piż tal-frott taċ-ċitru li la jissodisfa la r-rekwiżiti tal-klassi u lanqas ir-rekwiżiti minimi, bl-eċċezzjoni tal-prodotti affettwati minn taħsir jew deterjorament li ma jħalluhx tajjeb għall-konsum. F'din it-tolleranza, il-massimu ta' 5 % huwa permess għall-frott li juri ftit ħsara superfiċjali li ma tfiqx, jew li jkollu qatgħat niexfa u frott imkemmex u midbiel.

B. Tolleranzi tad-daqs

Għall-klassijiet u t-tipi kollha ta' preżentazzjoni: 10 % fl-għadd jew fil-piż tal-frott taċ-ċitru korrispondenti mal-qies immedjatament taħt u/jew fuq dak (jew dawk, fil-każ tal-kombinazzjoni ta' tliet qisien) imsemmija fuq il-pakketti huwa permess.

F'kull każ, it-tolleranza ta' 10 % tapplika biss għal frott mhux iżgħar mill-minimi segwenti:

Lumi:	43 mm
Mandarin, eskluż il-klementin:	43 mm
Klementin:	34 mm
Lariġ:	50 mm

▼M8

V. **DISPOŻIZZJONIJIET RIGWARD IL-PREŻENTAZZJONI**

A. **L-uniformità**

Il-kontenut ta' kull pakkett irid ikun uniformi u jkollu fih frott taċ-ċitru biss tal-istess oriġini, varjetà, jew tip kummerċjali, kwalità, u qies, u konsiderevolment tal-istess grad ta' sajran u żvilupp.

Barra minn hekk, għall-Klassi 'Extra', l-uniformità fil-lewn hija meħtieġa.

Il-parti viżibbli tal-kontenut tal-pakkett trid tirrappreżenta l-kontenut kollu.

B. **L-ippakkjar**

Il-frott taċ-ċitru jrid ikun ippakkjat b'tali mod li l-prodott ikun protett kif xieraq.

Il-materjali użati ġewwa l-pakkett għandhom ikunu ġodda, nodfa u ta' tali kwalità li jevitaw li jikkawżaw kwalunkwe ħsara barra u ġewwa l-prodott. L-użu ta' materjali, speċjalment karti jew timbri, li jkollhom l-ispeċifikazzjonijiet tad-ditta jitħalla biss jekk l-istampar u t-tikketta jsiru b'linka jew kolla li mhumiex tossiċi.

Jekk il-frott ikun imkebbeb, irqiq, niexef, ġdid jew mingħajr riħa ([1]) trid tintuża karta.

L-użu ta' sostanzi li għandhom tendenza li jimmodifikaw karatteristiċi naturali tal-frott taċ-ċitru, speċjalment it-togħma jew ir-riħa tiegħu ([1]), huwa projbit.

Il-pakketti ma jridx ikun fihom materjal ieħor estranju. Għaldaqstant, il-preżentazzjoni ta' fergħa ċkejkna (mhux tal-injam) bi ftit weraq ħodor imqabbdin magħha hija permessa.

Stikers imwaħħla individwalment fuq il-prodott għandhom ikunu tali li, meta jitneħħew, la jħallu traċċi viżibbli ta' kolla u lanqas iwasslu għal difetti fil-qoxra.

C. **Preżentazzjoni**

Il-frott taċ-ċitru jista' jiġi ppreżentat:

(a) imqiegħed f'safef regolari f'pakketti;

(b) mhux imqiegħed f'safef regolari f'pakketti jew fi bramel kbar. Din il-preżentazzjoni hi permessa biss għall-Klassijiet I u II;

(ċ) f'pakketti individwali ta' piż ta' mhux aktar minn 5 kg għal bejgħ dirett lill-konsumatur jew

— magħmula minn għadd ta' frott, jew

— magħmula minn piż nett tal-pakkett.

VI. **DISPOŻIZZJONIJIET RIGWARD L-IMMARKAR**

Kull pakkett għandu juri d-dettalji li ġejjin b'ittri miġbura fuq l-istess naħa, immarkati leġġibbli u indellibbli, u viżibbli minn barra.

A. **L-identifikazzjoni**

Isem u indirizz il-pakkjatur u/jew il-ispeditur.

([1]) L-użu ta' aġenti tal-ippreservar jew kull sustanza kimika oħra li tista' tħalli riħa estranja fuq il-qoxra tal-frott hija permessa fejn ikun kompatibbli mad-dispożizzjonijiet Komunitarji applikabbli.

▼M8

Dan it-tagħrif jista' jinbidel:

— għall-pakketti kollha bl-eċċezzjoni ta' dawk ippakkjati minn qabel, permezz tal-marka ta' kodiċi maħruġa u aċċettata uffiċjalment li tirrappreżenta lill-pakkjatur u/jew lill-ispeditur, indikat b'rabta qariba mar-referenza 'Pakkjatur u/jew Speditur' (jew taqsiriet ekwivalenti);

— għal pakketti ppakkjati minn qabel biss, bl-isem u l-indirizz ta' bejjiegħ stabbilit fil-Komunità indikat b'rabta qariba mal-avviż 'Ippakkjat għal:' jew avviż ekwivalenti. jew referenza ekwivalenti. F'dan il-każ, it-tikkettjar għandu jinkludi wkoll kodiċi li jirrappreżenta lill-pakkjatur u/jew lill-ispeditur. Il-bejjiegħ għandu jagħti l-informazzjoni kollha li organu ta' spezzjoni jikkunsidra neċessarja rigward it-tifsira ta' dan il-kodiċi.

B. **It-tip tal-prodott**

— L-isem tal-ispeċi jekk il-prodott ma jkunx viżibbli minn barra, minbarra l-mandarin li għalih l-isem tal-ispeċi jew il-varjetà (fejn applikabbli) hija obbligatorja,

— Isem il-varjetà, għal-lariġ,

— L-isem tat-tip:

— għal-lumi: l-indikazzjoni 'Verdelli' u 'Primofiore' fejn xieraq,

— għall-klementin: l-indikazzjoni 'Klementin, bla żerriegħa', 'Klementin' (1 sa 10 żerriegħat), 'Klementing biż-żerriegħa' (aktar minn 10 żerriegħat) fejn xieraq.

C. **L-orġini tal-prodott**

Il-pajjiż tal-oriġini u, b'mod fakultattiv, id-distrett fejn tkabbar, jew isem il-post nazzjonali, reġjonali jew lokali.

D. **L-ispeċifikazzjonijiet kummerċjali**

— Il-klassi.

— Il-kodiċi tal-qies għall-frott ippreżentat skont l-iskala tal-qies jew l-ogħola u l-anqas limitu tal-kodiċi tal-qies fil-każ tat-tliet qisien konsekuttivi tal-iskala tal-qies.

— Il-kodiċi tad-daqs (jew, meta l-frott li jkun ippakkjat skont l-għadd jaqa' f'żewġ kodiċi biswit xulxin, il-kodiċijiet ta' daqs jew dijametru minimu u massimu) u l-għadd ta' frott, fil-każ ta' frott imqiegħed f'safef fil-pakkett,

— Meta jkun użat, aċċenn għall-aġent ta' preservazzjoni u s-sustanzi kimiċi l-oħra użati fl-istadju ta' wara l-ħsad.

E. **Il-marka uffiċjali tal-kontroll (fakultattiv).**

Il-pakketti ma jeħtiġux li juru d-dettalji msemmija fl-ewwel subparagrafu, meta jkun fihom pakketti għall-bejgħ, ċarament viżibbli minn barra, u meta kollha jkunu juru dawn id-dettalji. Dawn il-pakketti għandhom ikunu ħielsa minn kwalunkwe indikazzjoni li tista' tiżgwida. Meta dawn il-pakketti jkunu fuq pelits, id-dettalji għandhom jingħataw f'notifika mqiegħda f'pożizzjoni ovvja fuq tal-anqas żewġ naħat tal-pelit.

PARTI 3: *L-ISTANDARD TAL-KUMMERĊJALIZZAZZJONI GĦALL-FROTT TAL-KIWI*

I. **DEFINIZZJONI TAL-PRODOTT**

Dan l-istandard japplika għall-frott tal-kiwi tal-varjetajiet (insla mill-kultivazzjoni) imkabbra mill-*Actinidia chinensis* (Planch.) u *Actinidia deliciosa* (A. Chev., C.F. Liang u A.R. Ferguson) li għandu jitforna frisk lill-konsumatur, esklużil-frott tal-kiwi għall-ipproċessar industrijali.

▼M8

II. **DISPOŻIZZJONIJIET RIGWARD IL-KWALITÀ**

L-għan tal-istandard huwa li jiġu ddefiniti r-rekwiżiti fejn jirrigwarda l-kwalità tal-frott tal-kiwi wara l-proċess tat-tħejjija u l-ippakkjar.

A. **Rekwiżiti minimi ta' kwalità**

Fil-klassijiet kollha, bla ħsara għad-disposizzjonijiet speċjali għal kull klassi u t-tolleranzi permessi, il-frott tal-kiwi jrid ikun:

— intatt (iżda mingħajr pedunklu),

— f'saħħtu; prodotti affettwati mit-taħsir jew minn deterjorament li ma jħalluhomx tajba għall-konsum huma esklużi,

— nadif, prattikament ħieles minn kwalunkwe materjal estranju viżibbli,

— prattikament ħieles mill-pesti,

— prattikament ħieles minn ħsara kkawżata mill-pesti,

— adegwatament sod: mhux artab, imkemmex jew imxarrab,

— iffurmat tajjeb, frott doppju/multiplu eskluż,

— ħieles minn indewwa esterna annormali,

— ħieles minn kwalunkwe riħa u/jew togħma estranja.

L-iżvilupp u l-kundizzjoni tal-frott tal-kiwi jrid ikunu tali li jgħinuh:

— jifilaħ għat-trasport u l-maniġġ, u

— jasal f'kundizzjoni sodisfaċenti fil-post tad-destinazzjoni.

B. **Rekwiżiti minimi ta' maturità**

Il-frott tal-kiwi għandu jkun żviluppat biżżejjed u juri sajran sodisfaċenti. Sabiex jissodisfa dan ir-rekwiżit, il-frott irid jilħaq grad ta' sajran:

— fl-istadju tal-ippakkjar fir-reġjun tal-produzzjoni u d-distribuzzjoni sussegwenti mill-pakkjatur, kif ukoll fl-istadju tal-importazzjoni u l-esportazzjoni, b'tal-anqas 6,2 Brix jew medja ta' kontenut ta' materja xotta ta' 15 %,

— fl-istadji l-oħra kollha tal-kummerċjalizzazzjoni, b'tal-anqas 9,5 Brix.

C. **Klassifikazzjoni**

Il-frott tal-kiwi huwa kklassifikat fi tliet klassijiet definit aktar 'l isfel.

(i) *Il-Klassi 'Extra'*

Il-frott tal-kiwi f'din il-klassi jrid ikun ta' kwalità superjuri. Irid ikun żviluppat tajjeb u jkollu l-karatteristiċi kollha u l-lewn tipiku tal-varjetà.

Irid ikun ħieles mid-difetti bl-eċċezzjoni ta' difetti superfiċjali tassew żgħar, sakemm dawn ma jaffetwawx id-dehra ġenerali tal-prodott, il-kwalità, il-kwalità taż-żamma u l-preżentazzjoni fil-pakkett.

Il-proporzjon tad-dijametru minimu/massimu tal-frott imkejjel fis-sezzjoni ekwatorjali jrid ikun 0,8 jew akbar.

▼**M8**

(ii) *Il-Klassi I*

Il-frott tal-kiwi f'din il-klassi jrid ikun ta' kwalità tajba. Irid ikun karatteristiku tal-varjetà.

Irid ikun sod u l-laħam irid ikun perfettament tajjeb.

Id-difetti żgħar segwenti, madankollu, jistgħu jiġu permessi sakemm ma jaffettwawx id-dehra ġenerali tal-prodott, il-kwalità, il-kwalità taż-żamma u l-preżentazzjoni fil-pakkett:

— difett żgħir fil-forma (iżda mingħajr nefħiet jew diformazzjonijiet),

— difett żgħir fit-tilwin,

— difetti superfiċjali fil-qoxra, sakemm l-erja totali affettwata ma taqbiżx 1 ċm^2,

— 'Hayward mark' żgħira qisha linja lonġitudinali u mingħajr ħotob 'il barra.

Il-proporzjon tad-dijametru minimu/massimu tal-frott imkejjel fis-sezzjoni ekwatorjali jrid ikun 0,7 jew akbar.

(iii) *Il-Klassi II*

Din il-klassi tinkludi frott tal-kiwi li ma jikkwalifikax għall-inklużjoni fil-klassijiet ogħla, iżda li jissodisfa r-rekwiżiti minimi msemmija hawn fuq.

Il-frott għandu jkun raġonevolment sod u l-laħam m'għandux juri difetti serji.

Id-difetti segwent jistgħu jkunu permessi sakemm il-frott tal-kiwi jżomm il-karatteristiċi essenzjali tiegħu fir-rigward tal-kwalità, il-kwalità taż-żamma u l-preżentazzjoni:

— difetti fil-forma,

— difetti fit-tilwin,

— difetti fil-qoxra, bħal qtugħ żgħir jew brix, sakemm l-erja totali affettwata ma taqbiżx iż-2 ċm^2,

— ‘Hayward marks’ ħafna aktar qawwija bi b'ħotob ħfief,'

— dbabar ħfief.

III. **DISPOŻIZZJONIJIET RIGWARD ID-DAQS**

Id-daqs jiġi determinat skont il-piż tal-frott.

Il-piż minimu għall-Klassi 'Extra' huwa ta' 90 g, għall-Klassi I huwa ta' 70 g u għall-Klassi II huwa ta' 65 g.

Id-differenza fil-piż bejn l-akbar u l-iżgħar frotta f'pakkett wieħed ma tridx taqbeż:

— l-10 g għall-frott li jiżen sa 85 g,

— l-15 g għall-frott li jiżen bejn 85 g u 120 g,

▼M8

— l-20 g għall-frott li jiżen bejn 120 g u 150 g,

— l-40 g għall-frott li jiżen 150 g jew aktar,

IV. **DISPOŻIZZJONIJIET RIGWARD IT-TOLLERANZI**

Tolleranzi rigward il-kwalità u d-daqs għandhom jiġu permessi f'kull pakkett tal-prodott li ma jissodisfax ir-rekwiżiti tal-klassi indikata,

A. **Tolleranzi għall-kwalità**

(i) *Il-Klassi 'Extra'*

5 % fl-għadd jew fil-piż tal-frott tal-kiwi li ma jissodisfax il-kundizzjonijiet tal-klassi, iżda li jossodisfa dawk tal-Klassi I jew, eċċezzjonalment, dak li jkun fit-tolleranzi għal dik il-klassi.

(ii) *Il-Klassi I*

10 % fl-għadd jew fil-piż tal-frott tal-kiwi li ma jissodisfax ir-rekwiżiti tal-klassi, iżda jissodisfa dawk tal-Klassi II jew, eċċezzjonalment, dak li jkun fit-tolleranzi għal dik il-klassi.

(iii) *Il-Klassi II*

10 % fl-għadd jew fil-piż tal-frott tal-kiwi li ma jissodisfax la l-kondizzjonijiet tal-klassi u lanqas ir-rekwiżiti minimi, bl-eċċezzjoni ta' prodott affettwat bit-taħsir, dbabar qawwija jew kull deterjorament ieħor li ma jħallihx tajjeb għall-konsum.

B. **Tolleranzi tad-daqs**

Għall-klassijiet kollha: 10 % fl-għadd jew fil-piż tal-frott tal-kiwi li ma jissodisfax ir-rekwiżiti fejn jidħlu l-piż minimu u/jew il-firxa tal-qisien speċifikata.

Madanakllu, il-frott irid ikun ta' daqs immedjatament taħt jew fuq id-daqs indikat jew, fil-każ tal-iżgħar daqs, ma jridx jiżen anqas minn 85 g fil-Klassi 'Extra', 67 g fil-Klassi I u 62 g fil-Klassi II.

V. **DISPOŻIZZJONIJIET RIGWARD IL-PREŻENTAZZJONI**

A. **L-uniformità**

Il-kontenut ta' kull pakkett irid ikun uniformi u jkun fih biss frott tal-kiwi tal-istess oriġini, varjetà, kwalità u daqs.

Il-parti viżibbli tal-kontenut tal-pakkett trid tirrappreżenta l-kontenut kollu.

B. **L-ippakkjar**

Il-frott tal-kiwi jrid ikun ippakkjat b'tali mod li l-prodott ikun protett kif xieraq.

Il-materjali użati ġewwa l-pakkett għandhom ikunu ġodda, nodfa u ta' tali kwalità li jevitaw li jikkawżaw kwalunkwe ħsara barra u ġewwa l-prodott. L-użu ta' materjal, speċjalment karti jew timbri, li jkollhom l-ispeċifikazzjonijiet tad-ditta jitħalla biss jekk l-istampar u t-tikkettar isiru b'linka jew kolla li m'humiex tossiċi.

▼M8

Stikers imwaħħla individwalment fuq il-prodott għandhom ikunu tali li, meta jitneħħew, la jħallu traċċi viżibbli ta' kolla u lanqas iwasslu għal difetti fil-qoxra.

Il-pakketti ma jridx ikun fihom materjal ieħor estranju.

C. **Preżentazzjoni**

Fil-Klassi 'Extra' il-frott irid ikun ippreżentat separatament minn xulxin, u rranġat b'mod regolari fuq saff wieħed.

VI. **DISPOŻIZZJONIJIET RIGWARD L-IMMARKAR**

Kull pakkett irid ikollu fuqu dawn id-dettalji li ġejjin, b'ittri miġbura fuq l-istess naħa, leġibbli u indelibbli, u viżibbli minn barra:

A. **L-identifikazzjoni**

Isem u indirizz il-pakkjatur u/jew il-ispeditur.

Dan it-tagħrif jista' jinbidel:

— għall-pakketti kollha bl-eċċezzjoni ta' dawk ippakkjati minn qabel, permezz tal-marka ta' kodiċi maħruġa u aċċettata uffiċjalment li tirrappreżenta lill-pakkjatur u/jew lill-ispeditur, indikat b'rabta qariba mar-referenza 'Pakkjatur u/jew Speditur' (jew taqsiriet ekwivalenti);

— għal pakketti ppakkjati minn qabel biss, bl-isem u l-indirizz ta' bejjiegħ stabbilit fil-Komunità indikat b'rabta qariba mal-avviż 'Ippakkjat għal:' jew avviż ekwivalenti. F'dan il-każ, it-tikkettjar għandu jinkludi wkoll kodiċi li jirrappreżenta lill-pakkjatur u/jew lill-ispeditur. Il-bejjiegħ għandu jagħti l-informazzjoni kollha li organu ta' spezzjoni jikkunsidra neċessarja rigward it-tifsira ta' dan il-kodiċi.

B. **It-tip tal-prodott**

— 'Frott tal-kiwi', 'Actinidia' jew denominazzjoni ekwivalenti, jekk il-kontenut ma jkunx viżibbli minn barra,

— isem il-varjetà (fakultattiv).

C. **L-oriġini tal-prodott**

Il-pajjiż tal-oriġini u, b'mod fakultattiv, id-distrett fejn tkabbar, jew isem il-post nazzjonali, reġjonali jew lokali.

D. **L-ispeċifikazzjonijiet kummerċjali**

— il-klassi,

— id-daqs espress bil-piż minimu u massimu tal-frott,

— għadd ta' prodotti (fakultattiv).

E. **Il-marka uffiċjali tal-kontroll (fakultattiva).**

Il-pakketti ma jeħtiġux li juru d-dettalji msemmija fl-ewwel subparagrafu, meta jkun fihom pakketti għall-bejgħ, ċarament viżibbli minn barra, u meta kollha jkunu juru dawn id-dettalji. Dawn il-pakketti għandhom ikunu ħielsa minn kwalunkwe indikazzjoni li tista' tiżgwida. Meta dawn il-pakketti jkunu fuq pelits, id-dettalji għandhom jingħataw f'notifika mqiegħda f'pożizzjoni ovvja fuq tal-anqas żewġ naħat tal-pelit.

▼**M15**

TAQSIMA 4: *L-ISTANDARD TAL-KUMMERĊJALIZZAZZJONI GĦALL-ĦASS, L-INDIVJA BIL-WERAQ MIBRUM U L-INDIVJA BIL-WERAQ WIESA' (BATAVIAN)*

I. **DEFINIZZJONI TAL-PRODOTTI**

Dan l-istandard japplika għal:

— ħass ta' varjetajiet (kultivari) imkabbra minn:

— *Lactuca sativa L. var. capitata L.* (ħass (kaboċċjat) inkluż ħass tat-tip "Cripshead" u "Iceberg"),

— *Lactuca sativa L. var. longifolia Lam.* (ħass Cos jew Romaine),

— *Lactuca sativa L. var. crispa L.* (ħass għat-tqattigħ),

— inkroċji ta' dawn il-varjetajiet u

— indivja bil-weraq mibrum tal-varjetajiet (kultivari) imkabbra miċ-*Cichorium endivia L. var. crispum Lam.* u

— indivja (escaroles) bil-weraq wiesa' (Batavian) tal-varjetajiet (kultivari) imkabbra miċ-*Cichorium endivia L. var. latifolium Lam*.

li għandhom jitfornew friski lill-konsumatur.

Dan l-istandard ma japplikax għall-prodotti maħsuba għall-ipproċessar industrijali, prodotti ppreżentati werqa werqa, ħass bl-għeruq jew ħass fil-qsari.

II. **DISPOŻIZZJONIJIET DWAR IL-KWALITÀ**

L-għan tal-istandard huwa li jiġu ddefiniti r-rekwiżiti tal-kwalità tal-prodotti wara l-preparazzjoni u l-ippakkjar.

A. **Rewkiżiti minimi**

Fil-klassijiet kollha, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet speċjali għal kull klassi u t-tolleranza permessa, il-prodotti għandhom ikunu:

— intatti

— f'kundizzjoni tajba; prodotti affettwati minn tranġit jew taħsir li jagħmluhom mhux tajbin għall-konsum huma esklużi

— imnaddfa, jiġifieri prattikament mingħajr ebda ħamrija jew kwalunkwe element ieħor li jikbru fih kif ukoll prattikament mingħajr l-ebda materja barranija oħra viżibbli

— friski fid-dehra

— prattikament ħielsa mill-organiżmi li jagħmlu l-ħsara

— prattikament ħielsa minn ħsara kkawżata mill-organiżmi li jagħmlu l-ħsara

— minfuħin

— mhux fi stat li jinbidlu f'żerriegħa

— ħielsa minn umdità esterna anormali

— ħielsa minn kwalunkwe riħa u/jew togħma barranija.

▼**M15**

Fil-każ tal-ħass, huwa permess telf ta' lewn fl-aħmar, ikkaġunat minn temperatura baxxa matul it-tkabbir, sakemm ma jaffettwax b'mod serju d-dehra tal-prodott.

L-għeruq għandhom jiġu maqtugħa qrib il-bażi tal-weraq ta' barra u l-qatgħa għandha tkun pulita.

Il-prodotti għandhom ikunu ta' żvilupp normali. L-iżvilupp u l-kundizzjoni tal-prodotti għandhom ikunu tali li jippermettulhom:

— jifilħu għat-trasport u l-ġarr

— jaslu f'kundizzjoni sodisfaċenti fil-post tad-destinazzjoni.

B. **Klassifikazzjoni**

Il-prodotti huma kklassifikati f'żewġ klassijiet, kif iddefiniti hawn taħt:

(i) *Klassi I*

Prodotti f'din il-klassi għandhom ikunu ta' kwalità tajba. Għandhom ikunu karatteristiċi tal-varjetà jew it-tip kummerċjali, speċjalment fil-lewn.

Il-prodotti għandhom ikunu wkoll:

— iffurmati sew

— sodi, filwaqt li jitqiesu l-metodi tal-koltivazzjoni u t-tip ta' prodott

— ħielsa minn ħsara jew taħsir li ma jibqgħux tajbin għall-ikel

— ħielsa minn ħsara mill-ġlata.

Il-ħass kaboċċjat għandu jkollu qalba waħda ffurmata sewwa. Iżda, fil-każ ta' ħass kaboċċjat li jitkabbar taħt kenn, il-qalba tista' tkun żgħira.

Il-ħass Cos għandu jkollu qalba, li tista' tkun żgħira.

Il-qalba tal-indivja bil-weraq mibrum u tal-indivja bil-weraq wiesa' (Batavian) għandha tkun ta' lewn isfar.

(ii) *Klassi II*

Din il-klassi tinkludi prodotti li ma jikkwalifikawx għall-inklużjoni fil-Klassi I, iżda li jissoddisfaw ir-rekwiżiti minimi speċifikati hawn fuq.

Il-prodotti għandhom ikunu:

— raġonevolment iffurmati sew

— ħielsa minn ħsara u taħsir li jistgħu, tant li b'mod serju ma jibqgħux tajbin għall-ikel.

Jistgħu jiġu permessi d-difetti li ġejjin sakemm il-prodotti jżommu l-karatteristiċi essenzjali tagħhom fejn jidħlu l-kwalità, iż-żamma tal-kwalità u l-preżentazzjoni:

— ftit telf ta' lewn

— ħsara ħafifa kkważata mill-organiżmi li jagħmlu l-ħsara.

Il-ħass kaboċċjat għandu jkollu qalba, li tista' tkun żgħira. Iżda, fil-każ ta' ħass kaboċċjat li jitkabbar taħt kenn, huwa permess li l-qalba tkun nieqsa.

Il-ħass Cos jista' ma jkollux qalba.

▼M15

III. **DISPOŻIZZJONIJIET DWAR ID-DAQS**

Id-daqs ikun iddeterminat mill-piż ta' unità waħda.

A. **Piż minimu**

Il-piż minimu għall-Klassijiet I u II huwa:

	Imkabbra fil-beraħ	Imkabbra taħt kenn
Ħass kaboċċjat (barra mill-ħass tat-tip "Crisphead" u "Iceberg") u l-ħass Cos jew Romaine (barra mill-ħass tat-tip "Little gem")	150 g	100 g
Ħass tat-tip "Crisphead" u "Iceberg"	300 g	200 g
Ħass għat-tqattigħ u tat-tip "Little gem"	100 g	100 g
Indivja bil-weraq mibrum u indivja bil-weraq wiesa'	200 g	150 g

B. **Uniformità**

(a) *Ħass*

Fil-klassijiet kollha, id-differenza bejn l-eħfef u l-itqal unità f'kull pakkett ma għandhiex taqbeż:

— l-40 g meta l-eħfef unità tiżen anqas minn 150 g kull unità

— l-100 g meta l-eħfef unità tiżen bejn 150 g u 300 g kull unità

— l-150 g meta l-eħfef unità tiżen bejn 300 g u 450 g kull unità

— it-300 g meta l-eħfef unità tiżen aktar minn 450 g kull unità.

(b) *Indivja bil-weraq mibrum u bil-weraq wiesa' (Batavian)*

Fil-klassijiet kollha, id-differenza bejn l-eħfef u l-itqal unità f'kull pakkett ma għandhiex taqbeż it-300 g.

IV. **DISPOŻIZZJONIJIET DWAR IT-TOLLERANZI**

It-tolleranzi fir-rigward tal-kwalità u d-daqs għandhom jiġu permessi f'kull lott għall-prodotti li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti tal-klassi indikata.

A. **Tolleranzi għall-kwalità**

(i) *Klassi I*

Hija permessa tolleranza totali ta' 10 %, skont l-għadd tal-unitajiet, li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti tal-klassi, iżda li jilħqu dawk tal-Klassi II. Fi ħdan din it-tolleranza mhux aktar minn 1 % mit-total jista' jikkonsisti minn prodott li la jissodisfa r-rekwiżiti tal-kwalità tal-Klassi II u l-anqas ir-rekwiżiti minimi. Prodott affettwat minn tranġit jew taħsir li jagħmlu mhux tajjeb għall-konsum huwa eskluż.

▼M15

(ii) *Klassi II*

Hija permessa tolleranza totali ta' 10 %, skont l-għadd tal-unitajiet, li ma jissodisfawx la r-rekwiżiti tal-klassi u lanqas ir-rekwiżiti minimi. Prodotti affettwati minn tranġit jew taħsir li jagħmluhom mhux tajbin għall-konsum huma esklużi.

B. **Tolleranzi għad-daqs**

Għall-klassijiet kollha: hija permessa tolleranza totali ta' 10 %, skont l-għadd tal-unitajiet, li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti fir-rigward tad-daqs, iżda li l-piż tagħhom ma jkunux ivarja b'aktar jew b'anqas minn 10 % tad-daqs involut.

V. **DISPOŻIZZJONIJIET DWAR IL-PREŻENTAZZJONI**

A. **Uniformità**

Il-kontenut ta' kull pakkett għandu jkun uniformi u jkun fih biss prodotti tal-istess oriġini, varjetà jew tal-istess tip, kwalità u daqs kummerċjali.

Madankollu, tista' tkun ippakkjata flimkien f'unità tal-bejgħ, taħlita ta' prodotti ta' lewn, varjetajiet u/jew tipi kummerċjali distintivament differenti ([1]), sakemm dawn ikunu uniformi fil-kwalità u, għal kull lewn, varjetà u/jew tipi kummerċjali konċernat, fl-oriġini.

Madankollu, il-parti tal-kontenut tal-pakkett li tidher għandha tkun rappreżentattiva tal-kontenut kollu.

B. **Ippakkjar**

Il-prodotti għandhom jiġu ppakkjati b'mod li jitħarsu sew. Għandhom ikunu ppakkjati b'mod raġonevoli li jqis id-daqs u t-tip tal-ippakkjar, mingħajr spazji vojta jew tgħaffiġ.

Il-materjali wżati ġewwa l-pakkett għandhom ikunu nodfa u ta' kwalità tali li jiġi evitat li ssir ħsara kemm fuq barra kif ukoll fuq ġewwa tal-prodott. L-użu ta' materjali, partikolarment tal-karta jew it-timbri li juru l-ispeċifikazzjonijiet kummerċjali huwa permess sakemm l-istampar jew it-tikkettar ikun sar b'linka jew kolla mhux tossika.

Il-pakketti ma għandu jkun fihom l-ebda materjal barrani.

VI. **DISPOŻIZZJONIJIET DWAR L-IMMARKAR**

Kull pakkett ([2]) għandu jkollu d-dettalji li ġejjin f'ittri miġbura fuq l-istess naħa, leġġibbli u indelibbli, u viżibbli minn barra:

A. **Identifikazzjoni**

Min ippakkja u/jew min Bagħat/ġarr:

— L-isem u l-indirizz fiżiku (eż. it-triq/il-belt/ir-reġjun/il-kodiċi postali u jekk differenti mill-pajjiż tal-oriġini, il-pajjiż)

jew

([1]) L-unità tal-bejgħ għandha tkun maħsuba biex tinxtara sħiħa.

([2]) L-unitajiet tal-pakketti tal-prodotti ppakkjati minn qabel għall-bejgħ direttament lill-konsumatur ma għandhomx ikunu soġġetti għal dawn id-dispożizzjonijiet tal-immarkar iżda għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti nazzjonali. Madankollu, l-immarkar imsemmi għandu f'kull każ ikun jidher fuq l-ippakkjar tat-trasport li jkun fih dawn l-unitajiet ta' pakketti.

▼M15

— marka ta’ kodiċi rrikonnoxxuta uffiċjalment mill-awtorità nazzjonali ([1]).

B. **Tip ta’ prodott**

— “Ħass”, “ħass Butterhead”, “Batavia”, “ħass Iceberg”, “ħass Cos”, “ħass għat-tqattigħ” (jew, per eżempju u jekk xieraq, “Oak Leaf”, “Lollo bionda”, “Lollo rossa”), “indivja bil-weraq mibrum” jew “indivja bil-weraq wiesa’ (Batavian)” jew kliem sinonimu ieħor jekk il-kontenut ma jkunx jidher minn barra

— “Little gem” fejn xieraq jew sinonimi oħra

— Indikazzjoni “imkabbra taħt kenn”, jew xi indikazzjoni oħra xierqa, fejn xieraq

— Isem il-varjetà (fakultattiv)

— Fil-każ ta’ unitajiet għall-bejgħ li jkun fihom taħlita ta’ kuluri, varjetajiet u/jew tipi kummerċjali ta’ prodott distintivament differenti, “Taħlita ta’ ħass”, jew denominazzjoni ekwivalenti. Jekk il-prodotti ma jkunux jidhru minn barra, il-kuluri, il-varjetajiet jew it-tipi kummerċjali tal-unitajiet għall-bejgħ għandhom ikunu indikati.

C. **Oriġini tal-prodott**

— Il-pajjiż tal-oriġini u, b’mod fakultattiv, id-distrett fejn tkabbru, jew isem in-nazzjon, ir-reġjun jew il-post lokali.

— Fil-każ ta’ pakketti għall-bejgħ li jkun fihom taħlita ta’ lwien, varjetajiet u/jew tipi kummerċjali ta’ prodotti distintivament minn oriġini differenti, l-indikazzjoni ta’ kull pajjiż tal-oriġini jeħtiġilha tidher ħdejn isem il-kulur, il-varjetà u/jew it-tipi kummerċjali konċernati.

D. **Speċifikazzjonijiet kummerċjali**

— Klassi

— Daqs, espress skont il-piż minimu għal kull unità jew l-għadd ta’ unitajiet

— Piż nett (fakultattiv).

E. **Marka uffiċjali tal-kontroll (fakultattiva)**

Il-pakketti ma għandhomx għalfejn ikollhom id-dettalji msemmija fl-ewwel subparagrafu, meta jkun fihom pakketti għall-bejgħ li jidhru b’mod ċar minn barra u kollha jkun fihom dawn id-dettalji. Dawn il-pakketti ma għandhomx jinkludu indikazzjonijiet li jistgħu jiżgwidaw. Meta dawn il-pakketti jkunu fuq pelits, id-dettalji għandhom jingħataw f’nota; li tkun f’pożizzjoni ovvja fuq tal-anqas żewġ naħat tal-pelit.

([1]) Il-leġiżlazzjoni nazzjonali ta’ għadd ta’ pajjiżi teħtieġ id-dikjarazzjoni espliċita tal-isem u l-indirizz. Madankollu, fil-każ fejn tintuża marka ta’ kodiċi, ir-referenza “min ippakkja u/jew min bagħat (jew taqsiriet ekwivalenti)” għandha tkun indikata b’rabta mill-qrib mal-marka tal-kodiċi, u qabel il-marka tal-kodiċi għandu jkun hemm il-kodiċi ISO 3166 (alpha) tal-pajjiż/żona tal-pajjiż li jagħraf, jekk mhux tal-pajjiż tal-oriġini.

▼M8

PARTI 5: *L-ISTANDARDS TAL-KUMMERĊJALIZZAZZJONI GĦALL-ĦAWĦ U Ċ-NUĊIPRISK*

I. DEFINIZZJONI TAL-PRODOTT

Dan l-istandard japplika għal ħawħ u n-nuċiprisk ([1]) imkabbra minn varjetajiet (insla mill-kultivazzjoni) ta' *Prunus persica Sieb.* u *Zucc.*, li għandhom jitfornew friski lill-konsumatur, eskluż il-ħawħ u n-nuċiprisk għal ipproċessar industrijali.

II. DISPOŻIZZJONIJIET RIGWARD IL-KWALITÀ

L-għan tal-livell hu sabiex jiddeffinixxi r-rekwiżiti ta' kwalità għall-ħawħ u n-nuċipresk wara l-preparazzjoni u l-ippakkjar.

A. Rekwiżiti minimi ta' kwalità

Fil-klassijiet kollha, soġġetti għad-dispożizzjonijiet speċjali għal kull klassi u t-tolleranzi permessi, il-ħawħ u n-nuċipresk irid ikunu:

— intatti,

— f'saħħithom; prodotti affettwati mit-taħsir jew minn deterjorament li ma jħalluhomx tajba għall-konsum huma eskluži,

— nodfa, prattikament ħielsa minn kwalunkwe materjal estranju viżibbli,

— prattikament ħielsa minn pesti,

— prattikament ħielsa minn ħsara kkawżata mill-pesti,

— ħielsa minn indewwa esterna annormali,

— ħielsa minn kwalunkwe riħa u/jew togħma estranja.

Ħawħ u nuċipresk irid ikunu nqatgħu bil-galbu.

L-żvilupp u l-istat tal-ħawħ u n-nuċipresk għandhom ikunu tali sabiex ikunu jistgħu:

— jifilħu għat-trasport u l-maniġġ, u

— jaslu f'kundizzjoni sodisfaċenti fil-post tad-destinazzjoni.

B. Rekwiżiti minimi ta' maturità

Il-ħawħ u nuċiprisk irid ikunu żviluppati biżżejjed u juru sajran sodisfaċenti.

L-iżvilupp u l-istat tal-maturità tal-ħawħ u n-nuċiprisk irid ikunu tali li jippermettulhom ikomplu l-proċess tas-sajran u jilħqu livell sodisfaċenti ta' sajran. Sabiex jiġi ssodisfat dan ir-rekwiżit l-indiċi refrattometru tal-laħam, imkejjel fil-punt mezzan tal-frotta fis-sezzjoni ekwatorjali jrid ikun 8 ºBrix jew akbar u s-sodezza għandha tkun anqas minn 6,5 kg imkejla bi planġer ta' 8 mm dijametru (0,5 cm^2) f'żewġ punti tas-sezzjoni ekwatorjali tal-frotta.

([1]) Dan it-test japplika għall-varjetajiet kollha mkabbra minn *Prunus persica Sieb.* u *Zucc.*, kemm jekk inhuma ħawħ jew nuċiprisk jew simili b'għadma fihom (*clingstones*) jew mingħajr għadam u b'qoxra lixxa jew raffa.

▼M8

C. **Klassifikazzjoni**

Il-ħawħ u n-nuċiprisk huma kklassifikati fi tlett klassijiet kif imfissra taħt:

(i) *Il-Klassi 'Extra'*

Il-ħawħ u n-nuċipresk f'din il-klassi jrid ikunu ta' kwalità superjuri. Fil-forma, żvilupp u lewn irid ikunu tipiċi tal-varjetà b'kunsiderazzjoni għad-distrett li fih ikunu mkabbra. Irid ikunu mingħajr difetti bl-eċċezzjoni ta' difetti superfiċjali żgħar ħafna, sakemm dawn ma jaffettwawx l-apparenza ġenerali tal-prodott, il-kwalità, il-kwalità taż-żamma u l-preżentazzjoni tiegħu fil-pakkett.

(ii) *Il-Klassi I*

Il-ħawħ u n-nuċipresk f'din il-klassi jrid ikunu ta' kwalità tajba. Irid ikunu karatteristiċi tal-varjetà b'kunsiderazzjoni għad-distrett li fih ikunu mkabbra. Madankollu, difett żgħir fil-forma, żvilupp jew lewn jista' jitħalla.

Il-laħam irid ikun kompletament f'saħħtu.

Il-ħawħ u n-nuċipresk maqsuma minn fejn iz-zokk jaqbad mal-frotta jkunu eskluż.

Difetti żgħar fil-qoxra, madankollu, jistgħu jitħallew sakemm dawn ma jaffettwawx id-dehra ġenerali tal-prodott, il-kwalità, il-kwalità taż-żamma u l-preżentazzjoni tiegħu fil-pakkett u li ma jaqbżux:

— 1 ċm fit-tul għal difetti ta' forma tawwalija,

— 0,5 ċm^2 f'erja totali għal difetti oħra.

(iii) *Il-Klassi II*

Din il-klassi tinkludi l-ħawħ u n-nuċipresk li ma jikkwalifikawx għall-inklużjoni fil-klassijiet ogħla, iżda li jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi msemmija hawn fuq.

Il-laħam tal-frotta ma għandux juri xi difetti serji. Il-frott maqsum minn fejn iz-zokk jaqbad mal-frotta huwa permess biss b'rabta mat-tolleranzi tal-kwalità.

Id-difetti segwenti fil-qoxra jistgħu jitħallew sakemm il-ħawħ u nuċipresk iżommu l-karatteristiċi essenzjali tagħhom f'dak li għandu x'jaqsam mal-kwalità, il-kwalità taż-żamma u l-preżentazzjoni u ma jaqbżux:

— 2 ċm fit-tul għal difetti ta' forma tawwalija,

— 1,5 ċm^2 f'erja totali għal difetti oħra.

III. **DISPOŻIZZJONIJIET RIGWARD ID-DAQS**

Id-daqs jiġi stabbilit b':

— ċirkumferenza, jew

▼M8

— dijametru massimu tat-taqsima ekwatorjali.

Il-ħawh u n-nuċipresk irid ikunu ggradat skont l-iskala segwenti:

Dijametru	Qisien (kodiċi)	Ċirkumferenza
90 mm u aktar	AAAA	28 ċm u aktar
80 mm u aktar iżda taħt id-90 mm	AAA	25 ċm u aktar iżda taħt it-28 mm
73 mm u aktar iżda taħt it-80 mm	AA	23 ċm u aktar iżda taħt il-25 ċm
67 mm u aktar iżda taħt it-73 mm	A	21 ċm u aktar iżda taħt it-23 mm
61 mm u aktar iżda taħt is-67 mm	B	19 ċm u aktar iżda taħt il-21 ċm
56 mm u aktar iżda taħt il-61 mm	C	17,5 ċm u aktar iżda taħt id-19 ċm
51 mm u aktar iżda taħt is-56 mm	D	16 ċm u aktar iżda taħt is-17,5 ċm

Id-daqs minimu permess għall-klassi 'Extra' huwa ta' 17,5 ċm (ċirkumferenza) jew 56 mm (dijametru).

Daqs D (51 mm jew iżjed iżda anqas minn 56 mm ta' dijametru jew 16 ċm u iżjed iżda anqas minn 17,5 ċm ċirkumferenza) mhux permess fil-perijodu bejn l-1 ta' Lulju to l-31 ta' Ottubru.

Għandu jingħata daqs f'kull klassi.

IV. **DISPOŻIZZJONIJIET RIGWARD IT-TOLLERANZI**

Jistgħu jiġu permessi tolleranzi rigward il-kwalità u d-daqs f'kull pakkett tal-prodott li ma jissodisfax ir-rekwiżiti tal-klassi indikata,

A. **Tolleranzi għall-kwalità**

(i) *Il-Klassi 'Extra'*

5 % fl-għadd jew fil-piż tal-ħawħ jew in-nuċiprisk li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti tal-klassi, iżda li jissodisfaw dawk ta' Klassi I, jew, eċċezzjonalment, dak li jkun fit-tolleranzi għal dik il-klassi.

(ii) *Il-Klassi I*

10 % fl-għadd jew fil-piż tal-ħawħ jew in-nuċiprisk li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti tal-klassi, iżda li jissodisfaw dawk ta' Klassi II, jew, eċċezzjonalment, li huma skont it-tolleranzi għal dik il-klassi.

(iii) *Il-Klassi II*

10 % fl-għadd jew fil-piż tal-ħawħ jew in-nuċiprisk li ma jissodisfawx la lr-rekwiżiti tal-klassi u lanqas ir-rekwiżiti minimi, bl-eċċezzjoni tal-frott milqut bit-taħsir, tbabar sew jew kull deterjorament ieħor li ma jħalluhomx tajbin għall-kunsum.

▼M8

B. **Tolleranzi tad-daqs**

Għall-klassijiet kollha, 10 % fl-għadd jew fil-piż tal-ħawħ jew tan-nuċiprisk sa mhux aktar minn 1 ċm aktar jew anqas mid-daqs iddikjarat fuq il-pakkett fil-każ ta' kejl taċ-ċirkomferenza u sa mhux aktar minn 3 mm aktar jew anqas fil-każ ta' kejl tad-dijametru. Madankollu, għal frott fl-iżgħar daqs, din it-tolleranza għandha tapplika biss għal ħawħ jew in-nuċiprisk ta' daqs iżgħar b'mhux aktar minn 6 mm (ċirkunferenza) jew 2 mm (dijametru) mid-daqs minimu speċifikat.

V. **DISPOŻIZZJONIJIET RIGWARD IL-PREŻENTAZZJONI**

A. **L-uniformità**

Il-kontenut ta' kull pakkett irid ikun uniformi u jkun fih biss ħawħ jew nuċiprisk tal-istess oriġini, varjetà, kwalità, grad ta' sajran u daqs, u għall-klassi 'Extra', il-kontenut irid ikun uniformi fil-lewn.

Il-parti li tidher tal-kontenut ta' kull pakkett għandha tkun rappreżentattiva tal-kontenut kollu.

B. **L-ippakkjar**

Il-ħawħ u n-nuċiprisk irid ikunu ppakkjati b'tali mod li l-prodott ikun protett kif xieraq.

Il-materjali użati ġewwa l-pakkett għandhom ikunu ġodda, nodfa u ta' tali kwalità li jevitaw li jikkawżaw kwalunkwe ħsara barra u ġewwa l-prodott. L-użu ta' materjali, speċjalment karti jew timbri, li jkollhom l-ispeċifikazzjonijiet tad-ditta jitħalla biss jekk l-istampar u t-tikketta jsiru b'linka jew kolla li mhumiex tossiċi.

Stikers imwaħħla individwalment fuq il-prodott għandhom ikunu tali li, meta jitneħħew, la jħallu traċċi viżibbli ta' kolla u lanqas iwasslu għal difetti fil-qoxra.

Il-pakketti ma jridx ikun fihom materjal ieħor estranju.

C. **Il-preżentazzjoni**

Il-ħawħ u n-nuċiprisk jistgħu jkunu ppreżentati:

— f'pakketti żgħar ta' unità,

— f'saff wieħed, fil-każ tal-Klassi 'Extra'; kull frotta individwali f'din il-klassi għandha tkun isseparata minn dawk ta' madwarha.

Fil-Klassijiet I u II:

— f'saff wieħed jew tnejn, jew

— f'mhux aktar minn erba' safef meta l-frott ikun mqiegħed f'riċipjenti riġidi rranġati b'tali mod li ma jserrħux fuq il-bqija tal-frott fis-saff immedjat ta' taħthom.

VI. **DISPOŻIZZJONIJIET RIGWARD L-IMMARKAR**

Kull pakkett irid ikollu d-dettalji li ġejjin f'ittri fuq l-istess naħa, stampati leġibbli u indelibbli u viżibbli minn barra:

A. **L-identifikazzjoni**

Isem u indirizz il-pakkjatur u/jew il-ispeditur.

▼M8

Dan it-tagħrif jista' jinbidel:

— għall-pakketti kollha bl-eċċezzjoni ta' dawk ippakkjati minn qabel, permezz tal-marka ta' kodiċi maħruġa u aċċettata uffiċjalment li tirrapreżenta lill-pakkjatur u/jew lill-ispeditur, indikat b'rabta qariba mar-referenza 'Pakkjatur u/jew Speditur' (jew taqsiriet ekwivalenti);

— għal pakketti ppakkjati minn qabel biss, bl-isem u l-indirizz ta' bejjiegħ stabbilit fil-Komunità indikat b'rabta qariba mal-avviż 'Ippakkjat għal:' jew avviż ekwivalenti. jew referenza ekwivalenti. F'dan il-każ, it-tikkettjar għandu jinkludi wkoll kodiċi li jirrapreżenta lill-pakkjatur u/jew lill-ispeditur. Il-bejjiegħ għandu jagħti l-informazzjoni kollha li organu ta' spezzjoni jikkunsidra neċessarja rigward it-tifsira ta' dan il-kodiċi.

B. **It-tip tal-prodott**

— 'Ħawħ' jew 'nuċiprisk', jekk il-kontenut ma jkunx viżibbli minn barra,

— il-lewn tal-laħam,

— isem il-varjetà (fakultattiv).

C. **L-orġini tal-prodott**

Il-pajjiż tal-oriġini u, b'mod fakultattiv, id-distrett fejn tkabbar, jew isem il-post nazzjonali, reġjonali jew lokali.

D. **L-ispeċifikazzjonijiet kummerċjali**

— il-klassi,

— daqs espress f'dijametri minimi u massimi jew ċirkumferenza minima u massima jew skont il-kodifikar stabbilit fit-Taqsima III 'Dispożizzjonijiet dwar id-daqs',

— għadd ta' unitajiet (fakultattiv),

— kontenut minimu ta' zokkor, imkejjel b'refrattrometru u espress fi gradi ta' Brix (fakultattiv),

— sodezza massima, imkejjla b'penetrometru u espressa f'kg/0,5 ċm^2 (fakultattiv),

E. **Il-marka uffiċjali tal-kontroll (fakultattiva).**

Il-pakketti ma jeħtiġux li juru d-dettalji msemmija fl-ewwel subparagrafu, meta jkun fihom pakketti għall-bejgħ, ċarament viżibbli minn barra, u meta kollha jkunu juru dawn id-dettalji. Dawn il-pakketti għandhom ikunu ħielsa minn kwalunkwe indikazzjoni li tista' tiżgwida. Meta dawn il-pakketti jkunu fuq pelits, id-dettalji għandhom jingħataw f'notifika mqegħda f'pożizzjoni ovvja fuq tal-anqas żewġ naħat tal-pelit.

▼M15

TAQSIMA 6: *STANDARD TAL-KUMMERĊJALIZZAZZJONI GĦAL-LANĠAS*

I. **DEFINIZZJONI TAL-PRODOTT**

Dan l-istandard japplika għal-lanġas tal-varjetajiet (kultivari) imkabbra mill-*Pyrus communis* L. li jitfornow friski lill-konsumatur, eskluži l-lanġas għall-ipproċessar industrijali.

▼M15

II. **DISPOŻIZZJONIJIET DWAR IL-KWALITÀ**

L-għan tal-istandard huwa li jiġu ddefiniti r-rekwiżiti tal-kwalità tal-lanġas, wara l-preparazzjoni u l-ippakkjar.

A. **Rekwiżiti minimi**

Fil-klassijiet kollha, skont id-dispożizzjonijiet speċjali għal kull klassi u t-tolleranzi permessi, il-lanġas għandhom ikunu:

— intatti

— f'kundizzjoni tajba; prodotti affettwati minn tranġit jew taħsir li jagħmluhom mhux tajbin għall-konsum huma esklużi

— nodfa, prattikament ħielsa minn kwalunkwe materjal barrani viżibbli

— prattikament ħielsa mill-organiżmi li jagħmlu l-ħsara

— ħielsa minn ħsara kkawżata mill-organiżimi li jagħmlu l-ħsara li taffettwa l-laħam

— ħielsa minn umdità esterna anormali

— ħielsa minn kwalunkwe riħa u/jew togħma barranija.

L-iżvilupp u l-kundizzjoni tal-lanġas għandhom ikunu tali li jippermettulhom:

— li komplu jsiru u jilħqu l-istat misjur meħtieġ skont il-karatteristiċi tal-varjetà

— li jifilħu għat-trasport u l-ġarr

— li jaslu fid-destinazzjoni f'kundizzjoni sodisfaċenti.

B. **Klassifikazzjoni**

Il-lanġas huma kklassifikati fi tlett klassijiet iddefiniti kif ġej:

(i) *Klassi "Extra"*

Il-lanġas f'din il-klassi għandhom ikunu ta' kwalità superjuri. L-għamla, id-daqs u l-lewn, għandhom ikunu karatteristiċi tal-varjetà u z-zokk għandu jkun intatt.

Il-laħam għandu jkun f'kundizzjoni perfetta, u l-qoxra ħielsa minn ħmura samranija raffa.

Għandhom ikunu ħielsa minn difetti ħlief għal difetti superfiċjali ħfief sakemm dawn ma jaffettwawx id-dehra ġenerali tal-frotta, il-kwalità, il-kwalità taż-żamma u l-preżentazzjoni fil-pakkett.

Il-lanġas ma għandhomx ikunu mrammla.

(ii) *Klassi I*

Il-lanġas ta' din il-klassi għandhom ikunu ta' kwalità tajba. L-għamla, id-daqs u l-lewn, għandhom ikunu karatteristiċi tal-varjetà ([1]).

([1]) Lista mhux eżawrijenti ta' varjetajiet ta' lanġas bi frott kbir u tas-sajf hija inkluża fl-Anness għal dan l-istandard.

▼**M15**

Il-laħam għandu jkun f'kundizzjoni perfetta, u l-qoxra ħielsa minn ħmura samranija raffa.

Id-difetti ħfief li ġejjin jistgħu, madankollu, jiġu permessi, fuq frott individwali sakemm dawn ma jaffettwawx id-dehra ġenerali tal-prodott, il-kwalità, iż-żamma tal-kwalità u l-preżentazzjoni fil-pakkett:

— difett żgħir fil-forma

— difett żgħir fl-iżvilupp

— difetti żgħar fil-lewn

— difetti żgħar fil-qoxra li ma għandhomx ikunu aktar minn:

— 2 ċm fit-tul għal difetti ta' forma tawwalija

— 1 ċm^2 tal-erja totali tal-wiċċ għal difetti oħra, ħlief l-iskorċa (*Venturia pirina* u *V. inaequalis*), li ma għandhiex teċċedi 0.25 ċm^2 bħala erja totali

— brix ħafif li l-erja tiegħu ma teċċedix 1 ċm^2.

Iz-zokk jista' jkollu ħsara żgħira.

Il-lanġas ma għandhomx ikunu mrammla.

(iii) *Klassi II*

Din il-klassi tinkludi lanġas li ma jikkwalifikawx għall-inklużjoni fil-klassijiet ogħla, iżda li jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi msemmija hawn fuq.

Il-laħam għandu jkun ħieles minn difetti kbar.

Jistgħu jiġu permessi d-difetti li ġejjin sakemm il-lanġas iżommu l-karatteristiċi essenzjali tagħhom fir-rigward tal-kwalità, iż-żamma tal-kwalità u l-preżentazzjoni:

— difetti fil-forma

— difetti fl-iżvilupp

— difetti fil-lewn

— ftit ħmura samranija raffa,

— id-difetti tal-qoxra ma għandhomx ikunu akbar minn:

— 4 ċm fit-tul għal difetti ta' forma tawwalija

— 2.5 ċm^2 tal-erja totali tal-wiċċ għal difetti oħra, ħlief l-iskorċa (*Venturia pirina* u *V. inaequalis*), li ma għandhiex teċċedi aktar minn 1 ċm^2 bħala erja totali

— brix ħafif li l-erja tiegħu ma teċċedix 2 ċm^2.

▼M15

III. **DISPOŻIZZJONIJIET DWAR ID-DAQS**

Id-daqs huwa stabbilit skont id-dijametru massimu tat-taqsima ekwatorjali.

Daqs minimu huwa meħtieġ għal kull klassi kif ġej:

	"Extra"	Klassi I	Klassi II
Varjetajiet ta' frott kbir[2]	60 mm	55 mm	55 mm
Varjetajiet oħra	55 mm	50 mm	45 mm

Il-lanġas tas-sajf inklużi fl-anness għal dan l-istandard ma jeħtiġilhomx jissodisfaw d-daqs minimu.

Biex jiġi żgurat li jkun hemm uniformità tad-daqs fil-pakkett, id-differenza fid-dijametru bejn frott fl-istess pakkett għandha tkun ristretta għal:

— 5 mm għall-frott tal-Klassi "Extra" u għall-frott tal-Klassijiet I u II ippakkjat f'ringieli u f'safef

— 10 mm għall-frott tal-Klassi I ippakkjat sfuż fil-pakkett jew fil-pakketti għall-konsumatur.

Ma hemmx limitu tal-uniformità tad-daqs għall-frott tal-Klassi II ippakkjat sfuż fil-pakkett jew fil-pakketti għall-konsumatur.

IV. **DISPOŻIZZJONIJIET DWAR IT-TOLLERANZI**

It-tolleranzi fir-rigward tal-kwalità u d-daqs għandhom jiġu permessi f'kull lott għall-prodotti li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti tal-klassi indikata.

A. **Tolleranzi għall-kwalità**

(i) *Klassi "Extra"*

Hija permessa tolleranza totali ta' 5 %, skont l-għadd jew il-piż, tal-lanġas li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti tal-klassi, iżda li jilħqu dawk tal-Klassi I. Fi ħdan din it-tolleranza mhux aktar minn 0.5 % mit-total jista' jikkonsisti minn prodott li jissodisfa r-rekwiżiti tal-kwalità tal-Klassi II.

(ii) *Klassi I*

Hija permessa tolleranza totali ta' 10 %, skont l-għadd jew il-piż, tal-lanġas li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti tal-klassi iżda li jilħqu dawk tal-Klassi II. Fi ħdan din it-tolleranza mhux aktar minn 1 % mit-total jista' jikkonsisti minn prodott li la jissodisfa r-rekwiżiti tal-Klassi II u l-anqas ir-rekwiżiti minimi. Prodotti affettwati minn tranġit jew taħsir li jagħmluhom mhux tajbin għall-konsum huma esklużi. Lanġas mingħajr żokk ma humiex inklużi f'din it-tolleranza.

(iii) *Klassi II*

Hija permessa tolleranza totali ta' 10 %, skont l-għadd jew il-piż, tal-lanġas li la jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-klassi u lanqas ir-rekwiżiti minimi. Prodotti affettwati minn tranġit jew taħsir li jagħmluhom mhux tajbin għall-konsum huma esklużi.

▼**M15**

Fil-limiti ta' din it-tolleranza, huwa permess massimu ta' 2 % fl-għadd jew fil-piż tal-frott li juri d-difetti li gejjin:

— ħsara ħafifa jew xquq li ma fiqux

— traċċi żgħar ħafna ta' taħsir

— il-preżenza ta' organiżmi li jagħmlu l-ħsara fuq l-intern u/jew ħsara fil-laħam ikkawżata minn organiżmi li jagħmlu l-ħsara.

B. **Tolleranzi għad-daqs**

Għall-klassijiet kollha:

(a) għal frott li huwa soġġett għar-regoli tal-uniformità, 10 %, skont l-għadd jew il-piż, tal-frott li jikkorrispondi għad-daqs immedjatament aktar jew inqas dak immarkat fuq il-pakkett, u għall-frott ikklassifikat fl-iżgħar grad hija permessa, varjazzjoni massima ta' 5 mm inqas mill-minimu;

(b) għal frott li mhuwiex soġġett għar-regoli tal-uniformità, 10 %, skont l-għadd jew il-piż, iżgħar mid-daqs minimu stipulat, b'varjazzjoni massima ta' 5 mm iżgħar mid-daqs minimu.

V. **DISPOŻIZZJONIJIET DWAR IL-PREŻENTAZZJONI**

A. **Uniformità**

Il-kontentut ta' kull pakkett għandu jkun uniformi u jkun fih biss lanġas tal-istess oriġini, varjetà, kwalità u daqs (jekk imkejlin) u misjurin l-istess.

Fil-każ tal-Klassi "Extra", l-uniformità tapplika wkoll għal-lewn.

Madankollu, taħlita ta' lanġas ta' varjetajiet distintivament differenti tista' tkun ippakkjata flimkien f'unità tal-bejgħ [1], sakemm dawn ikunu uniformi fil-kwalità u, għal kull varjetà konċernata, fl-oriġini.

Madankollu, il-parti tal-kontenut li tidher tal-ippakkjar għandha tkun rappreżentattiva tal-kontenut kollu.

B. **Ippakkjar**

Il-lanġas għandhom ikunu ppakkjati b'tali mod li l-prodotti jkunu protetti sew.

Il-materjali wżati ġewwa l-pakkett għandhom ikunu nodfa u ta' kwalità tali li jiġi evitat li ssir ħsara kemm fuq barra kif ukoll fuq ġewwa tal-prodotti. Jista' jsir użu ta' materjali, partikolarment il-karta jew it-timbri li juru l-ispeċifikazzjonijiet kummerċjali sakemm l-istampar jew it-tikkettar ikun sar b'linka jew kolla mhux tossika.

It-tikketti mwaħħlin individwalment mal-prodott għandhom ikunu tali li meta jitneħħew, la jħallu traċċi viżibbli ta' kolla u lanqas jikkaġunaw difetti fil-qoxra.

Il-pakketti ma għandu jkun fihom l-ebda materjal barrani.

[1] L-unità tal-bejgħ għandha tkun maħsuba biex tinxtara sħiħa.

▼M15

VI. **DISPOŻIZZJONIJIET DWAR L-IMMARKAR**

Kull pakkett ([1]) għandu juri d-dettalji li ġejjin b'ittri miġbura fuq l-istess naħa, immarkati leġġibbli u indellibbli, u viżibbli minn barra.

A. **Identifikazzjoni**

Min ippakkja u/jew min Bagħat/ġarr:

— L-isem u l-indirizz fiżiku (eż. it-triq/il-belt/ir-reġjun/il-kodiċi postali u jekk differenti mill-pajjiż tal-oriġini, il-pajjiż)

jew

— marka ta' kodiċi rrikonnoxxuta uffiċjalment mill-awtorità nazzjonali ([2]).

B. **Tip ta' prodott**

— "Langas" jekk il-kontenut ma jkunx jidher minn barra.

— Isem il-varjetà. Fil-każ ta' unitajiet għall-bejgħ li fihom taħlita ta' lanġas ta' varjetajiet differenti, l-ismijiet tal-varjetajiet differenti.

C. **Oriġini tal-prodott**

— Il-pajjiż tal-oriġni u, b'mod fakultattiv, id-distrett fejn tkabbru, jew isem in-nazzjon, ir-reġjun jew il-post lokali. Fil-każ ta' unitajiet għall-bejgħ li jkun fihom taħlita ta' lanġas ta' varjetajiet distintivament differenti ta' oriġini differenti, l-indikazzjoni ta' kull pajjiż tal-oriġini għandha tidher ħdejn isem il-varjetà konċernata.

D. **Speċifikazzjonijiet kummerċjali**

— Klassi

— Daqs jew, għal frott ippakkjat f'ringieli u safef, l-għadd ta' unitajiet. Jekk l-identifikazzjoni hija skont id-daqs, din għandha tiġi espressa:

(a) għal prodotti soġġetti għar-regoli tal-uniformità, skont id-dijametri minimi u massimi

(b) għal prodotti li mhumiex soġġetti għar-regoli tal-uniformità, skont id-dijametru tal-iżgħar frotta fil-pakkett segwita bi "u akbar" jew denominazzjoni ekwivalenti jew, fejn xieraq, id-dijametru tal-ikbar frotta fil-pakkett.

E. **Marka uffiċjali tal-kontroll (fakultattiva)**

Il-pakketti ma għandhomx għalfejn ikollhom id-dettalji msemmija fl-ewwel subparagrafu, meta ikun fihom pakketti għall-bejgħ li jidhru b'mod ċar minn barra u kollha jkun fihom dawn id-dettalji. Dawn il-pakketti ma għandhomx jinkludu indikazzjonijiet li jistgħu jiżgwidaw. Meta dawn il-pakketti jinġarru f'pelits, id-dettalji għandhom ikunu indikati f'nota li tkun f'post ovvju fuq tal-anqas żewġ naħat tal-palit.

([1]) L-unitajiet tal-pakketti tal-prodotti ppakkjati minn qabel għall-bejgħ direttament lill-konsumatur ma għandhomx ikunu soġġetti għal dawn id-dispożizzjonijiet tal-immarkar iżda għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti nazzjonali. Madankollu, l-immarkar imsemmi għandu f'kull każ ikun jidher fuq l-ippakkjar tat-trasport li jkun fih dawn l-unitajiet ta' pakketti.

([2]) Il-leġiżlazzjoni nazzjonali ta' għadd ta' pajjiżi teħtieġ id-dikjarazzjoni espliċita tal-isem u l-indirizz. Madankollu, fil-każ fejn tintuża marka ta' kodiċi, ir-referenza "min ippakkja u/jew min bagħat (jew taqsiriet ekwivalenti)" għandha tkun indikata b'rabta mill-qrib mal-marka tal-kodiċi, u qabel il-marka tal-kodiċi għandu jkun hemm il-kodiċi ISO 3166 (alpha) tal-pajjiż/żona tal-pajjiż li jagħraf, jekk mhuwiex il-pajjiż tal-oriġini.

▼**M15**

Appendiċi

Kriterji tad-daqs għal-lanġas

K = Varjetà ta' frott kbir

LS = Lanġas tas-sajf, li għalihom mhux meħtieġ daqs minimu.

Lista mhux eżawrjenti ta' varjetarjiet ta' lanġas ta' frotta kbira u tas-sajf

Frott żgħir u varjetajiet oħra li ma jidhrux fil-lista jistgħu jiġu kkummerċjalizzati sakemm jissodisfaw ir-rekwiżiti tad-daqs għal varjetajiet oħrajn kif deskritti fit-Taqsima III tal-istandard.

Uħud mill-varjetajiet elenkati fil-lista li ġejja jistgħu jiġu kkummerċjalizzati b'ismijiet li għalihom intalbet jew inkisbet protezzjoni tat-trademark f'pajjiż jew aktar. L-ewwel u t-tieni kolonna tat-tabella ta' hawn taħt ma humiex intiżi li jinkludu dawn l-ismijiet kummerċjali. Referenzi għal trademarks magħrufa ġew inklużi fit-tielet kolonna għal skopijiet ta' tagħrif biss.

Varjetà	Sinonimi	Isem kummerċjali	Daqs
Abbé Fétel	Abate Fetel		K
Abugo o Siete en Boca			LS
Aka			LS
Alka			K
Alsa			K
Amfora			K
Alexandrine Douillard			K
Bergamotten			LS
Beurré Alexandre Lucas	Lucas		K
Beurré Bosc	Bosc, Beurré d'Apremont, Empereur Alexandre, Kaiser Alexander		K
Beurré Clairgeau			K
Beurré	Hardenpont		K
Beurré Giffard			LS
Beurré précoce Morettini	Morettini		LS
Blanca de Aranjuez	Agua de Aranjuez, Espadona, Blanquilla		LS
Carusella			LS
Castell	Castell de Verano		LS
Colorée de Juillet	Bunte Juli		LS
Comice rouge			K
Concorde			K
Condoula			LS
Coscia	Ercolini		LS
Curé	Curato, Pastoren, Del cura de Ouro, Espadon de invierno, Bella de Berry, Lombardia de Rioja, Batall de Campana		K
D'Anjou			K
Dita			K
D. Joaquina	Doyenné de Juillet		LS

▼**M15**

Varjetà	Sinonimi	Isem kummerċjali	Daqs
Doyenné d'hiver	Winterdechant		K
Doyenné du Comice	Comice, Vereinsdechant		K
Erika			K
Etrusca			LS
Flamingo			K
Forelle			K
Général Leclerc		Amber Grace™	K
Gentile			LS
Golden Russet Bosc			K
Grand champion			K
Harrow Delight			K
Jeanne d'Arc			K
Joséphine			K
Kieffer			K
Klapa Mīlule			K
Leonardeta	Mosqueruela, Margallon, Colorada de Alcanadre, Leonarda de Magallon		LS
Lombacad		Cascade®	K
Moscatella			LS
Mramornaja			K
Mustafabey			LS
Packham's Triumph	Williams d'Automne		K
Passe Crassane	Passa Crassana		K
Perita de San Juan			LS
Pérola			LS
Pitmaston	Williams Duchesse		K
Précoce de Trévoux	Trévoux		LS
Président Drouard			K
Rosemarie			K
Suvenirs			K
Santa Maria	Santa Maria Morettini		LS
Spadoncina	Agua de Verano, Agua de Agosto		LS
Taylors Gold			K
Triomphe de Vienne			K
Vasarine Sviestine			K
Williams Bon Chrétien	Bon Chrétien, Bartlett, Williams, Summer Bartlett		K

▼M8

PARTI 7: *L-ISTANDARD TAL-KUMMERĊJALIZZAZZJONI GĦALL-FRAWLI*

I. **DEFINIZZJONI TAL-PRODOTT**

Dan l-istandard ta' kwalità japplika għall-frawli ta' varjetajiet (insla mill-kultivazzjoni) imkabbra mill-ġenus *Fragaria* L. li għandu jitforna frisk lill-konsumatur, eskluż frawli intiż għall-ipproċessar industrijali.

II. **DISPOŻIZZJONIJIET RIGWARD IL-KWALITÀ**

L-għan tal-istandard huwa li jiġu ddefiniti r-rekwiżiti tal-kkwalità fejn jirrigwarda l-kwalità tal-frawli wara l-preparazzjoni u l-ippakkjar.

A. **Rekwiżiti minimi**

Fil-klassijiet kollha, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet speċjali għal kull klassi u t-tolleranzi permessi, il-frawli jrid ikun:

— intatt,

— f'saħħtu; prodotti affettwati mit-taħsir jew mid-deterjorament li ma jħalluhomx tajba għall-konsum huma esklużi,

— nadif, prattikament ħieles minn kwalunkwe materjal estranju viżibbli,

— friski fid-dehra, iżda mhux maħsula,

— prattikament ħieles mill-pesti,

— prattikament ħieles minn ħsara kkawżata mill-pesti,

— bil-berkun (ħlief fil-każ ta' frawli selvaġġ); il-berkun u z-zokk (jekk ikunu hemm) irid ikunu friski u ħodor,

— ħieles minn indewwa esterna annormali,

— ħieles minn kwalunkwe riħa u/jew togħma estranja.

Il-frawli jrid ikun inqata' bil-galbu.

Irid ikun żviluppat biżżejjed u juri sajran sodisfaċenti. L-iżvilupp u l-kundizzjoni jrid ikunu tali li jippermettulu:

— jiflaħ għat-trasport u l-maniġġ, u

— jasal f'kundizzjoni sodisfaċenti fil-post tad-destinazzjoni.

B. **Klassifika**

Il-frawli jiġi kklassifikat fi tliet klassijiet kif iddefiniti hawn taħt:

(i) *Il-Klassi 'Extra'*

Il-frawli ta' din il-klassi jrid ikun ta' kwalità superjuri. Irid ikun karatteristiku tal-varjetà.

Irid ikun ileqq fl-apparenza, u jippermetti l-karatteristiċi tal-varjetà.

Irid ikun ħieles mill-ħamrija.

Irid ikun ħieles minn difetti bl-eċċezzjoni ta' difetti superfiċjali ħfief sakemm dawn ma jkunux jaffettwaw id-dehra ġenerali tal-prodott, il-kwalità, il-kwalità taż-żamma u l-preżentazzjoni fil-pakkett.

▼**M8**

(ii) *Il-Klassi I*

Il-frawli f'din il-klassi jrid ikun ta' kwalità tajba. Fejn jidħol il-lewn u l-forma, irid ikun karatteristiku tal-varjetà.

Id-difetti żgħar segwenti, madankollu, jistgħu jiġu permessi sakemm ma jaffettwawx id-dehra ġenerali tal-prodott, il-kwalità, il-kwalità taż-żamma u l-preżentazzjoni fil-pakketti:

— difett żgħir fil-forma,

— roqgħa bajda, li ma teċċedix wieħed minn għaxra tal-erja tal-wiċċ tal-frotta,

— marki żgħar ta' tagħfis fil-wiċċ.

Irid ikun prattikament ħieles mill-ħamrija.

(iii) *Il-Klassi II*

Din il-klassi tinkludi l-frawli li ma jikkwalifikax għall-inklużjoni fil-klassijiet ogħla, iżda li jissodisfa r-rekwiżiti minimi msemmija hawn fuq.

Id-difetti segwent jistgħu jkunu permessi sakemm il-frawli jżomm il-karatteristiċi essenzjali tiegħu fir-rigward tal-kwalità, il-kwalità taż-żamma u l-preżentazzjoni:

— difetti fil-forma,

— roqgħa bajda li ma tkunx akbar minn wieħed minn ħamsa tal-erja tal-wiċċ tal-frotta,

— dbabar ħafif xott li mhux probabbli li jinfirex,

— traċċi żgħar ta' ħamrija.

III. **DISPOŻIZZJONIJIET RIGWARD ID-DAQS**

Id-daqs hu determinat mid-dijametru massimu tas-sezzjoni ekwatorjali.

Il-frawli jrid ikollu d-daqsijiet minimi li ġejjin:

— il-Klassi 'Extra' 25 mm,

— Klassijiet I u II: 18 mm.

Ma hemmx daqs minimu għall-frawli selvaġġ.

IV. **DISPOŻIZZJONIJIET RIGWARD IT-TOLLERANZI**

Tolleranzi rigward il-kwalità u d-daqs għandhom jiġu permessi f'kull pakkett tal-prodott li ma jissodisfax ir-rekwiżiti tal-klassi indikata,

A. **Tolleranzi għall-kwalità**

(i) *Il-Klassi 'Extra'*

5 % fl-għadd jew fil-piż tal-frawli li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti tal-klassi iżda li jissodisfaw dawk tal-Klassi I jew, eċċezzjonalment, dak li jkun fit-tolleranzi għal dik il-klassi. Minn dawn il-5 % mhux aktar minn total ta' 2 % jista' jikkonsisti minn frott imħassar.

▼M8

(ii) *Il-Klassi I*

10 % fl-għadd jew fil-piż tal-frawli li ma jissodisfax ir-rekwiżiti tal-klassi iżda li jissodisfaw dawk tal-Klassi II jew, eċċezzjonalment, dak li jkun fit-tolleranzi għal dik il-klassi. Minn dawn l-10 %, mhux aktar minn total ta' 2 % jista' jikkonsisti minn frott imħassar.

(iii) *Il-Klassi II*

10 % fl-għadd jew fil-piż tal-frawli li ma jissodisfax la r-rekwiżiti tal-klassi u lanqas ir-rekwiżiti minimi, ħlief prodotti affettwati mit-taħsir jew xi deterjorament ieħor li ma jħalluhx tajjeb għal konsum. Minn dawn l-10 %, mhux aktar minn total ta' 2 % jista' jikkonsisti minn frott imħassar.

B. **Tolleranzi tad-daqs**

Għall-klassijiet kollha: 10 % fl-għadd jew fil-piż tal-frawli li ma jikkonformax mad-daqs minimu.

V. **DISPOŻIZZJONIJIET RIGWARD IL-PREŻENTAZZJONI**

A. **L-uniformità**

Il-kontenut ta' kull pakkett irid ikun uniformi u jkun fih biss frawli tal-istess oriġini, varjetà u kwalità.

Fil-każ tal-Klassi 'Extra', il-frawli – bl-eċċezzjoni tal-frawli tal-bosk – irid ikun partikolarment uniformi u regolari fir-rigward tal-grad tas-sajran, lewn u daqs. Fil-Klassi I, il-frawli jistgħu jkunu anqas uniformi fid-daqs.

Il-parti viżibbli tal-kontenut tal-pakkett trid tirrappreżenta l-kontenut kollu.

B. **L-ippakkjar**

Il-frawli jrid ikun ippakkjat b'tali mod li l-prodott ikun protett kif xieraq.

Il-materjali użati ġewwa l-pakkett għandhom ikunu ġodda, nodfa u ta' tali kwalità li jevitaw li jikkawżaw kwalunkwe ħsara barra u ġewwa l-prodott. L-użu ta' materjali, speċjalment karti jew timbri, li jkollhom l-ispeċifikazzjonijiet tad-ditta jitħalla biss jekk l-istampar u t-tikketta jsiru b'linka jew kolla li mhumiex tossiċi.

Il-frott tal-Klassi 'Extra' jrid ikun ippreżentat partikolarment tajjeb.

Il-pakketti ma jridx ikun fihom materjal ieħor estranju.

Stikers imwaħħla individwalment fuq il-prodott għandhom ikunu tali li, meta jitneħħew, la jħallu traċċi viżibbli ta' kolla u lanqas iwasslu għal difetti fil-qoxra.

VI. **DISPOŻIZZJONIJIET RIGWARD L-IMMARKAR**

Kull pakkett irid ikollu fuqu dawn id-dettalji li ġejjin, b'ittri miġbura fuq l-istess naħa, leġġibbli u indelibbli, u viżibbli minn barra:

A. **L-identifikazzjoni**

Isem u indirizz il-pakkjatur u/jew il-ispeditur.

Dan it-tagħrif jista' jinbidel:

— għall-pakketti kollha bl-eċċezzjoni ta' dawk ippakkjati minn qabel, permezz tal-marka ta' kodiċi maħruġa u aċċettata uffiċjalment li tirrappreżenta lill-pakkjatur u/jew lill-ispeditur, indikat b'rabta qariba mar-referenza 'Pakkjatur u/jew Speditur' (jew taqsiriet ekwivalenti);

▼M8

— għal pakketti ppakkjati minn qabel biss, bl-isem u l-indirizz ta' bejjiegħ stabbilit fil-Komunità indikat b'rabta qariba mal-avviż 'Ippakkjat għal:' jew avviż ekwivalenti. jew referenza ekwivalenti. F'dan il-każ, it-tikkettjar għandu jinkludi wkoll kodiċi li jirrappreżenta lill-pakkjatur u/jew lill-ispeditur. Il-bejjiegħ għandu jagħti l-informazzjoni kollha li organu ta' spezzjoni jikkunsidra neċessarja rigward it-tifsira ta' dan il-kodiċi.

B. **It-tip tal-prodott**

— 'Frawli', jekk il-kontenut tal-pakkett ma jkunx viżibbli minn barra.

— Isem il-varjetà (fakultattiv).

C. **L-orġini tal-prodott**

Il-pajjiż tal-oriġini u, b'mod fakultattiv, id-distrett fejn tkabbar jew isem il-post nazzjonali, reġjonali jew lokali.

D. **L-ispeċifikazzjonijiet kummerċjali**

— Il-klassi.

E. **Il-marka uffiċjali tal-kontroll (fakultattiva).**

Il-pakketti ma jeħtiġux li juru d-dettalji msemmija fl-ewwel subparagrafu, meta jkun fihom pakketti għall-bejgħ, ċarament viżibbli minn barra, u meta kollha jkunu juru dawn id-dettalji. Dawn il-pakketti għandhom ikunu ħielsa minn kwalunkwe indikazzjoni li tista' tiżgwida. Meta dawn il-pakketti jkunu fuq pelits, id-dettalji għandhom jingħataw f'notifika mqiegħda f'pożizzjoni ovvja fuq tal-anqas żewġ naħat tal-pelit.

PARTI 8: *L-ISTANDARD TAL-KUMMERĊJALIZZAZZJONI TAL-BŻAR ĦELU*

I. **DEFINIZZJONI TAL-PRODOTT**

Dan l-istandard japplika għal bżar ħelu ta' varjetajiet (insla mill-kultivazzjoni) imkabbrin mill-*Capsicum annuum* L. var. *annuum*, li għandu jitforna frisk lill-konsumatur, eskluż il-bżar ħelu intiż għall-ipproċessar industrijali.

Skont l-għamla tagħhom issir distinzjoni bejn erba' tipi kummerċjali:

— bżar ħelu tawwali (bil-ponta),

— bżar ħelu kwadru (mingħajr ponta),

— bżar ħelu kwadru li jkun ġej għall-ponta (parti ta' fuq għamla ta' labra tal-inxir),

— bżar ħelu ċatt (bżar tadami).

II. **DISPOŻIZZJONIJIET RIGWARD IL-KWALITÀ**

L-għan tal-istandard huwa li jiddefinixxi r-rekwiżiti tal-kwalità għall-bżar ħelu wara l-preparazzjoni u l-ippakkjar.

A. **Rekwiżiti minimi**

Fil-klassijiet kollha, bla ħsara għad-disposizzjonijiet speċjali għal kull klassi u għat-tolleranza permessa, il-bżar ħelu jrid ikun:

— intatt,

— f'saħħtu; prodotti affettwati mit-taħsir jew mid-deterjorament li ma jħalluhomx tajba għall-konsum huma esklużi,

— nadif, prattikament ħieles minn kwalunkwe materjal estranju viżibbli,

▼**M8**

— frisk fid-dehra,

— prattikament ħieles mill-pesti,

— prattikament ħieles minn ħsara kkawżata mill-pesti,

— żviluppat sew,

— ħieles mill-ħsarat ikkawżati mill-ġlata,

— ħieles minn ħsarat li ma jkunux fiequ,

— ħieles minn ħruq tax-xemx [ħlief għall l-ispeċifikazzjonijiet fil-Kapitolu B: Klassifikazzjoni, il-punt (ii)],

— bil-pedunkuli mwaħħla,

— ħieles minn indewwa esterna annormali,

— ħieles minn kwalunkwe riħa u/jew togħma estranja.

L-iżvilupp u l-kundizzjoni tal-bżar ħelu jrid ikunu tali li tippermettilu:

— jiflaħ għat-trasport u l-maniġġ, u

— jasal f'kundizzjoni sodisfaċenti fil-post tad-destinazzjoni.

B. **Klassifika**

Il-bżar ħelu huwa klassifikat f'żewġ klassijiet, iddefiniti hawn taħt:

(i) *Il-Klassi I*

Bżar ħelu f'din il-klassi jrid ikun ta' kwalità tajba. Irid ikun karatteristiku tal-varjetà u/jew tat-tip kummerċjali f'dak li jirrigwardja l-iżvilupp, il-forma u l-lewn b'kunsiderazzjoni xierqa tal-livell tas-sajran.

Irid ikun ukoll:

— sod,

— prattikament ħieles mit-tbajja'.

Il-pedunkulu jista' jkollu ħsara ħafifa jew jkun maqtugħ bil-berkun intatt.

(ii) *Il-Klassi II*

Din il-klassi tinkludi bżar ħelu li ma jikkwalifikax sabiex ikun inkluż fil-Klassi I iżda jissodisfa r-rekwiżiti minimi speċifikati hawn fuq.

Id-difetti segwent jistgħu jkunu permessi sakemm il-bżar iżomm il-karatteristiċi essenzjali tiegħu fir-rigward tal-kwalità, il-kwalità taż-żamma u l-preżentazzjoni:

— difetti fil-forma u l-iżvilupp,

— ħruq mix-xemx jew ħsarat żgħar li jkunu fiequ, b'limitu ta' 2 cm fit-tul tad-difetti tal-forma tawwalija, u 1 cm^2 tal-erja tat-total għal difetti oħra,

— xquq irqaq xotti superfiċjali li ma jeċċedux il-tul kumplessiv kumulattiv ta' 3 cm.

Jistgħu jkunu anqas iebsa mingħajr ma jidbielu.

Il-pedunkulu jista' jkollu ħsara jew ikun maqtugħ.

▼M8

III. **DISPOŻIZZJONIJIET RIGWARD ID-DAQS**

Il-qies huwa ddeterminat bid-dijametru tal-ispalla (wisa') tal-bżar ħelu. Fil-każ ta' bżar ħelu ċatt (bżar tadami) it-terminu 'wisa' jfisser id-dijametru ekwatorjali massimu.

Għal bżar ħelu li jkun tkejjel, id-differenza fid-dijametru bejn l-akbar u l-iżgħar bżar ħelu fl-istess pakkett ma jistax jeċċedi l-20 mm.

Il-wisa' tal-bżar ħelu ma jistax ikun anqas minn:

— bżar ħelu tawwali (bil-ponta): 20 mm

— bżar ħelu kwadru (ċatt) u bżar ħelu kwardu li jkun ġej għal ponta (parti ta' fuq f'għamla ta' labra tal-inxir): 40 mm

— bżar ħelu ċatt (bżar tadami): 55 mm

It-tkejjil ma huwiex obbligatorju għall-Klassi II, bla ħsara għal qisien minimi.

Ir-rekwiżiti ta' daqs ma għandhomx japplikaw għal prodotti fiċ-ċokon ([1]).

IV. **DISPOŻIZZJONIJIET RIGWARD IT-TOLLERANZI**

Tolleranzi rigward il-kwalità u d-daqs għandhom jiġu permessi f'kull pakkett tal-prodott li ma jissodisfax ir-rekwiżiti tal-klassi indikata,

A. **Tolleranzi għall-kwalità**

(i) *Il-Klassi I*

10 % fl-għadd jew fil-piż tal-bżar ħelu li ma jissodisfax ir-rekwiżiti tal-klassi, iżda li jissodisfa dawk tal-Klassi II jew, eċċezzjonalment, dak li jkun fit-tolleranzi għal dik il-klassi.

(ii) *Il-Klassi II*

10 % fl-għadd jew fil-piż tal-bżar ħelu li ma jissodisfax la r-rekwiżiti tal-klassi u lanqas ir-rekwiżiti minimi, ħlief prodotti affettwati mit-taħsir jew xi deterjorament ieħor li ma jħalluhx tajjeb għal konsum.

B. **Tolleranzi tad-daqs**

(i) *Il-Klassi I*

10 % fl-għadd jew fil-piż tal-bżar ħelu li ma jkunx konformi mal-qisien identifikati fil-marġini ta' ± 5 mm inkluż mhux aktar minn 5 % tal-bżar ħelu anqas mid-daqs minimu kif stipulat.

(ii) *Il-Klassi II*

— *Bżar ħelu skont id-daqs*

10 % fl-għadd jew fil-piż tal-bżar ħelu li ma jkunx konformi mal-qisien identifikati fil-marġini ta' ± 5 mm inkluż mhux aktar minn 5 % tal-bżar ħelu anqas mid-daqs minimu kif stipulat.

— *Bżar ħelu mhux skont id-daqs*

5 % fl-għadd jew fil-piż ta' bżar ħelu sa 5 mm iżgħar mid-daqs minimu stipulat.

([1]) 'Prodotti fiċ-ċokon' tfisser varjetá jew nisel bil-kultivazzjoni tal-bżar ħelu, miksub bit-tgħammir ta' pjanti u/jew tekniki ta' kultivazzjoni speċjali, eskluż il-bżar ħelu ta' varjetajiet mhux fiċ-ċokon li ma jkunux żviluppaw totalment jew li jkunu ta' daqs inadegwat. Ir-rekwiżiti l-oħra kollha tal-istandard jeħtieġ li jitħarsu.

▼M8

V. DISPOŻIZZJONIJIET RIGWARD IL-PREŻENTAZZJONI

A. L-uniformità

Il-kontenut ta' kull pakkett irid ikunu uniformi u jkun fih bżar ħelu biss tal-istess oriġini, varjetà jew tip kummerċjali, kwalità, daqs (jekk ikun skont id-daqs) u, fil-każ tal-Klassi I, konsiderevolment tal-istess livell ta' sajran u lewn.

Madankollu, taħlita ta' bżar ħelu ta' lewn differenti jistgħu jiġu ppakkjati f'daqqa, jekk għandhom l-istess oriġini, kwalità, tip kummerċjali u daqs (jekk ikun skont id-daqs).

Pakketti ta' piż nett li ma jeċċedix kilo għall-konsumaturi, jista' jkun fihom taħlitiet ta' bżar ħelu ta' lwien differenti u/jew tipi kummerċjali, sakemm ikunu uniformi f'termini ta' kwalità, u għal kull lewn u/jew tip kummerċjali konċernat, fl-oriġini.

Fil-każ ta' prodotti skont id-daqs, il-bżar ħelu tawwali għandu jkun ta' uniformità suffiċjenti fit-tul.

Bżar ħelu fiċ-ċokon irid ikun raġonevolment ta' daqs uniformi. Dan jista' jkun imħallat ma' prodotti fiċ-ċokon oħrajn ta' tip u oriġini differenti.

Il-parti viżibbli tal-kontenut tal-pakkett trid tirrappreżenta l-kontenut kollu.

B. L-ippakkjar

Il-bżar ħelu jrid ikun ippakkjat b'tali mod li l-prodott ikun protett kif xieraq.

Il-materjali użati ġewwa l-pakkett għandhom ikunu ġodda, nodfa u ta' tali kwalità li jevitaw li jikkawżaw kwalunkwe ħsara barra u ġewwa l-prodott. L-użu ta' materjali, speċjalment karti jew timbri, li jkollhom l-ispeċifikazzjonijiet tad-ditta jitħalla biss jekk l-istampar u t-tikketta jsiru b'linka jew kolla li mhumiex tossiċi.

Il-pakketti ma jridx ikun fihom materjal estranju ieħor.

Stikers imwaħħla individwalment fuq il-prodott għandhom ikunu tali li, meta jitneħħew, la jħallu traċċi viżibbli ta' kolla u lanqas iwasslu għal difetti fil-qoxra.

VI. DISPOŻIZZJONIJIET RIGWARD L-IMMARKAR

Kull pakkett irid ikollu fuqu dawn id-dettalji li ġejjin, b'ittri miġbura fuq l-istess naħa, leġġibbli u indelibbli, u viżibbli minn barra:

A. L-identifikazzjoni

Isem u indirizz il-pakkjatur u/jew il-ispeditur.

Dan it-tagħrif jista' jinbidel:

— għall-pakketti kollha bl-eċċezzjoni ta' dawk ippakkjati minn qabel, permezz tal-marka ta' kodiċi maħruġa u aċċettata uffiċjalment li tirrappreżenta lill-pakkjatur u/jew lill-ispeditur, indikat b'rabta qariba mar-referenza ‘Pakkjatur u/jew Speditur’ (jew taqsiriet ekwivalenti);

▼M8

— għal pakketti ppakkjati minn qabel biss, bl-isem u l-indirizz ta' bejjiegħ stabbilit fil-Komunità indikat b'rabta qariba mal-avviż 'Ippakkjat għal:' jew avviż ekwivalenti. jew referenza ekwivalenti. F'dan il-każ, it-tikkettjar għandu jinkludi wkoll kodiċi li jirrappreżenta lill-pakkjatur u/jew lill-ispeditur. Il-bejjiegħ għandu jagħti l-informazzjoni kollha li organu ta' spezzjoni jikkunsidra neċessarja rigward it-tifsira ta' dan il-kodiċi.

B. **It-tip tal-prodott**

Jekk il-kontenut ma jkunx viżibbli minn barra:

— 'Bżar ħelu',

— il-lewn,

— it-tip kummerċjali ('tawwali', 'kwadrat mhux għall-ponta', 'kwadrat għall-ponta', 'ċatt') jew isem il-varjetà.

Fil-każ ta' pakketti jew pakketti għall-konsumatur li jkun fihom taħlita ta' lwien differenti u/jew tipi kummerċjali ta' bżar ħelu:

— 'Bżar imħallat', jew denominazzjoni ekwivalenti:

— jekk il-kontenut mhux viżibbli minn barra, l-ilwien u/jew it-tipi kummerċjali tal-bżar ħelu u l-għadd ta' kull wieħed mill-ilwien u/jew it-tipi kummerċjali kkonċernati.

C. **L-oriġini tal-prodott**

Il-pajjiż tal-oriġini u, b'mod fakultattiv, iż-żona fejn tkabbar jew isem il-post nazzjonali, reġjonali jew lokali.

Fil-każ ta' pakketti għall-konsumaturi li jkun fihom taħlita ta' bżar ħelu ta' lwien differenti u/jew tipi kummerċjali ta' oriġini differenti, l-indikazzjoni ta' kull pajjiż tal-oriġini jeħtieġilha tidher ħdejn isem il-lewn u/jew it-tip kummerċjali konċernat.

D. **L-ispeċifikazzjonijiet kummerċjali**

— Il-klassi

— Id-daqs (jekk ikun skont id-daqs) espress bħala dijametri minimi u massimi jew il-marka 'mhux skont id-daqs' fejn xieraq

— Fejn xieraq, 'Bżar ċkejken' ('Mini peppers' jew 'Baby peppers'), jew termini oħra xierqa għall-prodott fiċ-ċokon. Fejn diversi tipi ta' prodotti żgħar ikunu mħallta fl-istess pakkett, il-prodotti kollha u l-oriġini rispettivi tagħhom għandhom ikunu msemmija.

E. **Il-marka uffiċjali tal-kontroll (fakultattiva).**

Il-pakketti ma jeħtiġux li juru d-dettalji msemmija fl-ewwel subparagrafu, meta jkun fihom pakketti għall-bejgħ, ċarament viżibbli minn barra, u meta kollha jkunu juru dawn id-dettalji. Dawn il-pakketti għandhom ikunu ħielsa minn kwalunkwe indikazzjoni li tista' tiżgwida. Meta dawn il-pakketti jkunu fuq pelits, id-dettalji għandhom jingħataw f'notifika mqegħda f'pożizzjoni ovvja fuq tal-anqas żewġ naħat tal-pelit.

▼**M8**

PARTI 9: *L-ISTANDARD TAL-KUMMERĊJALIZZAZZJONI GĦALL-GĦENEB*

I. **DEFINIZZJONI TAL-PRODOTT**

Dan l-istandard japplika għall-għeneb tal-mejda tal-varjetajiet (insla mill-kultivazzjoni) imkabbar minn *Vitis vinifera* L. li jitforna frisk lill-konsumatur, eskluż l-għeneb tal-mejda intiż għall-ipproċessar industrijali.

II. **DISPOŻIZZJONIJIET RIGWARD IL-KWALITÀ**

L-għan ta' dan l-istandard huwa li jiddefinixxi r-rekwiżiti tal-kwalità għall-għeneb tal-mejda wara l-preparazzjoni u l-ippakkjar.

A. **Rekwiżiti minimi**

Fil-klassijiet kollha, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet speċjali għal kull klassi u t-tolleranzi permessi, l-għenieqed u l-għenbiet irid ikunu:

— f'saħħithom; prodotti affettwati mit-taħsir jew mid-deterjorament li ma jħalluhomx tajbin għall-konsum huma esklużi,

— nodfa, prattikament ħielsa minn kwalunkwe materjal estranju viżibbli,

— prattikament ħielsa mill-pesti,

— prattikament ħielsa minn ħsara kkawżata mill-pesti,

— ħielsa minn indewwa esterna annormali,

— ħielsa minn kwalunkwe riħa u/jew togħma estranja.

Barra minn hekk, l-għenbiet irid ikun:

— intatt,

— iffurmat tajjeb,

— żviluppat normali.

It-tilwin minħabba x-xemx ma jkunx difett.

L-għenieqed irid ikunu nqatgħu bil-galbu.

Il-meraq tal-għenbiet għandu jkollu indiċi refrattometriku tal-anqas:

— 12 º Brix għall-varjetajiet Alphonse Lavallée, Cardinal u Victoria,

— 13 º Brix għall-varjetajiet l-oħra kollha li għandhom iż-żerriegħa,

— 14 º Brix għall-varjetajiet kollha li m'għandhomx żerriegħa.

Barra minn dan, il-varjetajiet kollha jrid ikollhom livelli ta' proporzjon sodisfaċenti ta' zokkor/aċidità.

L-iżvilupp u l-kundizzjoni tal-għeneb tal-mejda jridu jkunu tali li jippermettulu:

— jiflaħ għat-trasport u l-maniġġ, u

— jasal f'kundizzjoni sodisfaċenti fil-post tad-destinazzjoni.

▼M8

B. **Klassifika**

L-għeneb tal-mejda jiġi kklassifikat fit-tliet klassijiet iddefiniti hawn taħt:

(i) *Il-Klassi 'Extra'*

L-għeneb tal-mejda f'din il-klassi għandu jkun ta' kwalità superjuri. Fil-forma, l-iżvilupp u l-lewn tal-għenieqed irid ikunu tipiċi tal-varjetà, skont id-distrett li fih ikunu tkabbru, u ma jridx ikollhom difetti. L-għenbiet irid ikunu sodi, imwaħħla sew, imqassma indaqs maz-zokk u jkollhom in-nwar tagħhom prattikament intatti.

(ii) *Il-Klassi I*

L-għeneb tal-mejda f'din il-klassi jrid ikun ta' kwalità tajba. Fil-forma, l-iżvilupp u l-lewn tal-għenieqed għandhom ikunu tipiċi tal-varjetà, skont id-distrett li fih ikunu tkabbru. L-għenbiet irid ikunu sodi, imwaħħla sew u, sa fejn hu possibbli, ikollhom in-nwar tagħhom prattikament intatt. Madankollu, jista' jkunu anqas imqassmin indaqs maz-zokk minn dawk tal-Klassi 'Extra'.

Madankollu, id-difetti segwenti jistgħu jiġu permessi, sakemm dawn ma jkunux jaffettwaw id-dehra ġenerali tal-prodott, il-kwalità, il-kwalità taż-żamma u l-preżentazzjoni fil-pakkett:

— difetti ħfief fil-forma,

— difetti żgħar fil-lewn,

— skorċa tax-xemx ħafifa ħafna li taffettwa biss il-qoxra.

(iii) *Il-Klassi II*

Din il-klassi tinkludi għeneb tal-mejda li ma jikkwalifikax għall-inklużjoni fil-klassijiet ogħla, iżda li jissodisfa r-rekwiżiti minimi msemmija hawn fuq.

L-għenieqed jista' jkollhom difetti żgħar fil-forma, l-iżvilupp u l-lewn, sakemm dawn ma jippreġudikawx il-karatteristiċi essenzjali tal-varjetà, skont id-distrett li fih ikunu tkabbru.

L-għenbiet irid jkunu suffiċjentement sodi u suffiċjentement imwaħħla, u, fejn possibbli, ikunu għadhom bin-nwar. Jistgħu jkunu anqas imqassmin indaqs maz-zokk minn dawk tal-Klassi I.

Id-difetti segwenti huma permessi sakemm l-għeneb tal-mejda jżomm il-karatteristiċi essenzjali tiegħu rigward il-kwalità, il-kwalità taż-żamma u l-preżentazzjoni:

— difetti fil-forma,

— difetti fit-tilwin,

— skorċa tax-xemx ħafifa li taffettwa biss il-qoxra,

— dbabar ħfief,

— difetti ħfief fil-qoxra.

▼M8

III. **DISPOŻIZZJONIJIET RIGWARD ID-DAQS**

Id-daqs huwa stabbilit skont il-piż tal-għanqud

Ir-rekwiżiti minimi ta' daqs għal kull għanqud huma definiti għall-għeneb tal-mejda mkabbar taħt il-ħġieġ u għeneb tal-mejda mkabbar fil-miftuħ, varjetajiet ta' għenba kbira jew għenba żgħira rispettivament.

	Għeneb tal-mejda mkabbar taħt il-ħġieġ (jekk indikat fuq it-tikketta)	Għeneb tal-mejda mkabbar fil-beraħ	
		Il-varjetajiet kollha ħlief varjetajiet ta' għenba żgħira elenkati fl-Appendiċi	Il-varjetajiet ta' għenba żgħira elenkati fl-Appendiċi
Klassi 'Extra'	300 g	200 g	150 g
Klassi I	250 g	150 g	100 g
Klassi II	150 g	100 g	75 g

IV. **DISPOŻIZZJONIJIET RIGWARD IT-TOLLERANZI**

Tolleranzi rigward il-kwalità u d-daqs għandhom jiġu permessi f'kull pakkett tal-prodott li ma jissodisfax ir-rekwiżiti tal-klassi indikata,

A. **Tolleranzi għall-kwalità**

(i) *Il-Klassi 'Extra'*

5 % fil-piż ta' għenieqed li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti tal-klassi, iżda li jissodisfaw dawk tal-Klassi I jew, eċċezzjonalment, li jkunu fit-tolleranzi għal dik il-klassi.

(ii) *Il-Klassi I*

10 % fil-piż ta' għenieqed li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti tal-klassi, iżda li jissodisfaw dawk tal-Klassi II jew, eċċezzjonalment, li jkunu fit-tolleranzi għal dik il-klassi.

(iii) *Il-Klassi II*

10 % fil-piż ta' għenieqed li la jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-klassi u lanqas ir-rekwiżiti minimi, bl-eċċezzjoni ta' prodotti affettwati b'taħsir jew xi deterjorament ieħor li ma jħalluhomx tajbin għall-konsum.

B. **Tolleranzi tad-daqs**

(i) *Il-Klassi 'Extra' u l-Klassi I*

10 % fil-piż tal-għenieqed li ma jissodisfax ir-rekwiżiti tad-daqs tal-klassi, iżda li jissodisfa dawk tal-klassi immedjatament inferjuri.

(ii) *Klassi II*

10 % fil-piż li ma jissodisfax ir-rekwiżiti tad-daqs tal-klassi iżda li jkun jiżen mhux anqas minn 75 g.

(iii) *Il-Klassi 'Extra' u l-Klassijiet I u II*

F'kull pakkett għall-konsumatur li ma jeċċedix il-1 kg f'piż nett, għenqud li jiżen anqas minn 75 g huwa permess li jaġġusta l-piż, sakemm l-għenqud jissodisfa r-rekwiżiti l-oħra kollha tal-klassi speċifikata.

▼M8

V. **DISPOŻIZZJONIJIET RIGWARD IL-PREŻENTAZZJONI**

A. **L-uniformità**

Il-kontenut ta' kull pakkett irid ikun uniformi u jkun fih biss għenieqed tal-istess oriġini, varjetà, kwalità u livell ta' sajran.

Fil-każ ta' għeneb ippakkjat f'pakketi żgħar għall-konsumatur, ta' piż net mhux akbar minn 1 kg, l-uniformità tal-varjetà u l-oriġni mhumiex meħtieġa.

Fil-każ tal-Klassi 'Extra', l-għenieqed irid bejn wieħed u ieħor ikunu tal-istess daqs u lewn.

L-inklużjoni f'kull pakkett ta' għenieqed ta' lewn differenti għal skopijiet dekorattivi għandhom ikunu permissibli fil-każ tal-varjetà Chasselas.

Il-parti viżibbli tal-kontenut tal-pakkett trid tirrappreżenta l-kontenut kollu.

B. **L-ippakkjar**

L-għeneb tal-mejda jrid ikun ippakkjat b'tali mod li l-prodott ikun imħares kif xieraq.

Fil-każ tal-Klassi 'Extra', l-għenieqed irid ikunu ppakkjati f'saff wieħed.

Il-materjali użati ġewwa l-pakkett għandhom ikunu ġodda, nodfa u ta' tali kwalità li jevitaw li jikkawżaw kwalunkwe ħsara barra u ġewwa l-prodott. L-użu ta' materjali, speċjalment karti jew timbri, li jkollhom l-ispeċifikazzjonijiet tad-ditta jitħalla biss jekk l-istampar u t-tikketta jsiru b'linka jew kolla li mhumiex tossiċi.

Il-pakketti ma jridx ikun fihom materjal estranju ieħor, għalkemm biċċa żarġun tad-dielja li ma jkunx itwal minn 5 ċm jista' jitħalla maz-zokk tal-għanqud bħala għamla ta' preżentazzjoni speċjali.

Stikers imwaħħla individwalment fuq il-prodott għandhom ikunu tali li, meta jitneħħew, la jħallu traċċi viżibbli ta' kolla u lanqas iwasslu għal difetti fil-qoxra.

VI. **DISPOŻIZZJONIJIET RIGWARD L-IMMARKAR**

Kull pakkett għandu juri d-dettalji li ġejjin b'ittri miġbura fuq l-istess naħa, immarkati b'mod leġġibbli u indellibbli, u viżibbli minn barra.

A. **L-identifikazzjoni**

Isem u indirizz il-pakkjatur u/jew il-ispeditur.

Dan it-tagħrif jista' jinbidel:

— għall-pakketti kollha bl-eċċezzjoni ta' dawk ippakkjati minn qabel, permezz tal-marka ta' kodiċi maħruġa u aċċettata uffiċjalment li tirrappreżenta lill-pakkjatur u/jew lill-ispeditur, indikat b'rabta qariba mar-referenza 'Pakkjatur u/jew Speditur' (jew taqsiriet ekwivalenti);

— għal pakketti ppakkjati minn qabel biss, bl-isem u l-indirizz ta' bejjiegħ stabbilit fil-Komunità indikati b'rabta qariba mal-avviż 'Ippakkjat għal:' jew avviż ekwivalenti. F'dan il-każ, it-tikkettjar għandu jinkludi wkoll kodiċi li jirrappreżenta lill-pakkjatur u/jew lill-ispeditur. Il-bejjiegħ għandu jagħti l-informazzjoni kollha li organu ta' spezzjoni jikkunsidra neċessarja rigward it-tifsira ta' dan il-kodiċi.

▼**M8**

B. **It-tip tal-prodott**

— ‘Għeneb tal-mejda’, jekk il-kontenut ma jkunx viżibbli minn barra,

— isem il-varjetà jew, fejn applikabbli, il-varjetatjiet,

— ‘taħt il-ħġieġ’, fejn applikabbli.

C. **L-oriġini tal-prodott**

Pajjiż (jew, fejn applikabbli, pajjiżi) tal-oriġini u, b'mod fakultattiv, id-distrett fejn imkabbar, jew isem il-post nazzjonali, reġjonali jew lokali.

D. **L-ispeċifikazzjonijiet kummerċjali**

— Il-Klassi.

E. **Il-marka uffiċjali tal-kontroll (fakultattiva).**

Il-pakketti ma jeħtiġux li juru d-dettalji msemmija fl-ewwel subparagrafu, meta jkun fihom pakketti għall-bejgħ, ċarament viżibbli minn barra, u meta kollha jkunu juru dawn id-dettalji. Dawn il-pakketti għandhom ikunu ħielsa minn kwalunkwe indikazzjoni li tista' tiżgwida. Meta dawn il-pakketti jkunu fuq pelits, id-dettalji għandhom jingħataw f'notifika mqegħda f'pożizzjoni ovvja fuq tal-anqas żewġ naħat tal-pelit.

▼**M8**

Appendiċi

Lista eżawrijenti tal-varjetajiet ta' għenba żgħira

Varjetà	Ismijiet oħra li bihom tkun magħrufa l-varjetà
Admirable de Courtiller	Admirable, Csiri Csuri
Albillo	Acerba, Albuela, Blanco Ribera, Cagalon
Angelo Pirovano	I. Pirovano 2
Annamaria	I. Ubizzoni 4
Baltali	
Beba	Beba de los Santos, Eva
Catalanesca	Catalanesa, Catalana, Uva Catalana
Chasselas blanc	Chasselas doré, Fendant, Franceset, Franceseta, Gutedel, Krachgutedel, White van der Laan
Chasselas rouge	Roter Gutedel
Chelva	Chelva de Cebreros, Guareña, Mantuo, Villanueva
Ciminnita	Cipro bianco
Clairette	Blanquette, Malvoisie, Uva de Jijona
Colombana bianca	Verdea, Colombana de Peccioli
Dehlro	
Delizia di Vaprio	I. Pirovano 46 A
Exalta	
Flame Seedless	Red Flame
Gros Vert	Abbondanza, St Jeannet, Trionfo dell'Esposizione, Verdal, Trionfo di Gerusalemme
Jaoumet	Madeleine de St Jacques, Saint Jacques
Madeleine	Angevine, Angevine Oberlin, Madeleine Angevine Oberlin, Republicain
Mireille	
Molinera	Besgano, Castiza, Molinera gorda
Moscato d'Adda	Muscat d'Adda
Moscato d'Amburgo	Black Muscat, Hambro, Hamburg, Hamburski Misket, Muscat d'Hambourg, Moscato Preto
Moscato di Terracina	Moscato di Maccarese
Œillade	Black Malvoisie, Cinsaut, Cinsault, Ottavianello, Sinso
Panse precoce	Bianco di Foster, Foster's white, Sicilien
Perla di Csaba	Càbski Biser, Julski muskat, Muscat Julius, Perle de Csaba
Perlaut	
Perlette	
Pizzutello bianco	Aetonychi aspro, Coretto, Cornichon blanc, Rish Baba, Sperone di gallo, Teta di vacca
Precoce de Malingre	
Primus	I. Pirovano 7
Prunesta	Bermestia nera, Pergola rossa, Pergolese di Tivoli

▼**M8**

Varjetà	Ismijiet oħra li bihom tkun magħrufa l-varjetà
Regina dei Vigneti	Königin der Weingärten, Muskat Szölöskertek Kizalyneja, Szölöskertek Kizalyneh, Rasaki ourgarias, Regina Villoz, Reina de las Viñas, Reine des Vignes, I. Mathiasz 140, Queen of the Vineyards
Servant	Servan, Servant di Spagna
Sideritis	Sidiritis
Sultanines	Bidaneh, Kishmich, Kis Mis, Sultan, Sultana, Sultani, Cekirdesksiz, Sultanina bianca, Sultaniye, Thompson Seedless u mutazzjonijiet
Valenci blanc	Valensi, Valency, Panse blanche
Valenci noir	Planta Mula, Rucial de Mula, Valenci negro
Yapincak	

▼**M15**

TAQSIMA 10: *L-ISTANDARD TAL-KUMMERĊJALIZZAZZJONI GĦAT-TADAM*

I. **DEFINIZZJONI TAL-PRODOTT**

Dan l-istandard japplika għal tadam ta' varjetajiet (kultivari) imkabbrin mill-*Lycopersicum esculentum Mill* li għandu jitforna frisk lill-konsumatur, eskluż it-tadam għall-ipproċessar industrijali.

It-tadam jista' jiġi kklassifikat f'erba' tipi kummerċjali:

— "tond"

— "ċatt (imfellel)"

— "bżenguli" jew "tawwali"

— tadam "cherry" (inkluż it-tadam tal-"cocktail")

II. **DISPOŻIZZJONIJIET DWAR IL-KWALITÀ**

Il-għan tal-istandard huwa li jiġu ddefiniti r-rekwiżiti tal-kwalità tat-tadam wara l-preparazzjoni u l-ippakkjar.

A. **Rekwiżiti minimi**

Fil-klassijiet kollha, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet speċjali għal kull klassi u t-tolleranzi permessi, it-tadam għandu jkun:

— intatt

— f'kundizzjoni tajba, prodotti affettwati mit-tranġit jew it-taħsir b'tali mod li jkunux tajbin għall-konsum huma eskluži

— nadif, prattikament ħieles minn kwalunkwe materjal barrani viżibbli

— frisk fid-dehra

— prattikament ħieles mill-organiżmi li jagħmlu l-ħsara

— ħieles minn ħsara kkawżata mill-organiżmi li jagħmlu l-ħsara li taffettwa l-laħam

— ħieles minn umdità esterna anormali

▼M15

— ħieles minn kwalunkwe riħa u/jew togħma barranija.

Fil-każ ta' tadam fl-għenieqed, iz-zkuk għandhom ikunu friski, f'kundizzjoni tajba, nodfa u ħielsa mill-weraq kollha u minn kull materjal barrani viżibbli.

L-iżvilupp u l-kundizzjoni tat-tadam għandhom ikunu tali li jippermettulu:

— li jiflaħ għat-trasport u l-ġarr

— li jasal fid-destinazzjoni f'kundizzjoni sodisfaċenti.

B. **Klassifikazzjoni**

It-tadam huwa kklassifikat fi tliet kategoriji kif iddefiniti hawn taħt:

(i) *Klassi "Extra"*

It-tadam ta' din il-klassi għandu jkun ta' kwalità superjuri. Għandu jkollu laħam sod u l-forma, id-dehra u l-iżvilupp għandhom ikunu karatteristiċi tal-varjetà.

Lewnu, skont l-istat misjur tiegħu, għandu jkun tali li jissodisfa r-rekwiżiti stipulati fl-aħħar subparagrafu tal-paragrafu A ta' hawn fuq.

Għandu jkun ħieles mid-dwawar ħodor u difetti oħra, għajr difetti superfiċjali ħfief ħafna, sakemm dawn ma jaffettwawx id-dehra ġenerali tal-prodott, il-kwalità, il-kwalità taż-żamma u l-preżentazzjoni fil-pakkett.

(ii) *Klassi I*

It-tadam ta' din il-klassi għandu jkun ta' kwalità tajba. Għandu jkun raġjonevolment sod u karatteristiku tal-varjetà.

Għandu jkun ħieles minn qsim u dwawar ħodor viżibbli. Id-difetti żgħar segwenti, madankollu, jistgħu jiġu permessi sakemm ma jaffettwawx id-dehra ġenerali tal-prodott, il-kwalità, il-kwalità taż-żamma u l-preżentazzjoni fil-pakkett:

— difett żgħir fil-forma

— difetti żgħar fil-lewn

— difetti żgħar fil-qoxra

— brix ħafif ħafna.

Barra minn hekk, it-tadam "ċatt (imfellel)" jista' jkollu:

— xquq li fiequ u mhux itwal minn 1 ċm

— mingħajr protuberanzi eċċessivi

— żokra żgħira iżda mingħajr tapp (niexef bħal sufra)

▼**M15**

— tapp (niexef bħal sufra) mal-istigma sa 1 ċm^2

— barxa fina tal-fjura f'għamla tawwalija (bħal ħjata), iżda mhux itwal minn żewġ terżi tal-akbar dijametru tal-frotta.

(iii) *Klassi II*

Din il-klassi tinkludi t-tadam li ma jikkwalifikax għall-inklużjoni fil-klassijiet ogħla, iżda li jissodisfa r-rekwiżiti minimi msemmija hawn fuq.

Għandu jkun raġjonevolment sod (iżda jista' jkun kemxejn anqas sod minn tal-Klassi I) u ma għandux juri xquq li ma għalqux.

Jistgħu jitħallew id-difetti li ġejjin, sakemm it-tadam iżomm il-karatteristiċi essenzali tiegħu rigward il-kwalità, iż-żamma tal-kwalità u l-preżentazzjoni:

— difetti fil-forma, fl-iżvilupp u l-lewn

— difetti jew brix fil-qoxra, sakemm il-frott ma jkunx affettwat serjament

— xquq imfejqa ta' mhux aktar minn 3 ċm tul għat-tadam tond, ċatt (imfellel) jew bżenguli.

Barra minn hekk, it-tadam "ċatt (imfellel)" jista' jkollu:

— protuberanzi iktar qawwija minn dawk permessi fil-Klassi I, imma mingħajr ma' jitilfu l-forma tagħhom

— żokra

— tapp (niexef bħal sufra) mal-istigma sa 2 ċm^2

— barxa fina tal-fjura f'għamla tawwalija (bħal ħjata).

III. **DISPOŻIZZJONIJIET DWAR ID-DAQS**

Id-daqs jiġi ddeterminat skont id-dijametru massimu tat-taqsima ekwatorjali, skont il-piż, jew skont l-għadd.

Id-dispożizzjonijiet li ġejjin ma għandhomx japplikaw għat-tadam fl-għenieqed, u huma fakultattivi għall-Klassi II.

Sabiex tiġi żgurata l-uniformità fid-daqs:

(a) Id-differenza massima fid-dijametru bejn it-tadam fl-istess pakkett ma għandhiex tkun aktar minn:

— 10 mm, jekk id-dijametru tal-iżgħar frotta (kif indikat fuq il-pakkett) ikun inqas minn 50 mm

— 15 mm, jekk id-dijametru tal-iżgħar frotta (kif indikat fuq il-pakkett) ikun ta' 50 mm u aktar iżda inqas minn 70 mm

— 20 mm, jekk id-dijametru tal-iżgħar frotta (kif indikat fuq il-pakkett) ikun ta' 70 mm u aktar iżda inqas minn 100 mm

— ma hemmx limitu għad-differenza fid-dijametru għal frott ta' 100 mm jew aktar.

▼**M15**

Fil-każ li jkunu applikati kodiċijiet għad-daqs, għandhom jintużaw il-kodiċijiet u l-firxiet fit-tabella li ġejja:

Kodiċi tad-daqs	Dijametru (mm)
0	≤ 20
1	> 20 ≤ 25
2	> 25 ≤ 30
3	> 30 ≤ 35
4	> 35 ≤ 40
5	> 40 ≤ 47
6	> 47 ≤ 57
7	> 57 ≤ 67
8	> 67 ≤ 82
9	> 82 ≤ 102
10	> 102

(b) Għal tadam imkejjel skont il-piż jew l-għadd, id-differenza fid-daqs għandha tkun konsistenti ma' (a).

IV. DISPOŻIZZJONIJIET DWAR IT-TOLLERANZI

It-tolleranzi fir-rigward tal-kwalità u d-daqs għandhom jiġu permessi f'kull lott għall-prodotti li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti tal-klassi indikata.

A. **Tolleranzi għall-kwalità**

(i) *Klassi "Extra"*

Hija permessa tolleranza totali ta' 5 %, skont l-għadd jew il-piż, ta' tadam li ma jissodisfax ir-rekwiżiti tal-klassi, iżda li jilħaq dawk tal-Klassi I. Fi ħdan din it-tolleranza mhux aktar minn 0.5 % mit-total jista' jikkonsisti minn prodotti li jissodisfaw r-rekwiżiti tal-kwalità tal-Klassi II.

(ii) *Klassi I*

Hija permessa tolleranza totali ta' 10 %, skont l-għadd jew il-piż, ta' tadam li ma jissodisfax ir-rekwiżiti tal-klassi iżda li jilħaq dawk tal-Klassi II. Fi ħdan din it-tolleranza mhux aktar minn 1 % mit-total jista' jikkonsisti minn prodotti li la jissodisfaw r-rekwiżiti tal-Klassi II u l-anqas ir-rekwiżiti minimi. Prodotti affettwati minn tranġit jew taħsir li jagħmluhom mhux tajbin għall-konsum huma eskluži. Fil-każ tal-għenieqed tat-tadam, 5 %, skont l-għadd jew il-piż, ta' tadam maqtugħ miz-zokk.

(iii) *Klassi II*

Hija permessa tolleranza totali ta' 10 %, skont l-għadd jew il-piż, ta' tadam li la jissodisfa ir-rekwiżiti tal-klassi u lanqas ir-rekwiżiti minimi. Prodotti affettwati minn tranġit jew taħsir li jagħmluhom mhux tajbin għall-konsum huma eskluži. Fil-każ tal-għenieqed tat-tadam, 10 %, skont l-għadd jew il-piż, ta' tadam maqtugħ miz-zokk.

▼M15

B. **Tolleranzi għad-daqs**

Għall-klassijiet kollha: 10 %, skont l-għadd jew il-piż, ta' tadam li d-daqs tiegħu huwa immedjatement akbar jew iżgħar minn dak speċifikat.

V. DISPOŻIZZJONIJIET DWAR IL-PREŻENTAZZJONI

A. **Uniformità**

Il-kontenut ta' kull pakkett irid ikun uniformi u jkollu fih biss tadam tal-istess oriġini, varjetà, jew tip kummerċjali, kwalità, u daqs (jekk ikun tkejjel).

L-istat imsajjar u l-lewn tat-tadam fil-Klassi "Extra" u l-Klassi I għandhom ikunu prattikament uniformi. Barra minn hekk, it-tul tat-tadam "bżenguli" għandu jkun uniformi biżżejjed.

Madankollu, tista' tkun ippakkjata flimkien f'unità tal-bejgħ taħlita ta' tadam ta' lewn, varjetajiet u/jew tipi kummerċjali distintivament differenti ([1]), sakemm dawn ikunu uniformi fil-kwalità u, għal kull lewn, varjetà u/jew tip kummerċjali konċernat, fl-oriġini.

Madankollu, il-parti tal-kontenut li tidher tal-pakkett għandha tkun rappreżentattiva tal-kontenut kollu.

B. **Ippakkjar**

It-tadam għandu jkun ippakkjat b'tali mod li l-prodotti jkunu protetti kif xieraq.

Il-materjali użati ġewwa l-pakkett għandhom ikunu nodfa u ta' kwalità tali li jiġi evitat li ssir ħsara kemm fuq barra kif ukoll fuq ġewwa tal-prodotti. L-użu ta' materjali, partikolarment tal-karta jew it-timbri li juru l-ispeċifikazzjonijiet kummerċjali huwa permess sakemm l-istampar jew it-tikkettar ikun sar b'linka jew kolla mhux tossika.

Il-pakketti ma għandu ikun fihom l-ebda materjal barrani.

VI. DISPOŻIZZJONIJIET DWAR L-IMMARKAR

Kull pakkett ([2]) għandu jkollu d-dettalji li ġejjin f'ittri miġbura fuq l-istess naħa, stampati leġibbli u indelibbli u viżibbli minn barra:

A. **Identifikazzjoni**

Min ippakkja u/jew min Bagħat/ġarr:

— L-isem u l-indirizz fiżiku (eż. it-triq/il-belt/ir-reġjun/il-kodiċi postali u jekk differenti mill-pajjiż tal-oriġini, il-pajjiż)

jew

— marka ta' kodiċi rrikonnoxxuta uffiċjalment mill-awtorità nazzjonali ([3]).

([1]) L-unità tal-bejgħ għandha tkun maħsuba biex tinxtara sħiħa.

([2]) "L-unitajiet tal-pakketti tal-prodott ippakkjati minn qabel għall-bejgħ direttament lill-konsumatur ma għandhomx ikunu soġġetti għal dawn id-dispożizzjonijiet tal-immarkar iżda għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti nazzjonali. Madankollu, l-immarkar imsemmi għandu f'kull każ ikun jidher fuq l-ippakkjar tat-trasport li jkun fih dawn l-unitajiet ta' pakketti".

([3]) Il-leġiżlazzjoni nazzjonali ta' għadd ta' pajjiżi teħtieġ id-dikjarazzjoni espliċita tal-isem u l-indirizz. Madankollu, fil-każ fejn tintuża marka ta' kodiċi, ir-referenza "min ippakkja u/jew min bagħat (jew taqsiriet ekwivalenti)" għandha tkun indikata b'rabta mill-qrib mal-marka tal-kodiċi, u qabel il-marka tal-kodiċi għandu jkun hemm il-kodiċi ISO 3166 (alpha) tal-pajjiż/żona tal-pajjiż li jagħraf, jekk mhuwiex il-pajjiż tal-oriġini.

▼M15

B. **Tip ta' prodott**

"Tadam" jew "għenieqed tat-tadam" u t-tip kummerċjali jekk il-kontenuti ma jkunux jidhru minn barra. Dawn id-dettalji dejjem għandhom ikunu pprovduti għat-tadam "cherry" (jew "cocktail"), kemm jekk f'għenieqed kif ukoll jekk le.

— "Taħlita ta' tadam", jew denominazzjoni ekwivalenti, fil-każ ta' unitajiet għall-bejgħ li jkun fihom taħlita ta' lwien, varjetajiet u/jew tipi kummerċjali ta' tadam distintivament differenti. Jekk il-prodotti ma jkunux jidhru minn barra, l-ilwien, il-varjetajiet jew it-tipi kummerċjali tal-unitajiet għall-bejgħ għandhom ikunu indikati.

— Isem il-varjetà (fakultattiv).

C. **Oriġini tal-prodott**

Il-pajjiż tal-oriġini u, b'mod fakultattiv, id-distrett fejn tkabbru, jew isem in-nazzjon, ir-reġjun jew il-post lokali.

Fil-każ ta' pakketti għall-bejgħ li jkun fihom taħlita ta' kuluri, varjetajiet u/jew tipi kummerċjali ta' tadam distintivament differenti, l-indikazzjoni ta' kull pajjiż tal-oriġini jeħtiġilha tidher ħdejn isem il-lewn, il-varjetà u/jew it-tip kummerċjali konċernati.

D. **Speċifikazzjonijiet kummerċjali**

— Klassi

— Id-daqs (jekk imkejjel), espress f'dijametri minimi u massimi.

E. **Marka uffiċjali tal-kontroll (fakultattiva)**

— Il-pakketti ma għandhomx għalfejn ikollhom id-dettalji msemmija fl-ewwel subparagrafu, meta ikun fihom pakketti għall-bejgħ li jidhru b'mod ċar minn barra u kollha jkun fihom dawn id-dettalji. Dawn il-pakketti ma għandhomx jinkludu indikazzjonijiet li jistgħu jiżgwidaw. Meta dawn il-pakketti jkunu fuq pelits, id-dettalji għandhom jingħataw f'nota; li tkun f'pożizzjoni ovvja fuq tal-anqas żewġ naħat tal-pelit.

▼**M8**

ANNESS II

XEMPJU MSEMMI FL-ARTIKOLU 11(1)

	Standard Komunitarju tal-kummerċjalizzazzjoni applikabbli għal frott u ħxejjex friski Nru (jekk approvat min-negozjant) (Stat Membru)

▼M8

ANNESS III

ĊERTIFIKAT TA' KONFORMITÀ MAL-ISTANDARDS KOMUNITARJI TAL-KUMMERĊJALIZZAZZJONI GHAL FROTT U HXEJJEX FRISKI MSEMMIJA FL-ARTIKOLI 11, 12 U 12A

<table>
<tr><td colspan="2">1. Negozjant</td><td colspan="3">Ċertifikat ta’ konformità mal-istandards Komunitarji tal-kummerċjalizzazzjoni applikabbli għal frott u ħxejjex friski

Nru ……

(Dan iċ-ċertifikat huwa esklussivament għall-użu tal-korpi ta’ spezzjoni)</td></tr>
<tr><td colspan="2" rowspan="2">2. Pakkjatur identifikat fuq il-pakkett (jekk mhuwiex il-kummerċjant)</td><td colspan="3">3. Organu ta’ spezzjoni</td></tr>
<tr><td colspan="2">4. Post ta’ spezzjoni / pajjiż tal-oriġini (1)</td><td>5. Reġjun jew pajjiż destinatarju</td></tr>
<tr><td colspan="3">6. Identifikatur tal-mezz tat-trasport</td><td colspan="2">7.

☐ intern

☐ importazzjoni

☐ esportazzjoni</td></tr>
<tr><td>8. Pakketti (għadd u tip)

-

-</td><td>9. Tip ta’ prodott (varjetà jekk l-istandard jispeċifika)</td><td>10. Klassi tal-kwalità</td><td colspan="2">11. Piż net totali f’kg</td></tr>
<tr><td colspan="5">12. Il-konsenja msemmija hawn fuq tikkonforma, fil-ħin tal-ħruġ, mal-istandards Komunitarji fis-seħħ tal-kummerċjalizzazzjoni.

.....

Uffiċċju doganali previst: ..... Post u data tal-ħruġ: .....

Validu sa (data): .....

Firmatarju (isem b’ittri majjuskoli): .....

Firma Timbru tal-awtorità kompetenti</td></tr>
<tr><td colspan="5">13. Osservazzjonijiet</td></tr>
</table>

(1) Meta l-oġġetti qed ikunu esportati mill-ġdid, indika l-oriġini fil-kaxxa 9.

▼B

ANNESS IV

PAJJIŻI LI L-VERIFIKI TA' KONFORMITÀ TAGĦHOM KIENU APPROVATI TAĦT L-ARTIKOLU 13

▼M8

———————

▼B

Pajjiż	Prodotti
L-Iżvizzera	Frott u ħxejjex friski minbarra frott taċ-ċitru
Il-Marokk	Frott u ħxejjex friski
L-Afrika ta' Isfel	Frott u ħxejjex friski
Iżrael	Frott u ħxejjex friski
L-Indja	Frott u ħxejjex friski
New Zealand	Tuffieħ, lanġas u frott tal-kiwi
Is-Senegal	Frott u ħxejjex friski
Il-Kenja	Frott u ħxejjex friski
It-Turkija	Frott u ħxejjex friski

▼M8

———————

———————

▼**M8**

ANNESS VI

Metodi ta' spezzjoni msemmija fl-Artikolu 20(1)

Kumment: il-metodi ta' spezzjoni li ġejjin jissejsu fuq id-dispożizzjonijiet ta' gwida għall-implimentazzjoni tal-kontroll ta' kwalità ta' frott u ħxejjex friski adottati mill-Iskema tal-OECD għall-Applikazzjoni tal-Istandards Internazzjonali għall-Frott u l-Ħxejjex.

1. **DEFINIZZJONIJIET**

1.1 Pakkett

Parti minn lott ippakkjata individwalment, inkluż kontenut sabiex jiffaċilita l-maniġġ u t-trasport ta' għadd ta' unitajiet għall-bejgħ jew ta' prodotti sfużi jew irranġati, sabiex jimpedixxu ħsara permezz ta' maniġġ fiżiku jew trasport. Kontenituri tat-triq, ferrovija, baħar u ajru mhumiex meqjusa bħala pakketti.

1.2 Pakketti tal-bejgħ

Parti minn lott ippakkjata individwalment, inkluż kontenut li jikkostitwixxi unità għall-bejgħ għall-utent aħħari jew konsumatur fil-punt tax-xiri.

1.2a Ippakkjar minn qabel

Pakketti ppakkjati minn qabel huma pakketti għall-bejgħ fejn l-ippakkjar ikun fih, kompletament jew parzjalment, l-oġġetti tal-ikel, iżda b'tali mod li l-kontenut ma jkunx jista' jitbiddel mingħajr il-ftuħ jew il-bdil tal-pakkett. Il-film protettiv li jkopri prodotti singoli mhux meqjus bħala ppakkjar minn qabel.

1.3 Kunsinna

Kwantità ta' prodott li għandu jinbiegħ minn negozjant partikolari li tinsab fil-mument tal-ispezzjoni u definita minn dokument. Kunsinna tista' tikkonsisti f'tip jew diversi tipi ta' prodotti; tista' tinkludi lott wieħed jew aktar ta' frottu u ħxejjex friski, niexfa jew imnixxfa.

1.4 Lott

Kwantità ta' prodott li, fil-mument tal-ispezzjoni f'post wieħed, għandha karatteristiċi simili fir-rigward ta':

— il-pakkjatur u/jew il-ispeditur

— il-pajjiż tal-oriġini

— it-tip tal-prodott

— il-klassi tal-prodott

— id-daqs (jekk il-prodott huwa gradat skont id-daqs)

— il-varjetà jew tip kummerċjali (skont id-dispożizzjonijiet relevanti tal-istandard)

— it-tip tal-ippakkjar u l-preżentazzjoni.

Madankollu, jekk matul il-kontroll tal-konformità tal-kunsinni (kif iddefinit fil-punt 1.3), ikun diffiċli li ssir distinzjoni bejn il-lottijiet differenti u/jew l-preżentazzjoni ta' lottijiet individwali ma tkunx possibbli, il-lottijiet kollha ta' kunsinna speċifika jista' jkunu trattati bħala lott wieħed jekk ikunu simili fir-rigward tat-tip tal-prodott, il-ispeditur, il-pajjiż tal-oriġini, il-klassi u l-varjetà jew it-tip kummerċjali, jekk dan ikun previst fl-istandard rilevanti tal-kummerċjalizzazzjoni.

▼**M8**

1.5 Kampjunar

Kampjuni kollettiv meħuda temporanjament minn lott waqt kontroll tal-konformità.

1.6 Kampjun primarju

Pakkett meħud mil-lott b'mod aleotorju, fil-każ ta' prodotti ppakkjati jew, fil-każ ta' prodotti bil-massa (tgħabija diretta f'vettura tat-trasport jew kompartiment tagħha), kwantità meħuda b'mod aleatorju minn punt fil-lott.

1.7 Kampjun ta' massa

Diversi kampjuni primarji preżunti li jirrappreżentaw il-lott sabiex il-kwantità totali tkun biżżejjed biex tippermetti l-valutazzjoni tal-lott fir-rigward tal-kriterji kollha.

1.8 Kampjun sekondarju

Kwantità ndaqs ta' prodotti meħuda b'mod aleotorju mill-kampjun primarju.

Fil-każ tal-ġewż ippakkjat, il-kampjun sekondarju għandu jiżen bejn it-300 g u l-1 kg. Jekk il-kampjun primarju jkun magħmul minn pakketti li fihom pakketti għall-bejgħ, il-kampjun sekondarju għandu jkunu pakkett għall-bejgħ wieħed jew aktar li flimkien jilħqu tal-anqas it-300 g.

Fil-każ tal-prodotti l-oħra ppakkjati, il-kampjun sekondarju għandu jkun fih 30 unità, fil-każ li l-piż net tal-pakkett ikun 25 kg jew anqas u l-pakkett ma jkunx fih kwalunkwe pakketti għall-bejgħ. F'ċerti każijiet dan ifisser li l-kontenut kollu tal-pakkett irid jiġi ċċekkjat, jekk il-kampjun primarju jkun fih aktar minn 30 unità.

1.9 Kampjun imħallat (prodotti niexfa u mnixxfa biss)

Kampjun imħallat huwa taħlita, li tiżen tal-anqas 3 kg, tal-kapmjuni sekondarji kollha meħudha mill-kampjun ta' massa. Il-prodotti f'kampjun imħallat għandu jkun mħallat indaqs.

1.10 Kampjun imnaqqas

Kwantità ta' prodott meħuda b'mod aleotorju mill-massa jew kampjun imħallat li d-daqs tiegħu jkun ristrett għall-kwantità minima neċessarja iżda biżżejjed biex jippermetti l-valutazzjoni ta' ċertu kriterji individwali.

Jekk il-metodu ta' spezzjoni jeqred il-prodott, il-qies tal-kampjun imnaqqas ma għandux jeċċedi l-10 % tal-kampjun ta' massa jew, fil-każ tal-ġewż bil-qoxra, 100 ġewża meħuda minn kampjun imħallat. Fil-każ tal-prodotti żgħar niexfa jew imnixxfa (jiġifieri 100 g jinkludu aktar minn 100 unità) il-kampjun imnaqqas ma għandux jaqbeż it-300 g.

Għall-valutazzjoni ta' kriterji tal-livell tal-iżvilupp u/jew is-sajran, il-kompożizzjoni tal-kampjunar għandha ssid skont il-metodi oġġettivi deskritti fil-Guidance on Objective Tests to Determine Quality of Fruit and Vegetables and Dry and Dried Produce (http://www.oecd.org/agr/fv).

Bosta kampjuni mnaqqsa jistgħu jittieħdu minn kampjun ta' massa jew imħallat sabiex tiġi ċċekkjata l-konformità tal-lott ma' kriterji differenti.

▼M8

2. **IMPLIMENTAZZJONI TAL-KONTROLLI TAL-KONFORMITÀ**

2.1 Kumment ġenerali

Kontroll tal-konformità għandu jsir permezz ta' valutazzjoni tal-kampjuni aleotorji minn punti differenti fil-lott li jkun jed jiġu kkontrollati. Huwa msejjes fuq il-prinċipju ta' preżunzjoni li l-kwalità tal-kampjuni hija rappreżentattiva tal-kwalità tal-lott.

2.2 Post tal-kontroll

Kontroll tal-konformità jista' jitwettaq matul l-operazzjoni tal-ippakkjar, fil-punt tal-ħruġ tal-kunsinna, matul it-trasport, fil-punt tal-wasla, fil-livell tal-bejgħ bl-ingrossa jew tal-bejgħ bl-imnut.

Fil-każijiet fejn il-korp tal-ispezzjoni ma jwettaqx il-kontroll tal-konformità fil-kwartieri tiegħu stess, il-proprejtarju għandu jipprovdi l-faċilitajiet li jippermettu t-twettiq ta' kontroll tal-konformità.

2.3 Identifikazzjoni ta' lottijiet u/jew formazzjoni ta' idea ġenerali tal-kunsinna

L-identifikazzjoni ta' lottijiet għandha titwettaq abbażi tal-immarkar tagħhom jew kriterji oħra, bħalma huma l-indikazzjonijiet stabbiliti skont id-Direttiva tal-Kunsill 89/396/KEE ([1]). Fil-każ ta' kunsinni magħmula minn diversi lottijiet huwa neċessarju li l-ispettur jieħu idea ġenerali tal-kunsinna bl-għajnuna tad-dokumenti jew dokumenti li jakkompanjawha u li jikkonċernaw il-kunsinni. Huwa mbagħad jiddetermina kemm il-lottijiet ippreżentati jikkonformaw mal-informazzjoni f'dawn id-dokumenti.

Jekk il-prodott ikun irid jitgħabba jew tgħabba fuq mezz tat-trasport, in-numru ta' reġistrazzjoni ta' dan tal-aħħar għandu jkun użat għall-identifikazzjoni tal-kunsinna.

2.4 Preżentazzjoni tal-prodott

L-ispettur għandu jiddeċiedi liema pakketti għandhom ikunu kkontrollati. Il-preżentazzjoni għandha ssir mill-operatur u għandha tinkludi l-preżentazzjoni tal-kampjun ta' massa kif ukoll il-forniment tal-informazzjoni kollha neċessarja għall-identifikazzjoni tal-konsinna jew lott.

Jekk ikunu meħtieġa kampjuni mnaqqsa jew sekondarji, dawn ikunu identifikati mill-ispettur innifsu mill-kampjun ta' massa.

2.5 Verifika fiżika

— Valutazzjoni tal-ippakkjar u l-preżentazzjoni:

L-ippakkjar, inkluż il-materjal użat fil-pakkett, għandu jkun ittestjat għal adegwatezza u indafa skont id-dispożizzjonijiet tal-istandard rilevanti tal-kummerċjalizzazzjoni. Dan għandu jsir abbażi tal-kampjuni primarji, fil-każ tal-prodott ippakkjat u fil-każijiet l-oħra kollha abbażi tal-vettura tat-trasport. Jekk ċerti tipi ta' pakketti biss ikunu permessi, l-ispettur jivverifika jekk dawn humiex qed ikunu użati.

— Verifika tal-immarkar:

L-ispettur għandu jiċċekkja jekk il-prodott hux immarkat kond l-istandard rilevanti tal-kummerċjalizzazzjoni. Dan għandu jinkludi kontrol tal-preċiżjoni tal-immarkar u/jew l-estent ta' kwalunkwe emendi meħtieġa.

Fil-każ tal-prodotti ppakkjati, dan għandu jitwettaq abbażi tal-kampjuni primarji, fil-każijiet l-oħra kollha abbażi tad-dokumenti mwaħħla fuq il-pelit jew mal-vettura tat-trasport.

([1]) ĠU L 186, 30.6.1989, p. 21.

▼**M8**

Frott u ħxejjex imkebba individwalment fil-plastik ma għandhomx jitqiesu bħala ikel ippakkjat minn qabel skont it-tifsira tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2000/13/KE u ma għandhomx neċessarjament ikunu mmarkati skont l-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni. F'dawn il-każijiet, it-tkebbib tal-plastik jista' jitqies bħala protezzjoni sempliċi ta' prodotti fraġli.

— Verifika tal-konformità tal-prodott:

L-ispettur għandu jiddetermina l-qies tal-kampjun ta' massa b'tali mod li jippermetti valutazzjoni tal-lot. Huwa għandu jagħżel b'mod aleotorju l-pakketti li għandhom ikunu spezzjonati jew, fil-każ ta' prodott ta' massa, il-punti tal-lott li minnhom għandhom jittieħdu kampjuni individwali.

Għandu jkun hemm l-attenzjoni meħtieġa sabiex jiġi żgurat li t-tneħħija ta' kampjuni ma tolqotx ħażin il-kwalità tal-prodott.

Pakketti bil-ħsara ma għandhomx jintużaw bħala parti minn kampjun ta' massa. Għandhom jitwarrbu u jistgħu, fejn meħtieġ, ikunu soġġetti għall-eżami u rapport separat.

Il-kampjun ta' massa għandu jkun kompost mill-kwantitajiet minimi segwenti kull meta lott ikun iddikjarat li mhux sodisfaċenti jew ir-riskju ta' prodott li ma jikkonformax mal-istandard tal-kummerċjalizzazzjoni jkun irid jiġi eżaminat:

Prodott ippakkjat	
Għadd ta' pakketti fil-lott	Għadd ta' pakketti li għandhom jittieħdu (kampjuni primarji)
Sa 100	5
Minn 101 sa 300	7
Minn 301 sa 500	9
Minn 501 sa 1 000	10
Aktar minn 1 000	15 (minimu)

Prodott bil-massa. (tgħabija diretta f'vettura tat-trasport jew f'kompartiment tagħha)	
Kwantità tal-lott f'kg jew għadd ta' munzelli fil-lott	Kwantità ta' kampjuni primarji f'kg jew għadd ta' munzelli
Sa 200	10
Minn 201 sa 500	20
Minn 501 sa 1 000	30
Minn 1 001 sa 5 000	60
Aktar minn 5 000	100 (minimu)

Fil-każ ta' frott u ħxejjex ta' massa (aktar minn 2 kg għal kull unità), il-kampjuni primarji għandhom ikunu magħmula minn tal-anqas ħames unitajiet. Fil-każ ta' lottijiet li jinvolvu anqas minn 5 pakketti jew jiżnu anqas minn 10 kg, il-kontroll għandu jkopri l-lott kollu.

▼M8

Jekk l-ispettur jiskopri, wara spezzjoni, li ma tistax tintlaħaq deċiżjoni, għandu jitwettaq kontroll fiżiku ieħor u r-riżultat kumplessiv ikun irrappurtat bħala l-medja taż-żewġ kontrolli.

2.6 Kontroll tal-prodott

Fil-każ tal-prodott ippakkjat, il-kampjun primarju għandu jintuża biex tiġi kkontrollata d-dehra tal-prodott, il-preżentazzjoni, l-indafa tal-pakketti u t-tikkettar. Fil-każijiet l-oħra kollha, dawn il-kontrolli għandhom jitwettqu abbażi tal-lott jew il-vettura tat-trasport.

Il-prodott għandu jitneħħa totalment mill-pakkett tiegħu għall-kontroll tal-konformità. L-ispettur jista jiddisponi minn dan fejn il-kampjun ikun ibbażat fuq kampjuni mħallta.

L-ispezzjoni tal-uniformità, ir-rekwiżiti minimi, il-klassijiet ta' kwalità u daqs għandhom jitwettqu abbażi ta' kampjun ta' massa, jew abbażi ta' kampjun imħallat fejn jitqies il-fuljet spjegattiv tal-Iskema tal-OECD għall-Applikazzjoni tal-Istandards Internazzjonali għall-Frott u l-Ħxejjex (http://www.oecd.org/agr/fv).

Fejn jiġu osservati difetti, l-ispettur għandu jaċċerta l-persentaġġ rispettiv tal-prodott mhux konformi mal-istandard b'għadd jew piż.

Id-difetti esterni għandhom jiġu kkontrollati abbażi tal-kampjun ta' massa jew imħallat. Ċertu kriterji dwar il-livell ta'żvilupp u/jew sajran jew dwar il-preżenza jew assenza ta' difetti interni jista' jkunu verifikati abbażi ta' kampjuni mnaqqsa. Il-kontroll ibbażat fuq kampjun imnaqqas huwa applikabbli partikolarment għal kontrolli li jeqirdu l-valur kummerċjali tal-prodott.

Il-kriterji tal-livell tal-iżvilupp u/jew is-sajran, għandhom jiġu kkontrollati bl-użu ta' strumenti u metodi stipulati għal dan il-għand fl-istandard rilevanti tal-kummerċjalizzazzjoni jew skont il-Guidance on Objective Tests to Determine Quality of Fruit and Vegetables and Dry and Dried Produce (http://www.oecd.org/agr/fv).

2.7 Rapport tar-riżultati tal-kontroll

Dokumenti msemmija fl-Artikolu 12a għandhom jinħarġu fejn xieraq.

Jekk jinstabu difetti li jwasslu għan-nuqqas ta' konformità, in-negozjant jew ir-rappreżentant tiegħu għandu jkun infurmat bil-miktub dwar dawn id-difetti u l-persentaġġ misjub kif ukoll bir-raġunijiet tan-nuqqas ta' konformità. Jekk il-konformità tal-prodott mal-istandard tkun possibbli permezz ta' bidla fl-immarkar, in-negozjant jew ir-rappreżentant tiegħu għandhom ikunu infurmati.

Jekk jinstabu difetti fi prodott, għandu jkun indikat il-persentaġġ misjub li ma jkunx konformi mal-istandard.

2.8 Tnaqqis fil-valur permezz tal-kontrolli tal-konformità

Wara l-kontroll tal-konformità, il-kampjun ta' massa/imħallat jitpoġġa għad-dispożizzjoni tal-operatur jew ir-rappreżentant tiegħu.

Il-organu ta' spezzjoni ma għandux ikun marbut li jagħti lura l-elementi tal-kampjun ta' massa/imħallat meqrud matul il-kontroll tal-konformità.

▼**M23**

ANNESS VIa

PRODOTTI PROĊESSATI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 52(2a)

Kategorija	Kodiċi NM	Deskrizzjoni
Meraq tal-frott	ex 2009	Meraq tal-frott, minbarra l-meraq tal-għeneb u l-għeneb magħsur tas-subintestaturi 2009 61 u 2009 69 u l-meraq tal-banana tas-subintestatura ex 2009 80 u l-meraq konċentrat, mhux fermentat u bla spirti miżjuda, kemm jekk ikun jew ma jkunx fih zokkor jew sustanzi ta' ħlewwa oħra miżjuda. Meraq tal-frott konċentrat huwa meraq tal-frott li jaqa' taħt l-intestatura ex 2009 li jitħejja permezz tat-tneħħija fiżika ta' mill-anqas 50 % tal-kontenut tal-ilma, f'pakketti ta' kontenut nett ta' mhux anqas minn 200 kg.
Kunserva tat-tadam	ex 2002 90 31 ex 2002 90 91	Kunserva tat-tadam b'kontenut ta' piż niexef ta' mhux anqas minn 28 % f'pakketti immedjati ta' kontenut nett ta' mhux anqas minn 200 kg.
Frott u ħxejjex friżati	ex 0710	Ħxejjex (mhux imsajra jew imsajra bil-fwar jew mgħollija fl-ilma) friżati, minbarra l-qamħirrun tas-subintestatura 0710 40 00, żebbuġ tas-subintestatura 0710 80 10 u frott tal-ġenus *Capsicum* jew tal-ġenus *Pimenta* tas-subintestatura 0710 80 59.
	ex 0811	Frott u lewż, mhux imsajra jew imsajra bil-fwar jew mgħollija fl-ilma, friżati, ma fihomx zokkor jew ħlewwiet oħra miżjuda, minbarra l-banana friżata li taqgħa taħt taħt is-subintestatura ex 0811 90 95.
	ex 2004	Ħxejjex oħra preparati jew preżervati b'mod ieħor milli bil-ħall jew bl-aċtu aċetiku, friżati, minbarra l-prodotti tal-intestatura 2006, minbarra l-qamħirrun (*Zea mays* var. *saccharata*) tas-subintestatura ex 2004 90 10, żebbuġ tas-sub intestatura ex 2004 90 30 u patata preparata jew preservata f'forma ta' tqiq, miżuna jew flejks, tas-subintestatura 2004 10 91
Frott u ħxejjex tal-bott	ex 2001	Ħxejjex, frott, lewż u partijiet oħra ta' pjanti tajbin għall-ikel, preparati jew preżervati permezz tal-ħall jew l-aċtu aċetiku, minbarra: — frott tal-ġenus *Capsicum* ħlief il-bżar ħelu jew il-pimenta tas-subintestatura 2001 90 20 — qamħirrun (*Zea mays* var. *saccharata*) tas-subintestatura 2001 90 30 — jam, patata ħelwa u partijiet ta' pjanti tajbin għall-ikel oħra simili li fihom 5 % jew iktar bħala piż ta' lamtu tas-subintestatura 2001 90 40 — qlub tal-palm tas-subintestatura 2001 90 60 — żebbuġ tas-subintestatura 2001 90 65 — weraq tad-dielja, rimja tal-ħops u partijiet ta' pjanti tajbin għall-ikel oħra simili tas-subintestatura ex 2001 90 97.
	ex 2002	Tadam preparat jew preżervat minbarra bil-ħall jew l-aċtu aċetiku ħlief għall-kunserva tat-tadam tas-subintestaturi ex 2002 90 31 u ex 2002 90 91 deskritti hawn fuq.

▼**M23**

Kategorija	Kodiċi NM	Deskrizzjoni
	ex 2005	Ħxejjex oħra preparati jew preżervati minbarra bil-ħall jew bl-aċtu aċetiku, mhux friżati, ħlief għall-prodotti tal-intestatura 2006 minbarra ż-żebbuġ tas-subintestatura 2005 70, il-qamħirrun (*Zea mays* var. *saccharata*) tas-subintestatura 2005 80 00, frott tal-ġenus *Capsicum* ħlief il-bżar ħelu jew il-pimenta tas-subintestatura 2005 99 10, u l-patata preparata jew preżervata f'forma ta' tqiq, miṫħuna jew flejks, tas-subintestatura 2005 20 10.
	ex 2008	Frott, lewż jew partijiet oħra ta' pjanti tajbin għall-ikel, preparati jew preżervati b'mod ieħor, kemm jekk fihom zokkor jew ħlewwiet oħra jew spirtu miżjuda jew le, mhux speċifikati jew inklużi x' imkien ieħor, minbarra: — butir tal-karawett tas-subintestatura 2008 11 10 — lewż preparat jew preżervat mod ieħor, kemm jekk biz-zokkor jew xi sustanzi oħra ta' ħlewwa miżjuda, mhux speċifikat jew inkluż x'imkien ieħor, tas-subintestatura ex 2008 19 — qlub tal-palm tas-subintestatura 2008 91 00 — qamħirrun tas-subintestatura 2008 99 85 — jam, patata ħelwa u partijiet ta' pjanti tajbin għall-ikel oħra simili li fihom 5 % jew iktar bħala piż ta' lamtu tas-subintestatura 2008 99 91 — weraq tad-dielja, rimja tal-ħops u partijiet ta' pjanti tajbin għall-ikel oħra simili li jaqgħu taħt is-subintestatura ex 2008 99 99 — taħlitiet ta' banana preparati jew preżervati b'mod ieħor tas-subintestaturi ex 2008 92 59, ex 2008 92 78, ex 2008 92 93 u ex 2008 92 98 — banana preparata jew preżervata b'mod ieħor tas-subintestaturi ex 2008 99 49, ex 2008 99 67 u ex 2008 99 99
Faqqiegħ tal-bott	2003 10	Faqqiegħ tal-ġens Agaricus, preparat jew preżervat b'mod ieħor milli bil-ħall jew bl-aċtu aċetiku.
Frott proviżor-jament priżervat fis-salmura	ex 0812	Frott u lewż preżervati proviżorjament fis-salmura, iżda li f'dak l-istat mhumiex tajbin għal konsum immedjat, minbarra l-banana preżervata proviżorjament li taqa' taħt is-subintestatura ex 0812 90 98.
Frott imnixxef	ex 0813	Frott niexef, minbarra dak tal-intestaturi 0801 sa 0806;
	0804 20 90	Tin imnixxef;
	0806 20	Għeneb imnixxef;
	ex 2008 19	- lewż ieħor preparat jew preżervat mod ieħor, kemm jekk biz-zokkor jew xi sustanzi oħra ta' ħlewwa miżjuda jew le, mhux speċifikat jew inkluż x'imkien ieħor, minbarra l-lewż tropikali u t-taħlitiet tiegħu.
Frott u ħxejjex oħra proċessati		Frott u ħxejjex proċessati elenkati fil-Part X tal-Anness 1 għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, differenti mill-prodotti elenkati fil-kategoriji ta' hawn fuq.

▼**M23**

Kategorija	Kodiċi NM	Deskrizzjoni
Ħwawar aromatiċi proċessati	ex 0910	Sagħtar imnixxef
	ex 1211	Ħabaq, melissa, nagħniegħ, l-origanum vulgare (origanu/-merdqux selvaġġ), klin, salvja, kemm jekk maqtugħa, imfarrka jew miṫuna.
Trab tal-paprika	ex 0904	Il-bżar tal-ġenus *Piper*; Frott tal-ġenus *Capsicum* jew tal-ġenus *Pimenta* mnixxef jew imfarrak jew miṫun eskluż il-bżar ħelu li jaqa' fis-subintestatura 0904 20 10.

▼B

ANNESS VII

STRUTTURA U KONTENUT TA' STRATEĠIJA NAZZJONALI GĦALL-PROGRAMMI TA' OPERAZZJONI SUSTENIBBLI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 57(1)

1. Dewmien ta' l-istrateġija nazzjonali

Għandu jkun indikat mill-Istat Membru.

2. Analiżi tas-sitwazzjoni fit-termini ta' punti tajbin u dawk dgħajfin u potenzjal għal żvilupp, l-istrateġija magħżula sabiex dawn jintlaħqu u l-ġustifikazzjoni tal-prijoritajiet magħżula.

(Artikoli 12(2)(a) u (b) tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007)

2.1. *Analiżi tas-sitwazzjoni*

Iddeskrivi s-sitwazzjoni attwali tas-settur tal-frott u ħxejjex permezz ta' data kwantifikata, filwaqt li tenfasizza l-punti tajbin u dawk dgħajfin, nuqqas ta' qbil, neċessitajiet u nuqqasijiet u potenzjal għal żvilupp fuq il-bażi ta' l-indikaturi bażiċi relevanti definiti fl-Anness XIV u ta' indikaturi addizzjonali relevanti oħra. Din id-deskrizzjoni għandha tikkonċerna mill-inqas:

— l-eżekuzzjonijiet tas-settur tal-frott u ħxejjex, inkluż xejriet ewlenin: punti tajbin u dawk dgħajfin tas-settur, inkluż skond termini ta' kompetitività, u l-potenzjal għal żvilupp ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi;

— l-effetti ambjentali (impatti/pressjonijiet u benefiċċji) tal-produzzjoni ta' frott u ħxejjex, inkluż xejriet ewlenin.

2.2. *L-istrateġija magħżula sabiex jintlaħqu l-punti tajbin u dawk dgħajfin*

Iddeskrivi l-oqsma ewlenin fejn l-intervenzjoni hija mistennija li ġġib l-valur massimu miżjud:

— relevanza ta' l-għanijiet stabbiliti għall-programmi ta' operazzjoni u ta' riżultati u għanijiet mistennija konnessi mal-bżonnijiet (ta' prijorità) identifikati, u l-estent li għalih jistgħu jkunu realistikament akkwistati;

— koerenza interna ta' l-istrateġija, u l-eżistenza ta' interazzjonijiet mutwalment riinforzanti u assenza ta' konflitti u kontradizzjonijiet possibbli bejn l-għanijiet ta' operazzjoni ta' l-azzjonijiet differenti magħżula;

— komplimentarità u konsistenza ta' l-azzjonijiet magħżula, u ma' azzjonijiet oħra nazzjonali/reġjonali, u b'mod partikolari ma' attivitajiet appoġġjati permezz ta' fondi tal-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari mal-miżuri ta' żvilupp rurali;

— riżultati u impatt mistennija rigward is-sitwazzjoni bażika, u l-kontribuzzjoni tagħhom lejn għanijiet tal-Komunità.

2.3. *Impatt mill-programmi ta' operazzjoni preċedenti (meta disponibbli)*

Iddeskrivi, fejn relevanti, l-impatt tal-programmi ta' operazzjoni implimentati fil-passat riċenti. Ippreżenta r-riżultati disponibbli fil-qosor.

▼B

3. Għanijiet tal-programmi u strumenti ta' operazzjoni, indikaturi ta' eżekuzzjoni

(Artikolu 12(2)(ċ) tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007)

Iddeskrivi t-tipi ta' azzjonijiet magħżula bħala eliġibbli għal appoġġ (lista mhux eżawrjenti) u indika liema huma l-għanijiet mixtieqa, l-għanijiet verifikabbli u l-indikaturi li jippermettu l-progress lejn il-ksib ta' għanijiet, effiċjenza u effettività li għandhom ikunu valutati.

3.1. *Rekwiżiti li jikkonċernaw it-tipi ta' azzjonijiet kollha jew diversi tipi ta' azzjonijiet*

Kriterji u regoli amministrativi adottati sabiex jiżguraw li ċertu azzjonijiet magħżula bħala eliġibbli għal appoġġ mhumiex appoġġjati wkoll minn strumenti relevanti oħra tal-politika komuni ta' agrikultura, u parti-kolarment mill-appoġġ għal żvilupp rurali.

Salvagwardji effettivi f'posthom, fl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 9(5) tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007, sabiex jipproteġu l-ambjent minn pressjonijiet miżjuda possibbli li ġejjin minn investimenti appoġġjati skond programmi ta' operazzjoni u kriterji adottati, fl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 12(1) ta' dak ir-Regolament, sabiex jiżguraw li investimenti fuq azzjonijiet individwali appoġġjati skond programmi ta' operazzjoni jirrispettaw l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 174 tat-Trattat u fis-Sitt Programm ta' Azzjoni Ambjentali Komunitarju.

3.2. *Informazzjoni speċifika mitluba għal tipi ta' azzjonijiet (li għandha tkun mimlija biss għat-tipi ta' azzjonijiet magħżula)*

L-informazzjoni speċifika li ġejja hija mitlubtalba għall-azzjonijiet kkunsidrati:

3.2.1. *Azzjonijiet immirati lejn l-ippjanar ta' produzzjoni (lista mhux eżawrjenti)*

3.2.1.1. Akkwist ta' assi fissi

— tipi ta' investimenti eliġibbli għal appoġġ (inkluż tip ta' assi fissi kkonċernati),

— forom oħra ta' akkwist eliġibbli għal appoġġ (e.ż., kiri) (inkluż tip ta' assi fissi kkonċernati),

— dettalji dwar kundizzjonijiet ta' eliġibiltà għal appoġġ.

3.2.1.2. Azzjonijiet oħra

— deskrizzjoni tat-tipi ta' azzjonijiet eliġibbli għal appoġġ,

— dettalji dwar kundizzjonijiet ta' eliġibiltà għal appoġġ.

3.2.2. *Azzjonijiet immirati sabiex itejbu jew iżommu l-kwalità ta' prodott (lista mhux eżawrjenti)*

3.2.2.1. Akwiżizzjoni ta' assi fissi

— tipi ta' investimenti eliġibbli għal appoġġ (inkluż tip ta' assi fissi kkonċernati),

— forom oħra ta' akkwist eliġibbli għal appoġġ (e.ż., kiri) (inkluż tip ta' assi fissi kkonċernati)

— dettalji dwar kundizzjonijiet ta' eliġibiltà għal appoġġ.

▼B

3.2.2.2. Azzjonijiet oħra

— deskrizzjoni tat-tipi ta' l-azzjonijiet eliġibbli għal appoġġ,

— dettalji dwar kundizzjonijiet ta' eliġibiltà għal appoġġ.

3.2.3. *Azzjonijiet immirati sabiex itejbu l-marketing (lista mhux eżawrjenti)*

3.2.3.1. Akkwist ta' assi fissi

— tipi ta' investimenti eliġibbli għal appoġġ (inkluż tip ta' assi fissi kkonċernati),

— forom oħra ta' akkwist eliġibbli għal appoġġ (e.ż., kiri) (inkluż tip ta' assi fissi kkonċernati)

— dettalji dwar kundizzjonijiet ta' eliġibiltà dwar appoġġ.

3.2.3.2. Tipi ta' azzjonijiet oħra jinkludu, attivitajiet ta' promozzjoni u kommunikazzjoni li ma jikkonċernawx l-prevenzjoni u l-ġestjoni ta' kriżijiet

— deskrizzjoni tat-tipi ta' azzjonijiet eliġibbli għal appoġġ,

— dettalji dwar kundizzjonijiet ta' eliġibiltà għal appoġġ.

3.2.4. *Riċerka u produzzjoni esperimentali (lista mhux eżawrjenti)*

3.2.4.1 Akkwist ta' assi fissi

— tipi ta' investimenti eliġibbli għal appoġġ (inkluż tip ta' assi fissi kkonċernati),

— forom oħra ta' akkwist eliġibbli għal appoġġ (e.ż., kiri) (inkluż tip ta' assi fissi kkonċernati),

— dettalji dwar kundizzjonijiet ta' eliġibiltà għal appoġġ.

3.2.4.2 Tipi oħra ta' azzjonijet

— deskrizzjoni tat-tipi ta' azzjonijiet eliġibbli għal appoġġ,

— dettalji dwar kundizzjonijiet eliġibbli għal appoġġ.

3.2.5. *Tipi ta' azzjonijiet ta' taħriġ (li ma jikkonċernawx l-prevenzjoni u l-ġestjoni ta' kriżijiet) u azzjonijiet immirati lejn il-promozzjoni ta' aċċess għal servizzi ta' konsultazzjoni (lista mhux eżawrjenti)*

— deskrizzjoni tat-tipi ta' azzjonijiet eliġibbli għal appoġg (inkluż tipi ta' taħriġ u/jew issues koperti mis-servizz ta' konsultanzzjoni),

— dettalji dwar il-kundizzjonijiet ta' eliġibiltà għal appoġġ.

3.2.6. *Miżuri tal-prevenzjoni u l-ġestjoni ta' kriżijiet*

— deskrizzjoni tat-tipi ta' azzjonijiet eliġibbli għal appoġġ,

— dettalji dwar kundizzjonijiet ta' eliġibiltà għal appoġġ.

▼B

3.2.7. *Tipi ta' azzjonijiet ambjentali (lista mhux eżawrjenti)*

— konferma li l-azzjonijiet ambjentali magħżula bħala eliġibbli għal appoġġ jirrispettaw ir-rekwiżiti stabbiliti fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 9(3) tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007,

— konferma li l-appoġġ għal azzjonijiet ambjentali eliġibbli jirrispetta r-rekwiżiti stabbiliti fir-raba' subparagrafi ta' l-Artikolu 9(3) tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007.

3.2.7.1. Akkwist ta' assi fissi

— tipi ta' investimenti eliġibbli għal appoġġ (inkluż tip ta' assi fissi kkonċernati),

— forom oħra ta' akkwist eliġibbli għal appoġġ (e.z., kiri) (inkluż tip ta' assi fissi kkonċernati)

— dettalji dwar kundizzjonijiet ta' eliġibilità għal appoġġ

3.2.7.2. Tipi ta' azzjonijiet oħra

— lista ta' l-azzjonijiet ambjentali eliġibbli għal appoġġ,

— deskrizzjoni tat-tipi ta' azzjonijiet eliġibbli għal appoġġ, inkluż l-impenn jew impenni speċifiċi li jinvolvu, il-ġustifikazzjoni tagħhom ibbażata fuq l-impatt ambjentali mistenni tagħhom fir-rigward ta' bżonnijiet u prioritajiet ambjentali;

— ammonti ta' appoġġ fejn relevanti;

— kriterji adottati għall-kalkolu ta' livelli ta' appoġġ.

3.2.8. *Tipi ta' azzjonijiet oħra (lista mhux eżawrjenti)*

3.2.8.1. Akkwist ta' assi fissi

— tipi ta' investimenti eliġibbli għal appoġġ (inkluż tip ta' assi fissi kkonċernati),

— forom oħra ta' akkwist eliġibbli għal appoġġ (e.z., kiri) (inkluż tip ta' assi fissi kkonċernati)

— dettalji dwar kundizzjonijiet ta' eliġibilità għal appoġġ.

3.2.8.2. Azzjonijiet oħra

— deskrizzjoni tat-tipi ta' azzjonijiet eliġibbli għal appoġġ,

— dettalji dwar il-kundizzjonijiet ta' eliġibiltà għal appoġġ.

4. Denominazzjoni ta' awtoritajiet kompetenti u korpi responsabbli

Denominazzjoni mill-Istat Membru ta' l-awtorità nazzjonali responsabbli għall-ġestjoni, monitoraġġ u evalwazzjoni ta' l-istrateġija nazzjonali.

5. Deskrizzjoni tas-sistemi ta' monitorġġ u evalwazzjoni

Dawn għandhom ikunu kostruwiti fuq il-bażi tal-lista komuni ta' indikaturi ta' prestazzjoni indikati fl-Anness XIV. Fejn ikkunsidrat appropriat, l-istrateġija nazzjonali għandha tispeċifika indikaturi addizzjonali li jirriflettu bżonnijiet nazzjonali u/jew reġjonali, kundizzjonijiet u għanijiet speċifiċi għall-programmi nazzjonali ta' operazzjoni.

▼B

5.1. *Valutazzjoni tal-programmi ta' operazzjoni u obbligazzjonijiet ta' rapportaġġ għal organizzazzjonijiet*

(Artikoli 12(2)(d) u (e) tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007)

Iddeskrivi r-rekwiżiti u proċeduri ta' monitoraġġ u evalwazzjoni fir-rigward ta' programmi ta' operazzjoni, inkluż l-obbligazzjonijiet ta' rapportaġġ għal organizzazzjonijiet tal-produtturi.

5.2. *Monitoraġġ u evalwazzjoni ta' l-istrateġija nazzjonali*

Iddeskrivi r-rekwiżiti u l-proċeduri ta' monitoraġġ u evalwazzjoni fir-rigward ta' l-istrateġija nazzjonali.

▼B

ANNESS VIII

LISTA TA' OPERAZZJONIJIET U SPEJJEŻ MHUX ELIĠIBBLI SKOND PROGRAMMI TA' OPERAZZJONI IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 61

1. Spejjeż ta' produzzjoni ġenerali u partikolarment; prodotti ta' protezzjoni ta' pjanti, inkluż materjali ta' kontroll integrat, fertilizzanti u inputs oħra; spejjeż ta' ppakkjar, spejjeż ta' ħażna, spejjeż ta' ppakkjar, anke bħala parti ta' proċessi ġodda, pejjeż ta' pakketti; spejjeż ta' kollezzjoni jew trasport (intern jew estern); spejjeż ta' operazzjoni (partikolarment elettriċità, fjuwil u manteniment), minbarra:

   — Spejjeż speċifiċi għal miżuri ta' titjib ta' kwalità. Fil-każijiet kollha ma għandhomx ikunu eliġibbli spejjeż għal miċelju, żrieragħ u pjanti mhux perenni (anke ċertifikati);

   — Spejjeż speċifiċi għal materjali ta' protezzjoni ta' pjanti organiċi (bħal feromoni u predaturi) kemm jekk użati fi produzzjoni organika, integrata jew konvenzjonali;

   — Spejjeż speċifiċi għall-azzjonijiet ambjentali, inkluż spejjeż ġenerati mill-ġestjoni ambjentali tal-pakketti. Il-ġestjoni ambjentali tal-pakkett għandu jkun ġustifikat b'mod xieraq u jimxi skond il-kriterji ta' l-Anness II tad-Direttiva 94/62/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ (ĠU L 365, 31.12.1994., p. 10);

   — Spejjeż speċifiċi għal produzzjoni organika, integrata jew sperimentali. L-awtorità kompetenti nazzjonali għandha tistabbilixxi l-kriterji ta' l-eliġibbiltà għal produzzjoni sperimentali li tikkunsidra n-novità tal-proċedura jew kunċett u r-riskju involut;

   — Spejjeż speċifiċi sabiex jiżguraw il-monitoraġġ ta' konformità ma' l-istandards imsemmija fit-Titolu II ta' dan ir-regolament, ma' regoli ta' saħħa tal-pjanti u ma' livell massimu ta' residwi.

   Spejjeż speċifiċi għandhom ifissru l-ispejjeż konvenzjonali, ikkalkulati bħala d-differenza bejn l-ispejjeż tradizzjonali u l-ispejjeż attwalment imġarrba.

   Għal kull kategorija ta' spejjeż speċifiċi eliġibbli imsemmija fuq, sabiex ikunu kkalkolati l-ispejjeż addizzjonali kumparati ma' dawk konvenzjonali, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu rati fissi standard b'mod ġustifikat b'mod xieraq.

2. Spejjeż amministrattivi u tal-persunal bl-eċċezzjoni ta' l-ispiża li tirrigwarda l-implimentazzjoni ta' fondi ta' operazzjoni u programmi ta' operazzjoni li għandhom jinkludu:

   (a) spejjeż speċifikament konnessi mal-fond ta' operazzjoni jew programm ta' operazzjoni, inkluż spejjeż ta' ġestjoni u ta' persunal, rapporti u studji ta' evalwazzjoni, u l-ispejjeż taż-żamma tal-kontijiet u l-ġestjoni tal-kontijiet, permezz tal-pagament ta' rata fissa standard daqs 2 % tal-fond ta' operazzjoni approvat u sa massimu ta' 180 000 EUR. It-2 % għandu jikkonsisti f'1 % ta' għajnuna Komunitarja flimkien ma' 1 % mill-organizzazzjoni tal-produtturi.

   Fil-każ ta' assoċjazzjoni rikonoxxuta ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi, ir-rata fissa standard tista' tkun immultiplikata minn numru ta' membri ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi ta' l-assoċjazzjoni, sa massimu ta' 1 250 000 EUR.

   L-Istati Membri jistgħu jirrestrinġu fond għall-ispejjeż reali, f'liema każ għandhom jiddefinixxu l-ispejjeż eliġibbli;

▼B

(b) spejjeż tal-persunal (inkluż charges konnessi ma' pagi, jekk dawn għandhom jitħallsu mill-organizzazzjoni tal-produtturi) li jirriżultaw minn miżuri:

(i) sabiex itejbu jew iżommu livell għoli ta' kwalità jew protezzjoni ambjentali;

(ii) sabiex itejbu l-livell tal-marketing.

L-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri għandhom essenzjalment jinvolvu l-użu ta' persunal kwalifikat. Jekk, f'dawn il-każijiet, l-organizzazzjoni tal-produtturi tuża l-impjegati tagħha stess jew produtturi membri, iż-żmien maħdum għandu jkun dokumentat.

Jekk Stat Membru jixtieq jipprovdi alternattiva għar-restrizzjoni tal-fond għal spejjeż reali, għall-ispejjeż ta' persunal eliġibbli imsemmija fuq, għandu jistabbilixxi, ex ante u b'mod ġustifikat b'mod xieraq, rati fissi standard sa massimu ta' 20 % tal-fond ta' operazzjoni approvat. Dan il-persentaġġ jista' jkun miżjud f'każijiet ġustifikati kif xieraq.

Sabiex jitolbu dawk ir-rati fissi standard, organizzazzjonijiet tal-produtturi għandhom jipprovdu prova ta' l-implimentazzjoni ta' l-azzjoni għas-sodisfazzjon ta' l-Istat Membru.

(ċ) spejjeż legali u amministrattivi ta' għaqdiet ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi jew l-akkwist tagħhom, kif ukoll spejjeż legali u amministrattivi li jirrigwardaw il-kreazzjoni ta' organizzazzjoni tal-produtturi transnazzjonali jew assoċjazzjonijiet transnazzjonali ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi; studji ta' probabilità u proposti kummissjonati minn organizzazzjonijiet tal-produtturi f'dan ir-rigward.

3. Supplimenti ta' dħul jew prezz barra mill-prevenzjoni u l-ġestjoni ta' kriżijiet

4. Spejjeż ta' assigurazzjoni minbarra l-prevenzjoni u l-ġestjoni ta' kriżijiet

5. Rimbors ta' self meħud għal operazzjoni mwettqa qabel il-bidu tal-programm ta' operazzjoni minbarra dawk imsemmija fl-Artikolu 75.

6. Xiri ta' proprjetà (li tiswa aktar minn 10 % ta' l-ispejjeż eliġibbli kollha fuq l-operazzjoni kkonċernata. F'każijiet eċċezzjonali u debitament ġustifikati, persentaġġ ogħla għandu jkun stabbilit għal operazzjonijiet li jikkonċernaw konservazzjoni ambjentali) mhux mibnija ħlief fejn xiri huwa neċessarju sabiex jitwettaq investiment eskluż fil-programm ta' operazzjoni.

7. Spejjeż ta' laqgħat u programmi ta' taħriġ ħlief fejn jirrigwardaw programm ta' operazzjoni, inkluż allowances ta' kuljum, spejjeż ta' trasport u akkomodazzjoni (fuq bażi ta' rata fissa fejn xieraq).

8. Operazzjonijiet jew spejjeż li jirrigwardaw l-kwantitajiet prodotti mill-membri ta' l-organizzazzjoni ta' produzzjoni barra mill-Komunità.

9. Operazzjonijiet li jistgħu jostakolaw kompetizzjoni fl-attivitajiet ekonomiċi l-oħra ta' l-organizzazzjoni tal-produtturi.

10. Tagħmir użat li kien mixtri permezz ta' għajnuna Komunitarja jew nazzjonali matul is-seba' snin preċedenti.

11. Investimenti f'mezzi ta' trasport li għandhom ikunu użati għal marketing jew distribuzzjoni mill-organizzazzjoni tal-produtturi minbarra facilitajiet addizzjonali fuq it-trakk għal trasport ta' ħażna bil-friża jew ta' atmosfera kkontrollata.

▼B

12. Kiri minbarra fejn ekonomikament iġġustifikat bħala alternattiva għal xiri għas-sodisfazzjon ta' l-Istat Membru.

13. Spejjeż ta' operazzjoni tal-provvisti mikrija.

14. Spejjeż konnessi ma' kuntratti ta' kiri (taxxi, interessi, spejjeż ta' assigurazzjoni, eċċ.) u spejjeż ta' operazzjoni minbarra l-kiri nnifsu fil-limiti tas-suq nett ta' l-oġġett u skond il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt (b) ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 55(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1974/2006 ([1]).

15. Promozzjoni ta' tikketti individwali kummerċjali jew li fihom referenzi ġeografiċi minbarra

— organizzazzjoni tal-produtturi, assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi u sussidjarji kif previsti fl-Artikoli 52(7) ditti/trademarks;

— promozzjoni ġenerika u promozzjoni ta' tikketti ta' kwalità. Ismijiet ġeografiċi huma permessi biss:

(a) jekk huma denominazzjoni protetta ta' oriġini jew indikazzjoni ġeografika protetta, koperti mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 ([2]), jew

(b) jekk, fil-każijiet kollha fejn il-disposizzjoni tal-punt (a) ma japplikax, dawn l-ismijiet ġeografiċi huma sekondarji għall-messaġġ prinċipali.

▼M10

Materjal promozzjonali għall-promozzjoni ġenerika u l-promozzjoni ta' tiketti tal-kwalità għandu jkollu l-emblema tal-Komunità Ewropea (fil-każ ta' midja viżwali biss) u jinkludi l-kliem li ġejjin: "Kampanja ffinanzjata bl-għajnuna tal-Komunità Ewropea". L-organizzazzjonijiet tal-produtturi, l-assoċjazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tal-produttir u dawk is-sussidjarji li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 52(7) ma għandhomx jużaw l-emblema tal-Komunità Ewropea fil-promozzjoni tal-marki/ditti tagħhom.

▼B

16. Subappalt jew l-għoti ta' kuntratti li jirrigwardaw l-operazzjonijiet jew spejjeż imsemmija bħala mhux eliġibbli f'din il-lista.

17. VAT minbarra VAT mhix rikoverabbli kif imsemmija fl-Artikolu 71(3)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005.

18. Interessi fuq dejn ħlief fejn il-kontribuzzjoni hija magħmula f'forma oħra li mhix assistenza diretta mhux ripagabbli.

19. Xiri ta' proprjetà ta' beni immobbli li kienet mixtrija permezz ta' għajnuna Komunitarja jew nazzjonali matul l-10 snin preċedenti

20. Investimenti f'azzjonijiet ta' kumpaniji jekk l-investiment jirrappreżenta investiment finanzjarju minbarra investimenti li jikkontribwixxu direttament għall-ksib ta' l-għanijiet tal-programm ta' operazzjoni.

21. Spejjeż imġarrba minn partijiet li mhumiex l-organizzazzjoni tal-produtturi jew il-membri tagħha.

22. Investimenti jew tipi ta' azzjonijiet simili mhux fuq l-azzjonijiet ta' l-organizzazzjoni tal-produtturi, assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi, sussidjarja kif imsemmija fl-Artikolu 52(7) jew il-membri tagħha.

23. Miżuri mogħtija mill-organizzazzjoni tal-produtturi barra mill-Komunità.

([1]) ĠU L 368, 23.12.2006, p. 15. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 434/2007 (ĠU L 104, 21.4.2007, p. 8).

([2]) ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.

▼B

ANNESS IX

REKWIŻITI MINIMI GĦALL-PRODOTTI RTIRATI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 77(2)

1. Il-prodotti għandhom ikunu:

   — sħaħ,

   — korretti; prodotti affettwati minn taħsir jew deterjorament li jagħmilhom mhux adattati għall-konsum huma esklużi,

   — nodfa, pratikament liberi minn kwalunkwe oġġetti barranin viżibbli,

   — pratikament liberi minn annimali jew insetti li jagħmlu l-ħsara u ħsara kkawżata minn annimali jew insetti li jagħmlu l-ħsara,

   — liberi minn umdità esterna abnormali,

   — liberi minn kwalunkwe togħma u/jew riħa barranija.

2. Prodotti għandhom ikunu suffiċjentament żviluppati u misjura, skond it-tip tagħhom.

3. Prodotti għandhom ikunu karatteristiċi tal-varjetà u/jew tip kummerċjali.

▼B

ANNESS X

AMMONTI MASSIMI TA' APPOĠĠ GHAL IRTIRAR MIS-SUQ KIF IMSEMMI FL-ARTIKOLU 80(1)

Prodott	Appoġġ massimu (EUR/100 kg)
Pastard	10,52
Tadam	7,25
Tuffieħ	13,22
Għeneb	12,03
Berquq	21,26
Nuċiprisk	19,56
Ħawħ	16,49
Lanġas	12,59
Brunġiel	5,96
Bettieħ	6,00
Dullieħ	6,00
Laringġ	21,00
Mandolin	19,50
Klementini	19,50
Satsumi	19,50
Lumi	19,50

▼**M23**

ANNESS XI

SPEJJEŻ TAT-TRASPORT SKONT ID-DISTRIBUZZJONI BLA HLAS IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 82(1)

Distanza bejn il-Post tal-irtirar u l-post tal-kunsinna	Spejjeż tat-trasport (EUR/tunnellata)
Inqas minn 25km	18,2
Minn 25km sa 200km	41,4
Minn 200km sa 350km	54,3
Minn 350km sa 500km	72,6
Minn 500km sa 750km	95,3
750km jew aktar	108,3

Suppliment għat-trasport refriġerat: EUR 8,5/t.

▼**M23**

ANNESS XII

PARTI A

SPEJJEŻ TAL-GĦAŻLA U L-IPPAKKJAR IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 83(1)

Prodott	Spejjeż tal-għażla u l-ippakkjar (EUR/tunnellata)
Tuffieħ	187,7
Langas	159,6
Larinġ	240,8
Klementin	296,6
Ħawħ	175,1
Nuċiprisk	205,8
Dulliegħ	167,0
Pastard	169,1
Prodotti oħra	201,1

PARTI B

DIKJARAZZJONI GĦALL-IPAKKJAR TAL-PRODOTTI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 83(2)

— Продукт, предназначен за безплатна дистрибуция (Регламент (ЕО) № 1580/2007)

— Producto destinado a su distribución gratuita [Reglamento (CE) nº 1580/2007]

— Produkt určený k bezplatné distribuci [nařízení (ES) č. 1580/2007]

— Produkt til gratis uddeling (forordning (EF) nr. 1580/2007)

— Zur kostenlosen Verteilung bestimmtes Erzeugnis (Verordnung (EG) Nr. 1580/2007)

— Tasuta jagamiseks mõeldud tooted [määrus (EÜ) nr 1580/2007]

— Προϊόν προοριζόμενο για δωρεάν διανομή [κανονισμός (ΕΚ) αριθ. 1580/2007]

— Product for free distribution (Regulation (EC) No 1580/2007)

— Produit destiné à la distribution gratuite [règlement (CE) nº 1580/2007]

— Prodotto destinato alla distribuzione gratuita [regolamento (CE) n. 1580/2007]

— Produkts paredzēts bezmaksas izplatīšanai [Regula (EK) Nr. 1580/2007]

— Produktas skirtas nemokamai distribucijai [Reglamentas (EB) Nr. 1580/2007]

— Ingyenes szétosztásra szánt termék (1580/2007/EK rendelet)

— Prodott destinat għad-distribuzzjoni bla ħlas [Regolament (KE) Nru. 1580/2007]

— Voor gratis uitreiking bestemd product (Verordening (EG) nr. 1580/2007)

— Produkt przeznaczony do bezpłatnej dystrybucji [Rozporządzenie (WE) nr 1580/2007]

— Produto destinado a distribuição gratuita [Regulamento (CE) n.º 1580/2007]

— Produs destinat distribuției gratuite [Regulamentul (CE) nr. 1580/2007]

— Výrobok určený na bezplatnú distribúciu [nariadenie (ES) č. 1580/2007]

▼**M23**

— Proizvod, namenjen za prosto razdelitev [Uredba (ES) št. 1580/2007]

— Ilmaisjakeluun tarkoitettu tuote (asetus (EY) N:o 1580/2007)

— Produkt för gratisutdelning (förordning (EG) nr 1580/2007)

▼B

ANNESS XIII

INFORMAZZJONI LI GĦANDHA TKUN ESKLUŻA FIR-RAPPORT ANNWALI KIF IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 99(3)

L-informazzjoni kollha għandha tkun dik li tirrigwarda s-sena li fiha sar ir-rapport. Din għandha tinkludi informazzjoni dwar l-ispiża mħallsa wara t-tmiem tas-sena li fiha sar ir-rapport. Din għandha tkopri informazzjoni dwar verifiki mwettqa u sanzjonijiet applikati fir-rigward ta' dik is-sena inkluż dawk imwettqa jew applikati wara dik is-sena. L-informazzjoni (li tvarja matul is-sena) għandha tkun dik valida fil-31 ta' Diċembru tas-sena li fiha jsir ir-rapport.

PART A – INFORMAZZJONI GĦAL ĠESTJONI TAS-SUQ

1. Informazzjoni amministrativa

▼M10

(a) Il-Leġiżlazzjoni Nazzjonali adottata sabiex timplimenta s-Sezzjoni IVa tal-Kapitolu IV tat-Titolu I u s-Sezzjoni IA tal-Kapitolu II tat-Titolu II tal-Parti II tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, inkluża l-istrateġija nazzjonali għal programmi operattivi sostenibbli applikabbli għall-programmi operattivi implimentati fis-sena li tkun qed tiġi rrapurtata.

▼B

(b) Il-punt ta' kuntatt ta' l-Istati Membri għall-komunikazzjonijiet.

(ċ) Informazzjoni dwar organizzazzjonijiet tal-produtturi u assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi u gruppi ta' produtturi:

— numru ta' kodiċi;

— isem u dettalji ta' kuntatt;

— data ta' rikonoxximent (rikonoxximent preliminari f'każ ta' gruppi ta' produtturi);

— l-entitajiet legali kollha jew partijiet definiti b'mod ċar ta' l-entitajiet legali involuti u s-sussidjarji kollha involuti;

— numru ta' membri (maqsum bejn produtturi u mhux produtturi). Bdil fis-sħubija matul is-sena;

— kopertura tal-prodott u deskrizzjoni tal-prodotti finali mibjugħa;

— bidliet fi strutturi matul is-sena, partikolarment: korpi rikonoxxuti jew iffurmati riċentement, irtirar u suspensjonijiet ta' rikonoxximenti, għaqdiet bid-dati ta' dawn l-avvenimenti.

d) Informazzjoni dwar organizzazzjonijiet interprofessjonali:

— isem ta' l-organizzazzjoni u dettalji ta' kuntatt;

— data ta' rikonoxximent;

— kopertura tal-prodott.

2. Informazzjoni rigward spejjeż

a) organizzazzjonijiet tal-produtturi. Data finanzjarja għal kull benefiċjarju (organizzazzjoni tal-produtturi jew assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi):

— Fond ta' operazzjoni. Ammont totali, kontribuzzjonijiet mill-Komunità, Stat Membru (assistenza nazzjonali) u organizzazzjoni tal-produtturi u membri;

▼B

— deskrizzjoni tal-livell ta' assistenza finanzjarja Komunitarja skond l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007;

— data finanzjarja tal-programm ta' operazzjoni, maqsuma bejn organizzazzjonijiet tal-produtturi u assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi;

— valur tal-produzzjoni mqiegħed fis-suq. Totali u maqsum f'entitajiet legali differenti li jikkomponu organizzazzjoni tal-produtturi jew assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi;

— spiża tal-programm ta' operazzjoni, maqsuma permezz ta' miżuri u tipi ta' azzjonijiet magħżula bħala eliġibbli għal appoġġ;

▼M10

— l-informazzjoni dwar il-volum tal-prodotti rtirati maqsuma bil-prodotti u xhur u bejn il-volumi totali rtirati mis-suq u l-volumi distribwiti bla ħlas, espressi f'tunnellati;

▼B

— lista ta' korpi approvati għall-finijiet ta' l-Artikolu 10(4)(a) u (b) tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007.

b) Gruppi ta' produtturi. Data finanzjarja għal kull benefiċjarju:

— ammont totali, kontribuzzjonijiet mill-Komunità, Stat Membru u grupp ta' produtturi u membri;

— deskrizzjoni ta' l-assistenza finanzjarja Komunitarja skond l-Artikolu 7(5) tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007 u kontribuzzjoni ta' Stat Membru, li turi totali parzjali ta' gruppi ta' produtturi fl-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-ħames sena tal-perjodu ta' transizzjoni;

— spejjeż fuq investimenti mitlubi sabiex jottjenu rikonoxximent skond l-Artikolu 7(3)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007 b'analiżi fuq il-kontribuzzjoni tal-Komunità, Stat Membru u grupp ta' produzzjoni;

— valur tal-produzzjoni mqiegħed fis-suq, b'totali parzjali għal gruppi ta' produzzjoni fl-ewwel, fit-tieni, fit-tielet, fir-raba' u fil-ħames sena tal-perjodu ta' transizzjoni.

3. Informazzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' l-istrateġija nazzjonali:

— deskrizzjoni tal-progress magħmul fl-implimentazzjoni ta' kull programm ta' operazzjoni, maqsuma bejn kull tip ta' miżura kif imsemmija fl-Artikolu 21(1)(f). Id-deskrizzjoni għandha tkun ibbażata fuq output finanzjarju u komuni u indikaturi ta' riżultat u tqassar l-informazzjoni provduta fir-rapporti ta' progress annwali trasmessi mill-organizzazzjonijiet tal-produtturi li jikkonċernaw programmi ta' operazzjoni;

— jekk l-Istat Membru qed japplika punt (c) tat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 43 tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007, l-għajnuna ta' l-istat ikkonċernata għandha tkun deskritta;

— taqsira tar-riżultati ta' l-evalwazzjonijiet finali tal-programmi ta' operazzjoni, kif trasmessi mill-organizzazzjonijiet tal-produtturi inkluż, fejn xieraq, valutazzjonijiet kwalitattivi tar-riżultati u impatt ta' azzjonijiet ambjentali mmirati lejn il-prevenzjoni ta' tgħawwir tal-ħamrija, tnaqqis fl-użu u/jew ġestjoni aħjar ta' prodotti ta' protezzjoni tal-pjanti, il-protezzjoni ta' ambjenti naturaliu biodiversità jew konservazzjoni tal-pajsaġġ;

▼B

— taqsira tal-problemi ewlenin li jinstabu fl-implimentazzjoni ta' l-istrateġija nazzjonali u l-ġestjoni tagħha u kwalunkwe miżura meħuda inkluża, fejn approprjat, indikazzjoni ta' jekk l-istrateġija nazzjonali kinitx aġġornata u r-raġuni ta' l-aġġornament. Kopja ta' l-istrateġija aġġornata għandha tkun annessa mar-rapport annwali.

— taqsira ta' l-analiżi magħmula skond it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 112(1).

Fl-2012, ir-rapport annwali għandu jinkludi wkoll ir-rapport ta' evalwazzjoni ta' l-2012 imsemmi fl-Artikolu 128(4).

4. Il-lista ta' proċessuri approvati u ta' min jagħmel kollezzjonijiet maqsuma mill prodott, għall-Istati Membri li jagħmlu użu ta' arranġament transizzjonali skond l-Artikoli 68b jew l-Artikolu 143bċ tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003.

PART B – INFORMAZZJONI GĦAR-RILAXX ta' KONTIJIET

5. Informazzjoni dwar verifiki u sanzjonijiet:

— verifiki mwettqa mill-Istat Membru: dettalji ta' korpi li kienu spezzjonati u d-dati taż-żjarat;

— rati ta' verifiki;

— riżultati ta' verifiki;

— sanzjonijiet applikati.

ANNESS XIV

LISTA TA' INDIKATURI TAL-PRODUZZJONI KOMUNI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 126(3)

Is-sistema ta' indikaturi tal-produzzjoni komuni konnessi ma' azzjonijiet magħmula minn organizzazzjonijiet tal-produtturi, assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi u l-membri tagħhom skond programm ta' operazzjoni ma jolqotx neċessarjament il-fatturi kollha li jistgħu jintervjenu u jaffettwaw l-outputs, riżultati u impatti ta' programm ta' operazzjoni. F'dan il-kuntest, l-informazzjoni provduta minn indikaturi tal-produzzjoni għandha tkun interpretata skond l-informazzjoni kwantitattiva u kwalitattiva li tirrigwarda l-fatturi ewlenin l-oħra li jikkontribwixxu għas-suċċess jew falliment ta' l-implimentazzjoni tal-programm.

1. INDIKATURI KOMUNI LI JIRRIGWARDAW L-EŻEKUZZJONI FINANZJARJA (INDIKATURI TA' INPUT) (ANNWALI)

Miżura	Tip ta' azzjoni	Indikaturi ta' output (annwali)
Azzjonijiet immirati lejn l-ippjanar tal-produzzjoni	a) Xiri ta' assi fissi b) Forom oħra ta' akkwist ta' assi fissi, inkluż kiri ċ) Azzjonijiet oħra	Spejjeż *(EUR)*
Azzjonijiet immirati lejn it-titjib jew iż-żamma tal-kwalità tal-prodott	a) Xiri ta' assi fissi b) Forom oħra ta' akkwist ta' assi fissi, inkluż kiri ċ) Azzjonijiet oħra	Spejjeż *(EUR)*
Azzjonijiet immirati lejn it-titjib tal-marketing	a) Xiri ta' assi fissi b) Forom oħra ta' akkwist ta' assi fissi, inkluż kiri ċ) Attivitajiet ta' promozzjoni u komunikazzjoni (ħlief fir-rigward ta' prevenzjoni u maniġġjar ta' kriżijiet) d) Azzjonijiet oħra	Spejjeż *(EUR)*
Riċerka, inkluż produzzjoni sperimentali	a) Xiri ta' assi fissi b) Forom oħra ta' akkwist ta' assi fissi, inkluż kiri ċ) Azzjonijiet oħra	Spejjeż *(EUR)*
Azzjonijiet ta' taħriġ (ħlief rigward il-prevenzjoni jew maniġġjar ta' kriżijiet) u/jew azzjonijiet immirati lejn il-promozzjoni ta' aċċess għal servizzi ta' konsultazzjoni	Ibbażati fuq l-argument ġenerali kopert: a) Produzzjoni Organika b) Produzzjoni integrata jew ġestjoni ta' l-isetti li jagħmlu l-ħsara integrata ċ) Argumenti ambjentali oħra d) Kwalità tal-prodott, inkluż residwi ta' pestiċida u traċċabilità e) Argumenti oħra	Spejjeż *(EUR)*

▼B

Miżura	Tip ta’ azzjoni	Indikaturi ta’ output (annwali)
Miżuri tal-prevenzjoni u l-ġestjoni ta’ kriżijiet	a) iritirar mis-suq b) ħsad bikrijew nuqqas ta’ ħsad ta’ frott u ħxejjex; ċ) attivitajiet ta’ promozzjoni u komunikazzjoni; d) azzjonijiet ta’ taħriġ; e) assigurazzjoni tal-ħsad; f) appoġġ għal spejjeż amministrativi ta’ stabbiliment ta’ fondi mutwi.	Spejjeż *(EUR)*
Azzjonijiet ambjentali	a) Xiri ta’ assi fissi b) Forom oħra ta’ akkwist ta’ assi fissi, inkluż kiri ċ) Azzjonijiet oħra (1) Produzzjonita’ i) Produzzjoni Organika ii) Produzzjoni integrata iii) Użu mtejjeb u/jew ġestjoni ta’ ilma, inkluż iffrankar u ġbir ta’ l-ilma iv) Azzjonijiet sabiex tkun konservata l-ħamrija (e.ż., tekniċi ta’ xogħol sabiex jimpedixxu/jnaqqsu t-tgħawwir tal-ħamrija, koperta ta’ ħaxix, agrikoltura ta’ konservazzjoni, koperta protettiva fuq il-ħamrija) v) Azzjonijiet sabiex ikunu maħluqa jew miżmumua ambjenti naturali favorevoli għal biodiversità (e.ż., artijiet mistagħdra) sabiex sabiex ikun miżmum il-pajsaġġ, inkluż il-konservazzjoni ta’ karatteristiċi stroiċi (e.ż., ħitan tas-sejjiegħ, terrazzi, masġar żgħir) vi) Azzjonijiet li jiffavorixxu ffrankar ta’ enerġija vii) Azzjonijiet li jirrigwardaw tnaqqis ta’ produzzjoni ta’ skart u t-titjib ta’ ġestjoni ta’ skart viii) Azzjonijiet oħra (2) Trasport (3) Marketing	Spejjeż *(EUR)*
Azzjonijiet oħra	a) Xiri ta’ assi fissi b) Forom oħra ta’ akkwist ta’ assi fissi, inkluż kiri ċ) Azzjonijiet oħra	Spejjeż *(EUR)*

▼B

2. INDIKATURI TA' OUTPUT KOMUNI (ANNWALI)

Miżura	Tip ta' azzjoni	Indikaturi ta' output (annwali)
Azzjonijiet immirati lejn l-ippjanar tal-produzzjoni	a) Xiri ta' assi fissi	Numru ta' azjendi li jipparteċipaw fl-azzjonijiet (1) Numru ta' azzjonijiet magħmula Valur totali ta' investimenti (EUR) (2)
	b) Forom oħra ta' akkwist ta' assi fissi, inkluż kiri	Numru ta' azjendi li jipparteċipaw fl-azzjonijiet (1) Numru ta' azzjonijiet magħmula
	ċ) Azzjonijiet oħra	Numru ta' azjendi li jipparteċipaw fl-azzjonijiet Numru ta' azzjonijiet magħmula
Azzjonijiet immirati lejn it-titjib jew iż-żamma tal-kwalità tal-prodott	a) Xiri ta' assi fissi	Numru ta' azjendi li jipparteċipaw fl-azzjonijiet (1) Numru ta' azzjonijiet magħmula Valur totali ta' investimenti *(EUR)* (2)
	b) Forom oħra ta' akkwist ta' assi fissi, inkluż kiri	Numru ta' azjendi li jipparteċipaw fl-azzjonijiet (1) Numru ta' azzjonijiet magħmula
	ċ) Azzjonijiet oħra	Numru ta' azjendi li jipparteċipaw fl-azzjonijiet Numru ta' azzjonijiet magħmula

▼B

Miżura	Tip ta' azzjoni	Indikaturi ta' output (annwali)
Azzjonijiet immirati lejn it-titjib tal-marketing	a) Xiri ta' assi fissi	Numru ta' azjendi li jipparteċipaw fl-azzjonijiet (1) Numru ta' azzjonijiet magħmula Valur totali ta' investimenti *(EUR)* (2)
	b) Forom oħra ta' akkwist ta' assi fissi, inkluż kiri	Numru ta' azjendi li jipparteċipaw fl-azzjonijiet (1) Numru ta' azzjonijiet magħmula
	ċ) Attivitajiet ta' promozzjoni u komunikazzjoni (ħlief fir-rigward ta' prevenzjoni u maniġġjar ta' kriżijiet)	Numru ta' azzjonijiet magħmula (3)
	d) Azzjonijiet oħra	Numru ta' azjendi li jipparteċipaw fl-azzjonijiet Numru ta' azzjonijiet magħmula
Riċerka, inkluż produzzjoni sperimentali	a) Xiri ta' assi fissi	Numru ta' azjendi li jipparteċipaw fl-azzjonijiet (1) Numru ta' azzjonijiet magħmula Valur totali ta' investimenti *(EUR)*
	b) Forom oħra ta' akkwist ta' assi fissi, inkluż kiri	Numru ta' azjendi li jipparteċipaw fl-azzjonijiet (1) Numru ta' azzjonijiet magħmula
	ċ) Azzjonijiet oħra	Numru ta' azzjonijiet magħmula Numru ta' azjendi li jipparteċipaw fl-azzjonijiet (4) Numru ta' ettari kkonċernati (5)

▼B

Miżura	Tip ta' azzjoni	Indikaturi ta' output (annwali)
Azzjonijiet ta' taħriġ (ħlief rigward il-prevenzjoni jew maniġġjar ta' kriżijiet) u/jew azzjonijiet immirati lejn il-promozzjoni ta' aċċess għal servizzi ta' konsultazzjoni	Ibbażati fuq l-punt ewlieni koperta: a) Produzzjoni Organika b) Produzzjoni integrata jew ġestjoni integrata ta' annimali jew insetti li jagħmlu l-ħsara ċ) Punti ambjentali oħra d) Traċċabilità e) Kwalità tal-prodott, inkluż residwi ta' pestiċidi f) Punti oħra	Numru ta' azzjonijiet magħmula ([6]) ([7]) Numru ta' ġranet ta' taħriġ li jirċievu l-parteċipanti
Miżuri tal-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kriżijiet	a) irtirar mis-suq; b) ħsad bikri jew nuqqas ta' ħsad ta' frott u ħxejjex; ċ) attivitajiet ta' promozzjoni u kommunikazzjoni; d) azzjonijiet ta' taħriġ; e) assigurazzjoni tal-ħsad; f) appoġġ għal spejjeż amministrativi ta' stabbiliment ta' fondi mutwi.	Numru ta' azzjonijiet magħmula ([3]) ([6]) ([8]) ([9])
Azzjonijiet ambjentali	a) Xiri ta' assi fissi ([10])	Numru ta' azjendi li jipparteċipaw fl-azzjonijiet ([1]) Numru ta' azzjonijiet magħmula Valur totali ta' investimenti *(EUR)*
	b) Forom oħra ta' akkwist ta' assi fissi, inkluż kiri ([11])	Numru ta' azjendi li jipparteċipaw fl-azzjonijiet ([1]) Numru ta' azzjonijiet magħmula
	ċ) Azzjonijiet oħra (1) Produzzjoni i) Produzzjoni Organika ii) Produzzjoni integrata iii) Użu mtejjeb u/jew ġestjoni ta' ilma, inkluż iffrankar u ġbir ta' l-ilma	Numru ta' azjendi li jipparteċipaw fl-azzjonijiet Numru ta' azzjonijiet magħmula Numru ta' ettari kkonċernati

▼B

Miżura	Tip ta' azzjoni	Indikaturi ta' output (annwali)
	iv) Azzjonijiet sabiex tkun konservata l-ħamrija (e.ż., tekniċi ta' xogħol sabiex jimpedixxu/jnaqqsu t-tgħawwir tal-ħamrija, koperta ta' ħaxix, agrikoltura ta' konservazzjoni, koperta protettiva fuq il-ħamrija) v) Azzjonijiet ta' ikunu maħluqa u miżmuma ambjenti naturali favorevoli għal biodiversità (e.ż. artijiet mistagħdra) jew sabiex ikun miżmum il-pajsaġġ, inkluż il-konservazzjoni ta' laratteristiċi storiċi (e.ż. ħitan tas-sejjiegħ, tezzazzi, masġar żgħir) vi) Azzjonijiet li jiffavorixxu ffrankar ta' enerġija vii) Azzjonijiet li jirrigwardaw tnaqqis ta' produzzjoni ta' skart u t-titjib ta' ġestjoni ta' skart viii) Azzjonijiet oħra	
	(2) Trasport (3) Marketing	Numru ta' azzjonijiet magħmula
Azzjonijiet oħra	a) Xiri ta' assi fissi	Numru ta' azjendi li jipparteċipaw fl-azzjonijiet ([1]) Numru ta' azzjonijiet magħmula Valur totali ta' investimenti *(EUR)* ([2])
	b) Forom oħra ta' akkwist ta' assi fissi, inkluż kiri	Numru ta' azjendi li jipparteċipaw fl-azzjonijiet ([1]) Numru ta' azzjonijiet magħmula
	ċ) Azzjonijiet oħra	Numru ta' azzjonijiet magħmula

([1]) Fil-każ biss fejn l-akkwist ta' l-assi fissi huwa implimentat fuq azjendi individwali ta' membri ta' l-organizzazzjoni tal-produtturi
([2]) Għandha tkun mimlija biss għas-sena meta jsir l-investiment
([3]) Kull ġurnata tal-kampanja tal-produzzjoni tgħodd bħala azzjoni waħda
([4]) Fil-każ biss ta' azzjonijiet li jirrigwardaw produzzjoni sperimentali fi plots li jappartjenu lil azjendi membri
([5]) Fil-każ biss ta' azzjonijiet li jirrigwardaw produzzjoni sperimentali fi plots li jappartjeni lil azjendi membri u/jew lil organizzazzjoni tal-produtturi
([6]) Kull attività ta' taħriġ tgħodd bħala azzjoni waħda, minkejja l-kontenut speċifiku tagħha u n-numru tal-ġranet ta' taħriġ magħmul mill-parteċipanti
([7]) Kull attività mmirata lejn il-promozzjoni ta' l-aċċess ta' membri OP ta'servizzi ta' konsultazzjoni jgħoddu bħala azzjoni waħda, minkejja s-sors tal-konsultazzjoni (i.e. permezz ta' servizz ta' konsultazzjoni żviluppat mill-OP jew minn servizzi esterni), l-argument kopert mill-konsultazzjoni u n-numru ta' azjendi li jużaw il-konsultazzjoni provduta
([8]) Irtirar mis-suq ta' l-istess prodott f'perjodi differenti tas-sena u irtirar mis-suq ta' prodotti differenti jgħoddu bħala azzjonijet differenti. Kull operazzjoni ta' irtirar mis-suq għal prodott partikolari tgħodd bħala azzjoni waħda
([9]) Ħsad bikri jew ebda ħsad ta' prodotti differenti jgħoddu bħala azzjonijiet differenti
([10]) Inkluż investimenti mhux produttivi konnessi mal-ksib ta' impenni magħmula skond azzjonijiet ambjentali oħra
([11]) Inklużi forom oħra ta' akkwisti ta' assi fissi konnessi mal-ksib ta' impenni magħmula skond azzjonijiet ambjentali oħra

▼B

3. INDIKATURI TA' RIŻULTAT KOMUNI

Nota bene: Indikaturi ta' riżultat għandhom ikunu komunikati biss ladarba r-riżultati huma apprezzati.

Miżura	Indikaturi ta' riżultat (Miżuri)
Azzjonijiet immirati lejn l-ippjanar tal-produzzjoni	Bidla fil-volum ta' produzzjoni mpoġġija fis-suq *(tunnellati)* Bidla fl-ispejjeż ta' l-unità ta' produzzjoni *(EUR/kg)*
Azzjonijiet immirati lejn it-titjib jew żamma ta' kwalità tal-prodott	Bidla fil-volum ta' produzzjoni mpoġġija fis-suq li jilħaq ir-rekwiżiti ta' "skema ta' kwalità" speċifika *(tunnellati)* (1) Bidla fil-valur ta' l-unità ta' produzzjoni mpoġġija fis-suq *(EUR/kg)* Impatt stimat fuq l-ispejjeż tal-produzzjoni *(EUR/kg)*
Azzjonijiet immirati lejn it-titjib tal-marketing	Bidla fil-volum ta' produzzjoni mpoġġija fis-suq *(tunnellati)* Bidla fil-valur ta' l-unità ta' produzzjoni mpoġġija fis-suq *(EUR/kg)*
Riċerka, inkluż produzzjoni esperimentali	Numru ta' tekniċi, proċessi u/jew prodotti ġodda adottati mill-bidu tal-programm ta' operazzjoni
Azzjonijiet ta' taħriġ (ħlief dawk li jikkonċernaw ġestjoni u prevenzjoni ta' kriżi) u/jew azzjonijiet immirati lejn il-promozzjoni ta' aċċess lil servizzi	Numru ta' nies li spiċċaw b'suċċess l-attività/programm ta' taħriġ komplut Numru ta' azjendi li għandhom aċċess għal servizzi ta' konsulenza
Miżuri tal-prevenzjoni u l-ġestjoni ta' kriżijiet	
a) irtirar mis-suq	Il-volum totali ta' produzzjoni suġġett għal irtirar *(tunnellati)*
b) ħsad tal-ħxejjex jew nuqqas ta' ħsad ta' frott u ħxejjex	Żona totali kkonċernata minn ħsad ta' ħxejjex jew nuqqas ta' ħsad *(ettari)*
ċ) promozzjoni u komunikazzjoni	Bidla stimata fil-volum ta' produzzjoni marketed għal prodotti suġġetti għall-attivitajiet ta' promozzjoni/komunikazzjoni *(tunnellati)*
d) azzjonijiet ta' taħriġ	Numru ta' nies li spiċċaw l-attività/programm ta' taħriġ komplut b'suċċess
e) assigurazzjoni tal-ħsad	Valur totali tar-riskju assigurat *(EUR)*
f) appoġġ għall-ispejjeż amministrativi għall-istabbiliment a' fondi mutwi	Valur totali ta' fond mutwu stabbilit *(EUR)*

Miżura	Indikaturi ta' riżultat (Miżuri)
Azzjonijiet ambjentali	
a) Xiri ta' assi fissi (2)	Bidla stimata fil-konsum annwali ta' fertilizzant minerali/ettaru, skond it-tip ta' fertilizzant (N u P_2O_3) *(Tunnellati)*
b) Forom oħra ta' akkwist ta' assi fissi, inkluż kiri (3)	Bidla stimata fl-użu annwali ta' ilma/ettaru (m^3/ha)
ċ) Azzjonijiet oħra	Bidla stimata fl-użu annwali ta' tip ta' enerġija skond it-tip ta' sors ta' enerġija jew it-tip ta' fjuwil *(litri/m^3/kwh għal kull tunnellata ta' produzzjoni marketed)*
(1) Produzzjoni	Bidla stimata fil-volum annwali ta' skart ġenerat *(tunnellata għal kull tunnellata ta' produzzjoni marketed)* Bidla stimata fl-użu annwali ta' ppakkjar *(tunnellati għal kull tunnellata ta' produzzjoni marketed)*
(2) Trasport	Bidla stimata fl-użu annwali ta' enerġija skond it-tip ta' sors ta' energija jew tip ta' fjuwil *(litri/m^3/kwh għal kull tunnellata ta' produzzjoni marketed)*
(3) Marketing	Bidla stimata fil-volum annwali ta' skart ġenerat *(tunnellati għal kull tunnellata ta' produzzjoni marketed)* Bidla stimata fl-użu annwali ta' ppakkjar *(tunnellati għal kull tunnellata ta' produzzjoni marketed)*
Azzjonijiet oħra	Bidla fil-volum ta' produzzjoni marketing *(tunnellati)* Bidla fil-valur ta' produzzjoni marketed totali *(EUR/kg)* Impatt stimat fuq spejjeż ta' produzzjoni *(EUR/kg)*

Noti: ir-referenza għal bidliet hija s-sitwazzjoni eżistenti fil-bidu tal-programm

(1) Rekwiżiti ta' "kwalità" huma maħsuba hawnhekk sabiex jikkonsistu f'sett ta' obbligazzjonijiet dettaljati li jikkonċernaw il-metodi ta' produzzjoni (a) ir-rispett tagħhom huwa vverifikat minn korp ta' spezzjoni indipendenti, u (b) dak ir-riżultat f'prodott finali li l-kwalità tiegħu (i) tmur b'mod sinjifikanti oltre l-istandards kummerċjali normali fir-rigward ta' standards pubbliċi, ta' pjanti u ambjentali u (ii) tirrispondi għal opportunitajiet tas-suq kurrenti u prevedibbli. Huwa propost li t-tipi ewelenin ta' "skemi ta' kwalità" jkopru dan li ġej: (a) produzzjoni organika ċertifikata; (b) indikazzjonijiet ġeografiċi protetti u denominazzjonijiet ta' oriġini protetti, (ċ) produzzjoni integrata ċertifikata, (d) skemi ta' kwalità ta' prodotti privati ċertifikati

(2) Inkluż investimenti mhux produttivi konnessi mal-ksib ta' l-impenni magħmula skond azzjonijiet ambjentali oħra

(3) Inkluż forom oħra ta' akkwisti ta' assi fissi konnessi mal-ksib ta' l-impenni magħmula skond azzjonijiet ambjentali oħra

4. INDIKATURI TA' IMPATT KOMUNI

Nota bene: Indikaturi ta' impatt għandhom ikunu komunikati biss ladarba jseħħ l-impatt.

Tip ta' miżura	Għanijiet ġenerali	Indikaturi ta' impatt (Miżura)
Azzjonijiet immirati lejn l-ippjanar tal-produzzjoni	Titjib ta' kompetitività	Bidla fil-valur ta' produzzjoni marketed *(EUR)*
Azzjonijiet immirati lejn it-titjib jew manutenzjoni tal-kwalità tal-prodott	Titjib ta' l-attrattività tas-sħubija f'organizzazzjoni tal-produtturi	Bidla fin-numru totali ta' produtturi ta' frott u ħxejjex li huma membri ([1]) ta' l-OP/AOP ikkonċernata, minn prodott *(numru u %)*
Azzjonijiet immirati lejn it-titjib tal-livell tal-marketing		Bidla fl-area totali taħt produzzjoni ta' frott u ħxejjex maqtugħa minn membri ta' l-OP/AOP ikkonċernati, minn prodott *(ha u %)*
Riċerka, inkluż produzzjoni sperimentali		
Azzjonijiet ta' taħriġ (ħlief dawk li jikkonċernaw ġestjoni u prevenzjoni ta' kriżi) u/jew azzjonijiet immirati sabiex jippromwovu aċċess għal servizzi ta' konsultazzjoni		
Miżuri tal-prevenzjoni u l-ġestjoni ta' kriżijiet		
Azzjonijiet ambjentali	Manutenzjoni u protezzjoni ta' l-ambjent:	
	— Ħamrija	n.d.
	— Kwalità ta' l-ilma	Bidla fil-konsum ta' fertilizzant minerali totali/ettaru, mit-tip ta' fertilizzant (N and P_2O_3) *(tunnellati)*
	— Użu sustenibbli ta' riżorsi ta' l-ilma	Bidla fl-użu ta' ilma totali/ettaru *(m^3/ha)*
	— Ambjent naturali u bijodiversità	n.d.
	— Pajsaġġ	n.d.
	— Mitigazzjoni ta' bidla fil-klima	Bidla fl-użu totali ta' enerġija, mit-tip ta' sors ta' enerġija jew tip ta' fjuwil *(litri/m^3/kwh)*
	— Tnaqqis ta' skart	Bidla fil-volum totali ta' skart ġenerali u/jew fl-użu ta' pakketti *(tunnellati)*
		Bidla stimata fl-użu annwali ta' ppakkjar *(tunnellati)*
Azzjonijiet oħra	Titjib ta' kompetitività	Bidla fil-valur ta' produzzjoni mpoġġija fis-suq *(EUR u %)*
	Tqawwija tal-ġibda għas-sħubija ta' organizzazzjoni tal-produtturi	Bidla fin-numru totali ta' produtturi ta' frott u ħxejjex li huma membri ([1]) ta' l-OP/AOP ikkonċernata, minn prodott *(numru u %)*
		Bidla fiż-żona totali taħt produzzjoni ta' frott u ħxejjex maqtugħa minn membri ta' l-OP/AOP ikkonċernata, minn prodott *(ha u %)*

Notes: ir-referenza għal bidliet hija s-sitwazzjoni eżistenti fil-bidu tal-programm

([1]) Membri attivi huma membri li jikkunsinnaw prodotti lill-OP/APO

▼B

5. INDIKATURI KOMUNI BAŻIĊI

Nota bene: Indikaturi bażiċi huma neċessarji fl-analiżi tas-sitwazzjoni fil-bidu tal-projodu ta' programmazzjoni. Ċertu indikaturi komuni bażiċi huma biss relevanti għall-programmi ta' operazzjoni individwali fuq il-livell ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi (e.ż. volum ta' produzzjoni marketed b'inqas minn 80 % tal-prezz medju irċevut mill-OP/AOP). Indikaturi komuni bażiċi oħrajn huma wkoll relevanti għall-istrateġiji nazzjonali fuq il-livell ta' l-Istati Membri (e.ż. valur tal-produzzjoni marketed).

Bħala regola ġenerali, indikaturi bażiċi għandhom ikunu kkalkolati bħala medji ta' tliet snin. Jekk id-dejta mhux disponibbli, għandhom ikunu kkalkolati mill-inqas bid-dejta relatata ma' sena.

Għanijiet	Indikaturi basiċi li jirrigwardaw għanijiet	
	Indikatur	Definizzjoni *(u miżura)*
Għanijiet ġenerali		
Titjib fil-kompetitività	Valur ta' produzzjoni marketed	Valur ta' produzzjoni marketed ta' l-organizzazzjoni tal-produtturi (OP)/assoċjazzjoni ta' OP (AOP) *(EUR)*
Titjib fl-faxxinu tas-sħubija ta' l-organizzazzjoni tal-produtturi	Numru ta' produtturi ta' frott u ħxejjex li huma membri ta' l-OP/AOP ikkonċernata	Numru ta' produtturi ta' frott u ħxejjex li huma membri ta' (1) l-OP/AOP, skond il-prodott *(numru totali ta' ishma)*
	Zona totali taħt produzzjoni ta' frott u ħxejjex maqtugħa minn membri ta' l-OP/AOP ikkonċernata	ŻAU totali taħt produzzjoni ta' frott u ħxejjex maqtugħa minn membri tal-OP/AOP, skond il-prodott *(ha)*
Manutenzjoni u protezzjoni ta' l-ambjent	n.d.	
Għanijiet speċifiċi		
Promozzjoni tal-konċentrazzjoni ta' provvista	Volum ta' produzzjoni mqiegħed fis-suq	Volum totali ta' produzzjoni mqiegħed fis-suq *(tunnellati)*
Promozzjoni tat-tqegħid fis-suq ta' prodotti li huma prodotti mill-membri		
Assigurazzjoni li l-produzzjoni hija aġġustata skond il-bżonn fit-termini ta' kwalità u kwantità		Volum tal-produzzjoni mqiegħed fis-suq li jilħaq ir-rekwiżiti ta' "kwalità" ta' "skema ta' kwalità" speċifika (2), skond prodott u tipi ewlenin ta' "skemi ta' kwalità" konċernati *(tunnellat)*
Ottimizzazzjoni ta' spejjeż ta' produzzjoni	n.d.	
Tisħiħ tal-valur kummerċjali tal-prodotti	Valur ta' unità ta' produzzjoni mqiegħed fis-suq	Valur ta' produzzjoni mqiegħed fis-suq/Volum ta' produzzjoni mqiegħed fis-suq *(EUR/kg)*

Għanijiet	Indikaturi basiċi li jirrigwardaw għanijiet	
	Indikatur	Definizzjoni *(u miżura)*
Stabilizzament tal-prezzijiet ta' produzzjoni	Varjazzjonijiet fil-prezzijiet tas-suq	Volum ta' produzzjoni mqiegħed fis-suq ta' inqas minn 80 % tal-prezz medju rċevut mill-OP/AOP *(tunnellati)* ([3])
Promozzjoni ta' għarfien u titjib ta' potenzjal uman	Numru ta' nies li ppartečipaw fl-attivitajiet ta' taħriġ	Numru ta' nies li ppartečipaw f'attività/programm ta' taħriġ komplut matul l-aħħar tliet snin *(numru)*.
	Numru ta' azjendi li jużaw servizzi ta' konsultazzjoni	Numru ta' azjendi, membri ta' OP/AOP, li jużaw servizzi ta' konsultazzjoni *(numru)*
Żvilupp ta' eżekuzzjonijiet tekniċi u ekonomiċi u promozzjoni ta' innovazzjoni	n.d.	

Għanijiet speċifiċi fil-qasam ambjentali

Kontribuzzjoni għall-protezzjoni tal-ħamrija	Żona firriskju ta' tgħawwir tal-ħamrija permezz ta' miżuri kontra t-tgħawwir tal-ħamrija	Żona skond produzzjoni ta' frott u ħxejjex f'riskju ta' tgħawwir tal-ħamrija ([4]) fejn miżuri kontra t-tgħawwir tal-ħmarija kienu implimentati *(ha)*
Kontribuzzjoni għall-manutenzjoni u titjib ta' kwalità ta' l-ilma	Żona bi tnaqqis fl-użu/ġestjoni aħjar ta' fertilizzanti	Żona taħt prosuzzjoni ta' frott u ħxejjex suġġetta għal tnaqqis fl-użu jew ġestjoni aħjar ta' fertilizzanti *(ha)*
Kontribuzzjoni għal użu sustenibbli ta' riżorsi ta' ilma	Żona b'miżuri għall-iffrankar ta' l-ilma	Żona taħt produzzjoni ta' frott u ħxejjex b'miżuri għall-iffrankar ta' l-ilma *(ha)*
Kontribuzzjoni għal protezzjoni ta' ambjent naturali u bijodiversità	Produzzjoni organika	Żona ta' produzzjoni organika ta' frott u/jew ħxejjex *(ha)*
	Produzzjoni integrata	Żona ta' produzzjoni organika ta' frott u/jew ħxejjex *(ha)*
	Azzjonijiet oħra li jikkontribwixxu għal protezzjonijiet ta' ambjent naturali u bijodiversità	Żona kkonċernata minn azzjonijiet oħra li jikkontribwixxu għal protezzjoni ta' ambjent naturali u bijodiversità *(ha)*

▼B

Għanijiet	Indikaturi basiċi li jirrigwardaw għanijiet	
	Indikatur	Definizzjoni *(u miżura)*
Kontribuzzjoni għall-konservazzjoni tal-pajsaġġ	n.d.	
Kontribuzzjoni għall-mitigazzjoni ta' bidla fil-klima – Produzzjoni	Tiswin ta' serer – effiċjenza ta' enerġija	Konsum annwali stimat totali ta' enerġija għal skopijiet ta' tiswin ta' serer b'tip ta' sors ta' enerġija (Tunnellati/*Litri/M³/Kwh għal kull tunnellata ta' produzzjoni marketed*)
Kontribuzzjoni għall-mitigazzjoni ta' bidla fil-klima – Trasport Kontribuzzjoni għall-manutenzjoni u titjib tal-kwalità ta' l-arja – Trasport	Trasport – effiċjentza ta' enerġija	Konsum totali ta' enerġija għal skopijiet ta' trasport ([5]), b'tip ta' fjuwil (*Litri/M³/Kwh għal kull tunnellata ta' produzzjoni marketed*)
Tnaqqis tal-volum ta' skart ġenerat	n.d.	

Notes: OP ifisser organizzazzjoni ta' produzzjoni; AOP tfisser assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' produzzjoni; ŻAU tfisser zona agrikola utilizzata.

([1]) Membri attivi huma membri li jikkunisinnaw prodotti lill-OP/AOP.

([2]) Rekwiżiti ta' "kwalità" huma maħsuba hawnhekk sabiex jikkonsistu f'sett ta' obbligazzjonijiet dettaljati li jikkonċernaw il-metodi ta' produzzjoni (a) ir-rispett tagħhom huwa vverifikat minn korp ta' spezzjoni indipendenti, u (b) dak ir-riżultat f'prodott finali li l-kwalità tiegħu (i) tmur b'mod sinjifikanti oltre l-istandards kummerċjali normali fir-rigward ta' standards pubbliċi, ta' pjanti u ambjentali u (ii) tirrispondi għal opportunitajiet tas-suq kurrenti u prevedibbli. Huwa propost li t-tipi ewelenin ta' "skemi ta' kwalità" jkopru dan li ġej: (a) produzzjoni organika ċertifikata; (b) indikazzjonijiet ġeografiċi protetti u denominazzjonijiet ta' oriġini protetti, (ċ) produzzjoni integrata ċertifikata, (d) skemi ta' kwalità ta' prodotti privati ċertifikati.

([3]) Li għandhom ikunu kkalolati fuq bażi annwali u għall-prodotti ewlenin (f'termini ta' valur ta' produzzjoni marketed)

([4]) "Fir-riskju ta' tgħawwir tal-ħamrija" għandha tfisser kwalunkwe plott b'inklinazzjoni ogħla minn 10 %, kemm jekk twettqux jew le miżuri ta' kontra tgħawwir tal-ħamrija (e.ż., koperta tal-ħamrija, rotazzjoni ta' ħxejjex, eċċ).

([5]) Trasport intern jirreferi għal trasport ta' prodotti minn azjendi ta' membri għal kunsinna lill-OP/AOP.

▼B

ANNESS XV

SISTEMA TA' PREZZ TAD-DHUL STABBILITA FIT-TITOLU IV, KAPITOLU II, TAQSIMA 1

Mingħajr preġudizzju għar-regoli għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Imħallta, id-deskrizzjoni tal-prodotti hija kkunsidrata li tkun indikattiva biss. L-iskop ta' l-arranġamenti provduti f'dan it-Titolu IV, Kapitolu II, Taqsima 1 huwa, Għall-finijiet ta' dan l-Anness, determinat mill-iskop tal-kodiċi NM kif jeżistu fiż-żmien ta' l-adozzjoni ta' l-aħħar emenda ta' dan ir-Regolament. Fejn tidher "ex" quddiem il-kodiċi NM, l-iskop tad-doveri addizzjonali huwa determinat kemm bl-iskop tal-kodiċi NM u dak tad-deskrizzjoni tal-prodotti, u l-perjodu korrispondenti ta' applikazzjoni.

PARTI A

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Perjodu ta' applikazzjoni
ex 0702 00 00	Tadam	Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru
ex 0707 00 05	Ħjar (1)	Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru
ex 0709 90 80	Qaqoċċ	Mill-1 ta' Novembru sat-30 ta' Ġunju
0709 90 70	Qarabagħli żgħir	Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru
ex 0805 10 20	Larinġ ħelu, frisk	Mill-1 ta' Diċembru sal-31 ta' Mejju
ex 0805 20 10	Klementini	Mill-1 ta' Novembru sa' l-aħħar ta' Frar
ex 0805 20 30 ex 0805 20 50 ex 0805 20 70 ex 0805 20 90	Mandolin (inkluż satsumi); wilking u ibridi taċ-ċitru simili	Mill-1 ta' Novembru sa l-aħħar ta' Frar
ex 0805 50 10	Lumi (*Citrus limon, Citrus limonum*)	Mill-1 ta' Ġunju sal-31 ta' Mejju
ex 0806 10 10	Għeneb tal-mejda	Mill-21 ta' Lulju sa l-20 ta' Novembru
ex 0808 10 80	Tuffieħ	Mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Ġunju
ex 0808 20 50	Lanġas	Mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' April
ex 0809 10 00	Berquq	Mill-1 ta' Ġunju sal-31 ta' Lulju
ex 0809 20 95	Ċiras, li mhuwiex ċiras qares	From 21 May to 10 August
ex 0809 30 10 ex 0809 30 90	Ħawħ, inkluż nuċiprisk	Mill-11 ta' Ġunju sat-30 ta' Settembru
ex 0809 40 05	Għanbaqar	Mill-11 ta' Ġunju sat-30 ta' Settembru

(1) Ħlief ħjar imsemmi fil-Parti B ta' dan l-Anness.

PARTI B

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Perjodu ta' applikazzjoni
ex 0707 00 05	Ħjar maħsub għall-ipproċessar	Mill-1 ta' Mejju sal-31 ta' Ottubru
ex 0809 20 05	Ċiras qares (*Prunus cerasus*)	Mill-21 ta' Mejju sa l-10 ta' Awwissu

▼B

ANNEX XVI

SWIEQ RAPPREŻENTATTIVI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 137

Stat(i) Membru/i	Swieq rappreżentattivi
Il-Belġju u l-Lussemburgu	Brussell
Il-Bulgarija	Sofia
Ir-Repubblika Ċeka	Praga
Id-Danimarka	Copenhagen
Il-Ġermanja	Hamburg, Munich, Frankfurt, Cologne, Berlin
L-Estonja	Tallinn
L-Irlanda	Dublin
Il-Greċja	Ateni, Thessaloniki
Spanja	Madrid, Barċellona, Sivilja, Bilbao, Zaragoza, Valenzja
Franza	Paris-Rungis, Marsilja, Rouen, Dieppe, Perpignan, Nantes, Bordeaux, Lyon, Toulouse
L-Italja	Milan
Ċipru	Nicosia
Il-Latvja	Riga
Il-Litwanja	Vilnius
L-Ungarija	Budapest
Malta	Attard
L-Olanda	Rotterdam
L-Awstrija	Vienna-Inzersdorf
Il-Polonja	Ozarów Mazowiecki-Bronisze, Poznan
Il-Portugall	Lisbon, Porto
Ir-Rumanija	Bucharest, Constanţa
Is-Slovenja	Ljubljana
Is-Slovakkja	Bratislava
Il-Fillandja	Helsinki
L-Iżvezja	Helsingborg, Stockholm
Ir-Renju Unit	Londra

▼**M24**

ANNESS XVII

DAZJI ADDIZZJONALI TAL-IMPORTAZZJONI: TITOLU IV, KAPITOLU II, TAQSIMA 2

Bla ħsara għar-regoli dwar l-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda, id-deskrizzjoni tal-prodotti għandha titqies bħala indikattiva biss. Għall-finijiet ta' dan l-Anness, l-ambitu tal-applikazzjoni tad-dazji addizzjonali huwa determinat minn dak tal-kodiċijiet tan-NM kif kienu fi żmien l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament.

Numru tas-serje	Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni tal-prodotti	Perjodu tal-applikazzjoni	Limiti tal-attivazzjoni (f'tunnellati)
78.0015	0702 00 00	Tadam	Mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Mejju	1 215 717
78.0020			Mill-1 ta' Ġunju sat-30 ta' Settembru	966 474
78.0065	0707 00 05	Ħjar	Mill-1 ta' Mejju sal-31 ta' Ottubru	11 879
78.0075			Mill-1 ta' Novembru sat-30 ta' April	18 611
78.0085	0709 90 80	Qaqoċċ	Mill-1 ta' Novembru sat-30 ta' Ġunju	8 866
78.0100	0709 90 70	Zukkini	Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru	55 369
78.0110	0805 10 20	Lariġ	Mill-1 ta' Diċembru sal-31 ta' Mejju	355 386
78.0120	0805 20 10	Klementini	Mill-1 ta' Novembru sal-aħħar ta' Frar	529 006
78.0130	0805 20 30 0805 20 50 0805 20 70 0805 20 90	Mandolin (inklużi l-varjetajiet tat-tangerines u s-satsumi); il-wilkings u ibridi simili taċ-ċitru	Mill-1 ta' Novembru sal-aħħar ta' Frar	96 377
78.0155	0805 50 10	Lumi	Mill-1 ta' Ġunju sal-31 ta' Diċembru	329 903
78.0160			Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Mejju	92 638
78.0170	0806 10 10	Għeneb tal-mejda	Mill-21 ta' Lulju sal-20 ta' Novembru	146 510
78.0175	0808 10 80	Tuffieħ	Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Awwissu	1 262 435
78.0180			Mill-1 ta' Settembru sal-31 ta' Diċembru	95 357
78.0220	0808 20 50	Lanġas	Mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' April	280 764
78.0235			Mill-1 ta' Lulju sal-31 ta' Diċembru	83 435
78.0250	0809 10 00	Berquq	Mill-1 ta' Ġunju sal-31 ta' Lulju	49 314
78.0265	0809 20 95	Ċirasa, għajr għaċ-ċirasa qarsa	Mill-21 ta' Mejju sal-10 ta' Awwissu	90 511
78.0270	0809 30	Ħawħ, inkluż in-nuċiprisk	Mill-11 ta' Ġunju sat-30 ta' Settembru	6 867
78.0280	0809 40 05	Għanbaqar	Mill-11 ta' Ġunju sat-30 ta' Settembru	57 764

▼B

ANNESS XVIII

REGOLAMENTI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 152(3)

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1764/86 tas-27 ta' Mejju 1986 dwar ir-rekwiżiti ta' kwalità minimi għal prodotti li għandhom bażi ta' tadam eliġibbli għall-għajnuna għall-produzzjoni ([1]),

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2320/89 tat-28 ta' Lulju 1989 dwar ir-rekwiżiti minimi ta' kwalità għall-ħawħ fil-ġulepp u l-ħawħ fil-meraq naturali tal-frott għall-applikazzjoni ta' l-iskema ta' għajnuna għall-produzzjoni ([2]),

L-Artikolu 2 u l-Annessi I(A) u B tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 464/1999 tat-3 ta' Marzu 1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/96 dwar arranġamenti ta' għajnuna għall-pruni ([3]),

L-Artikoli 1(1) u (2) u Annessi II u III tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1573/1999 tad-19 ta' Lulju 1999 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/96 fir-rigward tal-karatteristiċi tat-tin imqadded li jikkwalifika għall-għajnuna skond l-iskema ta' għajnuna għall-produzzjoni ([4]),

L-Annessi I u II tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1621/1999 tat-22 ta' Lulju 1999 li jistabbilixxu regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/96 rigward l-għajnuna għall-koltivazzjoni ta' l-għeneb biex jiġu prodotti ċerti varjetajiet ta' għeneb imqadded ([5]),

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1666/1999 tat-28 ta' Lulju 1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati sabiex jiġi applikat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/96 rigward il-karatteristiċi minimi tal-marketing għal ċerti varjetajiet ta' għeneb imnixxef ([6]),

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1010/2001 tat-23 ta' Mejju 2001 dwar il-kundizzjonijiet minimi ta' kwalità meħtieġa għall-frott imħallat taħt l-iskema ta' għajnuna għall-produzzjoni ([7]),

L-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 217/2002 tal-5 ta' Frar 2002 li jistabbilixxi kriterji ta' eliġibiltà għal materja prima skond l-iskeda ta' għajnuna tal-produzzjoni fir-Regulation (EC) Nru 2201/96 ([8]),

L-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1535/2003 tad-29 ta' Awwissu 2003 li jistabbilixxi r-regoli dettaljati sabiex jiġi applikat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/96 rigward l-iskema tal-għajnuna għall-prodotti pproċessati mill-frott u ħxejjex ta' l-ikel ([9]),

L-Artikolu 16 u Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2111/2003 ta' l-1 ta' Diċembru 2003 li jistabbilixxu regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2202/96 li jintroduċi skema ta' għajnuna Komunitarja għal produtturi ta' ċerti frott taċ-ċitru ([10]), u

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1559/2006 tat-18 ta' Ottubru 2006 li jistabbilixxi r-rekwiżiti ta' kwalità minimi għal-lanġas Williams and Rocha fil-ġulepp u/jew fil-meraq tal-frott naturali skond l-iskema ta' għajnuna għall-produzzjoni ([11]).

([1]) ĠU L 153, 7.6.1986, p. 1.
([2]) ĠU L 220, 29.7.1989, p. 54.
([3]) ĠU L 56, 4.3.1999, p. 8.
([4]) ĠU L 187, 20.7.1999, p. 27.
([5]) ĠU L 192, 24.7.1999, p. 21.
([6]) ĠU L 197, 29.7.1999, p. 32.
([7]) ĠU L 140, 24.5.2001, p. 31.
([8]) ĠU L 35, 6.2.2002, p. 11.
([9]) ĠU L 218, 30.8.2003, p. 14.
([10]) ĠU L 317, 2.12.2003, p. 5.
([11]) ĠU L 288, 19.10.2006, p. 22.